

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 297

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

7 ta' Novembru 2013

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (riformulazzjoni) (BĊE/2013/33)** 1
- ★ **Regolament (UE) Nru 1072/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar statistika fuq rati ta' imgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (riformulazzjoni) (BĊE/2013/34)** 51
- ★ **Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika dwar l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (riformulazzjoni) (BĊE/2013/38)** 73
- ★ **Regolament (UE) Nru 1074/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar obbligi ta' rapportar statistiku għal istituzzjonijiet ġiro tal-uffiċċji tal-posta li jirċievu depożiti mingħand minn residenti fiż-żona tal-euro li mhumiex istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/39)** 94
- ★ **Regolament (UE) Nru 1075/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika fuq l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (riformulazzjoni) (BĊE/2013/40)** 107

Prezz: EUR 7

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) Nru 1071/2013 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-24 ta' Settembru 2013

dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (riformulazzjoni)

(BĊE/2013/33)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

fl-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾, huwa għandu jkun riformulat fl-interessi taċ-ċarezza.

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 5(1), 6(4) u 8 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2531/98 tat-23 ta' Novembru 1998 li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni ta' riżervi minimi tal-Bank Ċentrali Ewropew ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(4) tiegħu

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 25/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (ECB/2008/32) ⁽³⁾ ġie emendat b'mod sostanzjali. Peress illi jridu jsiru aktar emendi, b'mod partikolari fid-dawl tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropewa tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali

(2) Is-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) teħtieġ għat-tweqqif tal-kompiti tagħha l-produzzjoni ta' karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM). L-iskop prinċipali ta' din l-informazzjoni huwa li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jingħata stampa statistika komprensiva tal-iżviluppi monetarji fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri taż-żona tal-euro") li għandhom jitqiesu bħala territorju ekonomiku wieħed. Din l-istatistika tkopri l-assi u l-passiv finanzjarju aggregat, bħala stokks u tranżazzjonijiet, fuq il-bażi ta' settur tal-IFM u popolazzjoni li tirrapporta kompletament u omoġenji, u jiġu prodotti fuq bażi regolari. Dejta statistika f'dettall suffiċjenti hija wkoll meħtieġa biex tiggarrantixxi l-utilità analitika kontinwa tal-aggregati monetarji taż-żona tal-euro u tal-kontrapartijiet.

(3) Il-BĊE huwa mitlub, b'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem "Statut tas-SEBĊ"), li jagħmel regolamenti sa fejn hu neċessarju biex jimplementa l-kompiti tas-SEBĊ kif definiti fl-Istatut tas-SEBĊ u f'xi każijiet kif stipulat fid-dispożizzjonijiet adottati mill-Kunsill bis-saħħa tal-Artikolu 129(4) tat-Trattat.

(4) L-Artikolu 5.1 tal-Istatut tas-SEBĊ jitlob li l-BĊE, megħjun mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), jiġbor it-tagħrif statistiku meħtieġ jew mingħand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew direttament mingħand l-operaturi ekonomiċi sabiex huwa jkun jista' jidħol għall-kompiti tas-SEBĊ. L-Artikolu 5.2 tal-Istatut tas-SEBĊ jistipula li l-BĊNi jwettqu, sa fejn huwa possibbli, il-kompiti deskritti fl-Artikolu 5.1.

⁽¹⁾ ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.⁽²⁾ ĠU L 318, 27.11.1998, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 15, 20.1.2009, p. 14.⁽⁴⁾ ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1.

- (5) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jeħtieġ li l-BĊE jispeċifika l-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar fil-limiti tal-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza u jintitolah sabiex jeżenta totalment jew parzjalment klassijiet speċifiċi ta' operaturi li jirrapportaw mill-obbligi ta' rapportar statistiku tiegħu. L-Artikolu 6(4) jistipola illi l-BĊE jista' jadotta regolamenti li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li taħtom jista' jiġi eżerċitat id-dritt għall-verifika jew it-twertiq tal-ġbir obligatorju ta' tagħrif statistiku.
- (6) L-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 jeżiġi li l-Istati Membri jorganizzaw ruħhom fil-qasam tal-istatistika u jikkooperaw bis-sħiħ mas-SEBĊ biex jiżguraw li jiġu sodisfatti l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ.
- (7) Jista' jkun xieraq għal BĊNi li jiġbru mingħand il-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar it-tagħrif statistiku neċessarju biex jiġu sodisfatti l-obbligi statistiċi tal-BĊE bħala parti minn qafas ta' rapportar statistiku usa' li l-BĊNi jistabbilixxu taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess skont il-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni jew il-prattika stabbilita u li sservi ukoll għanijiet statistiċi oħrajn, sakemm ma jiġix mhedded it-twertiq tal-obbligi statistiċi tal-BĊE. Dan jista' wkoll inaqas il-piż tar-rappurtar. Sabiex titrawwem it-trasparenza, huwa xieraq, f'dawn il-każijiet, li l-operaturi li jirrapportaw jiġu informati li dejta tinġabar għat-twertiq ta' skopijiet statistiċi oħrajn. F'każijiet speċifiċi, il-BĊE jista' jistrieħ fuq tagħrif statistiku miġbur għal dawn l-iskopijiet l-oħra sabiex jitwertqu l-obbligi tiegħu.
- (8) L-obbligi statistiċi huma l-aktar dettaljati fejn il-kontrapartijiet huma parti mis-settur taż-żamma tal-flus. Dejta dettaljata hija mitluba dwar: (a) passiv tad-depożiti skont is-subsettur u l-maturità kklassifikati aktar skont il-munita sabiex tkun permessa analiżi aktar mill-qrib tal-iżviluppi fil-komponenti ta' munita barranija inklużi fl-aggregat monetarju M3 u biex jiffaċilitaw l-investigazzjonijiet li jirrigwardaw il-grad ta' sostitwibbiltà bejn il-munita barranija u l-komponenti denominati f'euro tal-M3; (b) self skont is-subsettur, il-maturità, l-iskop, l-iffissar mill-ġdid tar-rata tal-imgħax u l-munita, billi din l-informazzjoni hija meqjusa essenzjali għal skopijiet ta' analiżi monetarja; (c) pożizzjonijiet fir-rigward ta' IFM oħra safejn ikun meħtieġ li jitħalla jsir netting ta' bilanċi bejn IFM jew biex tiġi kkalkolata l-bażi ta' riżerva; (d) pożizzjonijiet fir-rigward ta' residenti li mhumiex miżżona tal-euro (bqija tad-dinja) għal 'depożiti b'maturità miftiehma ta' aktar minn sentejn', 'depożiti mifdija b'notifika ta' aktar minn sentejn' u 'riakkwisti' sabiex tiġi kkalkolata l-bażi ta' riżerva soġġetti għall-proporzjon ta' riżerva pozzittiva; (e) pożizzjonijiet fir-rigward tal-bqija tad-dinja għat-total tal-passiv tad-depożiti ta' responsabbiltajiet sabiex jiġu kkompilati l-kontrapartijiet esterni; (f) passiv ta' depożiti u self fir-rigward tal-bqija tad-dinja b'maturità oriġinali ta' inqas minn jew iktar minn sena għal skopijiet ta' bilanċ ta' pagamenti u kontijiet finanzjarji.
- (9) Għall-iskop ta' ġbir ta' tagħrif statistiku dwar il-portafolji ta' titoli ta' IFM, bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2012 dwar statistika fuq investimenti f'titoli (BĊE/2012/24) ⁽¹⁾, il-BĊNi jirrapportaw kull trimestru fuq bażi ta' titolu b'titolu. Il-BĊNi jistgħu jikkombinaw l-obbligi tar-rapportar f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24) fejn dan jista' jimminimizza l-piż tar-rapportar fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu. Il-BĊNi jistgħu jħallu l-fondi tas-swieg tal-flus (MMFs), jirrapportaw skont ir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-8 ta' Ottubru 2013 dwar statistika dwar l-assi u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2013/38) ⁽²⁾ sabiex jitħaffew l-piż fuq il-manigjers tal-fondi.
- (10) Tranżazzjonijiet finanzjarji huma kkomputati mill-BĊE bħala d-differenza bejn il-pożizzjonijiet tal-istokks fid-dati tar-rappurtar tal-aħħar tax-xahar, li minnha jitneħħa l-effett tal-bidliet li jirriżultaw minħabba influwenzi li ma jkunux tranżazzjonijiet. L-obbligu indirizzat lill-operaturi li jirrapportaw ma tkoprix it-tibdil fir-rati tal-kambju, li huwa kkalkolat mill-BĊE, jew minn BĊNi wara li jikkonsultaw il-BĊE, minn dejta tal-istokk munita b'munita mogħtija mill-operaturi li jirrapportaw, jew l-aġġustamenti ta' klassifikazzjoni mill-ġdid, li jinġabru mill-BĊNi stess permezz ta' sorsi varji ta' informazzjoni li huma diġà disponibbli.
- (11) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2531/98 jagħti s-setgħa lill-BĊE li jadotta regolamenti jew deċizzjonijiet sabiex jeżenta istituzzjonijiet mill-ħtiġijiet ta' riżerva minima, biex jispeċifika l-modalitajiet biex jeskludu jew inaqsu l-passiv dovut lil xi istituzzjoni oħra mill-bażi ta' riżerva, u biex jistabbilixxi proporzjonijiet ta' riżerva differenti għal kategoriji speċifiċi ta' passiv. Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2531/98, il-BĊE għandu d-dritt li jiġbor it-tagħrif meħtieġ għall-applikazzjoni ta' ħtiġijiet ta' riżerva minima mingħand l-istituzzjonijiet, u biex jivverifika l-eżattezza u l-kwalità tat-tagħrif li jipprovdu l-istituzzjonijiet sabiex tintwera konformità mal-ħtiġijiet ta' riżerva minima. Sabiex jitnaqqas il-piż totali tar-rappurtar totali, huwa mixtieq li jintuża t-tagħrif statistiku li għandu x'jaqsam mal-karta tal-bilanċ ta' kull xahar għall-kalkolu regolari tal-bażi ta' riżerva tal-istituzzjonijiet ta' kreditu soġġetti għas-sistema ta' riżerva minima tal-BĊE, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi (BĊE/2003/9) ⁽³⁾.
- (12) Hemm bżonn li jiġu ddeterminati proċeduri speċifiċi biex jiġu applikati fil-każ ta' fużjonijiet li jinvolvu istituzzjonijiet ta' kreditu sabiex jiġu kkjarifikati l-obbligi ta' dawn l-istituzzjonijiet fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' riżerva.

⁽¹⁾ ĠU L 305, 1.11.2012, p. 6.

⁽²⁾ Ara paġna 73 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽³⁾ ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10.

(13) Il-BĊE jitlob tagħrif dwar l-attivitajiet ta' titolizzazzjoni ta' IFM sabiex jinterpreta żviluppi fil-kreditu u fis-self fiż-żona tal-euro. Dan it-tagħrif jikkumpla menta wkoll it-tagħrif rapportat taħt ir-Regolament (UE) Nru 1075/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar statistika fuq l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (BĊE/2013/40) ⁽¹⁾.

(14) Filwaqt illi huwa rikonoxxut illi regolamenti adottati mill-BĊE bis-saħħa tal-Artikolu 34.1 tal-Istatut tas-SEBĊ ma jagħtu l-ebda dritt jew ma jimponu l-ebda obbligu fuq l-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro"), l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ japplika kemm lill-Istati Membri taż-żona tal-euro kif ukoll lil dawk li mhumiex fiż-żona tal-euro. Il-premessa 17 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 tirreferi għall-fatt illi l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ, flimkien mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, timplika obbligu sabiex fil-livell nazzjonali jitfasslu u jiġu implimentati l-miżuri kollha illi l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jqisu xierqa sabiex isir il-ġbir tat-tagħrif statistiku meħtieġ biex jitwettqu l-obbligi tar-rapportar statistiku u t-tħejjijiet f'waqthom fil-qasam tal-istatistika sabiex huma jsiru Stati Membri taż-żona tal-euro.

(15) L-istandards għall-protezzjoni u l-użu ta' tagħrif statistiku kunfidenzjali kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 għandhom japplikaw.

(16) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jipprovdidi li l-BĊE għandu s-setgħa li jimponi sanzjonijiet fuq l-operaturi li jirrapportaw li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar statistiku stabbiliti fir-regolamenti jew fid-deċiżjonijiet tal-BĊE,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament:

(a) "istituzzjoni finanzjarja monetarja" (IFM) tfisser impriża residenti li tappartjeni lil xi wieħed mis-setturi li ġejjin:

1. banek ċentrali; u
2. IFM oħrajn, li jinkludu

(a) korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti:

(i) istituzzjonijiet ta' kreditu kif definiti fl-Artikolu 4(1)(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment ⁽²⁾ u

(ii) korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu li huma:

— istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn li huma prinċipalment impenjati fl-intermedjazzjoni finanzjarja u li n-negozju tagħhom huwa li jaċċettaw id-depożiti u/jew sostituti mill-qrib għad-depożiti mingħand unitajiet istituzzjonali, mhux biss mingħand IFM (il-grad ta' sostitwibbiltà bejn l-istrumenti maħruġin minn IFM oħrajn u d-depożiti mqiegħda fis-tituzzjonijiet ta' kreditu għandu jiddetermina l-klassifikazzjoni tagħhom bħala IFM); u li f'isimhom, tal-anqas f'termini ekonomiċi, jagħtu self u/jew jagħmlu investimenti f'titoli; jew

— dawk l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja fil-forma ta' ħruġ ta' flus elettroniċi; jew

(b) fondi tas-swieq tal-flus (MMFs) bis-saħħa tal-Artikolu 2;

(b) "operatur li jirrapporta" u "residenti" għandhom l-istess tifsira kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;

(c) "BĊN relevanti" tfisser il-BĊN tal-Istat Membru taż-żona tal-euro li fih IFM hija residenti;

(d) "korporazzjoni finanzjarja vettura (FVC)" għandha l-istess tifsira kif iddefinita fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40);

(e) "titolizzazzjoni" tfisser transazzjoni li hija jew: (a) titolizzazzjoni tradizzjonali kif iddefinita fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u/jew (b) titolizzazzjoni kif iddefinita fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1075/2013 (BĊE/2013/40), li tinvolvi ċ-ċessjoni ta'self li qiegħed titolizzat lil FVC;

(f) "istituzzjoni ta' flus elettroniċi" u "flus elettroniċi" għandhom l-istess tifsira kif iddefiniti fl-Artikolu 2(1) u (2) tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾;

⁽¹⁾ Ara paġna 107 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7.

- (g) “tnaqqs fil-valur” tfisser it-tnaqqs dirett tal-ammont riportat tas-self fuq il-karta tal-bilanċ minħabba l-indeboliment tiegħu;
- (h) “kanċellazzjoni” tfisser tnaqqis fil-valur tal-ammont sħiħ riportat fis-self li jwassal għat-tneħħija tiegħu mill-karta tal-bilanċ;
- (i) “servizzjant” tfisser IFM li tiġġestixxi self sottostanti għal titolizzazzjoni jew self li ġie ttrasferit b’xi mod ieħor f’termini tal-ġbir ta’ kapitali u ta’ imgħax mingħand id-debituri;
- (j) “ċessjoni ta’ self” tfisser it-trasferiment ekonomiku ta’ self jew pul ta’ self mill-operatur li jirrapporta lil ċessjonarju, miksub jew permezz ta’ trasferiment ta’ sjieda jew b’sub-parteċipazzjoni;
- (k) “akkwist ta’ self” tfisser it-trasferiment ekonomiku ta’ self jew ġabra ta’ self mit-trasferitur lill-operatur li jirrapporta, miksub jew permezz ta’ trasferiment ta’ sjieda jew b’sub-parteċipazzjoni;
- (l) “pożizzjonijiet intra-grupp” tfisser pożizzjonijiet bejn korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti fiż-żona tal-euro li jappartjenu għall-istess grupp, li jikkonsisti minn korporazzjoni prinċipali u l-membri tal-grupp residenti fiż-żona tal-euro li huma kkontrollati minnha direttament jew indirettament;
- (m) “istituzzjoni tad-‘denb’” tfisser IFM żgħira li tkun ingħatat deroga bis-saħħa tal-Artikolu 9(1);
- (n) “irtirar tar-rikonoxximent” tfisser it-tneħħija ta’ self jew ta’ parti minnu mill-istokks irrappurtati b’konformità ma’ Partijiet 2 u 3 tal-Anness I, inkluż it-tneħħija tiegħu minħabba l-applikazzjoni ta’ deroga msemmija fl-Artikolu 9(4).
- investment kollettiv f’titoli trasferibbli (UCITS) ⁽¹⁾, jew depożiti ma’ istituzzjonijiet ta’ kreditu jew, bħala alternattiva, jiżguraw illi l-likwidità u l-valutazzjoni tal-portafoll li jinvestu fih jiġu evalwati fuq bażi ekwivalenti;
- (c) jiżguraw illi l-istrumenti tas-suq tal-flus li jinvestu fihom ikunu ta’ kwalità għolja, kif determinat mill-kumpanija għall-ġestjoni. Il-kwalità ta’ strument tas-suq tal-flus għandha tiġi kkunsidrata, *inter alia*, fuq il-bażi tal-fatturi li ġejjin:
- (i) il-kwalità tal-kreditu tal-istrument tas-suq tal-flus;
- (ii) it-tip ta’ klassi tal-attiv irrappreżentat mill-istrument tas-suq tal-flus;
- (iii) għal strumenti finanzjarji strutturati, ir-riskju operattiv u tal-kontroparti inerenti fit-tranżazzjoni finanzjarja strutturata;
- (iv) il-profil tal-likwidità;
- (d) jiżguraw illi l-portafoll tagħhom ikollu maturità b’medja ppeżata (WAM – weighted average maturity) ta’ mhux aktar minn sitt xhur u tul tal-medja ppeżata (WAL – weighted average life) ta’ mhux aktar minn 12-il xahar (b’konformità mal-Anness I, Parti 1, Taqsima 2);
- (e) jipprovdu valur nett tal-assi (NAV) ta’ kuljum u kalkolu tal-prezz tal-ishma/unitajiet tagħhom, u sottoskrizzjoni u fidi ta’ ishma/unitajiet ta’ kuljum;
- (f) jillimitaw l-investment fit-titoli għal dawk b’maturità residwa sad-data tal-fidi legali ta’ anqas minn jew ekwivalenti għal sentejn, sakemm iż-żmien li jkun baqa’ sad-data li jmiss li fiha tiġi iffissata mill-ġdid ir-rata ta’ imgħax ikun anqas minn jew ekwivalenti għal 397 jum filwaqt li t-titoli b’rata varjabbli għandhom jiġu ffissati mill-ġdid għal rata jew indiċi tas-suq tal-flus;
- (g) jillimitaw l-investment f’imprezi ta’ investment kollettiv oħrajn għal dawk li jikkonformaw mad-definizzjoni ta’ MMFs;
- (h) ma jesponux ruħhom direttament jew indirettament għall-ekwità jew komoditajiet, inkluż permezz ta’ derivattivi u li jużaw biss id-derivattivi skont l-istrateġija għall-investment fis-suq tal-flus tal-fond. Derivattivi li jesponu l-kambju barrani jistgħu jintużaw biss għal skopijiet ta’ hedging. Investment f’titoli li mhumiex f’munita bażi huwa permess sakemm l-iskopertura tal-munita tkun iħħeġġjata kollha;
- (i) għandhom NAV kostanti jew varjabbli.

Artikolu 2

Identifikazzjoni ta’ MMFs

Imprezi ta’ investment kollettiv li jikkonformaw ma’ dawn kollha li ġejjin jiġu trattati bħala MMFs, fejn huma:

- (a) isegwu l-għan tal-investment li jinżamm il-kapital ta’ fond u jingħata rendiment skont ir-rati ta’ imgħax ta’ strumenti tas-suq tal-flus;
- (b) jinvestu fi strumenti tas-suq tal-flus li jikkonformaw mal-kriterji għall-istrumenti tas-suq tal-flus stipulati fid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta’ liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-imprezi ta’

⁽¹⁾ ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.

Artikolu 3

Popolazzjoni attwali li tirrapporta

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tikkonsisti fl-IFM residenti fit-territorju tal-Istati Membri taż-żona tal-euro (konformi ma' Parti 1 ta' Anness II).

2. L-IFM fil-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandhom ikunu soġġetti għal obbligi ta' rapportar statistiku komprensiv sakemm ma tapplikax deroga mogħtija bis-saħħa tal-Artikolu 9.

3. Entitajiet li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' IFM għandhom jaqgħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament anki jekk ikunu esklużi mill-iskop tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

4. Għall-iskop tal-ġbir ta' taġġir statistiku dwar ir-residenza tad-detenturi ta' ishma/unitajiet ta' MMF kif speċifikat fit-Taqsima 5.7 ta' Parti 2 ta' Anness I, il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tikkonsisti ukoll minn intermedjarji finanzjarji oħra minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni ("IFO"), mingħajr ħsara għal derogi skont l-Artikolu 9(2)(c). Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, il-BĊNi jistgħu jstabilixxu u jżommu lista ta' IFO li jirrapportaw skont il-prinċipji stipulati fit-Taqsima 5.7 ta' Parti 2 tal-Anness I.

Artikolu 4

Lista ta' IFM għal skopijiet statistiċi

1. Il-Bord Eżekuttiv jistabbilixxi u jżomm lista tal-IFM għal skopijiet statistiċi, filwaqt li jqis obbligi fir-rigward tal-frekwenza u l-puntwalità li jirriżultaw mill-użu tiegħu fil-kuntest tas-sistema ta' riżerva minima tal-BĊE. Il-lista tal-IFM għal skopijiet statistiċi għandha tinkludi nota dwar jekk humiex suġġetti għas-sistema ta' riżerva minima tal-BĊE. Il-lista tal-IFM għandha tkun aġġornata, preċiża u omoġenja kemm jista' jkun u stabbli biżżejjed għal skopijiet statistiċi.

2. Il-lista ta' IFM għal skopijiet statistiċi u l-aġġornamenti tagħha għandhom isiru aċċessibbli mill-BĊNi u l-BĊE għall-operaturi li jirrapportaw b'mod xieraq, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi, permezz tal-Internet jew, fuq talba tal-operaturi li jirrapportaw, fuq il-karta.

3. Il-lista ta' IFM għal skopijiet statistiċi għandha tkun biss għal skopijiet ta' taġġir. Madankollu, jekk l-aħħar verżjoni aċċessibbli tal-lista ma tkunx korretta, il-BĊE ma għandux jimponi sanzjonijiet fuq xi entità li ma twettaqx sew l-obbligi tagħha tar-rapportar statistiku sakemm din tkun fdat *in bona fede* fuq il-lista mhux korretta.

Artikolu 5

Obbligi ta' rapportar statistiku

1. Il-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar għandha tirrapporta lill-BĊN tal-Istat Membru li fih hija residenti

l-IFM: (a) stokks ta' kull xahar li jirrigwardaw il-karta tal-bilanċ tal-aħħar tax-xahar; u (b) aġġustamenti fir-rivalutazzjoni aggregati ta' kull xahar. Aġġustamenti fir-rivalutazzjoni aggregati għandhom jiġu rrapportati fir-rigward ta' kanċellazzjoni ta' self u tnaqqis fil-valur ta' self li jikkorrispondi għas-self u li jkopri rivalutazzjoni tal-prezz ta' titoli. Aktar dettalji dwar ċerti punti tat-tagħrif fil-karta tal-bilanċ għandhom jiġu rrapportati kull trimestru jew kull sena. Il-BĊNi jistgħu jiġbru d-dejta trimestrali fuq bażi ta' kull xahar jekk dan jiffaċilita l-proċess tal-produzzjoni tad-dejta. It-tagħrif statistiku meħtieġ huwa speċifikat fl-Anness I.

2. Il-BĊNi jistgħu jiġbru t-tagħrif statistiku meħtieġ dwar titoli maħruġa u miżmuma mill-IFM fuq bażi ta' titolu b'titolu, sakemm id-dejta msemmija fil-paragrafu 1 tkun tista' tiġi derivata b'konformità mal-istandards statistiċi minimi speċifikati fl-Anness IV.

3. L-IFM għandhom jirrapportaw, skont l-obbligi minimi stipulati fit-Tabella 1 A tal-Parti 4 tal-Anness I, l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni ta' kull xahar fir-rigward tas-sett sħiħ tad-dejta mitlub mill-BĊE. Il-BĊNi jistgħu jiġbru dejta addizzjonali li mhijiex koperta mill-obbligi minimi. Din id-dejta addizzjonali tista' tirreferi għat-tqassim imniżel fit-Tabella 1 A li ma jkunx tal-"obbligi minimi".

4. Il-BĊE jista' jitlob ukoll taġġir li jispjega l-aġġustamenti fir-"riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn" miġbura mill-BĊNi.

5. Il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet fuq l-operaturi li jirrapportaw li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar statistiku stabbiliti f'dan ir-Regolament skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/10 tad-19 ta' Awwissu 2010 dwar nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti għar-rapportar tal-istatistika ⁽¹⁾.

Artikolu 6

Obbligi ta' rapportar statistiku addizzjonali għal titolizzazzjonijiet ta' self u trasferimenti oħra ta' self

L-IFM għandhom jirrapportaw dan li ġej:

(a) il-fluss nett ta' titolizzazzjonijiet ta' self u trasferimenti oħra ta' self imwettaq matul il-perijodu ta' rapportar, b'konformità ma' Taqsima 2 ta' Parti 5 ta' Anness I;

(b) l-ammont pendenti fl-aħħar tal-perijodu u tranżazzjonijiet finanzjarji bl-esklużjoni ta' tneħħija ta' self u akkwisti matul il-perijodu rilevanti fir-rigward ta' self titolizzat u li jkun ġie rtirat ir-rikonoxximent li għalihom l-IFM tagħmilha ta' servizzjatur b'konformità ma' Taqsima 3 ta' Parti 5 ta' Anness I. Il-BĊNi jistgħu jestendu dawn l-obbligi ta' rapportar lil self li jkun ġie rtirat ir-rikonoxximent tiegħu li jkun jinġhata s-servizz minn IFM li jkun ġie titolizzat jew ittrasferit b'mod ieħor;

⁽¹⁾ ĠU L 266, 28.8.2010, p. 48.

- (c) l-ammont pendenti fl-aħħar tat-trimestru fir-rigward tas-self kollu li għalih l-IFM jagħti s-servizz f'titolizzazzjoni, b'konformità ma' Taqsima 4 ta' Parti 5 ta' Anness I;
- (d) meta jkun qed japplikaw l-Istandard Internazzjonali ta' Kontabilità 39 (IAS 39), l-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju 9 (IFRS 9) jew regoli simili nazzjonal ta' kontabilità, l-ammont tal-aħħar tal-perijodu li jkun pendenti fir-rigward ta' self allokati permezz ta' titolizzazzjoni li ma jkunx ġie irtirat ir-rikonoxximent tagħha mill-karta tal-bilanċ, b'konformità ma' Taqsima 5 ta' Parti 5 tal-Anness I.

Artikolu 7

Tempestività

1. Il-BĊNi għandhom jiddeċiedu meta u b'liema perjodiċità jeħtieġu li jirċievu d-dejta mingħand l-operaturi li jirrapportaw sabiex jilhqg l-iskadenzi stipulati aktar 'l isfel, billi jqisu, fejn relevanti, l-obbligi tat-tempestività tas-sistema ta' riżerva minima tal-BĊE, u għandhom jinfirmaw lill-operaturi li jirrapportaw f'dan is-sens.
2. Il-BĊNi għandhom jittrażmettu l-istatistika ta' kull xahar lill-BĊE sal-għeluq tan-negozju fil-15-il jum ta' xogħol wara l-aħħar tax-xahar li għalih tirreferi.
3. Il-BĊNi għandhom jittrażmettu l-istatistika ta' kull trimestru lill-BĊE sal-għeluq tan-negozju fit-28 jum ta' xogħol wara l-aħħar tat-trimestru li għalih tirreferi.

Artikolu 8

Regoli ta' kontabilità għal skopijiet ta' rapportar statistiku

1. Sakemm mhuwiex ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament, ir-regoli tal-kontabilità segwiti minn IFM għall-iskopijiet tar-rapportar skont dan ir-Regolament huma daww stabbiliti fit-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn⁽¹⁾, kif ukoll f' kull standard internazzjonali ieħor applikabbli.
2. Il-passiv tad-depożiti u s-self għandhom jiġu rrapportati skont l-ammont tal-kapital pendenti fl-aħħar tax-xahar. Kancel-lazzjonijiet u tnaqqis fil-valur kif iddeterminati mill-prattiċi ta' kontabilità relevanti għandhom jiġu esklużi minn dan l-ammont. Il-passiv tad-depożiti u s-self m'għandhomx ikunu nnettjati kontra kull attiv u passiv ieħor.
3. Mingħajr preġudizzju għall-prattiċi tal-kontabilità u l-arranġamenti ta' netting l-aktar użati fl-Istati Membri fiż-żona tal-euro, l-attiv u l-passiv finanzjarju kollha għandhom jiġu rrapportati fuq bażi gross għal skopijiet statistiċi.
4. Il-BĊNi jistgħu jħallu r-rapportar ta' self kopert wara li jitnaqqsu l-koperturi u r-rapportar ta' self mixtri skont il-prezz

mihtiehem fil-ħin tal-akkwist tagħhom, sakemm dawn il-prattiċi tar-rapportar ikunu applikati mill-operaturi kollha residenti li jirrapportaw.

Artikolu 9

Derogi

1. Derogi jistgħu jingħataw lil IFM zġhar, kif ġej:
 - (a) BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil IFM zġhar, sakemm l-kontribuzzjoni kkombinata tagħhom għall-karta tal-bilanċ nazzjonali tal-IFM f'termini ta' stokks ma jaqbiż il-5 %;
 - (b) fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, id-derogi msemmija fil-punt (a) għandhom ikollhom l-effett li jnaqqsu l-obbligi tar-rapportar statistiku ta' kreditu li għalihom japplikaw dawn id-derogi mingħajr ħsara għall-obbligi ta' kalkolu ta' riżervi minimi kif stipulat fl-Anness III;
 - (c) fir-rigward ta' IFM zġhar, fejn tapplika deroga msemmija f'punt (a), il-BĊNi għandhom ikomplu, bħala minimu, jiġbru d-dejta relatata mal-karta tal-bilanċ totali tal-anqas ta' kull sena sabiex il-kontribuzzjoni kkombinata lill-karta tal-bilanċ nazzjonali tal-IFM tal-istituzzjonijiet tad-"denb" tista' tiġi mmonitorjata;
 - (d) mingħajr ħsara għall-punt (a), il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jibbenefikawx mir-reġim stipulat fil-punti (a) u (b) bl-effett li jitnaqqsu l-obbligi tar-rapportar tagħhom għal daww stipulati fil-Parti 6 tal-Anness I, sakemm il-kontribuzzjoni kkombinata tagħhom lill-karta tal-bilanċ nazzjonali tal-IFM f'termini ta' stokk la taqbeż l-10 % tal-karta tal-bilanċ nazzjonali tal-IFM u lanqas il-1 % tal-karta tal-bilanċ taż-żona tal-euro tal-IFM;
 - (e) Il-BĊNi għandhom jiverifikaw it-tweqqi tal-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (a) u (d) malajr sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk meħtieġ, xi deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena;
 - (f) IFM zġhar jistgħu jagħżlu li ma jużawx id-derogi u li minflok iwettqu l-obbligi tar-rapportar kollha.
2. Derogi jistgħu jingħataw lil MMFs zġhar minn BĊNi, kif ġej:
 - (a) BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil MMFs mill-obbligi tar-rapportar statistiku stipulati fl-Artikolu 5(1) sakemm l-MMFs minflok jirrapportaw dejta tal-karta ta' bilanċ b'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38), suġġett għall-obbligi li ġejjin:
 - (i) MMFs jirrapportaw din id-dejta fuq bażi ta' kull xahar skont l-"approċċ ikkombinat" stipulat fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38) u b'konformità mal-obbligi tat-tempestività stipulati fl-Artikolu 9 tiegħu; u

⁽¹⁾ ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1.

- (ii) L-MMFs jirrapportaw dejta tal-istokk tal-aħħar tax-xahar dwar ishma/unitajiet tal-MMF b'konformità mal-obbligi tat-tempestività stipulati fl-Artikolu 7(2);
- (b) Il-BĊNi jistgħu wkoll jagħtu derogi lil MMFs mill-obbligi tar-rapportar statistiku li ġejjin:
- (i) li jipprovdu l-pożizzjonijiet totali għal: (1) depożiti ta' self mogħti lil banek ċentrali u korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti; (2) depożiti ta' u self mogħti lis-setturi kontroparti kollha minbarra s-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji kkatégorizzati skont il-maturità oriġinali; u (3) depożiti u self transkonfinali fi ħdan iż-żona tal-euro kkatégorizzati skont il-pajjiż u skont is-settur;
- (ii) li jipprovdu t-total tal-imgħax akkumulat għal self, u depożiti;
- (iii) li jipprovdu l-pożizzjonijiet tal-attiv u tal-passiv fir-rigward tas-setturi tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjonijiet separatament;
- (iv) li jipprovdu tagħrif dwar pożizzjonijiet intra-grupp, self u depożiti;
- (c) BĊNi jistgħu jagħtu derogi fir-rigward tal-obbligi tar-rapportar statistiku f'dak li jirrigwarda r-residenza tad-detenturi ta' ishma/unitajiet tal-MMF:
- (i) fejn ishma/unitajiet tal-MMF jinħarġu għall-ewwel darba jew fejn żviluppi tas-suq jeħtieġu bidla fl-opzjoni tar-rapportar jew il-kombinazzjoni ta' dawn, kif definit fit-Taqsima 5.7(b) ta' Parti 2 tal-Anness I, il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi, għal perijodu ta' sena, fir-rigward tal-obbligi tar-rapportar statistiku stipulati fit-Taqsima 5.7 ta' Parti 2 tal-Anness I; jew
- (ii) fejn it-tagħrif statistiku meħtieġ dwar ir-residenza tad-detenturi tal-ishma/unitajiet tal-MMF tinġabar minn sorsi oħrajn disponibbli b'konformità mat-Taqsima 5.7 ta' Parti 2 tal-Anness I, il-BĊNi għandhom jivverifikaw it-tweġiq ta' din il-kundizzjoni malajr sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk meħtieġ, kull deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena, bi ftehim mal-BĊE.
3. Id-derogi jistgħu jingħataw lil IFM fir-rigward tar-rapportar ta' aġġustamenti fir-rivalutazzjoni, kif ġej:
- (a) mingħajr ħsara għall-paragrafu 1, il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi rigward ir-rapportar ta' aġġustamenti fir-rivalutazzjoni lill-MMFs, filwaqt li jneħħu lill-MMFs kull obbligu li jirrapportaw l-aġġustamenti fir-rivalutazzjoni;
- (b) Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi fir-rigward tal-frekwenza u t-tempestività tar-rapportar ta' rivalutazzjonijiet fil-prezz ta' titoli u jitolbu din id-dejta fuq bażi trimestrali u bl-istess tempestività bħal tad-dejta tal-istokk irrapportata fuq bażi trimestrali, mingħajr ħsara għall-obbligi li ġejjin:
- (i) operaturi li jirrapportaw, li jużaw metodi ta' valutazzjoni differenti, għandhom jipprovdu lill-BĊNi bit-tagħrif rilevanti dwar il-prattiki ta' valutazzjoni, inkluż l-indikazzjonijiet kwantitattivi fuq il-persentaġġ ta' dawn l-istrumenti fit-titoli tagħhom; u
- (ii) fejn tkun seħħet rivalutazzjoni sostanzjali fil-prezz, il-BĊNi għandhom ikunu intitolati jitolbu lill-operaturi li jirrapportaw biex jiprovdu tagħrif addizzjonali fir-rigward tax-xahar li fih din seħħet;
- (c) Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi fir-rigward tar-rapportar tar-rivalutazzjonijiet fil-prezz ta' titoli, inkluż l-għoti ta' eżenzjoni sħiħa minn kull rapportar bħal dan, lil istituzzjonijiet ta' kreditu li jirrapportaw l-istokks tat-titoli ta' kull xahar fuq bażi ta' titolu b'titolu, mingħajr ħsara għall-obbligi li ġejjin:
- (i) it-tagħrif irrapportat jinkludi, għal kull titolu, il-valur kontabbli tiegħu fuq il-karta tal-bilanċ; u
- (ii) għal titoli mingħajr kodiċijiet ta' identifikazzjoni disponibbli pubblikament, it-tagħrif irrapportat jinkludi tagħrif dwar il-kategorija ta' strumenti, il-maturità u l-emittent li huwa tal-anqas biżżejjed biex wieħed ikun jista' jasal għall-kategorizzazzjonijiet iddefiniti bħala "obbligi minimi" fil-Parti 5 tal-Anness I.
4. Jistgħu jingħataw derogi lil IFM fir-rigward tar-rapportar statistiku ta' self li huwa allokat permezz ta' titolizzazzjoni.
- IFM li japplikaw l-Istandard Internazzjonali ta' Kontabilità 39 (IAS 39), l-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 9 (IFRS 9) jew regoli ta' kontabilità nazzjonali simili jistgħu jkunu permessi mill-BĊN tagħhom sabiex jeskludu mill-istokks mitluba minn Partijiet 2 u 3 tal-Anness I kull self allokat permezz ta' titolizzazzjoni skont il-prattika nazzjonali, sakemm din il-prattika tiġi applikata mill-IFM residenti kollha.
5. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil IFM fir-rigward tar-rapportar ta' ċerti stokks trimestrali relatati ma' Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro.
- Jekk il-figuri miġbura flivell aktar għoli ta' aggregazzjoni juru li l-pożizzjonijiet fil-konfront tal-kontrapartijiet residenti f'xi Stat Membru li mhuwiex fiż-żona tal-euro jew il-pożizzjonijiet fil-konfront tal-munita ta' Stat Membru li mhuwiex fiż-żona tal-euro huma mingħajr importanza, BĊN jista' jiddeċiedi li ma jitlobx rapportar fir-rigward ta' dan l-Istat Membru. Il-BĊN għandu jinforma lill-operaturi li jirrapportaw tiegħu b'kull deċizzjoni bħal din.

*Artikolu 10***Standards minimi u arranġamenti ta' rapportar nazzjonali**

1. L-operaturi li jirrapportaw għandhom jikkonformaw mal-obbligi tar-rapportar statistiku li għalihom huma suġġetti b'konformità mal-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness IV.

2. Il-BĊNi għandhom jiddefinixxu u jimplimentaw l-arranġamenti tar-rapportar li jridu jiġu segwiti mill-popolazzjoni attwali tar-rapportar b'konformità mal-ħtiġijiet nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn l-arranġamenti tar-rapportar jagħtu t-tagħrif statistiku meħtieġ u jippermettu verifika preċiża li jintlaħqu l-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet kif speċifikat fl-Anness IV.

*Artikolu 11***Fużjonijiet, diviżjonijiet u riorganizzazzjonijiet**

Fil-każ ta' fużjoni, diviżjoni jew kull riorganizzazzjoni oħra li tista' taffettwa t-twertiq tal-obbligi statistiċi tiegħu, l-operatur li jirrapporta kkonċernat għandu jgħarraf lill-BĊN rilevanti, ladarba tkun saret pubblika l-intenzjoni li tiġi implimentata operazzjoni bħal din u f'ħin raġonevoli qabel ma tidħol fis-seħħ, bil-proċeduri pjanati sabiex jitwettqu l-obbligi ta' rapportar statistiku stipulati f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 12***Użu tat-tagħrif statistiku rrapportat għall-iskop ta' riżervi minimi**

1. It-tagħrif statistiku rrapportat minn istituzzjonijiet ta' kreditu b'konformità ma' dan ir-Regolament jintuża minn kull istituzzjoni ta' kreditu biex tikkalkula l-bażi ta' riżerva tagħha b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9). B'mod partikolari, kull istituzzjoni ta' kreditu għandha tuża dan it-tagħrif biex tivverifika t-twertiq tal-ħtieġa tagħha għal riżerva matul il-perijodu taż-żamma.

2. Id-dejta tal-bażi ta' riżerva għall-istituzzjonijiet tad-"denb" għal tliet perijodi ta' żamma ta' riżerva għandha tkun ibbażata fud dejta tat-tmiem tat-trimestru miġbura mill-BĊNi fi żmien 28 jum ta' xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li għalih jirreferu.

3. Ir-regoli speċjali dwar l-applikazzjoni tas-sistema ta' riżerva minima tal-BĊE stipulati fl-Anness III għandhom jipprevalu fuq kull dispożizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9) f'każ ta' kunflitt.

4. Sabiex jiġi ffaċilitat l-immaniġġjar tal-likwidità tal-BĊE u tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-ħtiġijiet ta' riżerva għandhom jiġu kkonfermati sa mhux iktar tard mill-ewwel jum tal-perijodu taż-żamma; madankollu b'mod eċċezzjonali jista' jkun meħtieġ li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jirrapportaw reviżjonijiet lill-bażi ta' riżerva jew ħtiġijiet ta' riżerva li jkunu ġew ikkonfermati. Il-proċeduri għal konferma jew ir-ikonnoxximent tal-ħtiġijiet ta'

riżerva huma mingħajr ħsara għall-obbligi biex operaturi li jirrapportaw dejjem jirrapportaw tagħrif statistiku korrett u li jirrevedu, mill-aktar fis possibli, kull tagħrif statistiku mhux korrett li jkunu diġà rrapportaw.

*Artikolu 13***Verifika u għbir obligatorju**

Il-BĊNi għandhom jeżerċitaw id-dritt biex jivverifikaw jew jiġbru b'mod obligatorju t-tagħrif li l-operaturi li jirrapportaw huma mitluba jagħtu bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, mingħajr ħsara għad-dritt tal-BĊE li jeżerċitaw dawn id-drittijiet huwa stess. B'mod partikolari, il-BĊNi għandhom jeżerċitaw dan id-dritt meta istituzzjoni inkluża fil-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar ma tissodisfax l-istandards minimi tat-trażmissjoni, l-eżattezza, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness IV.

*Artikolu 14***L-ewwel rapportar**

1. L-ewwel rapportar bis-saħħa ta' dan ir-Regolament jibda bid-dejta għal Diċembru 2014.

2. L-ewwel rapportar skont dan ir-Regolament fir-rigward ta' ċelloli li jikkorrispondu għall-Istati Membri taż-żona tal-euro fit-Tabella 3 ta' Parti 3 ta' Anness I għandu jibda bl-ewwel dejta trimestrali wara d-data li fiha jadottaw l-euro.

3. L-ewwel rapportar skont dan ir-Regolament fir-rigward ta' ċelloli li jikkorrispondu għall-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro fit-Tabella 3 u 4 ta' Parti 3 ta' Anness I għandu jibda bl-ewwel dejta trimestrali wara d-data tad-dħul tagħhom fl-Unjoni. Jekk il-BĊN rilevanti jiddeċiedi li ma jitlobx l-ewwel rapportar ta' dejta mhux sinifikanti li tibda bl-ewwel dejta trimestrali wara d-data tad-dħul fl-Unjoni tal-Istat Membru jew Stati Membri rilevanti, ir-rapportar jibda 12-il xahar wara li l-BĊN jinforma lill-operaturi li jirrapportaw li d-dejta hija meħtieġa.

*Artikolu 15***Tħassir**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 25/2009 (BĊE/2008/32) huwa mħassar b'effett minn Janjar 2015.

2. Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jintfiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness VI.

*Artikolu 16***Dispożizzjoni finali**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Huwa għandu japplika mill-1 ta' Janjar 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri b'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-24 ta' Settembru 2013.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

ANNEX I

ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI MONETARJI U OBBLIGI TA' RAPPORTAR STATISTIKU

Introduzzjoni

Is-sistema statistika għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "l-Istati Membri taż-żona tal-euro" li tkopri l-karta tal-bilanċ tas-settur finanzjarju monetarju (IFM) tinkludi ż-żewġ elementi prinċipali li ġejjin:

- (a) lista ta' IFM għal skopijiet statistiċi (ara l-Parti 1 għall-identifikazzjoni ta' ċerti IFM); u
- (b) speċifikazzjoni tat-tagħrif statistiku rrapportat minn dawn l-IFM fi frekwenza ta' kull xahar, trimestrali u annwali (ara l-Partijiet 2, 3, 4, 5, 6 u 7).

Bl-iskop li jinkiseb it-tagħrif kollu dwar il-karti tal-bilanċ tal-IMF, huwa ukoll neċessarju li jiġu imposti ċerti obbligi ta' rrapportar statistiku fuq fondi ta' investment (FI) li mhumiex MMF u fuq intermedjarji finanzjarji oħrajn minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet (minn hawn 'il quddiem 'IFO'), meta jaġixxu fil-kuntest ta' attivitajiet finanzjarji li jinvolvu ishma/unitajiet tal-fondi fis-suq tal-flus (MMF – money market fund). Dan it-tagħrif statistiku jinġabar mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) mingħand l-IFM u mingħand l-FI u l-IFO, b'konformità mal-Parti 2 u skont l-arranġamenti nazzjonali li jiddependu fuq id-definizzjonijiet armonizzati u l-klassifikazzjonijiet armonizzati stipulati fl-Artikolu 1 u fl-Anness II.

L-istokk tal-flus jinkludi karti tal-flus u muniti fiċ-ċirkolazzjoni u passiv monetarju ieħor (depożiti u strumenti finanzjarji oħra li huma sostituti mill-qrib għal depożiti) tal-IFM. Il-kontrapartijiet tal-istokk tal-flus jinkludi l-partiti l-oħrajn kollha fil-karta tal-bilanċ tal-IFM. Il-BĊE jikkompila wkoll tranżazzjonijiet finanzjarji derivati mill-istokks u minn dejta oħra, inkluża d-dejta dwar l-aġġustament tar-rivalutazzjoni rrapportata minn IFM (ara Parti 5).

It-tagħrif statistiku mitlub mill-BĊE huwa mogħti fil-qosor fil-Parti 8.

PARTI 1

Identifikazzjoni ta' ċerti IFM

TAQSIMA 1

Identifikazzjoni ta' ċerti IFM fuq il-bażi tal-prinċipji tas-sostitwibbiltà ta' depożiti

1.1. Istituzzjonijiet finanzjarji minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu li joħorġu strumenti finanzjarji kkunsidrati bħala sostituti mill-qrib għal depożiti huma klassifikati bħala IFM sakemm jissodisfaw id-definizzjoni ta' IFM f'aspetti oħra. Il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq il-kriterji tas-sostitwibbiltà tad-depożiti, jiġifieri jekk il-passiv huwiex klassifikat bħala depożiti, li jiġi stabbilit mil-likwidità tagħhom, bil-kombinazzjoni ta' karatteristiċi ta' trasferibbiltà, konvertibbiltà, ċertezza u kummerċjabbiltà, u billi jitqiesu, fejn xieraq, it-termini tal-ħruġ tagħhom.

Dawn il-kriterji għas-sostitwibbiltà tad-depożiti huma wkoll applikati biex jiġi determinat jekk passiv għandux jiġi kklassifikat bħala depożiti, sakemm ma jkunx hemm kategorija separata għal dan il-passiv.

1.2. Għall-iskopijiet kemm tad-determinazzjoni tas-sostitwibbiltà tad-depożiti kif ukoll tal-klassifikazzjoni ta' passiv bħala depożiti:

- (a) it-trasferibbiltà tirreferi għall-possibbiltà li jiġu mobilizzati fondi mqiegħda fi strument finanzjarju permezz ta' faċilitajiet ta' ħlas, bħal ma huma ċekkijiet, ordnijiet ta' trasferiment, debiti diretti jew mezzi simili,
- (b) il-konvertibbiltà tirreferi għall-possibbiltà u l-kost tal-konverżjoni ta' strumenti finanzjarji f'munita jew depożiti trasferibbli; it-telf ta' vantaġġi fiskali fil-każ ta' din il-konverżjoni tista' titqies bħala penali li tnaqqas il-grad ta' likwidità;
- (c) iċ-ċertezza tfisser li jkun magħruf bil-preċiż minn qabel il-valur kapitali ta' strument finanzjarju f'termini ta' munita nazzjonali,
- (d) it-titoli kwotati u nneozjati regolarment f'suq organizzat huma kkunsidrati bħala negozjabbli. Għal ishma f'impriżi ta' investment kollettiv bla żmien speċifiku, ma hemm l-ebda suq fis-sens tas-soltu. Madankollu, l-investituri jkun jafu l-kwotazzjoni tal-ishma ta' kuljum u jistgħu jirtiraw il-fondi b'dan il-prezz.

TAQSIMA 2

Speċifikazzjonijiet għall-kriterji għall-identifikazzjoni tal-MMFs:

Għall-iskop tal-Artikolu 2:

- (a) l-istrument tas-suq tal-flus għandu jittqies bħala ta' kwalita kreditizja għolja, jekk tkun ingħatat waħda mill-ogħla żewġ klassifikazzjonijiet tal-kreditu fuq żmien qasir disponibbli minn kull aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rikonoxxuta li tkun ikklassifikat l-istrument jew, jekk l-istrument mhuwiex ikklassifikat, ikun ta' kwalita ekwivalenti kif determinat mill-proċess ta' klassifikazzjoni intern tal-kumpanija għall-ġestjoni. Fejn aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rikonoxxuta taqsam l-ogħla klassifikazzjoni fuq żmien qasir f'żewġ kategoriji, dawn iż-żewġ klassifikazzjonijiet għandhom jittqiesu bħala kategorija waħda u għalhekk l-ogħla klassifikazzjoni disponibbli;
- (b) il-fond tas-suq tal-flus jista', bħala eċċezzjoni għall-obbligu fil-punt (a), iżomm ħruġ sovran li huwa ta' kwalita mhux anqas minn ta' klassifika ta' investment, fejn "ħruġ sovran" tfisser strumenti tas-suq tal-flus maħruġin jew iggarantiti minn awtorita' ċentrali, reġjonali jew lokali jew minn bank ċentrali ta' Stat Membru, il-BĊE, l-Unjoni jew il-Bank Ewropew għall-Investment;
- (c) meta jkun qed jiġi kkalkolat il-WAL għal titoli, inklużi strumenti finanzjarji strutturati, il-kalkolu tal-maturita' huwa bbażat fuq il-maturita' reżidwa sal-fidi legali tal-istrumenti. Madankollu, fejn strument finanzjarju jkollu opzjoni ta' bejgħ integrata, id-data tal-eżerċitar tal-opzjoni ta' bejgħ tista' tintuża minflok il-maturita' reżidwa legali biss jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti f'kull ħin:
- (i) l-opzjoni ta' bejgħ tista' tiġi eżerċitata liberament mill-kumpanija għall-ġestjoni fid-data tal-eżerċitar tagħha;
- (ii) il-prezz tal-eżerċitar tal-opzjoni ta' bejgħ jibqa' viċin tal-valur mistenni tal-istrument fid-data tal-eżerċitar li jmiss;
- (iii) l-istrateġija għall-investment tal-MMF timplika illi hemm probabbilita' għolja illi l-opzjoni tiġi eżerċitata fid-data tal-eżerċitar li jmiss;
- (d) meta jkunu qed jiġu kkalkulati kemm il-WAL kif ukoll il-WAM, l-impatt tal-istrumenti derivattivi finanzjarji, id-depożiti u t-tekniċi ta' ġestjoni tal-portafoll effiċjenti għandhom jiġu kkunsidrati.
- (e) "maturita' medja ppeżata" (WAM – weighted average maturity) tfisser kejl tat-tul ta' żmien medju sal-maturita' tat-titoli sottostanti kollha fil-fond ippeżat sabiex jirrifletti l-investimenti relattivi f'kull strument, bl-assunzjoni illi l-maturita' ta' strument b'rata varjabbli hija ż-żmien li għad baqa' sakemm l-iffissa mill-ġdid li jmiss tar-rata ta' imgħax għar-rata tas-suq tal-flus, minflok iż-żmien li għad baqa' qabel ma jkollu jitħallas lura l-valur prinċipali tat-titolu. Fil-prattika, il-WAM jintuża biex titkejjel is-sensittivita' ta' MMF għat-tibdil fir-rati ta' imgħax tas-suq tal-flus;
- (f) "tul tal-ħajja tal-medja ppeżata" (WAL) għandha tfisser il-medja ppeżata tal-maturita' li għad baqa' għal kull titolu miżmum f'fond, jiġifieri ż-żmien sakemm jitħallas lura l-kapital kollu, filwaqt li jiġi injorat l-imgħax u mingħajr skont. Bil-kontra tal-kalkolu tal-WAM, il-kalkolu tal-WAL għal titoli b'rata varjabbli u strumenti finanzjarji strukturati ma jippermettix l-użu ta' dati għall-iffissar mill-ġdid tar-rati tal-imgħax u minflok juża biss il-maturita' finali ddikjarata ta' titolu. Il-WAL jintuża biex jitkejjel ir-riskju ta' kreditu, peress illi aktar ma jiġi rimandat fit-tul ir-rimborż tal-kapital, aktar ikun għoli r-riskju ta' kreditu. Il-WAL jintuża wkoll biex jiġi limitat ir-riskju tal-likwidita';
- (g) "strumenti tas-suq tal-flus" tfisser strumenti li normalment jiġu nnegozjati fis-suq tal-flus li huma likwidi u li għandhom valur li jista' jiġi determinat b'mod preċiż f'kull ħin;
- (h) "kumpanija għall-ġestjoni" tfisser kumpanija li n-negozju regolari tagħha huwa l-ġestjoni tal-portafoll ta' MMF.

PARTI 2

Il-karta tal-bilanċ (stokks ta' kull xahar)

Biex jikkompila l-aggregati monetarji taż-żona tal-euro u l-kontrapartijiet, il-BĊE jeħtieġ id-dejta tat-Tabella 1 kif ġej:

1. Kategoriji ta' strumenti

(a) Passiv

Il-kategoriji ta' strumenti rilevanti huma: muniti fiċ-ċirkolazzjoni, passiv ta' depożiti, ishma/unitajiet ta' MMF maħruġa, titoli ta' dejn maħruġa, kapital u riżervi u l-bqija tal-passiv. Sabiex jinfired il-passiv monetarju minn dak mhux monetarju, il-passiv tad-depożiti jinqasam ukoll f'depożiti ta' matul il-lejl, depożiti b'maturita' miftiehma, depożiti mifdija b'avviż u ftehim ta' riakkwist (repos). Ara d-definizzjonijiet fl-Anness II.

(b) Attiv

Il-kategoriji ta' strumenti rilevanti huma: flus kontanti, titoli ta' dejn miżmuma, ekwità, ishma f'fond ta' investment, assi fissi u l-assi li jifdal. Ara d-definizzjonijiet fl-Anness II.

2. Kategorizzazzjoni skont il-maturità

L-iskadenzi tal-maturità oriġinali jipprovdu sostitut għad-dettall tal-istrument meta l-istrumenti finanzjarji ma jkunux kompletament paragonabbli bejn is-swieq.

(a) Passiv

Il-punti ta' skadenza għall-faxex tal-maturità, jew għal perijodi ta' avviż, huma: għal depożiti b'maturità miftiehma, b'maturità ta' sena u ta' sentejn meta jinħarġu; u għal depożiti li jinfdew b'avviż, b'avviż ta' tliet xhur u ta' sentejn. Ir-riakkwisti mhumiex ikkategorizzati skont il-maturità peress illi dawn normalment ikunu strumenti għal żmien qasir ħafna, jiġifieri b'maturità ta' inqas minn tliet xhur meta jinħarġu. Titoli ta' dejn maħruġa mill-IFM huma kkategorizzati f'dawk ta' sena u dawk ta' sentejn. L-ebda kategorizzazzjoni tal-maturità ma hija meħtieġa għal ishma/unitajiet maħruġa minn MMFs.

(b) Attiv

Il-punti ta' skadenza għall-faxex tal-maturità huma: għal self tal-IFM lil residenti taż-żona tal-euro (minbarra IFM) skont is-subsettur u wkoll għal self tal-IFM lil unitajiet domestiċi bħala skop, b'faxex ta' maturità ta' sena u ta' ħames snin; u għal investimenti ta' IFM f'titoli ta' dejn maħruġin minn IFM oħrajn li jinsabu fiż-żona tal-euro, b'faxex ta' maturità ta' sena u sentejn biex jippermettu li l-investimenti inter-IFM jiġu nnettijati fil-kalkolu tal-aggregati monetarji.

3. Kategorizzazzjoni skont l-iskop u identifikazzjoni separata ta' self lil proprjetajiet uniċi/soċjetajiet mingħajr status legali

Self lil unitajiet domestiċi u lil istituzzjonijiet mingħajr qliegħ li jservu lill-unitajiet domestiċi huma kkategorizzati aktar skont l-iskop tas-self (kreditu għall-konsum, self għal xiri ta' dar, self ieħor). Fil-kategorija "self ieħor", self mogħti lil proprjetajiet uniċi/soċjetajiet mingħajr status legali għandu jiġi identifikat separatament (ara d-definizzjonijiet tal-kategoriji ta' strumenti f'Parti 2 tal-Anness II u d-definizzjonijiet tas-setturi f'Parti 3 tal-Anness II). Il-BĊNi jistgħu jirrinunzjaw għall-ħtieġa ta' identifikazzjoni separata ta' self lil proprjetajiet uniċi/soċjetajiet mingħajr status legali jekk dan is-self jikkostitwixxi inqas minn 5 % tas-self totali mill-Istat Membru taż-żona tal-euro lill-unitajiet domestiċi.

4. Kategorizzazzjoni skont il-munita

Għal partiti tal-karta tal-bilanċ li jistgħu jintużaw fil-kompilazzjoni ta' aggregati monetarji, il-bilanċi f'euro għandhom jiġu identifikati separatament sabiex il-BĊE jkollu l-għażla li jiddefinixxi l-aggregati monetarji f'termini ta' bilanċi ddenominati fil-valuti kollha kkombinati jew fl-euro waħedha.

5. Kategorizzazzjoni skont is-settur u r-residenza tal-kontropartijiet

5.1. Il-kompilazzjoni ta' aggregati monetarji taż-żona tal-euro u ta' kontrapartijiet teħtieġ l-identifikazzjoni ta' dawk il-kontropartijiet li jinsabu fit-territorju taż-żona tal-euro li jiffurmaw is-settur taż-żamma tal-flus. Għal dan il-għan, il-kontropartijiet li mhumiex IFM jinqasmu, kif stabbilit fis-Sistema Ewropea ta' Kontijiet riveduta (minn hawn 'il quddiem 'l-ESA 2010) stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 549/2013 (ara Parti 3 tal-Anness II) fi gvern ġenerali (S. 13), bil-gvern ċentrali (S.1311) jkun identifikat separatament fil-passiv totali tad-depożiti, u setturi residenti oħra. Sabiex tiġi kkalkolata ta' kull xahar disaggregazzjoni tas-settur tal-aggregati monetarji u l-kontropartijiet ta' kreditu, setturi residenti oħrajn huma kkategorizzati skont is-subsetturi li ġejjin: fondi ta' investment mhux ta' MMF (S.124), intermedjarji finanzjarji oħrajn, minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet + awżiljari finanzjarji u istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa ta' flus (S.125 + S.126 + S.127), korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128), fondi tal-pensjonijiet (S.129), korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) u unitajiet domestiċi + istituzzjonijiet mingħajr qliegħ li jservu lill-unitajiet domestiċi (S.14 + S.15). Issir distinzjoni addizzjonali għal kontropartijiet li huma FVCs u kontropartijiet ċentrali tal-ikklerjar, fi ħdan is-setturi kontroparti amalgamati (S.125 + S.126 + S.127). Għal proprjetajiet uniċi/soċjetajiet mingħajr status legali ara t-Taqsima 3. Fir-rigward tat-total tal-passiv tad-depożiti u l-kategoriji ta' depożitu "depożiti b'maturità miftiehma ta' aktar minn sentejn", "depożiti mifdija b'avviż ta' aktar minn sentejn" u "riakkwisti", għandha ssir distinzjoni addizzjonali bejn istituzzjonijiet ta' kreditu, kontrapartijiet oħra tal-IFM u l-gvern ċentrali għal skopijiet tas-sistema ta' riżerva minima tal-BĊE.

5.2. Fir-rigward tat-total tal-passiv tad-depożiti u l-kategorija tal-assi 'tat-total tas-self, issir distinzjoni addizzjonali għal banek ċentrali (S.121) u korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti minbarra l-bank ċentrali (S.122) u għall-bqija tal-banek dinjin u entitajiet li mhumiex banek sabiex jinftelmu aħjar il-politiki tas-self u l-iffinanzjar fis-settur bankarju u biex attivitajiet interbankarji jiġu mmonitorjati aħjar.

5.3. Fir-rigward ta' pożizzjonijiet intragrupp, issir distinzjoni addizzjonali għal pożizzjonijiet ta' self u tad-depożiti u tranżazzjonijiet bejn korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti minbarra l-bank ċentrali (S.122) sabiex tkun tista' ssir l-identifikazzjoni ta' interkonnessjonijiet bejn istituzzjonijiet ta' kreditu li jappartjenu għall-istess grupp (domestiċi u ta' Stati Membri oħrajn taż-żona tal-euro).

5.4. Fir-rigward ta' investimenti f'titoli ta' dejn b'maturità oriġinali sa sena, b'kategorizzazzjoni tal-kreditu, issir distinzjoni addizzjonali għall-gvern ġenerali (S.13) sabiex tiġi żgurata stampa aħjar tal-interkonnessjonijiet bejn sovrani u banek.

- 5.5. Ċerti depożiti/self li jirriżulta minn riakkwisti/riakkwisti bil-maqlub jew operazzjonijiet simili ma' "intermedjarji finanzjarji oħra" (S. 125) + awżiljarji finanzjarji (S.126) + istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa ta' flus (S.127) jistgħu jirrelataw ma' tranżazzjonijiet ma' kontraparti ċentrali. Kontraparti ċentrali hija entità li legalment tpoġġi lilha nnifisha bejn il-kontrapartijiet għal kuntratti nnegozjati fis-swieq finanzjarji, u ssir ix-xerrej għal kull bejjiegħ u l-bejjiegħ għal kull xerrej. Minħabba illi dawn it-transazzjonijiet huma ta' spiss sostituti għal negozju bilaterali bejn IFM, issir distinzjoni addizzjonali fi ħdan il-kategorija tad-depożiti "ftehimiet għal xiri mill-ġdid" fir-rigward ta' negozju ma' dawn il-kontrapartijiet. Bl-istess mod, issir distinzjoni addizzjonali fi ħdan il-kategorija tal-assi "self" fir-rigward ta' ftehimiet ta' xiri mill-ġdid bil-maqlub ma' dawn il-kontrapartijiet.
- 5.6. Il-kontrapartijiet domestiċi huma identifikati separatament minn kontrapartijiet fiż-żona tal-euro ħliet dawk domestiċi fir-rigward tal-kategorizzazzjonijiet statistiċi kollha. Kontrapartijiet li jinsabu fiż-żona tal-euro jiġu identifikati skont is-settur domestiku tagħhom jew il-klassifikazzjoni istituzzjonali b'konformità mal-listi miżmuma mill-BĊE għal skopijiet statistiċi u l-"Manwal tal-istatistika tas-settur monetarju, tal-istituzzjonijiet finanzjarji u tas-swieq: Gwida għall-klassifikazzjoni statistika ta' klijenti" (Monetary, financial institutions and markets statistics sector manual: Guidance for the statistical classification of customers) tal-BĊE li jsegwi l-prinċipji tal-klassifikazzjoni li huma konsistenti mal-ESA 2010 safejn huwa possibbli. Ma hemmx hteġa għal kategorizzazzjoni ġeografika tal-kontrapartijiet li jinsabu barra miż-żona tal-euro.
- 5.7. Fil-każ ta' ishma/unitajiet ta' MMF maħruġin mill-IFM tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-operaturi li jirrapportaw jirrapportaw bħala minimu d-dejta dwar ir-residenza tad-detenturi skont il-kategorizzazzjoni domestiċi/taż-żona tal-euro ħliet dawk domestiċi/bqija tad-dinja sabieħ tkun tista' ssir l-esklużjoni ta' investimenti ta' non-residenti ta' Stati Membri taż-żona tal-euro. Il-BĊNi jistgħu joħorġu it-tagħrif statistiku neċessarju mid-dejta li tinġabar fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 (BĊE/2012/24), sal-punt illi d-dejta tkun konformi mat-tempestività bis-saħħa tal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament u mal-istandards minimi definiti fl-Anness IV.
- (a) Fir-rigward ta' ishma/unitajiet ta' MMF li għalihom, b'konformità mal-liġi nazzjonali, jinżamm reġistru li jidentifika d-detenturi tagħhom, inkluż tagħrif dwar ir-residenza tad-detenturi, l-MMFs tal-ħruġ jew il-persuni li jirrappreżentawhom legalment jirrapportaw dejta dwar il-kategorizzazzjoni tar-residenza tad-detenturi tal-ishma/unitajiet tagħhom maħruġin fil-karta ta' bilanċ ta' kull xahar.
- (b) Fir-rigward ta' ishma/unitajiet ta' MMF li għalihom ma jinżammx reġistru li jidentifika d-detenturi tagħhom, b'konformità mal-liġi nazzjonali, jew li għalihom jinżamm reġistru iżda ma jkunx fih tagħrif dwar ir-residenza tad-detenturi, l-operaturi li jirrapportaw jirrapportaw dejta dwar il-kategorizzazzjoni tar-residenza b'konformità mal-metodu deċiż mill-BĊN rilevanti bi ftehim mal-BĊE. Dan l-obbligu huwa limitat għal waħda minn jew kombinazzjoni tal-opzjonijiet li ġejjin, li għandhom jintgħażlu wara li jitqiesu l-organizzazzjoni tas-swieq rilevanti u l-arranġamenti legali nazzjonali fl-Istat Membru in kwistjoni. Din l-obbligu ser jiġi mmonitorjat perjo-dikament mill-BĊN.
- (i) MMFs tal-ħruġ:
- L-MMFs tal-ħruġ jew il-persuni legali li jirrappreżentawhom legalment jirrapportaw dejta dwar il-kategorizzazzjoni skont ir-residenza tad-detenturi tal-ishma/unitajiet maħruġa. Dan it-tagħrif jista' jiġi mingħand l-operatur li jqassam l-ishma/unitajiet jew mingħand xi entità oħra involuta fil-ħruġ, ix-xiri lura jew it-trasferiment tal-ishma/unitajiet.
- (ii) IFM u IFO bħala kustodji ta' ishma/unitajiet tal-MMF:
- Bħala operaturi li jirrapportaw, l-IFM u l-IFO li jkdhru bħala kustodji tal-ishma/unitajiet tal-MMF jirrapportaw dejta dwar il-kategorizzazzjoni tar-residenza tad-detenturi tal-ishma/unitajiet maħruġa minn MMFs residenti u miżmumin fil-kustodja f'isem id-detentur jew intermedjarju ieħor li jidher ukoll bħala kustodju. Din l-opzjoni hija applikabbli jekk: il-kustodju jiddistingwi ishma/unitajiet tal-MMFs miżmumin f'kustodja f'isem id-detenturi minn dawk miżmumin f'isem kustodji oħrajn; u (ii) il-biċċa l-kbira tal-ishma/unitajiet tal-MMF huma fil-kustodja ta' istituzzjonijiet domestiċi residenti li huma kklassifikati bħala intermedjarji finanzjarji (IFM jew IFO).
- (iii) IFM u IFO bħala dawk li jirrapportaw it-tranżazzjonijiet ta' residenti ma' non-residenti li jinvolvu ishma/unitajiet ta' MMF residenti:
- Bħala operaturi li jirrapportaw, IFM u IFO li jidhru bħala dawk li jirrapportaw it-tranżazzjonijiet ta' residenti ma' non-residenti li jinvolvu ishma/unitajiet ta' MMF residenti jirrapportaw id-dejta dwar il-kategorizzazzjoni tar-residenza tad-detenturi tal-ishma/unitajiet maħruġa minn MMF residenti, li jinnegozjaw f'isem id-detentur jew intermedjarju ieħor involut ukoll fit-tranżazzjoni. Din l-opzjoni hija applikabbli jekk: il-kopertura tar-rapportar hija komprensiva, jiġifieri tkopri b'mod sostanzjali it-tranżazzjonijiet kollha mwettqa mill-operaturi li jirrapportaw; (ii) tingħata dejta preċiża dwar ix-xiri u l-bejgħ ma' non-residenti taż-żona tal-euro; (iii) id-differenzi bejn il-valur tal-ħruġ u l-valur tal-fidi, bl-esklużjoni tat-tariffi, tal-istess ishma/unitajiet huma minimi; (iv) l-ammont ta' ishma/unitajiet miżmuma minn non-residenti taż-żona tal-euro u li nħarġu minn MMF residenti huwa baxx.
- (iv) Jekk l-opzjonijiet (i) sa (ii) ma japplikawx, l-operaturi li jirrapportaw, inklużi l-IFM u l-IFO, jirrapportaw id-dejta rilevanti fuq il-bażi tat-tagħrif disponibbli.

PARTI 3

Karta ta' bilanċ (stokks trimestrali)

Sabiex jiġu analizzati aktar l-iżviluppi monetarji u biex iservu skopijiet statistiċi oħra, il-BĊE jeħtieġ dan li ġej fir-rigward ta' partiti prinċipali:

1. Kategorizzazzjoni tas-subsettur, tal-maturità u ta' garanziji fil-bini ta' kreditu lil entitajiet li mhumiex IFM fiż-żona tal-euro (ara t-Tabella 2).

Dan hu meħtieġ sabiex ikun jista' jsir l-immonitorjar tal-istruttura sħiħa tas-subsettur u tal-maturità tal-finanzjament ta' kreditu totali tal-IFM (self u titoli) fil-konfront tas-settur taż-żamma tal-flus. Għal korporazzjonijiet mhux finanzjarji u unitajiet domestiċi, huma meħtieġa aktar pożizzjonijiet "li minnhom" li jidentifikaw is-self assigurat b'kollateral ta' proprjetà immobbli.

Għal self denominat feuro b'maturità oriġinali ta' iktar minn sena u iktar minn sentejn fil-konfront ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji u unitajiet domestiċi, huma meħtieġa aktar pożizzjonijiet "li minnhom" għal ċerti maturitajiet u perijodi ta' rati tal-iffissar mill-ġdid tar-rata tal-imgħax li jifdal (ara t-Tabella 2). L-iffissar mill-ġdid ta' rata tal-imgħax għandha tinftiehem bħala bidla fir-rata tal-imgħax ta' self stipulata fil-kuntratt ta' self kurrenti. Self soġġett għal iffissar mill-ġdid tar-rata tal-imgħax jinkludi, *inter alia*, self rata tal-imgħax li tiġi reveduta perjodikament skont l-evoluzzjoni ta' indiċi, eż. Euribor, self b'rati tal-imgħax li jiġu reveduti fuq bażi kontinwa, jiġifieri rati varjabbli, u self b'rati tal-imgħax revedibbli bid-diskrezzjoni tal-IFM.

2. Kategorizzazzjoni skont is-subsettur tal-passiv ta' depożiti tal-IFM lill-gvern ġenerali (minbarra gvern ċentrali) tal-Istati Membri taż-żona tal-euro (ara t-Tabella 2).

Dan hu meħtieġ bħala tagħrif komplimentari tar-rappurtar ta' kull xahar.

3. Kategorizzazzjoni skont is-settur ta' pożizzjonijiet mal-kontrapartijiet barra miż-żona tal-euro (ara t-Tabella 2).

Il-klassifikazzjoni tas-setturi skont is-Sistema ta' Kontijiet Nazzjonali (minn hawn 'il quddiem "SNA 2008") tapplika fejn l-ESA 2010 ma tkunx fis-seħħ.

4. L-identifikazzjoni ta' pożizzjonijiet fil-karta tal-bilanċ għal derivati u imgħax akkumulat fuq self u depożiti fi ħdan l-assi li jifdal u l-passiv li jifdal (ara t-Tabella 2).

Din il-kategorizzazzjoni hija meħtieġa sabiex tissaħħaħ il-konsistenza fl-istatistika.

5. Il-kategorizzazzjoni skont il-pajjiż, inkluż pożizzjonijiet fil-konfront tal-Bank Ewropew għall-Investiment u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (ara t-Tabella 3).

Din il-kategorizzazzjoni hija meħtieġa sabiex jiġu analizzati aktar l-iżviluppi monetarji u anke għall-iskopijiet tal-ħtiġijiet tranżitorji u għal spezzjonijiet tal-kwalità tad-dejta.

6. Il-kategorizzazzjoni skont is-settur għal depożiti transkonfinali fi ħdan iż-żona tal-euro minn u self lil non-IFM (ara t-Tabella 3).

Din il-kategorizzazzjoni hija meħtieġa biex jiġu evalwati l-pożizzjonijiet tas-setturi tal-IFM fl-Istati Membri individwali fil-konfront tal-Istati Membri taż-żona tal-euro li jibqa'.

7. Kategorizzazzjoni skont il-munita (ara t-Tabella 4)

Din il-kategorizzazzjoni hija meħtieġa sabiex tkun tista' ssir il-kalkolu ta' tranżazzjonijiet għal aggregati monetarji u kontrapartijiet aġġustati għall-bidliet fir-rata tal-kambju meta dawn l-aggregati jinkludu l-munita kollha kkombinati flimkien.

Tabella 3 Stokks trimestrali (Klassifikazzjoni tal-pajjiżi)				
PARTITI TAL-KARTA TAL-BILANĊ	UE			Il-bqija tad-dinja (esklużi I-UE)
	Stat Membru ieħor fiż-żona tal-euro	Stat Membru li mhux fiż-żona tal-euro	Istituzzjonijiet magħżula tal-UE*	
PASSIV				
Munita fiċ-ċirkolazzjoni				
Depożiti				
minn IFM				
minn mhux IFM				
gvern ġenerali				
intermedjarji finanzjarji oħra + awżiljarji finanzjarji + istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa ta' flus				
korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni				
fondi tal-pensjoni				
fondi ta' investiment li mhumiex MMF				
korporazzjonijiet mhux finanzjarji				
unitajiet domestiċi + istituzzjonijiet mingħajr qliegħ li jservu lil-unitajiet domestiċi				
10. Fruġ ta' titoli ta' dejn				
11. Ishma/unitajiet ta' MMF				
12. Kapital u riżervi				
13. Bqija tal-passiv				
ASSI				
1. Flus kontanti				
2. Self				
li IFM				
li mhux IFM				
gvern ġenerali				
intermedjarji finanzjarji oħra + awżiljarji finanzjarji + istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa ta' flus				
korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni				
fondi tal-pensjoni				
fondi ta' investiment li mhumiex MMF				
korporazzjonijiet mhux finanzjarji				
unitajiet domestiċi + istituzzjonijiet mingħajr qliegħ li jservu lil-unitajiet domestiċi				
3. Titoli ta' dejn miżnema				
maħruġa minn IFM				
sa sena				
aktar minn sena u sa mhux aktar minn sentejn				
aktar minn sentejn				
maħruġa minn mhux IFM				
4 Ekwità				
5 Ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment				
Ishma/unitajiet tal-MMF				
Ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment mhux ta' MMF				
6 Assi mhux finanzjarji (inklużi assi fissi)				
Bqija tal-assi				

* Id-dejta għall-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà għandha tkun identifikata b'mod separat b'referenza għall-klassifikazzjoni tas-settur applikabbli

Tabella 4
Stokks trimestrali (Klassifikazzjoni tal-muniti)

PARTITI TAL-KARTA TAL-BILANĊ	Il-muniti kollha flimkien	Euro	Il-muniti tal-UE minbarra l-euro			Muniti minbarra l-muniti tal-Istati Membri tal-UE flimkien				
			Total	Muniti ta' Stat Membru ieħor tal-UE	GBP	Total	USD	JPY	CHF	Il-muniti li jifdal flimkien
PASSIV										
Depożiti										
A. Domestiċi										
minn IFM	M	M								
minn mhux IFM	M									
B. Taż-żona tal-euro ħliet għal dawk domestiċi										
minn IFM	M	M								
minn mhux IFM	M									
Ċ. Bqija tad-dinja										
sa sena	M									
aktar minn sena	M									
minn banek	Q									
minn mhux banek	Q									
10. Titoli ta' dejn maħruġa										
M	M									
ASSI										
2. Self										
A. Domestiċi										
li IFM	M									
li mhux IFM	M	M								
B. Taż-żona tal-euro ħliet għal dawk domestiċi										
li IFM	M									
li mhux IFM	M	M								
Ċ. Bqija tad-dinja										
sa sena	M									
aktar minn sena	M									
li banek	Q									
li mhux banek	Q									
3 Titoli miżmuma										
A. Domestiċi										
maħruġa minn IFM	M	M								
maħruġa minn mhux IFM	M									
B. Taż-żona tal-euro ħliet għal dawk domestiċi										
maħruġa minn IFM	M	M								
maħruġa minn mhux IFM	M									
Ċ. Bqija tad-dinja										
maħruġa minn banek	Q									
maħruġa minn mhux banek	Q									

M

Obbligati ta' kull xahar ta' data, ara Tabella 1.

Q

Obbligati trimestrali ta' dejn, ara Tabella 2.

PARTI 4

Rapportar ta' aġġustamenti fir-rivalutazzjoni għall-kompilazzjoni ta' tranżazzjonijiet

Biex jiġu kkompliati tranżazzjonijiet fir-rigward tal-aggregati monetarji taż-żona tal-euro u l-kontrapartijiet, il-BĊE jeħtieġ aġġustamenti fir-rivalutazzjoni fir-rigward tal-kanċellazzjonijiet/tnaqis fil-valur ta' self u rivalutazzjonijiet tal-prezz ta' titoli.

1. Kanċellazzjonijiet/tnaqis fil-valur ta' self

L-aġġustament fir-rigward tal-kanċellazzjonijiet/tnaqis fil-valur ta' self huwa rrapportat sabiex il-BĊE jitħalla jikkompila tranżazzjonijiet finanzjarji mill-istokks irrapportati f'żewġ perjodi ta' rapportar konsekuttivi. L-aġġustament jirrifletti kull tibdil fl-istokk tas-self irrapportat skont il-Partijiet 2 u 3 kkważat mill-applikazzjoni tat-tnaqis fil-valur, inkluż it-tnaqis fil-valur tal-ammont kollu pendenti ta' self (kanċellazzjoni). L-aġġustament għandu jirrifletti ukoll il-bidliet fid-dispożizzjonijiet dwar is-self jekk BĊN jiddeċiedi li stokks fil-karta tal-bilanċ jiġu rreġistrati bħala netti mill-provvisti. Kanċellazzjonijiet/tnaqis fil-valur ta' self li jntgħaraf fil-ħin li s-self jinbiegħ jew jiġi ttrasferit lill-parti terza huwa inkluż wkoll, fejn ikun jista' jiġi identifikat.

L-obbligati minimi għal kanċellazzjonijiet/tnaqis fil-valur ta' self huma stipulati fit-Tabella 1 A.

2. Rivalutazzjoni fil-prezz ta' titoli

L-aġġustament fir-rigward tar-rivalutazzjoni tal-prezz ta' titoli jirreferi għal ċaqliq fil-valutazzjoni ta' titoli li jirriżulta minħabba bidla fil-prezz li bih jiġu rreġistrati jew innegozjati t-titoli. L-aġġustament jinkludi l-bidliet li jseħħu biż-żmien fil-valur tal-istokks tal-karta tal-bilanċ tal-aħħar tal-perjodu minħabba bidliet fil-valur ta' referenza li bihom jiġu rreġistrati t-titoli, jiġifieri qligħ/telf potenzjali. L-aġġustament jista' jkollu wkoll bidliet fil-valutazzjoni li jirriżultaw minn transazzjonijiet fit-titoli jiġifieri qligħ/telf realizzati.

L-obbligati minimi għal rivalutazzjoni fil-prezz ta' titoli huma stipulati fit-Tabella 1 A.

L-ebda obbligu ta' rapportar minimu ma hu stabbilit għan-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ. Madankollu, jekk il-prattiċi tal-valutazzjoni applikati mill-operaturi li jirrapportaw lit-titoli ta' dejn maħruġa jirriżultaw f'bidliet fl-istokks tagħhom fl-aħħar tal-perjodu, il-BĊNi huma awtorizzati li jiġbru dejta dwar dawn il-bidliet. Din id-dejta hija rrapportata bħala aġġustamenti ta' "rivalutazzjoni oħra".

KODI TAL-PAESI	NOMI TAL-PAESI	KODI TAL-REGIONI	NOMI TAL-REGIONI	KODI TAL-LOCALITÀ	NOMI TAL-LOCALITÀ	NOMI TAL-PAESI		NOMI TAL-REGIONI		NOMI TAL-LOCALITÀ	
						IS-SIEM	IS-SIEM	IS-SIEM	IS-SIEM	IS-SIEM	IS-SIEM
MT	Malta										

(¹) Is-sinjura mmarkata bl-kelma "MINIMU" huma rrapportati mill-IFM, l-EBCHN jingħu jstendju dan l-obbligu b'is-sinjura wkoll is-sinjura mmarkata b'is-sinjura "MINIMU".
 Codi tal-voja u codi tal- "MINIMU" huma rrapportati mill-SCV l-IBCE.
 (²) l-EBCHN jingħu jistendju dan l-obbligu b'is-sinjura "MINIMU" jingħu jstendju dan l-obbligu b'is-sinjura "MINIMU".
 (³) Proporzjonijiet unidjoġenitajiet mingħajr status legalj.

PARTI 5

Obbligi ta' rapportar statistiku għal titolizzazzjonijiet ta' self u trasferimenti ta' self oħra

1. Obbligi ġenerali

Id-dejta hija rrapportata skont l-Artikolu 8(2), ikkwalifikata b'dawk tal-Artikolu 8(4) fejn applikabbli. Il-partiti kollha tad-dejta huma kategorizzati skont ir-residenza u s-subsettur ta' min issellef kif indikat fl-intestaturi tal-kolonna tat-Tabella 5. Self allokati matul fażi ta' ħżin f'titolizzazzjoni jiġi ttrattat bħal li kieku kien diġà titolizzat.

2. Obbligi ta' rapportar ta' flussi netti ta' self titolizzati jew ittrasferiti mod ieħor.

2.1. Għall-iskopijiet tal-Artikolu 6(a), l-IFM jikkalkolaw il-partiti fil-Partijiet 1 u 2 tat-Tabella 5 bħala flussi netti ta' self titolizzati jew allokati b'mod ieħor waqt il-perijodu relevanti li minnhom jitnaqqas is-self miksub matul il-perijodu rilevanti. Self ittrasferiti lil jew li jinkiseb mingħand IFM domestika oħra, u self li t-trasferiment tiegħu iseħħ bħala riżultat ta' diviżjoni tal-operatur li jirrapporta, jew ta' fużjoni jew akkwist li jinvolvi lill-operatur li jirrapporta u lil IFM domestiku ieħor, mhuwiex inkluż f'din il-kalkolu. Self ittrasferiti lil jew miksub mingħand IFM mhux domestiċi huwa inkluż fil-kalkolu.

2.2. Il-partiti li għalihom issir referenza f'Taqsimi 3.1 huma allokati lill-Partijiet 1 u 2 tat-Tabella 5 kif ġej:

(a) allokazzjonijiet u akkwisti b'impatt fuq l-istokks tas-self irrapportati b'konformità mal-Parti 2 u 3 tal-Anness I, jiġifieri, allokazzjonijiet li jirriżultaw f'nuqqas ta' għarfien u akkwisti li jirriżultaw f'għarfien jew f'għarfien mill-ġdid, jiġu allokati lil Parti 1; u

(b) allokazzjonijiet u akkwisti b'impatt fuq l-istokks tas-self irrapportati b'konformità mal-Parti 2 u 3 tal-Anness I, jiġifieri, allokazzjonijiet li jirriżultaw f'nuqqas ta' għarfien u akkwisti li jirriżultaw f'għarfien jew f'għarfien mill-ġdid, jiġu allokati lil Parti 2; u

2.3. Il-partiti f'Parti 1 ta' Tabella 5 jiġu kkategorizzati aktar skont il-kontraparti fit-trasferiment tas-self, fuq bażi ta' kull xahar, b'distinzzjoni bejn FVCs, li minnhom l-FVCs residenti fiż-żona tal-euro, u kontrapartijiet oħrajn. Tenħtieġ aktar kategorizzazzjoni skont il-maturità oriġinali u l-iskop tas-self fuq bażi trimestrali għal xi partiti kif indikat fit-Tabella 5(b).

3. Obbligi għar-rapportar ta' self titolizzati u li tneħħielu r-rikonoxximent li huma b'servizz

3.1. B'konformità mal-Parti 3 tat-Tabella 5, l-IFM jagħtu dejta dwar self titolizzati u li għalih l-IFM jaġixxi bħala servizzjant skont kif ġej:

(a) ammonti pendenti fit-tmiem tal-perijodu; u

(b) tranżazzjonijiet finanzjarji esklużi ċessjonijiet u akkwisti ta' self matul il-perijodu relevanti, jiġifieri l-bidla fl-ammonti dovuti li għandha tiġi attribwita lil ħlasijiet lura tal-kapital fuq self dawk li jissellfu.

3.2. Rigward it-Taqsima 3.1(b), il-BĊNi jistgħu minflok jeħtieġu li l-IFM jipprovdu flussi netti ta' ċessjonijiet u akkwisti ta' self li għalihom l-IFM jaġixxi bħala servizzjant sabiex il-BĊN ikunu jistgħu jidderivaw it-transazzjonijiet finanzjarji li għalihom issir referenza fit-Taqsima 3.1(b).

3.3. Il-BĊNi jistgħu jipprovdu deroga lill-operaturi li jirrapportaw mir-reqwiziti tat-Taqsima 3.1(b) meta l-flussi netti miġbura fil-Parti 1.1 tat-Tabella 5 jilhqg l-iskop tat-Taqsima 3.2, jiġifieri meta tkun il-prattika nazzjonali li self titolizzati jiġu sservizzjati mill-IFM. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawk il-flussi netti huma konsistenti mal-iskopijiet tal-ikkalkular tat-transazzjonijiet finanzjarji esklużi ċessjonijiet u akkwisti ta' self taħt it-Taqsima 3.1(b). Il-BĊNi jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali mingħand IFM sabiex jagħmlu l-aġġustamenti meħtieġa.

3.4. Il-BĊNi jistgħu jestendu l-obbligi ta' rapportar statistiku ta' din it-Taqsima lis-self kollu sservizzjat mill-IFM, li jkunu ġew titolizzati jew inkella ttrasferiti b'mod ieħor. Meta dan ikun il-każ, il-BĊN għandu jinforma lill-IFM dwar l-obbligi ta' rapportar statistiku skont il-Parti 3 tat-Tabella 5.

4. Obbligi tar-rapportar ta' ammonti pendenti ta' self isservizzjat f'titolizzazzjoni

4.1. L-IFM jipprovdu dejta trimestrali fuq is-self kollu sservizzjat f'titolizzazzjoni b'mod konformi mal-Parti 4 tat-Tabella 5 irrispettivament minn jekk is-self isservizzjat jew id-drittijiet ta' servizzjar rispettivi tagħhom ikunux rikonoxxuti fuq il-karta tal-bilanċ tal-aġent li jirrapporta.

- 4.2. Fir-rigward ta' self isservizzjat għal FVCs residenti fi Stati Membri oħra taż-żona tal-euro, l-IFM jipprovdu klassifikazzjonijiet oħrajn, billi jaggregaw is-self isservizzjat separatament għal kull Stat Membru li fih tkun residenti FVC.
- 4.3. Il-BĊNi jistgħu jiġbru d-dejta msemmija fl-Artikolu 6(2), jew parti minnha, fuq bażi ta' FVC b'FVC minn IFM residenti li jaġixxu bħala servizzjanti ta' self titolizzati. Jekk xi BĊN jqis li d-dejta msemmija fit-Taqsima 4.4 u l-klassifikazzjonijiet msemmija fit-Taqsima 4.2 jistgħu jinġabru fuq bażi ta' FVC b'FVC, huwa għandu jinforma lill-IFM jekk, u sa liema grad, huwa meħtieġ ir-rappurtar imsemmi fit-Taqsimiet 4.1 u 4.2.
5. Obbligi ta rapportar statistiku għal IFM li japplikaw l-IAS 39, l-IFRS 9 jew regoli simili nazzjonali ta' kontabilità.
- 5.1. L-IFM li japplikaw l-IAS 39, l-IFRS 9 jew regoli simili jirrapurtaw l-ammonti tal-aħħar tax-xahar pendenti ta' self ċedut permezz ta' titolizzazzjoni li ma kinux soġġetti għal dirikonoxximent skont il-Parti 5 tat-Tabella 5.
- 5.2. L-IFM li għalihom tapplika d-deroga fl-Artikolu 9(6) jirrapurtaw l-ammonti tal-aħħar tax-xahar pendenti tas-self ċeduti permezz ta' titolizzazzjoni li jkunu ġew soġġetti għal dirikonoxximent, imma li jkunu għadhom rikonoxxuti fir-rapporti finanzjarji skont il-Parti 5 tat-Tabella 5.

Tabella 5a Titolizzazzjonijiet u trasferimenti oħrajn ta' self, dejta ta' kull xahar

PARTIT TAL-KARTA TAL-BILANĊ	A. Domesti										B. Taż-żona tal-euro ħief għal dawk domestiċi										C. Bqija tad-dinja									
	IFM					IFM					IFM					IFM					IFM					IFM				
	Istituzzjonijiet mhux IFM					Istituzzjonijiet mhux IFM					Istituzzjonijiet mhux IFM					Istituzzjonijiet mhux IFM					Istituzzjonijiet mhux IFM					Istituzzjonijiet mhux IFM				
	Gvern ġenerali (S.13)		Setturi residenti oħra		Totali	Gvern ġenerali (S.13)		Setturi residenti oħra		Totali	Gvern ġenerali (S.13)		Setturi residenti oħra		Totali	Gvern ġenerali (S.13)		Setturi residenti oħra		Totali	Gvern ġenerali (S.13)		Setturi residenti oħra		Totali					
	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali	Ugħali				
1. Flussi netti ta' self ittolizzati jew ittrasferiti mod ieħor: tranżazzjonijiet b'impatt fuq stocks ta' self rrapportati u kkalkulati b'ala beghj wara li jnaqqsu l-impatt ta' self ittolizzati jew ittrasferiti mod ieħor:																														
1.1. Ikkontropanti fit-trasferiment ta' FVC																														
1.1.1. I minhom: Ikkontropanti fit-trasferiment ta' FVC taż-żona tal-euro																														
1.2. Kontropartijiet oħrajn fit-trasferiment																														
1.2.1. I minhom: Ikkontropanti fit-trasferiment ta' IMF taż-żona tal-euro																														
2. Flussi netti ta' self ittolizzati jew ittrasferiti mod ieħor: tranżazzjonijiet mingħajr impatt fuq stocks ta' self rrapportati u kkalkulati b'ala beghj wara li jnaqqsu l-impatt ta' self ittolizzati jew ittrasferiti mod ieħor:																														
2.1. Ikkontropantijiet kollha fit-trasferiment ta'																														
3. Self ittolizzati u derikonxxuti f'għali IFM ta' jaxxi b'ala servizzanti (1)																														
3.1. Ammonti pendenti																														
3.2. Tranżazzjonijiet finanzjarji rekuzazzjonijiet u akkwizi ta' self																														
4. Ammonti pendenti ta' self iservizzjat f'itolizzazzjonijiet (2)																														
5. Ammonti pendenti ta' self ittolizzati mhux derikonxxuti (3)																														
D. Ikkontropantijiet ta' self ittolizzati ta' FVC taż-żona tal-euro																														

(1) Id-dejta taħt din il-partita tista' tkun soġġetta għal proċessur ta' għir ta' sadistibla differenti. Kif iddeż minn ECU short ir-regoli li jinsabu fil-Taqsim 3 tal-Parti 5 tal-Anness I.
 (2) Din il-partita hija meħtieġa li tkomvenzata trimestrali biss, ana l-Tabella 5(b) għal-iskema ta' rappurtar.
 (3) Fir-rigward ta' obbligu ta' rappurtar meħtieġa fil-Taqsim 5.2 tal-Parti 5 tal-Anness I, hija rappurtata bis il-filiera "Total", u ta' kull illet xhur biss.
 (4) Proporzjonijiet undiċosjoġatjiet minn għajr status legali.

PARTI 6

Rapportar simplifikat għal istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar

L-istituzzjonijiet ta' kreditu li għalihom japplikaw id-derogi msemmija fl-Artikolu 9(1)(d) jistgħu jiġu eżentati mill-obbligi li ġejjin:

1. Il-klassifikazzjoni skont il-munita msemmija fit-Taqsima 4 tal-Parti 2.
2. L-identifikazzjoni separata ta':
 - (a) pożizzjonijiet ma' kontrapartijiet ċentrali kif imsemmi fit-Taqsima 5.3 tal-Parti 2;
 - (b) self sindikat kif indikat fit-Tabella 1 tal-Parti 2;
 - (c) titoli ta' dejn ta' maturità sa sentejn u garanzija kapitali nominali taħt 100 %, kif indikat fit-Tabella 1 tal-Parti 2.
3. Il-klassifikazzjoni skont is-settur imsemmija fit-Taqsima 3 tal-Parti 3.
4. Il-klassifikazzjoni skont il-pajjiż imsemmija fit-Taqsima 4 tal-Parti 3.
5. Il-klassifikazzjoni skont il-munita msemmija fit-Taqsima 5 tal-Parti 3.

Flimkien ma' dan, dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu iwettqu l-obbligi ta' rapportar statistiku imsemmija fil-Partijiet 2, 5 u 6 billi jirrapurtaw dejta fuq bażi trimestrali biss u skont l-obbligu ta' puntwalità mogħti għal statistika trimestrali fl-Artikolu 7(3).

PARTI 7

Sommarju

Sommarju tal-klassifikazzjonijiet għall-finijiet tal-karta tal-bilanċ aggregata tas-settur tal-IFM ⁽¹⁾

KATEGORIJI TA' STRUMENTI U MATURITÀ

PARTITI TAL-KARTA TAL-BILANĊ

ATTIV	PASSIV
1. Flus 2. Self sa sena ⁽²⁾ Aktar minn sena u sa 5 snin ⁽²⁾ aktar minn ħames snin ⁽²⁾ li minnhom: pożizzjonijiet intra-grupp li minnhom: self sindakat li minnhom: riakkwisti bil-maqlub li minnhom: self li jiġġedded u overdrafts (euro) li minnhom: kreditu tal-karti ta' kreditu ta' konvenjenza (euro) li minnhom: kreditu estiż tal-karti ta' kreditu (euro) li minnhom: kollateral tal-proprietà immobbli (?) Self b'maturità oriġinali ta' aktar minn sena (euro) li minnhom: self b'maturità li jkun għad fadal ta' anqas minn sena li minnhom: self b'maturità li jkun għad fadal ta' aktar minn sena u b'rata ta' imgħax mibdula fit-tnax-il xahar li jsegwu Self b'maturità oriġinali ta' aktar minn sentejn (euro) li minnhom: self b'maturità li jkun għad fadal ta' anqas minn sentejn li minnhom: self b'maturità li jkun għad fadal ta' aktar minn sentejn u b'rata ta' imgħax mibdula fl-erbgħa u għoxrin xahar li jsegwu 3. 3. Titoli ta' dejn miżmuma sa sena ⁽³⁾ aktar minn sena sa mhux aktar minn sentejn ⁽³⁾ aktar minn sentejn ⁽³⁾ 4. Ekwiżità 5. Ishma/unitajiet ta' fond ta' investment Ishma/unitajiet tal-MMF ishma/unitajiet f'fond tal-investment mhux MMF 6. Assi mhux finanzjarji (inklużi assi fissi) 7. Bqija tal-assi li minnhom: derivattivi finanzjarji li minnhom: imgħax akkumulat fuq self	8. Munita fiċ-ċirkolazzjoni 9. Depożiti sa sena ⁽⁴⁾ aktar minn sena ⁽⁴⁾ li minnhom: pożizzjonijiet intra-grupp li minnhom: depożiti trasferibbli li minnhom: sa sentejn li minnhom: self sindakat 9.1. Depożiti ta' matul il-lejl li minnhom: depożiti trasferibbli 9.2. Depożiti b'maturità miftiehma sa sena aktar minn sena u sa mhux aktar minn sentejn aktar minn sentejn 9.3. Depożiti li jistgħu jiġu mifdija b'avviż sa tliet xhur aktar minn tliet xhur li minnhom: aktar minn sentejn ⁽⁵⁾ 9.4. Riakkwisti 10. Ishma/unitajiet tal-MMF 11. Titoli ta' dejn maħruġin sa sena aktar minn sena u sa mhux aktar minn sentejn li minnhom: sa mhux aktar minn sentejn u garanzija kapitali nominali anqas minn 100 % aktar minn sentejn 12. Kapital u riżervi 13. Bqija tar-responsabbiltajiet li minnhom: derivattivi finanzjarji li minnhom: imgħax akkumulat fuq depożiti

⁽¹⁾ Rendikonti tad-dejta ta' kull xahar huma indikati b'tipa ħoxna, rendikonti tad-dejta trimestrali huma indikati b'tipa normali.

KONTROPARTIJET U KATEGORIJI SKONT L-ISKOP

ASSI	PASSIV
<p>A. Residenti domestiċi IFM li minnhom: Banek Ċentrali li minnhom: Korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr il-bank ċentrali Istituzzjonijiet mhux IFM Gvern Ġenerali gvern ċentrali Gvern statali il-gvern lokali, il-fondi ta' sigurtà soċjali. Setturi residenti oħrajn ⁽⁶⁾ fondi ta' investiment li mhumiex MMF (S.124) intermedjarji finanzjarji oħrajn, awżiljarji finanzjarji u istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus (S.125 + S.126 + S.127) ⁽⁶⁾ li minnhom: kontropartijiet ċentrali ⁽⁷⁾ li minnhom: FVCs ⁽⁷⁾ korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) fondi tal-pensjoni (S.129) ⁽⁶⁾ korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) ⁽⁶⁾ djar u istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (S.14 + S.15) ⁽⁶⁾ kreditu għall-konsum ⁽⁷⁾ self għax-xiri ta' dar ⁽⁷⁾ self ieħor ⁽⁷⁾ li minnhom: proprjetajiet uniċi/soċjetajiet mingħajr status legali ⁽⁷⁾</p>	<p>A. Residenti domestiċi IFM li minnhom: Banek Ċentrali li minnhom: Korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr il-bank ċentrali li minnhom: istituzzjonijiet ta' kreditu; Istituzzjonijiet mhux IFM Gvern Ġenerali gvern ċentrali gvern ġenerali ieħor Gvern statali il-gvern lokali, il-fondi ta' sigurtà soċjali. Setturi residenti oħrajn ⁽⁶⁾ fondi ta' investiment li mhumiex MMF (S.124) intermedjarji finanzjarji oħrajn, awżiljarji finanzjarji u istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus (S.125 + S.126 + S.127) ⁽⁶⁾ li minnhom: kontropartijiet ċentrali ⁽⁷⁾ li minnhom: FVCs ⁽⁷⁾ korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) fondi tal-pensjoni (S.129) ⁽⁶⁾ korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) ⁽⁶⁾ djar u istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (S.14 + S.15) ⁽⁶⁾</p>
<p>B. Residenti taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi IFM li minnhom: Banek Ċentrali li minnhom: Korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti għajr il-bank ċentrali Istituzzjonijiet mhux IFM Gvern Ġenerali gvern ċentrali Gvern statali il-gvern lokali, il-fondi ta' sigurtà soċjali. Setturi residenti oħrajn ⁽⁶⁾ fondi ta' investiment li mhumiex MMF (S.124) intermedjarji finanzjarji oħrajn, awżiljarji finanzjarji u istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus (S.125 + S.126 + S.127) ⁽⁶⁾ li minnhom: kontropartijiet ċentrali ⁽⁷⁾ li minnhom: FVCs ⁽⁷⁾ korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) fondi tal-pensjoni (S.129) ⁽⁶⁾ korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) ⁽⁶⁾ djar u istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (S.14 + S.15) ⁽⁶⁾ kreditu għall-konsum ⁽⁷⁾ self għax-xiri ta' dar ⁽⁷⁾ self ieħor ⁽⁷⁾ li minnhom: proprjetajiet uniċi/soċjetajiet mingħajr status legali ⁽⁷⁾</p>	<p>B. Residenti taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi IFM li minnhom: Banek Ċentrali li minnhom: Korporazzjonijiet li jaċċettaw id-depożiti minbarra l-bank ċentrali li minnhom: istituzzjonijiet ta' kreditu; Istituzzjonijiet mhux IFM Gvern Ġenerali gvern ċentrali gvern ġenerali ieħor Gvern statali il-gvern lokali, il-fondi ta' sigurtà soċjali. Setturi residenti oħrajn ⁽⁶⁾ fondi ta' investiment li mhumiex MMF (S.124) intermedjarji finanzjarji oħrajn, awżiljarji finanzjarji u istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus (S.125 + S.126 + S.127) ⁽⁶⁾ li minnhom: kontropartijiet ċentrali ⁽⁷⁾ li minnhom: FVCs ⁽⁷⁾ korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) fondi tal-pensjoni (S.129) ⁽⁶⁾ korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) ⁽⁶⁾ djar u istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (S.14 + S.15) ⁽⁶⁾</p>
<p>Ċ Residenti tal-bqija tad-dinja Banek Istituzzjonijiet mhux banek Gvern Ġenerali residenti oħra</p>	<p>Ċ Residenti tal-bqija tad-dinja Banek Istituzzjonijiet mhux banek Gvern Ġenerali residenti oħra</p>
<p>D. Total</p>	<p>D. Total</p>

MUNITI

e euro**x muniti barranin** - muniti oħra għajr l-euro, (jiġifieri muniti ta' Stati Membri oħra, USD, JPY, CHF, muniti li jibqa') ⁽⁸⁾.

- (²) Rendikont tal-maturità ta' kull xahar jirreferi biss self lil setturi prinċipali ta' residenti għajr IFM u l-gvern ġenerali tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. Il-klassifikazzjonijiet korrispondenti tal-maturità għal self lill-gvern ġenerali, għajr il-gvern ċentrali tal-Istati Membri taż-żona tal-euro huma trimestrali.
- (³) Il-klassifikazzjoni tal-maturità ta' kull xahar jirreferi biss għal investimenti f'titoli maħruġa minn IFM li jinsabu fiż-żona tal-euro. Bħala daejta trimestrali, l-investimenti f'titoli maħruġa minn istituzzjonijiet mhux IFM fiż-żona tal-euro huma maqsuma f'sena u 'ihtar minn sena'.
- (⁴) Fil-konfront tal-bqija tad-dinja biss.
- (⁵) Ir-rappurtar tal-partita 'depożiti mifdija fuq abbiż ta' aktarm inn sentejn' huwa volontarju sakemm ma jingħatax avviż ieħor.
- (⁶) Rendikont ta' kull xahar skont is-sottosetturi huwa meħtieġ għal self u depożiti.
- (⁷) Għal self, huwa inkluż rendikont ulterjuri skont l-iskop għas-sottosettur S.14 + S.15. Barra minn dan, għal numru limitat ta' strumenti, huma meħtieġa aktar 'li minnhom pożizzjonijiet' għal xi sottosetturi: 'li minnhom kontropartijiet ċentrali' u 'li minnhom korporazzjonijiet ta' vetturi finanzjarji' għas-sottosettur S.125; 'li minnhom proprjetajiet uniċi/soċjetajiet mingħajr status legali' għal self lis-sottosettur S.14; 'li minnhom kollateral ta' proprjetà immobbli' għal self lis-sottosetturi S.11 u S.14 + S.15 (obbligji trimestrali biss).
- (⁸) Rendikont trimestrali skont il-munita ta' kull Stat Membru ieħor huwa meħtieġ għal partiti magħżula biss.

ANNEX II

PRINĊIPI TA' KONSOLIDAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

PARTI 1

Konsolidazzjoni għal skopijiet statistiċi fl-istess Stat Membru.

1. Għal kull Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro (minn hawn 'il quddiem 'Stat Membru taż-żona tal-euro'), il-popolazzjoni ta' rapportar tikkonsisti fl-IFM inklużi fil-lista ta' IFM għal skopijiet statistiċi u ta' residenti fit-territorju tal-Istati Membri taż-żona tal-euro ⁽¹⁾. Dawn huma:
 - (a) istituzzjonijiet inkorporati u li jinsabu fit-territorju, inklużi sussidjarji ⁽²⁾ ta' kumpanniji parent li jkunu jinsabu barra dak it-territorju; u
 - (b) ferġat ta' istituzzjonijiet li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom barra dak it-territorju.Istituzzjonijiet li jinsabu f'ċentri finanzjarji offshore huma meqjusa statistikament bħala residenti tat-territorji fejn jinsabu ċ-ċentri.
2. L-IFM jikkonsolidaw għal skopijiet statistiċi in-negozju tal-uffiċċji kollha tagħhom (uffiċċju reġistrat jew prinċipali u/jew ferġat) li jinsab fl-istess Stat Membru. L-ebda konsolidazzjoni ma hija permessa għal skopijiet statistiċi bejn konfini nazzjonali.
 - (a) Jekk kumpanija parent u s-sussidjarji tagħha jkunu IFM li jinsabu fl-istess Stat Membru, il-kumpanija parent titħalla tikkonsolida fil-prospetti statistiċi tagħha n-negozju ta' dawn is-sussidjarji, iżda għandhom jinżammu separati n-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u IFM oħra.
 - (b) Jekk istituzzjoni jkollha ferġat li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri l-oħrajn taż-żona tal-euro, l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali li jinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro jqis il-pożizzjonijiet lejn dawn il-ferġat kollha bħala pożizzjoni lejn residenti tal-bqija tad-dinja. Bil-maqlub, ferġa li tinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro taż-żona tal-euro partikolari tqis il-pożizzjonijiet lejn l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali jew lejn il-ferġat l-oħra tal-istess istituzzjoni li tinsab fi ħdan it-territorju tal-Istati Membri parteċipanti l-oħra bħala pożizzjonijiet lejn residenti fl-Istati Membri l-oħrajn taż-żona tal-euro.
 - (c) Jekk istituzzjoni jkollha ferġat li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali li jinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro tqis il-pożizzjoni lejn dawn il-ferġat kollha bħala pożizzjonijiet lejn residenti tal-bqija tad-dinja. Bil-maqlub, ferġa li tinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro tqis il-pożizzjonijiet lejn l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali jew lejn il-ferġat l-oħra tal-istess istituzzjoni li tinsab barra mill-Istati Membri taż-żona tal-euro bħala pożizzjonijiet lejn residenti fil-bqija tad-dinja.

PARTI 2

Definizzjonijiet ta' kategoriji ta' strumenti

1. Din it-tabella tipprovdi deskrizzjoni dettaljata u standard tal-kategoriji tal-istrumenti li l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jittrasponu f'kategoriji applikabbli fil-livell nazzjonali skont dan ir-Regolament. It-tabella ma tikkonstitwixxi lista ta' strumenti finanzjarji individwali u d-deskrizzjonijiet ma humiex eżawrjenti. Id-definizzjonijiet jirreferu għall-ESA 2010.
2. Il-maturità oriġinali, jiġifieri l-maturità mal-ħruġ, tirreferi għall-perijodu fiss tal-ħajja ta' strument finanzjarju li qablu ma jstax jiġi mifdi, eż. titoli ta' dejn, jew li jista' jiġi mifdi biss qabel jekk titħallas xi tip ta' penali, eż. xi tipi ta' depożiti. Il-perijodu ta' avviż jikkorrispondi għaż-żmien bejn il-mument li d-detentur jagħti avviż ta' intenzjoni li jifdi l-istrument u d-data ta' meta d-detentur jitħalla jikkonvertih fi flus minghajn ma jeħel penali. L-istrumenti finanzjarji huma klassifikati skont il-perijodu ta' avviż biss meta ma jkunx hemm ebda maturità miftehma.
3. Tista' ssir distinzjoni bejn pretensjonijiet finanzjarji skont jekk ikunux negozjabbli jew le. Pretensjoni tkun negozjabbli jekk is-sjeda tagħha tkun faċilment tista' tiġi trasferita minn unità għal oħra b'konsenja jew approvazzjoni jew tkun paċuta fil-każ ta' derivattivi finanzjarji. Filwaqt li kwalunkwe strument finanzjarju jista' potenzjalment jiġi nneozjat, l-istrumenti negozjabbli huma mfassla biex ikunu nneozjati permezz ta' borża organizzata jew barra l-borża, minkejja li jekk attwalment ikunux innegozjati mhix kundizzjoni neċessarja għan-negozjabbiltà.

⁽¹⁾ Fit-tabelli ta' dan l-Annex, il-BĊE huwa kklassifikat bħala IFM residenti fil-pajjiż fejn jinsab fiżikament il-BĊE.

⁽²⁾ Is-sussidjarji huma entitajiet inkorporati separatament li entità oħra jkollha parteċipazzjoni sħiħa jew maġġoranza fihom, filwaqt illi l-ferġat huma entitajiet mhux inkorporati (minghajn status legali indipendenti) li huma kollha ta' proprjetà tal-kumpanija parent.

Tabella

Kategoriji ta' strumenti

KATEGORIJI TA' ATTIV

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
1. Flus	<p>Żammiet ta' euro u karti tal-flus u muniti barranin fiċ-ċirkolazzjoni li huma użati b'mod komuni sabiex isiru l-pagamenti.</p>
2. Self b'maturità oriġinali sa u tinkludi sena waħda/ aktar minn sena u sa u tinkludi ħames snin/aktar minn ħames snin	<p>L-investimenti f'assi finanzjarji maħluqa meta l-kredituri jsejlfu fondi lid-debituri, li mhumiex ippruvati minn dokumenti jew li huma ppruvati minn dokumenti mhux negozzabbli. Din il-partita tinkludi wkoll assi fil-forma ta' depożiti magħmula minn aġenti li jirrapportaw. Il-BĊNi jistgħu jitolbu wkoll rendikont sħiħ tas-settur għal din il-partita.</p> <p>1. Din il-partita tinkludi:</p> <p>(a) self mogħtija lil unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet li ma għandhomx l-għan li jagħmlu profitt li jisservizzjaw unitajiet domestiċi, ikklassifikati skont:</p> <p>(i) kreditu għall-konsum (self mogħti għall-iskop ta' użu prinċipalment personali fil-konsum ta' oġġetti u servizzi). Kreditu għall-konsum mogħti lil proprjetajiet uniċi/soċjetajiet mingħajr status legali huwa inkluż f'din il-kategorija, jekk l-IFM li tirrapporta tkun taf li s-self jintuża b'mod predominanti għal skopijiet ta' konsum personali;</p> <p>(ii) self għal xiri ta' dar (kreditu estiż għall-iskop ta' investiment fi djar għal użu personali jew kiri, inkluż bini u irranġar). Dan jinkludi self iggarantiti fuq proprjetà residenzjali li jintużaw għall-iskop ta' xiri ta' dar u self oħrajn għal xiri ta' dar li jsiru fuq bażi personali jew li jkunu ggarantiti kontra forum ta' assi oħrajn. Self fuq djar mogħtija lil proprjetajiet uniċi/soċjetajiet mingħajr status legali huma inklużi f'din il-kategorija ħliet jekk l-IFM li tirrapporta tkun taf li d-dar tintuża b'mod predominanti għal skopijiet relatati ma' negozju, f'liema każ tiġi rrapportata bħala 'self ieħor li minnhom proprjetajiet uniċi/soċjetajiet mingħajr status legali';</p> <p>(iii) ieħor (self mogħtija għal skopijiet minbarra konsum u xiri ta' djar, bħal negozju, konsolidazzjoni ta' dejn, edukazzjoni, eċċ). Din il-kategorija tista' tinkludi self għal skopijiet ta' konsum lil sidien proprjetajiet uniċi/soċjetajiet mingħajr status legali (ara l-Parti 3 tal-Anness II) jekk dan ma jiġix irrappurtat fil-kategorija "kreditu għall-konsum". Sakemm ma japplikawx il-kundizzjonijiet għal rappurtar imnaqqas, għandha tiġi rrapportata pożizzjoni "li minnhom", li tidentifika separatament f'din il-kategorija s-self mogħtija lil proprjetajiet uniċi (ara l-Parti 3 tal-Anness II).</p> <p>(b) dejn tal-karti ta' kreditu</p> <p>Għall-fini ta' dan ir-Regolament, din il-kategorija tkopri kreditu mogħti lil unitajiet domestiċi jew lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji jew permezz ta' karti ta' debitu ttardjati, jiġifieri kards li jipprovdu kreditu ta' konvenjenza kif iddefinit hawn isfel, jew permezz ta' karti ta' kreditu, jiġifieri kards li jipprovdu kreditu ta' konvenjenza u kreditu estiż. Dejn tal-karti ta' kreditu huwa rreġistrat f'kontijiet dedikati ta' kards u għalhekk ma jkunx evidenti f'kontijiet kurrenti jew ta' overdraft. Kreditu ta' konvenjenza huwa ddefinit bħala kreditu mogħti b'rata ta' imgħax ta' 0 % fil-perjodu bejn it-tranżazzjonijiet tal-ħlas imwettqa bil-kard matul ċiklu wieħed ta' fatturar u d-data li fiha l-bilanċi ta' debitu minn dan iċ-ċiklu speċifiku ta' fatturar isiru dovuti. Kreditu estiż huwa ddefinit bħala l-kreditu mogħti wara li d-dati dovuti taċ-ċiklu ta' fatturar ta' qabel ikunu għaddew, jiġifieri ammonti ta' debitu fuq il-kont tal-kard li ma jkunux ġew saldati meta dan kien possibbli l-ewwel darba, li s-soltu fuqhom ikun hemm rata ta' imgħax jew rati ta' imgħax gradwatorji ta' aktar minn 0 %. Ħafna drabi jkollhom isiru ħlasijiet minimi bin-nifs kull xahar, ħalli ta' lanqas jiġihallas lura parzjalment il-kreditu estiż.</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
	<p>Il-kontroparti ta' dawn il-forom ta' kreditu hija l-entità attwalment responsabbli biex tħallas lura l-ammonti pendenti skont il-ftehim kuntrattwali, li jikkoinċidi mad-detentur tal-kard fil-każ ta' kards użati privatament, imma mhux fil-każ ta' kards tal-kumpaniji;</p> <p>(c) Self li jiġġedded u overdrafts</p> <p>Self li jiġġedded huwa self li għandu dawn il-karatteristiċi kollha: (i) min jissellef jista' juża jew jirtira fondi sa limitu ta' kreditu approvat minn qabel mingħajr ma javża minn qabel lil min isellef; (ii) l-ammont ta' kreditu disponibbli jista' jiżdied u jonqos hekk kif il-fondi jiġu mislufa u mħallsa lura; (iii) il-kreditu jista' jintuża b'mod ripetut; (iv) ma hemm ebda obbligu ta' ħlas lura regolari tal-fondi.</p> <p>Self li jiġġedded jinkludi l-ammonti miksuba permezz ta' linja ta' kreditu u li jkunu għadhom ma tħallsux lura (ammonti pendenti). Linja ta' kreditu hija ftehim bejn min jislef u min jissellef li jħalli lil min jissellef jieħdu flus bil-quddiem, matul perijodu ddefinit u sa ċertu limitu, u jħallas lura fid-diskrezzjoni tiegħu l-flus miġbuda qabel data ddefinita. Ammonti disponibbli permezz ta' linja ta' kreditu li ma jkunux iṅġibdu jew li jkunu tħallsu lura diġà m'għandhomx jitqiesu taħt l-ebda kategorija tal-partiti tal-karta tal-bilanċ. Overdrafts huma bilanċi ta' debitu fuq kontijiet kurrenti. Kemm self li jiġġeddu u overdrafts jeskludu self mogħti permezz ta' karti ta' kreditu. L-ammont totali dovut minn min jissellef għandu jiġi rrapportat, irrispettivament minn jekk huwiex fi ħdan jew lil hinn minn kwalunkwe limitu miftiehem bejn min jislef u min jissellef fir-rigward tad-daqs u/jew il-perijodu massimu tas-self;</p> <p>(d) Self sindakati (ftehim ta' self wieħed, li fih jipparteċipaw diversi istituzzjonijiet bħala selliefa).</p> <p>Self sindakati jkopru biss każijiet fejn min jissellef jaf, mill-kuntratt tas-self, li s-self huwa magħmul minn diversi selliefa. Għall-finijiet ta' statistika, huma l-ammonti biss attwalment maħruġa mis-selliefa (aktar milli linji ta' kreditu totali) li jitqiesu bħala self sindakati. Is-soltu s-self sindakat huwa arrangat u kkoordinat minn istituzzjoni waħda (ħafna drabi msejħa "il-manijer ewlieni") u magħmul minn diversi parteċipanti fis-sindakat. Il-parteċipanti kollha, inkluż il-manijer ewlieni, ilkoll jirrapportaw is-sehem tagħhom tas-self fil-konfront ta' min jissellef (jiġifieri mhux fil-konfront tal-manijer ewlieni) fl-attiv tal-karti tal-bilanċ tagħhom;</p> <p>(e) depożiti kif definiti fil-kategorija tal-passiv 9;</p> <p>(f) kiri finanzjarju lil terzi persuni</p> <p>Kiri finanzjarju huma kuntratti fejn is-sid legali ta' beni durevoli (iktar 'il quddiem il-"lokatur") jislef dawn l-assi lil terza persuna (iktar 'il quddiem il-"lokatarju") għall-biċċa l-kbira tal-ħajja kollha ekonomika tal-assi, jew mhux kollha, bi skambju għal ħlasijiet bin-nifs li jkopru kemm jiswa l-beni flimkien ma' ħlas tal-imgħax imputat. Il-lokatarju fil-fatt huwa preżunt li jirċievi l-benefiċċji kollha li jistgħu jinkisbu mill-użu tal-beni u li jġarrab l-ispejjeż u r-riskji assoċjati mas-sjeda. Għal finijiet statistiċi, kirjiet finanzjarji huma ttrattati bħala self mil-lokatur lil-lokatarju li jippermettu lil-lokatarju biex jixtri l-beni durevoli. L-assi (oġġetti durevoli) li jkunu ġew mislufa lil-lokatarju m'huma rreġistrati mkien fuq il-karta ta' bilanċ;</p> <p>(g) self li ma jistax jiġi rkuprat li jkun għadu ma tħallasx lura u lanqas ma ġie kkanċellat</p> <p>L-ammont totali ta' self li fir-rigward tiegħu l-ħlas lura jkun ilu dovut jew inkella identifikat bħala indebolit, parzjalment jew totalment, skont id-definizzjoni ta' inadempjenza fl-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;</p> <p>(h) investimenti f'titoli mhux negozjabbli</p> <p>Investimenti f'titoli ta' dejn li ma humiex negozjabbli u ma jistgħux jiġu nnegozjati fi swieq sekondarji;</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
	<p>(i) self innegozjati</p> <p>Self li <i>de facto</i> jkunu saru negozjabbli għandhom jiġu kklassifikati taħt il-partita ta' assi "self" kemm-il darba ma jkun hemm ebda evidenza ta' negozjar f'suq sekondarju. Inkella għandhom jiġu kklassifikati bħala titoli ta' dejn (kategorija 3);</p> <p>(j) dejn subordinat fil-forma ta' depożiti jew self</p> <p>Strumenti ta' debitu subordinat jipprovdu pretensjoni sussidjarja kontra l-istituzzjoni emittenti li tista' tiġi eżerċitata biss wara li jkunu ġew sodisfatti l-pretensjonijiet kollha bi status ogħla, eż. depożiti/self, biex b'hekk jingħatawlihom xi wħud mill-karatteristiċi ta' ekwità. Għal skopijiet statistiċi, dejn subordinat għandu jiġi kklassifikat bħala "self" jew "titoli ta' dejn" skont in-natura tal-istrument finanzjarju. Meta investimenti ta' IFM ta' kull forma ta' dejn subordinat ikunu identifikati attwalment bħala ċifra unika għal skopijiet statistiċi, din iċ-ċifra trid tiġi klassifikata taħt il-partita tal-assi "titoli ta' dejn", fuq il-bażi li debitu subordinat huwa kkostitwit b'mod predominanti fil-forma ta' titoli, aktar milli self;</p> <p>(k) pretensjonijiet taħt riakkwisti bil-maqlub jew self ta' titoli kontra kollateral fi flus</p> <p>Kontraparti ta' flus mħallsa bi skambju għal titoli mixtrija minn aġenti ta' rappurtar bi prezz miftiehem b'impenn sod biex l-istess titoli jew simili jergġghu jinbiegħu bi prezz fiss f'data future speċifikata, jew self ta' titoli kontra kollateral fi flus (ara l-kategorija tal-passiv 9.4).</p> <p>Għall-finijiet ta' din l-iskema ta' rapprotar, il-klassifikazzjoni tas-self skont il-kollateral ta' proprjetà immobbli jinkludi l-ammont totali ta' self pendenti li huma kollateralizzati b'mod konformi mal-Artikolu 199 paragrafi 2 sa 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, bi proporzjon ta' self pendenti/kollaterali ta' 1 jew inqas minn 1. Jekk dawn ir-regoli ma jiġux applikati mill-aġent tar-rapportar, id-determinazzjoni tas-self li għandhom jiġu inklużi f'dan il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq l-approċċ magħżul biex tinkiseb konformità mar-rekwiżiti kapitali.</p> <p>2. Il-partita li ġejja <i>mhiġiex</i> trattata bħala self:</p> <p>Self mogħtija fuq bażi ta' trust</p> <p>Self mogħtija fuq bażi ta' trust, jiġifieri self lil trust jew self fiduċjarji, huma self li jinħarġu f'isem ta' persuna waħda (iktar 'il quddiem il-"fiduċjarju") f'isem terza persuna (iktar 'il quddiem il-"benefiċjarju"). Għal finijiet statistiċi, self lil trust ma jridux jiġu reġistrati fuq il-karta ta' bilanċ tal-fiduċjarju meta r-riskji u l-benefiċċji tas-sjieda tal-fondi jibqgħu f'idejn il-benefiċjarju. Ir-riskji u l-benefiċċji tas-sjieda jibqgħu f'idejn il-benefiċjarju meta: (a) il-benefiċjarju jassumi r-riskju ta' kreditu tas-self, jiġifieri l-fiduċjarju huwa responsabbli biss għall-ġestjoni amministrattiva tas-self; jew (b) l-investiment tal-benefiċjarju huwa ggarantit kontra telf, jekk il-fiduċjarju jidħol f'likwidazzjoni, jiġifieri is-self lil trust mhuwiex parti mill-assi tal-fiduċjarju li jistgħu jitqassmu fil-każ ta' falliment.</p>
3. Titoli ta' dejn	<p>Investimenti f'titoli ta' dejn, li huma strumenti finanzjarji negozjabbli li jservu bħala evidenza ta' dejn, li normalment huma nnegozjati fi swieq sekondarji jew jistgħu jiġu paċuti fis-suq, u li ma jagħtu ebda tip ta' dritt ta' proprjetà lid-detentur fuq l-istituzzjoni emittenti.</p> <p>Din il-partita tinkludi:</p> <p>(a) Investimenti f'titoli li jagħtu lid-detentur id-dritt mingħajr kundizzjoni għal qligħ fiss jew qligħ stabbilit b'kuntratt fil-forma ta' pagamenti ta' kupuni u/jew ta' somma fissa stabbilita minn qabel f'data jew dati speċifiċi, jew li tibda minn data stabbilita fil-ħin tal-ħruġ;</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
	<p>(b) self li jkunu saru negozjabbli f'suq organizzat, jiġifieri self innegozjati, sakemm ikun hemm prova ta' kummerċ f'suq sekondarju, inkluża l-eżistenza ta' ġeneraturi tas-suq, u l-kwotazzjoni frekwenti tal-ass finanzjarju, bħal dik ipprovduta minn bid-offer spreads. Meta dan ma jkunx il-każ, għandhom jiġu kklassifikati taħt il-partita ta' assi 'self' (ara wkoll 'self innegozjati' fil-kategorija 2i);</p> <p>(c) dejn subordinat fil-forma ta' titoli ta' dejn (ara ukoll "dejn subordinat fil-forma ta' depożiti jew self" fil-kategorija 2j)</p> <p>Titoli mislufa taġt operazzjonijiet ta' self ta' titoli jew mibjugħa taħt ftehim ta' riakkwist jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ tas-sid oriġinali (u ma għandhomx jiġu rreġistrati fuq il-karta tal-bilanċ tal-akkwired temporanju) meta jkun hemm impenn sod biex tinqaleb l-operazzjoni, u mhux sempliċement opzjoni biex isir dan. Meta l-akkwired temporanju ibiegħ it-titoli rċevuti, dan il-bejgħ għandu jtnizzel bħala transazzjoni ċara f'titoli u mdaħħla fil-karta tal-bilanċ tal-akkwired temporanju bħala pożizzjoni negattiva fil-portafoll tat-titoli.</p>
3a/3b/3c Titoli ta' dejn b'maturità oriġinali sa u inkluża sena/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn	<p>Dawn il-partiti jinkludu:</p> <p>(a) Investimenti f'titoli negozjabbli ta' dejn b'maturità oriġinali sa u inkluża sena/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn;</p> <p>(b) self li jkunu saru negozjabbli f'suq organizzat, jiġifieri self oriġinali li jkunu kklassifikati bħala titoli ta' dejn, b'maturità oriġinali sa u inkluża sena/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn;</p> <p>(c) Dejn subordinat fil-forma ta' titoli negozjabbli ta' dejn ta' maturità oriġinali sa u inkluża sena/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn</p>
4. Ekwità	<p>Ekwità tirrappreżenta drittijiet ta' proprjetà fuq korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet; hija pretensjoni dwar il-valur li jifdal wara li l-pretensjonijiet tal-kredituri kollha jkunu ġew sodisfatti.</p> <p>Din il-partita tinkludi ishma elenkati u mhux elenkati u ekwità oħra</p>
5. Ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment	<p>Ishma jew unitajiet maħruġa minn fondi ta' investiment li huma intrapriżi ta' investiment kollettiv li jinvestu f'attiv finanzjarju u/jew mhux finanzjarju, sal-punt li l-għan huwa l-investiment ta' kapital miġbur mill-pubbliku</p> <p>Din il-partita tinkludi ishma/unitajiet MMF (maħruġa mill-MMFs bis-saħħa tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament u ishma/unitajiet maħruġa minn fondi ta' investiment mhux MMF (kif definit fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38)</p>
6. Attiv mhux finanzjarju (inkluż attiv fissi)	<p>Attiv tanġibbli jew intanġibbli minbarra attiv finanzjarju. Din il-partita tinkludi residenzi, binjiet u strutturi oħra, makkinarju u tagħmir, oġġetti prezzjużi, prodotti tal-proprjetà intellettuali bħal programmi tal-kompjuter u databases</p>
7. Attiv li jifdal	<p>Il-partita 'attiv li jifdal' hija l-partita residwali fuq in-naħa tal-attiv tal-karta ta' bilanċ, definita bħala "attiv mhux inkluż x'imkien ieħor". Il-BĊNi jistgħu jitolbu r-rappurtar ta' sotto-pożizzjonijiet speċifiċi inklużi f'din il-partita. Attiv li jifdal jista' jinkludi:</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
	<p>(a) pożizzjonijiet ta' derivattivi finanzjarji b'valuri tas-suq gross positivi</p> <p>Għal finijiet statistiċi, strumenti derivattivi finanzjarji li jkunu soġġetti għal reġistrazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ huma inklużi hawnhekk u għandhom jiġu rrapportati bħala partita separata "li minnhom" bi klassifikazzjoni settorjali (IFM/mhux IFM) u ġeografika (domestiċi/taż-żona tal-euro ħlief għal dawk domestiċi/il-kumplament tad-dinja);</p> <p>(b) ammonti gross riċevibbli fir-rigward ta' oġġetti sospiżi</p> <p>Oġġetti sospiżi huma bilanċi tal-assi miżmuma fil-karta ta' bilanċ tal-IFM li mhumiex reġistrati fl-isem ta' konsumaturi imma li madanakollu għandhom x'jaqsmu ma' fondi tal-konsumatur, eż. fondi li qed jistennew investment, trasferiment jew saldu;</p> <p>(c) ammonti gross riċevibbli fir-rigward ta' oġġetti ta' tranżitu</p> <p>Oġġetti ta' tranżitu jirrappreżentaw fondi, li normalment jappartjenu lill-konsumaturi, li jkunu qegħdin jiġu trazzmessi bejn IFM. Oġġetti jinkludu ċekkijiet u forom oħra ta' pagament li jkunu ntagħtu għall-ġbir lil IFM oħrajn;</p> <p>(d) imgħax akkumulat riċevut fuq self</p> <p>Skont il-prinċipju ġenerali tal-kontabbiltà abbażi tal-ammonti dovuti, l-imgħax riċevut fuq is-self għandu jkun suġġett għal reġistrazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ hekk kif jakkumula, jiġifieri fuq il-bażi tal-ammonti dovuti, u mhux meta attwalment jiġi riċevut, jiġifieri fuq il-bażi ta' flus. L-imgħax akkumulat fuq self huwa kklassifikat fuq bażi gross taħt il-kategorija "assi li jifdal". L-imgħax akkumulat huwa eskluż miself li miegħu jkun relatat, u għandu jiġi rrapportat bħala partita separata "li minnhom";</p> <p>(e) imgħax akkumulat fuq investimenti f'titoli ta' dejn;</p> <p>(f) dividendi li għad iridu jiġu riċevuti;</p> <p>(g) ammonti riċevibbli mhux relatati man-negozju ewleni tal-IFM;</p> <p>(h) kontraparti tal-assi għal muniti maħruġa mill-Istat (karti tal-bilanċ tal-BĊNi biss);</p> <p>"Assi li jifdal" <i>jeskludu</i> strumenti finanzjarji li jieħdu l-forma ta' assi finanzjarji (inklużi fl-oġġetti l-oħra tal-karta ta' bilanċ), ċerti strumenti finanzjarji li ma jieħdux il-forma ta' assi finanzjarji, bħal ma huma garanziji, impennji, self amministrati u self lil trust (irreġistrati b'mod li ma jidherx fil-karta ta' bilanċ), u assi li mhumiex finanzjarji (inklużi fi ħdan il-kategorija 6)</p>

KATEGORIJI TA' PASSIV

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
8. Munita fiċ-ċirkolazzjoni	<p>Il-kategorija tal-passiv ta' "munita fiċ-ċirkolazzjoni" hija karti tal-flus u muniti fiċ-ċirkolazzjoni maħruġin jew awtorizzati minn awtoritajiet monetarji. Din il-kategorija tinkludi karti tal-flus maħruġa mill-BĊE u l-BĊNi. Muniti fiċ-ċirkolazzjoni mhumiex passiv tal-IFM fl-Istati Membri taż-żona tal-euro, imma passiv tal-gvern ċentrali. Madankollu, muniti huma parti mill-aggregati monetarji u għalhekk jiddaħħlu taħt il-kategorija "munita fiċ-ċirkolazzjoni". Il-kontraparti għal dan il-passiv għandha tiġi inkluża taħt "assi li jifdal"</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
9. Depożiti	<p data-bbox="539 271 1337 398">Ammonti (ishma, depożiti jew oħrajn), li huma dovuti lil kredituri minn aġenti ta' rapportar u li jaqgħu taħt il-karatteristiċi deskritti fit-Taqsima 1 tal-Parti 1 tal-Anness I, ħlief dawk li jirriżultaw mill-ħruġ ta' titoli negozjabbli jew ishma/unitajiet ta' MMF. Għall-finijiet tal-iskema ta' rapportar, din il-kategorija hija maqsuma f'depożiti ta' matul il-lejl, depożiti b'maturità miftiehma, depożiti li jinfedew fuq talba u ftehim ta' riakkwist</p> <p data-bbox="539 432 707 461">(a) depożiti u self</p> <p data-bbox="571 495 1337 824">"Depożiti" jkopri wkoll "self" bħala passi tal-IFM. F'termini kunċettwali, self jirrappreżenta ammonti rċevuti mill-IFM li mhumiex strutturati fil-forma ta' "depożiti". L-ESA 2010 jiddistingwi bejn "self" u "depożiti" fuq il-bażi tal-parti li tieħu l-inizjattiva, jiġifieri jekk tkun il-parti li tissellef, allura jikkostitwixxi self, imma jekk tkun il-parti li tislef, imbagħad jikkostitwixxi depożitu. Fl-iskema ta' rapportar, "self" mhumiex rikonoxxuti bħala kategorija separata fuq in-naħa tal-passiv tal-karta ta' bilanċ. Minflok, bilanċi li huma meqjusa bħala "self" għandhom jiġu kklassifikati bla distinzjoni taħt il-partita "passiv ta' depożitu", ħlief jekk ikunu rappreżentati permezz ta' strumenti negozjabbli. Dan huwa konformi mad-definizzjoni ta' "passiv ta' depożitu" iktar 'il fuq. Self lil IFM li huma klassifikati bħala "passiv ta' depożitu" għandhom jiġu kklassifikati skont ir-rekwiżiti tal-iskema ta' rapportar, jiġifieri skont is-settur, strument, munita u maturità. Self sindakat irċevut minn aġenti tar-rapportar jaqgħu taħt din il-kategorija.</p> <p data-bbox="539 857 914 887">(b) strumenti ta' dejn mhux negozjabbli.</p> <p data-bbox="571 920 1337 1048">Strumenti ta' dejn mhux negozjabbli maħruġa minn aġenti li jirrapportaw ġeneralment għandhom jiġu klassifikati bħala "passiv ta' depożitu". Strumenti li mhumiex negozjabbli maħruġa minn aġenti li jirrapportaw li sussegwentement isiru negozjabbli u li jistgħu jiġu negozjati fi swieq sekondarji għandhom jiġu klassifikati mill-ġdid bħala "titoli ta' dejn".</p> <p data-bbox="539 1081 743 1111">(c) depożiti marġinali</p> <p data-bbox="571 1144 1337 1518">Depożiti marġinali (marġini) li jsiru skont kuntratti derivattivi għandhom jiġu klassifikati bħala "passiv ta' depożitu" meta jkunu jirrappreżentaw kollaterali ta' flus depożitati ma' IFM u meta jibqgħu l-proprjetà tad-depożitatur u jkollhom jerġgħu jitħallsu lura lid-depożitatur meta jagħlaq il-kuntratt. Fil-prinċipju, marġni rċevuti mill-aġent li jirrapporta għandhom jiġu kklassifikati bħala "passiv ta' depożitu" biss sal-punt li l-IFM tiġi pprovduta b'fondi li jkunu disponibbli liberament għal self ta' fondi mislufa; meta parti tal-marġni rċevuta mill-IFM ikollha tingħadda li parteċipant ieħor fis-suq tad-derivattivi, eż. clearing house, dik il-parti biss li tibqa' għad-dispożizzjoni tal-IFM għandha fil-prinċipju tiġi kklassifikata bħala "passiv ta' depożitu". Il-kompleksità ta' Prattika kurrenti fis-suq jistgħu jagħmluha diffiċli biex jiġu identifikati dawk il-marġni li verament jistgħu jitħallsu lura, minħabba li tipi differenti ta' marġni jitqiegħdu b'mod li ma jistgħux jintgħarfu fl-istess kont, jew dawk il-marġni li jipprovdu lill-IFM b'riżorsi għal self ta' fondi mislufa. F'dawn il-każijiet, huwa aċċettabbli li jiġu kklassifikati dawn il-marġni taħt "passiv li jifdal" jew bħala "passiv ta' depożitu".</p> <p data-bbox="539 1552 730 1581">(d) bilanċi mmarkati</p> <p data-bbox="571 1615 1337 1720">Skont il-prattika nazzjonali, "bilanċi mmarkati" relatati ma' pereżempju kuntratti ta' kiri huma kklassifikati bħala passiv ta' depożitu taħt "depożiti b'maturità miftiehma" jew "depożiti li jistgħu jinfedew fuq avviż" skont il-maturità/dispożizzjonijiet tal-kuntratt sottostanti.</p> <p data-bbox="539 1753 802 1783">(e) ishma maħruġa mill-IFM</p> <p data-bbox="571 1816 1337 1989">Ishma maħruġa minn IFM huma klassifikati bħala depożiti minflok bħala kapital u riżervi jekk: (i) ikun hemm relazzjoni ekonomika ta' debitur-kreditur bejn l-IFM emittenti u d-detentur, irrISPettivament minn kwalunkwe drittijiet ta' proprjetà f'dawn l-ishma; u (ii) l-ishma jistgħu jiġu kkonvertiti f'munita jew mifdija mingħajr restrizzjonijiet jew penali sinifikanti. Pejodu ta' avviż m'huwiex kunsidrat bħala restrizzjoni sinifikanti. Barra minn hekk, dawn l-ishma għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:</p> <p data-bbox="571 2022 1337 2074">— id-dispożizzjonijiet regolatorji nazzjonali rilevanti ma jipprovdu ebda dritt mingħajr kundizzjoni lill-IFM emittenti li tirrifjuta il-fidi tal-ishma tagħha,</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
	<p>— l-ishma huma “ta’ valur ċert”, jiġifieri taħt ċirkostanzi normali jiġu mħallsa bil-valur nominali tagħhom fil-każ ta’ fidi;</p> <p>— F’każ ta’ insolvenza tal-IFM, id-detenturi tal-ishma tagħha la jkunu soġġetti legalment għall-obbligu li jkopru l-passiv pendenti minbarra l-valur nominali tal-ishma, jiġifieri l-parteċipazzjoni tal-azzjonisti fil-kapital sottoskritt, u lanqas għal xi obbligu supplimentari oneruż ieħor. Is-subordinazzjoni tal-ishma għal xi strument ieħor maħruġ mill-IFM ma tikkwalifikax bħala obbligu supplimentari oneruż.</p> <p>Il-perijodi ta’ avviż għall-konversjoni ta’ dawn l-ishma f’munita jintużaw sabiex dawn l-ishma jiġu klassifikati skont il-perijodu ta’ avviż fi ħdan il-kategorija tal-istrumenti “depożiti”. Dawn il-perijodi ta’ avviż japplikaw ukoll meta jiġi ddeterminat il-proporzjon ta’ riżerva taħt l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9). Kull sehem immarkat relatat ma’ self magħmul mill-IFM għandu jiġi kklassifikat bħala passiv ta’ depożitu, bl-istess klassifikazzjoni oriġinali tal-maturità bħas-sell sottostanti, jiġifieri bħala “depożiti b’ maturità miftiehma” jew “depożiti li jinfedew b’avviż”, skont id-dispożizzjonijiet tal-maturità tal-kuntratt ta’ self sottostanti.</p> <p>Meta maħruġa mill-IFM, dawn l-ishma maħruġa mill-IFM u kklassifikati bħala depożiti minflok kapital u riżervi huma klassifikati mill-IFM possedenti bħala self fuq in-naħa tal-attiv tal-karta ta’ bilanċ tagħha.</p> <p>(f) passiv ta’ titolizzazzjoni</p> <p>Il-kontroparti tas-self u/jew ta’ assi oħrajn mibjugħa f’ titolizzazzjoni imma li xorta waħda hija rikonoxxuta fuq il-karta tal-bilanċ tal-istatistika.</p> <p>Il-partita li ġeja ma titqisx bħala depożitu:</p> <p>Fondi (depożiti) rċevuti fuq bażi ta’ trust m’għandhomx jiġu reġistrati fuq il-karta ta’ bilanċ ta’ statistika tal-IFM (ara “Self mogħti fuq bażi ta’ trust” taħt il-kategorija 2)</p>
9.1. Depożiti ta’ matul il-lejl	<p>Depożiti li jistgħu jinqelbu f’ munita u/jew li huma trasferibbli fuq talba permezz ta’ ċekk, ordni bankarja, dħul ta’ dejn jew mezz simili, mingħajr dewmien sinifikanti, restrizzjoni jew penali. Din il-partita tinkludi:</p> <p>(a) bilanċi (li jagħtu l-imgħax jew le) li jistgħu jinqelbu immedjatament f’ munita fuq talba jew permezz ta’ għeluq tan-negozju fil-jum ta’ wara dak li fih ikun sar id-depożitu, mingħajr xi penali jew restrizzjoni sinifikanti, imma li mhumiex trasferibbli;</p> <p>(b) bilanċi (li jagħtu l-imgħax jew le) li jirrappreżentaw ammonti mħallsa bil-quddiem fil-kuntest ta’ flejjes elettroniċi bbażati fuq il-hardwer jew fuq is-software, eż. kards imħallsa bil-quddiem;</p> <p>(c) self li jrid jitħallas lura fit-tmiem tal-ħin tax-xogħol fil-jum ta’ wara dak li fih ingħata s-self.</p>
9.1a. Depożiti trasferibbli	<p>Depożiti trasferibbli huma daww id-depożiti fi ħdan il-kategorija “depożiti ta’ matul il-lejl” li huma trasferibbli direttament fuq talba biex jagħmlu hłasijiet lil aġenti ekonomiċi oħra permezz ta’ mezzi ta’ hłas użati normalment, bħall trasferiment ta’ kreditu u debitu dirett, possibbilment ukoll permezz ta’ karta ta’ kreditu jew ta’ debitu, tranżazzjonijiet ta’ flus elettroniċi, ċekkijiet, jew mezzi simili, mingħajr dewmien sinifikanti, restrizzjonijiet jew penali. Depożiti li jistgħu jintużaw biss għal għbid ta’ flus, u/jew depożiti li minnhom jistgħu jingħidbu jew jiġu ttrasferiti flus permezz ta’ kont ieħor tal-istess sid, m’għandhomx jiddaħħlu bħala depożiti trasferibbli.</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
9.2. Depożiti b'maturità miftiehma	<p>Depożiti li mhumiex trasferibbli li ma jistgħux jinjalbu f'munita qabel terminu fiss miftiehem jew li jstgħu jinjalbu biss f'munita qabel dak it-terminu miftiehem kemm-il darba d-detentur iħallas xi tip ta' penali. Din il-partita tinkludi wkoll depożiti ta' tfaddil irregolati amministrattivament fejn il-kriterju relatat mal-maturità mhumiex rilevanti; dawn għandhom jiġu kklassifikati fil-faxxa ta' maturità ta' "aktar minn sentejn". Prodotti finanzjarji b'dispożizzjonijiet roll-over għandhom jiġu kklassifikati skont il-maturità l-aktar bikrija. Għalkemm depożiti b'maturità miftiehma jista' jkollhom il-possibbiltà li jinfedew aktar kmieni wara notifika minn qabel, jew jistgħu jinfedew fuq talba soġġetti għal ċerti penali, dawn il-karatteristiċi mhumiex meqjusa bħala rilevanti għall-finijiet ta' klassifikazzjoni</p>
9.2a/9.2b/9.2c Depożiti ta' maturità miftiehma sa u inkluża sena waħda/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn	<p>Dawn il-partiti jinkludu għal kull klassifikazzjoni ta' maturità:</p> <p>(a) Bilanċi mqegħda b'terminu fiss ta' maturità sa u inkluża sena waħda/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn li mhumiex trasferibbli u li ma jistgħux jinjalbu f'munita qabel dik il-maturità;</p> <p>(b) Bilanċi mqegħda b'terminu fiss ta' maturità sa u inkluża sena waħda/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn li mhumiex trasferibbli imma jinfedew qabel dak it-terminu wara notifika minn qabel; meta tkun ingħatat notifika, dawn il-bilanċi għandhom jiġu kklassifikati f'9.3a jew 9.3b, fejn xieraq;</p> <p>(c) Bilanċi mqegħda b'terminu fiss ta' maturità sa u inkluża sena waħda/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn li mhumiex trasferibbli imma jinfedew fuq talba soġġetti għal ċerti penali;</p> <p>(d) Pagamenti marġinali li jsiru skont kuntratti derivattivi li jridu jingħalqu fi żmien sena/bejn sena u sentejn/iktar minn sentejn, li jirrappreżentaw kollateral ta' flus kontanti mqegħda biex jiproteġu kontra riskju ta' kreditu imma li jibqgħu fil-pussess tad-depożitatur u li jistgħu jerġgħu jitħallsu lid-depożitatur meta jkun ingħalaq il-kuntratt;</p> <p>(e) Self, li tagħhom ikun hemm xiehda permezz ta' dokumenti mhux negozjabbli jew inkella li tagħhom ma jkunx hemm xiehda permezz ta' dokumenti, b'maturità oriġinali sa sena/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn;</p> <p>(f) Titoli ta' dejn mhux negozjabbli maħruġa mill-IFM li jkollhom maturità oriġinali sa u inkluża sena/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn;</p> <p>(g) Dejn subordinat maħruġ mill-IFM fil-forma ta' depożiti jew self b'maturità oriġinali sa u inkluża sena/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn.</p> <p>(h) Passiv ta' titolizzazzjoni.</p> <p>Il-kontroparti tas-self u/jew ta' assi oħrajn mibjugħa f'titolizzazzjoni imma li xorta waħda hija rikonoxxuta fuq il-karta tal-bilanċ tal-istatistika. B'konvenzjoni dan il-passiv huwa assenjat għall-klassifikazzjoni tal-maturità ta' "maturità miftiehma ta' aktar minn sentejn".</p> <p>Barra minn hekk, depożiti b'maturità miftiehma ta' aktar minn sentejn jinkludu:</p> <p>Bilanċi (irrispettivament mill-maturità) li fihom ir-rati tal-imgħax u/jew termini u kondizzjonijiet huma speċifikati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u li huma ddisinjati biex jinżammu għal għanijiet speċifiċi, eż. finanzjament għal djar, li jseħħu wara sentejn, anke jekk teknikment jistgħu jinfedew fuq talba</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
9.3. Depożiti li jistgħu jinfedew b'avviż	<p>Depożiti li mhumiex trasferibbli mingħajr maturità miftiehma li ma jistgħux jinqalbu f'munita mingħajr perijodu ta' avviż minn qabel, qabel l-iskadenza l-konvezjoni f'munita mhijiex possibbli jew hija possibbli biss b'penali. Dawn jinkludu depożiti li, għalkemm forsi jistgħu jiġu rtirati legalment fuq talba, ikunu soġġetti għal penali u restrizzjonijiet skont il-prattika nazzjonali (ikklassifikata fil-faxxa ta' maturità "sa u inklużi tliet xhur"), u kontijiet ta' investimenti mingħajr perijodu ta' avviż jew maturità miftiehma, imma li fihom dispożizzjonijiet restrittivi dwar għid ta' flus (ikklassifikati fil-faxxa ta' maturità ta' "aktar minn tliet xhur")</p>
9.3a/9.3b Depożiti li jinfedew b'avviż sa u inklużi tliet xhur/ta' aktar minn tliet xhur li minnhom fuq avviż ta' aktar minn sentejn	<p>Dawn il-partiti jinkludu:</p> <p>(a) Bilanċi mqegħda mingħajr maturità fissa li jistgħu jiġu rtirati biss soġġetti għal avviż minn qabel ta' sa u inklużi tliet xhur/iktar minn tliet xhur li minnhom aktar minn sentejn; jekk ikun possibbli li jinfedew qabel dak il-perijodu tal-avviż (jew anke fuq talba), ikun jinvolvi l-ħlas ta' penali; u</p> <p>(b) Bilanċi mqegħda b'terminu fiss ta' maturità li mhumiex trasferibbli imma li jkunu ġew soġġetti għal notifika ta' inqas minn tliet xhur/ta' aktar minn tliet xhur, li minnhom ta' aktar minn sentejn, għal fidi aktar kmieni</p> <p>Barra minn hekk, depożiti li jistgħu jinfedew b'avviż sa u inklużi tliet xhur jinkludu depożiti mhux trasferibbli mad-daqqa t'għajn u tipi oħrajn ta' depożiti bl-ilmnut li, għalkemm jistgħu jinfedew legalment fuq talba, huma suġġetti għal penali sinifikanti</p> <p>Depożiti li jistgħu jinfedew b'avviż ta' aktar minn tliet xhur li minnhom aktar minn sentejn avviż (fejn applikabbli) jinkludu kontijiet ta' investiment mingħajr perijodu ta' avviż jew maturità miftiehma, iżda li jkunu jinkludu dispożizzjonijiet restrittivi dwar għid ta' flus</p>
9.4. Riakkwisti	<p>Kontraparti ta' flus irċevuti bi skambju għal titoli mibjugħa minn aġenti li jirrapportaw bi prezz miftiehem taħt rabta soda biex l-istess titoli jew simili jergħu jinxtraw bi prezz fiss f'data speċifikata fil-futur. Ammonti rċevuti minn aġenti li jirrapportaw bi skambju għal titoli trasferiti lil parti terza, jiġifieri l-akkwarent temporanju, għandhom jiġu kklassifikati taħt "ftehim ta' riakkwist" fejn ikun hemm rabta soda biex jinqaleb l-operat u mhux sempliċement għażla biex isir dan. Dan jimplika li aġenti li jirrapportaw iżommu r-riskji u l-benefiċċji kollha tat-titoli sottostanti matul l-operat.</p> <p>Il-varjanti li ġejjin ta' operazzjonijiet tat-tip ta' riakkwist huma kollha klassifikati taħt "ftehim ta' xiri mill-ġdid":</p> <p>(a) ammonti rċevuti bi skambju għal titoli temporanjament ittrasferiti lil parti terza fil-forma ta' self ta' titoli kontra kollaterali fi flus u</p> <p>(b) ammonti rċevuti bi skambju għal titoli ittrasferiti temporanjament lil parti terza persuna fil-forma ta' ftehim ta' bejgħ/xiri lura.</p> <p>It-titoli sottostanti ta' operazzjonijiet ta' tip ta' riakkwist huma rreġistrati skont ir-regoli fil-partita tal-assi 3 "titoli ta' dejn". Operazzjonijiet li jinvolvu t-trasferiment temporanju ta' deheb kontra kollateral fi flus huma wkoll inklużi taħt din il-partita.</p>
10. Ishma/unitajiet tal-MMF	Ishma jew unitajiet maħruġa minn MMF. Ara d-definizzjoni fit-Taqsima 2 tal-Parti 1 tal-Anness I.
11. Titoli ta' dejn maħruġin	<p>Titoli għajr ekwità maħruġa minn aġenti ta' rappurtar, li huma strumenti li normalment jistgħu jiġu nnegozjati u kkummerċjalizzati fi swieq sekondarji jew li jistgħu jiġu kkompensati fis-suq u li ma jagħtu lis-sid ebda dritt ta' proprjetà fuq l-istituzzjoni emittenti. Din il-partita tinkludi:</p> <p>(a) Titoli li jagħtu lid-detentur id-dritt mingħajr kundizzjoni għal qligħ fiss jew qligħ stabbilit b'kuntratt fil-forma ta' pagamenti b'kupuni u/jew somma fissa stabbilita minn qabel f'data speċifika (jew dati) jew li tibda minn data stabbilita fil-ħin tal-ħruġ;</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
	<p>(b) Strumenti li mhumiex negozjabbli maħruġa minn aġenti ta' rappurtar li sussegwentement isiru negozjabbli għandhom jiġu klassifikati mill-ġdid bħala 'titoli ta' debitu' (ara wkoll il-kategorija 9).</p> <p>(c) Dejn subordinat maħruġ mill-IFM irid jiġi trattat bl-istess mod bħal dejn kli jġarrbu l-IFM għall-finijiet ta' statistiċi monetarju u finanzjarji. Għalhekk, debitu subordinat maħruġ fil-forma ta' titoli għandu jiġi kklassifikat bħala "titoli ta' dejn maħruġa", waqt li dejn subordinat maħruġ minn IFM fil-forma ta' depożiti jew self irid jiġi kklassifikat bħala "passiv ta' depożitu". Meta d-dejn subordinat kollu maħruġ mill-IFM jiġi identifikat bħala ammont waħdieni għal finijiet statistiċi, din iċ-ċifra trid tiġi kklassifikata taħt il-partita "titoli ta' dejn maħruġa" fuq il-bażi li dejn subordinat huwa kkostitwit prinċipalment fil-forma ta' titoli aktar milli bħala self. Dejn subordinat m'għandux jiġi kklassifikat taħt il-partita tal-passiv "kapital u riżervi"</p> <p>(d) Strumenti ibridi. Strumenti negozjabbli b'taħlita ta' dejn u komponenti derivattivi, inklużi:</p> <p>(i) strumenti ta' dejn negozjabbli li jinkludu derivattivi inkorporati;</p> <p>(ii) strumenti negozjabbli li l-valur ta' fidi u/jew il-kupun tagħhom huma marbuta mal-iżvilupp ta' assi ta' referenza, il-prezz tal-assi jew indikatur ieħor ta' referenza fuq il-maturità tal-istrument</p>
11a/11b/11c Titoli ta' dejn ta' maturità oriġinali sa u inkluża sena waħda/ aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn	<p>Dawn il-partiti jinkludu għal kull klassifikazzjoni ta' maturità:</p> <p>(a) Titoli ta' dejn mhux negozjabbli maħruġa mill-IFM li jkollhom maturità oriġinali sa u inkluża sena/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn;</p> <p>(b) Dejn subordinat maħruġ mill-IFM fil-forma ta' titoli ta' dejn ta' maturità oriġinali sa u inkluża sena/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn</p>
11d Li minnhom titoli ta' dejn sa mhux aktar minn sentejn u garanzija kapitali nominali anqas minn 100 %	<p>Strumenti ibridi maħruġa minn IFM b'maturità oriġinali ta' mhux aktar minn sentejn, u li malli jimaturaw, jistgħu jkollhom valur ta' fidi kuntrattwali fil-munita tal-ħruġ anqas mill-ammont li jkun ġie investit oriġinarjament, minħabba t-taħlita tagħhom ta' dejn u komponenti derivattivi.</p>
12. Kapital u riżervi	<p>Għall-għanijiet tal-iskema ta' rappurtar, din il-kategorija tħaddan l-ammonti li jinħolqu mill-ħruġ ta' kapital ta' ekwità minn aġenti li jirrapportaw jew proprjetarji oħra, li jirrappreżentaw għad-detentur drittijiet ta' propjetà fl-IFM u ġeneralment dritt għal sehem fil-qligħ tiegħu u sehem fil-fondi proprji tiegħu f'każ ta' likwidazzjoni. Profitt (jew telf) kif irregiſtrat fir-rapport tal-profit u t-telf, fondi li jirriżultaw minn dħul mhux imqassam lill-azzjonisti jew fondi mwarrba minn aġenti li jirrapportaw f'antiċipazzjoni tal-ħlasijiet u l-obbligazzjonijiet li aktarx ikun hemm fil-futur huma inklużi wkoll. Fid-dettall, il-kategorija fil-prinċipju għandha tinkludi:</p> <p>(a) kapital ta' ekwità miġbur, inkluż il-primjum tas-sehem;</p> <p>(b) profitt (jew telf) kif irregiſtrat ir-rapport tal-profit u t-telf;</p> <p>(c) dħul u spejjeż rikonoxxuti direttament fl-ekwità;</p> <p>(d) fondi li jirriżultaw minn dħul mhux imqassam lill-azzjonisti;</p> <p>(e) dispożizzjonijiet speċifiċi u ġenerali kontra self, titoli u tipi oħra ta' assi, eż. konċessjonijiet għal indebolimenti u telf minn self (jistgħu jiġu rregiſtrati skont ir-regoli tal-kontabilità)</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
13. Passiv li jifdal	<p>Il-partita “passiv li jifdal” hija l-partita residwali fuq in-naħa tal-passiv tal-karta ta’ bilanċ, iddefinita bħala “passiv mhux inklużi band’oħra”. Il-BĊNi jistgħu jeħtieġu li jiġu rrapportati subpożizzjonijiet speċifiċi inklużi taħt din il-partita. Passiv li jifdal jista’ jinkludi:</p> <p>(a) pożizzjonijiet ta’ derivattivi finanzjarji b’valuri tas-suq gross negattivi</p> <p>Għal finijiet statistiċi, strumenti derivattivi finanzjarji li jkunu soġġetti għal reġistrazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ għandhom jiġu inklużi hawnhekk u għandhom jiġu rrapportati bħala partita separata “li minnhom” bi klassifikazzjoni settorjali (IFM/mhux IFM) u ġeografika (domestika/Stati Membri oħrajn taż-żona tal-euro/il-kumpliment tad-dinja);</p> <p>(b) ammonti grossi pagabbli fir-rigward partiti sospiżi</p> <p>Partiti sospiżi huma bilanċi miżmuma fil-karta ta’ bilanċ tal-IFM li mhumiex riżervati fl-isem ta’ konsumaturi imma li madanakollu għandhom x’jaqsmu ma’ fondi tal-konsumatur, eż. fondi li qed jistennew investment, trasferiment jew saldu;</p> <p>(c) ammonti grossi pagabbli fir-rigward ta’ partiti ta’ tranżitu</p> <p>Partiti ta’ tranżitu jirrappreżentaw fondi, li normalment jappartjenu lill-konsumaturi, li jkunu qegħdin jiġu trażmessi bejn IFM. Partiti jinkludu trasferimenti ta’ kreditu li ġew debitati minn kontijiet tal-konsumaturi u oġġetti oħra li għalihom il-pagament korrespondenti ma jkunx għadu sar mill-aġent li jirrapporta</p> <p>(d) imġhax akkumulat pagabbli fuq id-depożiti</p> <p>Skont il-prinċipju ġenerali tal-kontabilità tad-dovuti, l-imġhax pagabbli fuq id-depożiti huwa suġġett għal reġistrazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ hekk kif jakkumula, jiġifieri fuq il-bażi ta’ dovuti, u mhux meta jiġi mħallas, jiġifieri fuq il-bażi ta’ flus. L-imġhax akkumulat fuq id-depożiti huwa kklassifikat fuq bażi gross taġt il-kategorija “passiv li jifdal”. L-imġhax akkumulat huwa eskluż mid-depożitu li miegħu jkun relatat, u għandu jiġi rrapportat bħala partita separata “li minnhom”;</p> <p>(e) imġhax ackkumulat fuq titoli ta’ dejn maħruġa</p> <p>(f) dividendi li għandhom jitħallsu;</p> <p>ammonti pagabbli mhux relatati man-negozju prinċipali tal-IFM, eż. ammonti dovuti lil fornituri, taxxi, pagi, kontribuzzjonijiet;</p> <p>(g) dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw passiv kontra partijiet terzi, eż. pensjonijiet u dividendi;</p> <p>(h) pagamenti marġinali li jsiru taħt kuntratti derivattivi</p> <p>Pagamenti marġinali (margin) li jsiru taħt kuntratti derivattivi huma normalment ikklassifikati bħala “passiv ta’ depożitu” (ara l-kategorija 9). Il-kumplessitajiet ta’ Prattika kurrenti fis-suq jistgħu jaġhmluha diffiċli biex jiġu identifikati dawk il-margin li verament għandhom jitħallsu lura, billi tipi differenti ta’ marġini jitqiegħdu mingħajr distinzjoni fi ħdan l-istess kont, jew dawk il-margin li jipprovdu lill-IFM b’riżorsi għal self ta’ fondi mislufa. F’dawn il-każijiet, huwa aċċettabbli li dawn il-margin jiġu klassifikati taħt “passiv li jifdal” jew bħala “passiv ta’ depożitu”, skont il-prattika nazzjonali;</p> <p>(i) ammonti netti pagabbli fir-rigward saldi futuri ta’ transazzjonijiet f’titoli jew operazzjonijiet ta’ skambju barrani</p> <p>“Passiv li jifdal” jista’ jinkludi kważi l-istrumenti finanzjarji kollha li jieħdu l-forma ta’ passiv finanzjarju (inklużi fi ħdan il-partiti l-oħrajn tal-karta tal-bilanċ), strumenti finanzjarji li ma jieħdux il-forma ta’ responsabbiltajiet finanzjarji bħal ma huma garanziji, impennji, self amministrat u lil trust (reġistrati barra mill-karta tal-bilanċ), u passiv mhux finanzjarju bħal oġġetti kapitali fuq in-naħa tal-passiv (inklużi fi ħdan “kapital u riservi”).</p>

PARTI 3

Definizzjonijiet tas-setturi

L-ESA 2010 tippovdi l-istandard għall-klassifikazzjoni settorjali. Din it-tabella tippovdi deskrizzjoni dettaljata standard tas-setturi li l-BĊNi jittrasponi fil-kategoriji nazzjonali b'mod konformi ma' dan ir-Regolament. Il-kontrapartijiet li jinsabu fiż-żona tal-euro huma identifikati skont is-settur tagħhom b'mod konformi mal-listi miżmuma mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għal finijiet statistiċi u l-gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-kontrapartijiet ipprovduta fil-Manwal tas-setturi tal-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji u tal-istatistika tas-swieq: Gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-klijenti tal-BĊE. Istituzzjonijiet ta' kreditu li jinsabu barra miż-żona tal-euro ssir referenza għalihom bħala "banek" u mhux IFM. Bl-istess mod, it-terminu "mhux IFM" jirreferi biss għall-Istati Membri. Għal Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro jintuża t-terminu "mhux banek".

Tabella

Definizzjonijiet tas-setturi

Settur	Definizzjoni
IFM	Ara l-Artikolu 1.
Gvern ġenerali	Is-settur tal-gvern ġenerali (S.13) jikkonsisti f'unitajiet istituzzjonali, li huma produtturi mhux għas-suq li l-output tagħhom huwa maħsub għall-konsum individwali jew kollettiv, u li huma ffinanzjati minn pagamenti obligatorji magħmula minn unitajiet li jappartjenu lil setturi oħra, u l-unitajiet istituzzjonali li huma prinċipalment involuti fir-ridistribuzzjoni tad-dħul u l-ġid nazzjonali (ESA 2010, paragrafi 2.111 sa 2.113)
Gvern ċentrali	Dan is-sottosettur (S.1311) jinkludi d-dipartimenti amministrattivi kollha tal-Istat u aġenziji ċentrali oħrajn li l-kompetenza tagħhom normalment testendi fuq it-territorju ekonomiku kollu, għajr l-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali (ESA 2010, paragrafu 2.114)
Gvern statali	Dan is-sottosettur (S.1312) jikkonsisti f'dawk it-tipi ta' amministrazzjoni pubblika li huma unitajiet istituzzjonali separati li jwettqu wħud mill-funzjonijiet tal-gvern, għajr għall-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali, flivell taħt dak ta' gvern ċentrali u ogħla minn dak ta' unitajiet istituzzjonali tal-gvern li jeżistu flivell lokali (ESA 2010, paragrafu 2.115)
Gvern lokali	Dan is-sottosettur (S.1313) jinkludi dawk it-tipi ta' amministrazzjoni pubblika li l-kompetenza tagħha testendi biss għal parti lokali mit-territorju ekonomiku, minbarra l-aġenziji lokali tal-fondi tas-sigurtà soċjali (ESA 2010, paragrafu 2.116)
Fondi tas-sigurtà soċjali	Is-sottosettur tal-fondi tas-sigurtà (S.1314) jinkludi unitajiet ċentrali, statali u lokali li l-attività prinċipali tagħhom hija li jipprovdu benefiċċji soċjali u li jissodisfaw kull waħda miż-żewġ kriterji li ġejjin: (a) skont il-liġi jew ir-regolament ċerti gruppi tal-popolazzjoni huma obligati jipparteċipaw fl-iskema jew li jħallsu kontribuzzjonijiet; u (b) gvern ġenerali huwa responsabbli għall-ġesrjoni tal-istituzzjoni fir-rigward tas-saldi jew l-approvazzjoni tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji indipendentament mir-rwol tiegħu bħala korp superviżorju jew ta' min iħaddem (ESA 2010, paragrafu 2.117)
Fondi ta' investiment li mhumiex MMF	Fondi ta' investiment mhux MMF kif iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38). Is-sottosettur jikkonsisti fl-impriżi kollha ta' investiment kollettiv, minbarra l-MMFs, li jinvestu fattiv finanzjarju u/jew mhux finanzjarju, sal-punt li l-oġettiv ikun l-investiment ta' kapital miġbur mill-pubbliku

Settur	Definizzjoni
<p>Intermedjarji finanzjarji oħrajn, ħlief għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet + awżiljari finanzjarji + istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa ta' flus</p>	<p>L-intermedjarji finanzjarji l-oħra, minbarra l-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u s-s-subsettur tal-fondi ta' pensjonijiet (S.125) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet finanzjarji kollha u l-entitajiet bi status kważi ta' korporazzjoni li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja billi jġarrbu passiv f'forma oħra għajr munita, depożiti (jew sostituti mill-qrib għal depożiti), unitajiet/ishma ta' fondi ta' investiment, jew b'rabta ma' assigurazzjoni, pensjonijiet u skemi ta' garanzija standardizzati minn unitajiet istituzzjonali (ESA 2010, paragrafi 2.86 sa 2.94)</p> <p>Is-subsettur tal-awżiljari finanzjarji (S.126) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u l-kważi-korporazzjonijiet finanzjarji kollha li huma involuti prinċipalment f'attivitajiet marbuta mill-qrib ma' intermedjazzjoni finanzjarja iżda li mhumiex intermedjarji finanzjarji huma stess. Dan is-subsettur jinkludi wkoll uffiċċji prinċipali li s-sussidjarji tagħhom huma kollha jew ħafna minnhom korporazzjonijiet finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.95 sa 2.97)</p> <p>Is-subsettur tal-istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u tas-selliefa tal-flus (S.127) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet finanzjarji u l-kważi-korporazzjonijiet finanzjarji kollha li la huma involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u lanqas ma jipprovdu servizzi awżiljari finanzjarji, u fejn il-parti l-kbira jew tal-assi tagħhom jew il-passiv tagħhom mhumiex innegożjati fis-swieq miftuħa. Dan is-settur jinkludi kumpaniji holding li għandhom livelli ta' ekwità li jagħtu kontroll ta' grupp ta' korporazzjonijiet sussidjarji u li l-attività prinċipali tagħhom hija s-sjieda tal-grupp mingħajr ma jiprovdu ebla servizz ieħor linnegożji li fihom tkun qed tinżamm din l-ekwità, jiġifieri, ma jkunux jammistrar jew jiġġestixx unitajiet oħra (ESA 2010, paragrafi 2.98 sa 2.99)</p>
<p>Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni</p>	<p>Is-subsettur tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u l-kważi-korporazzjonijiet finanzjarji kollha li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ġbir komuni tar-riskji prinċipalment fil-forma ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni diretta (ESA 2010, paragrafi 2.100 sa 2.104)</p>
<p>Fondi tal-pensjoni</p>	<p>Is-subsettur tal-fondi tal-pensjonijiet (S.129) jikkonsisti mill-korporazzjonijiet u l-kważi-korporazzjonijiet li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ġbir komuni tar-riskji soċjali u l-ħtiġijiet tal-persuni assigurati (assigurazzjoni soċjali). Fondi tal-pensjoni bħal skemi tal-assigurazzjoni soċjali jipprovdu dħul meta persuna tirtira, u ħafna drabi benefiċċji għal mewt u diżabilità (ESA 2010, paragrafi 2.105 sa 2.110)</p>
<p>Korporazzjonijiet mhux finanzjarji</p>	<p>Is-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali li huma entitajiet legali indipendenti u li huma produttori fis-suq, li l-attività prinċipali tagħhom hija l-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji. Dan is-settur jinkludi wkoll entitajiet kważi-korporazzjonijiet mhux finanzjarji. (ESA 2010, paragrafi 2.45 sa 2.54)</p>
<p>Unitajiet domestiċi + istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi</p>	<p>Is-settur tal-unitajiet domestiċi (S.11) jikkonsisti f'individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi u bħala intraprendituri li jipproduċu prodotti għas-suq u servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji (produtturi għas-suq) sakemm il-produzzjoni ta' prodotti u servizzi ma tkunx minn entitajiet separati ttrattati bħala kważi-korporazzjonijiet. Jinkludi wkoll individwi jew gruppi ta' individwi bħala produttori ta' prodotti u servizzi mhux finanzjarji li finalment huma esklużivament għal użu proprju. (ESA 2010, paragrafi 2.118 sa 2.128)</p> <p>Is-settur tal-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs) (S.15) jikkonsisti f'istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li huma entitajiet legali separati, li jservu lill-unitajiet domestiċi u li huma produttori privati mhux għas-suq. Ir-riżorsi prinċipali tagħhom huma l-kontribuzzjonijiet volontarji fi flus jew f'oġġetti minn unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom bħala konsumaturi, minn pagamenti magħmula minn gvernijiet ġenerali u minn dħul minn proprjetà (ESA 2010, paragrafi 2.129 sa 2.130)</p>
<p>Proprjetarji uniċi u soċjetajiet mingħajr status legali (sotto-popolazzjoni ta' "Unitajiet domestiċi")</p>	<p>Proprjetarji uniċi u soċjetajiet mingħajr status legali – għajr indipendenti, minbarra dawk stabbiliti bħala kważi-korporazzjonijiet, u li huma produttori fis-swieq. (ESA 2010, paragrafu 2.119d)</p>

ANNEX III

APPLIKAZZJONI TA' OBBLIGAZZJONIJIET TA' RIŻERVI MINIMI U REGOLI SPEĊJALI RELATATI

PARTI 1

Obbligazzjonijiet ta' riżervi minimi għal istituzzjonijiet ta' kreditu: regoli ġenerali

1. Ċelluli mmarkati b'* fit-Tabella 1 fl-Anness I jintużaw fil-kalkolu tal-bażi tar-riżerva. F'dak li għandu x'jaqsam ma' titoli ta' depożitu, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jippreżentaw prova tal-passiv li jridu jiġu esklużi mill-bażi ta' riżerva jew japplikaw tnaqqis standardizzat ta' persentaġġ fiss speċifikat mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Ċelluli bid-disinni jiġu rappurtati biss mill-istituzzjonijiet ta' kreditu soġġetti għal obbligazzjonijiet ta' riżerva.
2. Il-kolonna "li minnhom istituzzjonijiet ta' kreditu soġġetti għall-obbligazzjonijiet ta' riżervi, il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali" (BĊNi) ma tinkludix il-passiv ta' aġenti li jirrapportaw fil-konfront ta' istituzzjonijiet elenkati bħala eżenti mis-sistema ta' riżervi minimi tal-BĊE, jiġifieri istituzzjonijiet li huma eżenti għal raġunijiet oħra għajr li huma soġġetti għal miżuri ta' rijorganizzazzjoni. L-istituzzjonijiet li huma temporanjament eżenti mill-obbligazzjonijiet ta' riżerva minima minħabba li huma soġġetti għal miżuri ta' rijorganizzazzjoni jiġu ttrattati bħala istituzzjonijiet soġġetti għal obbligazzjonijiet ta' riżerva minima u, għalhekk, il-passiv li jirrigwarda lil dawn l-istituzzjonijiet huwa kopert taħt il-kolonna "li minnhom istituzzjonijiet ta' kreditu soġġetti għal obbligazzjonijiet ta' riżerva, il-BĊE u l-BĊNi". Il-passiv fil-konfront ta' istituzzjonijiet li mhux attwalment meħtieġa li jżommu ħażniet ta' riżerva mas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali minħabba l-applikazzjoni tar-remunerazzjoni f'somma waħda huma wkoll koperti taħt din il-kolonna.
3. Riporters sħaħ jistgħu jirrapportaw pożizzjonijiet fil-konfront ta' "IFM oħra għajr istituzzjonijiet ta' kreditu soġġetti għal riżervi minimi, il-BĊE u l-BĊNi", aktar milli fil-konfront ta' "IFM" u "istituzzjonijiet ta' kreditu soġġetti għal riżervi minimi, il-BĊE u l-BĊNi", kemm-il darba ma jirriżulta ebda telf ta' dettall u l-ebda waħda mill-pożizzjonijiet fiċ-ċelluli mingħajr disinni ma tiġi affettwata. Barra minn dan, skont is-sistemi nazzjonali ta' ġbir u mingħajr preġudizzju għall-konformità sħiħa mad-definizzjonijiet u l-prinċipji ta' klassifika tal-karta tal-bilanċ tal-IFM iddikjarati f'dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet ta' kreditu soġġetti għall-obbligazzjonijiet ta' riżervi minimi jistgħu alternattivament jirrapportaw id-dejta meħtieġa biex jikkalkolaw il-bażi tar-riżerva, minbarra dawk fi strumenti negozjabbli, skont it-tabella hawn taħt, kemm-il darba l-ebda waħda mill-pożizzjonijiet fiċ-ċelluli mingħajr disinni tat-Tabella 1 fl-Anness I ma tiġi affettwata.
4. Istituzzjonijiet tad-"denb" jirrapportaw, bħala minimu, id-dejta trimestrali li tkun meħtieġa biex tiġi kkalkolata l-bażi ta' riżerva b'mod konformi mat-tabella hawn taħt.
5. Għal rappurtar skont it-tabella hawn taħt, għandu jiġi żgurat qbil strett mat-Tabella 1 tal-Anness I.

Tabella

Dejta meħtieġa għar-riżervi minimi

	Il-bażi ta' riżerva hija kkalkolata bħala s-somma tal-kolonna li ġejjin fit-Tabella 1 (Passiv): (a)-(b)+(c)+(d)+(e)+(f)-(g)+(h)+(i)+(j)+(k)
PASSIV TAD-DEPOŻITI (L-euro u valuti barranin ikkombinati)	
9. DEPOŻITI TOTALI	
9.1e + 9.1x	
9.2e + 9.2x	
9.3e + 9.3x	
9.4e + 9.4x	
li minnhom:	
9.2e + 9.2x b'maturità miftiehma ta' aktar minn sentejn	
li minnhom:	
9.3e + 9.3x mifdija b'notifika ta' aktar minn sentejn	Rapportar volontarju ⁽¹⁾
li minnhom:	
9.4e + 9.4x riakkwisti	
	Frug pendenti, kolonna (l) fit-Tabella 1 (Passiv)
STRUMENTI NEGOZJABBLI (L-euro u valuti barranin ikkombinati)	
11. TITOLI TA' DEJN MAĦRUĠA	
11e + 11x b'maturità miftiehma	
sa sentejn	
ta' aktar minn sentejn	

⁽¹⁾ L-operaturi li jirrapportaw għandhom l-għażla li jissodisfaw dan l-obbligu ta' rapportar permezz ta' rapportar volontarju. jgħid li huma jgħid li jirrapportaw jew ċifri veri (inklużi pożizzjonijiet nulli) jew „tagħrif nieqes”. La darba tittieħed l-għażla li jiġu rrapportati ċ-ċifri veri, l-operaturi li jirrapportaw ma jkunux jistgħu jirrapportaw iktar „tagħrif nieqes”.

PARTI 2

Regoli speċjali

TAQSIMA 1

Rapportar statistiku fuq bażi aggregata bħala grupp minn istituzzjonijiet ta' kreditu soġġetti għas-sistema ta' riżervi minimi tal-BĊE

- 1.1. Mingħajr ħsara għat-twettiq tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9), il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE jista' jippermetti lil istituzzjonijiet ta' kreditu soġġetti għal obbligazzjonijiet ta' riżervi minimi biex iwettqu rappurtar statistiku aggregat bħala grupp fi ħdan Stat Membru wieħed. L-istituzzjonijiet kollha kkonċernati huma inklużi separatament fil-lista tal-BĊE tal-IFM.
- 1.2. Jekk istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu tħallew iżommu riżervi minimi permezz ta' intermedjarju, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9), u ma jibbenfikawx mir-rappurtar bħala grupp imsemmi f'din it-Taqsima, il-BĊN rilevanti jista' jawtorizza lill-intermedjarju biex iwettaq rappurtar statistiku aggregat (għajr fir-rigward tal-bażi ta' riżerva) fisem istituzzjonijiet ta' kreditu. L-istituzzjonijiet kollha kkonċernati huma inklużi separatament fil-lista tal-BĊE tal-IFM.
- 1.3. Jekk il-grupp kollu ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jkun jikkonsisti biss f'istituzzjonijiet tad-"denb", huwa meħtieġ biss li jikkonformaw mar-rapportar simplifikat għall-istituzzjonijiet tad-"denb". Inkella, l-iskema ta' rappurtar għal riporters sħaħ tapplika għall-grupp kollu bħala ħaġa waħda.

TAQSIMA 2

Ħtiġijiet ta' riżervi fil-każ ta' fużjonijiet li jinvolvu istituzzjonijiet ta' kreditu

- 2.1. Għall-iskop ta' dan l-Anness, it-termini "fużjoni", "istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni", u "istituzzjoni akkwirenti" għandhom it-tifsiriet stipulati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9).
- 2.2. Għall-perijodu ta' manutenzjoni li fih isseħħ fużjoni, l-obbligazzjonijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti huma kkalkolati u jridu jitwettqu kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9).
- 2.3. Għal perijodi ta' manutenzjoni konsekuttivi, l-obbligazzjoni ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti hija kkalkolata fuq il-bażi ta' riżerva u ta' informazzjoni statistika rrappurtata skont ir-regoli ddikjarati fit-tabella hawn taħt. Inkella, japplikaw ir-regoli normali għar-rappurtar ta' informazzjoni statistika u l-kalkolu tal-ħtijiet ta' riżerva, kif stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9).
- 2.4. Mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi preċedenti, il-BĊN rilevanti jista' jawtorizza lill-istituzzjoni akkwirenti biex iwettaq l-obbligazzjoni tiegħu li jirrapporta informazzjoni statistika permezz ta' proċeduri temporanji, pereżempju formoli separati għal kull waħda mill-istituzzjonijiet li qegħdin jingħaqdu permezz ta' fużjoni matul diversi perijodi wara li tkun saret il-fużjoni. It-tul ta' żmien ta' din id-deroga minn proċeduri normali ta' rappurtar għandha tiġi llimitata kemm jista' jkun u m'għandhiex taqbeż is-sitt xhur wara li tkun seħħet il-fużjoni. Din id-deroga hija mingħajr preġudizzju għall-obbligu biex l-istituzzjoni akkwirenti twettaq l-obbligai tagħha ta' rappurtar skont dan ir-Regolament, u jekk ikun applikabbli, l-obbligu tagħha li tassumi l-obbligi ta' rappurtar ta' istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni skont dan l-Anness.

Tabella

Regoli speċjali għall-kalkolu ta' obbligazzjonijiet ta' riżerva ta' istituzzjonijiet ta' kreditu involuti f'fużjoni⁽¹⁾

Numru tal-każ	Tip ta' fużjoni	Obbligi li jridu jitwettqu
1	Fużjoni fejn korrispondent sħiħ (istituzzjoni ta' akkwist) jakkwista korrispondent sħiħ wieħed jew aktar (istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni) li jidħol fis-seħħ wara l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' tagħrif statistiku ta' kull xahar li għandu x'jaqsam max-xahar preċedenti	Għall-perijodu ta' manutenzjoni wara l-fużjoni, l-obbligazzjoni ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti tiġi kkalkolata fuq il-bażi ta' riżerva li tammonta għal aggregazzjoni tal-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti u tal-istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni. Il-bażijiet ta' riżerva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perijodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx il-fużjoni. Tingħata biss konċessjoni waħda bħala somma f'daqqa.

Numru tal-każ	Tip ta' fużjoni	Obbligi li jridu jitwettqu
2	Fużjoni fejn korrispondent sħiħ (istituzzjoni akkwirenti) jakkwista istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" u possibilmint korrispondent sħiħ wieħed jew aktar (istituzzjonijiet ta' għaqda) tidħol fis-seħħ wara l-iskadenza ffissata mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' informazzjoni statistika relatata mat-trimestru preċedenti	Għall-perijodu ta' manutenzjoni li jiġi wara l-fużjoni, l-obbligazzjoni ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti hija kalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggrega l-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni ta' akkwist u tal-istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni. Il-bażijiet ta' riserva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perijodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx il-fużjoni. Tingħata biss konċessjoni waħda bħala somma f'daqqa.
3	Fużjoni fejn korrispondent sħiħ (istituzzjoni akkwirenti) jakkwista korrispondent sħiħ wieħed jew aktar (istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni) isseħħ fil-perijodu ta' bejn l-aħħar tax-xahar u l-iskadenza ffissata mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' informazzjoni statistika ta' kull xahar relatata max-xahar preċedenti	Għall-perijodu ta' manutenzjoni ta' wara l-fużjoni, l-obbligazzjoni ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti hija kkalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggrega l-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti u tal-istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni. Il-bażijiet ta' riserva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perijodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx il-fużjoni. Hija konċessa rimunerazzjoni f'somma waħda biss. L-istituzzjoni akkwirenti għandha tassumi, minbarra l-obbligi ta' rappurtar tagħha stess, l-obbligazzjoni ta' rappurtar ta' istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni għal informazzjoni statistika relatata max-xahar ta' qabel il-fużjoni
4	Fużjoni fejn korrispondent sħiħ (istituzzjoni akkwirenti) jakkwista istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" u possibilmint korrispondent sħiħ wieħed jew aktar (istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni) isseħħ fil-perijodu ta' bejn l-aħħar trimestru u l-iskadenza ffissata mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' informazzjoni statistika relatata mat-trimestru preċedenti	Għall-perijodu ta' manutenzjoni ta' wara l-fużjoni, l-obbligazzjoni ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti hija kkalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggrega l-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti u tal-istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni. Il-bażijiet ta' riserva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perijodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx il-fużjoni. Hija konċessa rimunerazzjoni f'somma waħda biss. L-istituzzjoni akkwirenti għandha tassumi, minbarra l-obbligi ta' rappurtar tagħha stess, l-obbligi ta' rappurtar ta' istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni relatati max-xahar jew it-trimestru tas-sena ta' qabel il-fużjoni, skont l-istituzzjoni
5	Fużjoni fejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni akkwirenti) takkwista korrisponent sħiħ wieħed jew aktar u possibilmint istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" (istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni) tidħol fis-seħħ wara l-iskadenza ffissata mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' informazzjoni statistika relatata max-xahar preċedenti	Tiġi applikata l-istess proċedura bħal fil-Każ 1
6	Fużjoni fejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni akkwirenti) takkwista istituzzjoni tad-"denb" waħda jew aktar (istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni) tidħol fis-seħħ wara l-iskadenza ffissata mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' informazzjoni statistika relatata mat-trimestru preċedenti	Għall-perijodu ta' manutenzjoni wara l-fużjoni u sakemm l-istituzzjoni akkwirenti tkun irrappurtat id-dejta trimestrali għall-ewwel darba wara l-fużjoni b'mod konformi mal-obbligazzjonijiet ta' rapportar statistiku mnaqqa imposti fuq l-istituzzjonijiet tad-"denb" kif stipulat fl-Anness III, l-obbligazzjoni ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti hija kalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti u tal-istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz tal-fużjoni. Il-bażijiet ta' riżerva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perijodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx il-fużjoni. Tingħata biss konċessjoni waħda bħala somma f'daqqa.

Numru tal-każ	Tip ta' fużjoni	Obbligi li jridu jitwettqu
7	Fużjoni fejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni akkwirenti) takkwista istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" (istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni) tidħol fis-seħħ wara l-iskadenza ffixsata mill-BĊN rilevanti għar-rapportar ta' informazzjoni statistika relatata mat-trimestru preċedenti u, bħala riżultat tal-fużjoni, l-istituzzjoni tad-"denb" issir korrispondent sħiħ	Tiġi applikata l-istess proċedura bħal fil-Każ 2
8	Fużjoni fejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni akkwirenti) takkwista istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" (istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni) tidħol fis-seħħ fil-perijodu ta' bejn l-aħħar tat-trimestru u l-iskadenza ffixsata mill-BĊN rilevanti għar-rapportar ta' informazzjoni statistika relatata mat-trimestru preċedenti	Għall-perijodu ta' manutenzjoni wara l-fużjoni u sakemm l-istituzzjoni akkwirenti tkun irrappurtat id-dejta trimestrali għall-ewwel darba wara l-fużjoni b'mod konformi mal-obbligazzjonijiet ta' rapportar statistiku imnaqsa imposti fuq l-istituzzjonijiet tad-"denb" kif stipulat fl-Anness III, l-obbligazzjoni ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti hija kalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti u tal-istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz tal-fużjoni. Il-bażijiet ta' riżerva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perijodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx il-fużjoni. Tingħata konċessjoni waħda biss f'somma f'daqqa. L-istituzzjoni akkwirenti għandha tassumi, minbarra l-obbligazzjonijiet ta' rapportar tagħha stess, l-obbligazzjonijiet ta' rapportar tal-istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni relatati mat-trimestru ta' qabel il-fużjoni.
9	Fużjoni fejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni akkwirenti) takkwista korrispondent sħiħ wieħed jew aktar u possibilmint istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" (istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni) tidħol fis-seħħ fil-perijodu ta' bejn l-aħħar tax-xahar u l-iskadenza stabbilita mill-BĊN rilevanti għar-rapportar ta' kull xahar ta' informazzjoni statistika relatata max-xahar preċedenti	Tiġi applikata l-istess proċedura bħal fil-Każ 3
10	Fużjoni bejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni akkwirenti) takkwista istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" (istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni) tidħol fis-seħħ fil-perijodu ta' bejn it-tmiem ta' trimestru u l-iskadenza ffixsata mill-BĊN rilevanti għar-rapportar ta' informazzjoni statistika relatata mat-trimestru preċedenti u, bħala riżultat tal-fużjoni, l-istituzzjoni tad-"denb" issir korrispondent sħiħ	Tiġi applikata l-istess proċedura bħal fil-Każ 4
11	Fużjoni fejn korrispondent sħiħ (istituzzjoni akkwirenti) tinħoloq minn korrispondenti sħaħ (istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni) tidħol fis-seħħ fil-perijodu ta' bejn l-aħħar tax-xahar u l-iskadenza ffixsata mill-BĊN rilevanti għar-rapportar ta' informazzjoni statistika ta' kull xahar relatata max-xahar preċedenti	Għal perijodi ta' manutenzjoni wara l-fużjoni, l-obbligazzjoni ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti hija kkalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggreġa l-bażijiet ta' riserva tal-istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni. Il-bażijiet ta' riżerva li jridu jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perijodu ta' manutenzjoni li kieku ma seħħitx il-fużjoni. Tingħata biss konċessjoni waħda ta' somma f'daqqa. L-istituzzjoni akkwirenti għandha tassumi l-obbligi ta' rapportar ta' istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni għal informazzjoni statistika relatata max-xahar ta' qabel il-fużjoni

Numru tal-każ	Tip ta' fużjoni	Obbligi li jridu jitwettqu
12	Fużjoni fejn korrispondent sħiħ (istituzzjoni akkwirenti) jinholq minn istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" u possibilmint korrispondent sħiħ wieħed jew aktar (istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni) tidħol fis-seħħ fil-perijodu ta' bejn it-tmiem ta' trimestru u l-iskadenza ffixxata mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' informazzjoni statistika relatata mat-trimestru preċedenti	Għal perijodi ta' manutenzjoni wara l-fużjoni, l-obbligazzjoni ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti hija kkalkulata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggreġa l-bażijiet ta' riserva tal-istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni. Il-bażijiet ta' riżerva li għandhom jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perijodu ta' manutenzjoni kieku l-fużjoni ma seħħitx. Tingħata biss konċessjoni waħda ta' somma f'daqqa. L-istituzzjoni akkwirenti tassumi l-obbligazzjonijiet ta' rappurtar ta' istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni għal dejta relatata max-xahar jew it-trimestru ta' qabel il-fużjoni, skont l-istituzzjoni
13	Fużjoni fejn istituzzjoni tad-"denb" (istituzzjoni akkwirenti) tinholq minn istituzzjoni waħda jew aktar tad-"denb" (istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni) tidħol fis-seħħ fil-perijodu ta' bejn it-tmiem ta' trimestru u l-iskadenza stipulata mill-BĊN rilevanti għar-rappurtar ta' informazzjoni statistika relatata mat-trimestru preċedenti	Għall-perijodu ta' manutenzjoni wara l-fużjoni u sakemm l-istituzzjoni akkwirenti tkun irrappurtat id-dejta trimestrali għall-ewwel darba wara l-fużjoni b'mod konformi mal-obbligazzjonijiet ta' rappurtar statistiku imnaqqa imposti fuq l-istituzzjonijiet tad-"denb" kif stipulat fl-Anness III, l-obbligazzjoni ta' riżerva tal-istituzzjoni akkwirenti hija kalkolata fuq il-bażi ta' bażi ta' riżerva li taggreġa l-bażijiet ta' riżerva tal-istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz tal-fużjoni. Il-bażijiet ta' riżerva li għandhom jiġu aggregati huma dawk li kienu jkunu rilevanti għal dan il-perijodu ta' manutenzjoni kieku l-fużjoni ma seħħitx. Tingħata biss konċessjoni waħda ta' somma f'daqqa. L-istituzzjoni akkwirenti tassumi l-obbligi ta' rappurtar ta' istituzzjonijiet li jingħaqdu permezz ta' fużjoni għal dejta relatata mat-trimestru ta' qabel il-fużjoni

(¹) Din it-tabella tippreżenta d-dettalji ta' proċeduri aktar kumplessi applikati għal każijiet speċifiċi. Għal każijiet mhux ippreżentati fit-tabella, japplikaw ir-regoli normali għar-rappurtar ta' informazzjoni statistika u l-kalkolu ta' obbligazzjonijiet ta' riżerva, kif stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1745/2003 (BĊE/2003/9).

ANNEX IV

STANDARDS MINIMI LI GĦANDHOM IKUNU APPLIKATI MILL-POPOLAZZJONI ATTWALI LI TIRRAPPORTA

L-operaturi li jirrapportaw għandhom jilhq u l-istandards minimi li ġejjin sabiex jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

1. Standards minimi għat-trażmissjoni

- (a) ir-rapportar għandu jkun f'waqt u fl-iskandenzi stabbiliti mill-BĊN rilevanti;
- (b) ir-rapporti statistiċi jridu jieħdu l-forma u l-format mill-obbligi ta' rapportar tekniċi stabbiliti mill-BĊN rilevanti;
- (c) l-operatur li jirrapporta għandu jagħti d-dettalji ta' persuna ta' kuntatt waħda jew aktar lill-BĊN rilevanti;
- (d) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trażmissjoni ta' dejta lill-BĊN rilevanti jridu jiġu segwiti.

2. Standards minimi għall-korrettezza:

- (a) l-informazzjoni statistika trid ikun korretta; iridu jkunu sodisfatti r-restrizzjonijiet lineari kollha (eż, l-assi u l-passiv iridu jibbilanċjaw, is-sottotali jridu jaqblu mat-totali), u d-dejta trid tkun konsistenti fuq il-medda tal-frekwenzi kollha;
- (b) l-operaturi li jirrapportaw iridu jkunu kapaċi li jipprovdu informazzjoni dwar l-iżviluppi implikati fid-dejta mibgħuta;
- (c) l-informazzjoni statistika trid tkun kompluta u m'għandhiex ikollha lakuni kontinwi jew strutturali; il-lakuni eżistenti għandhom jiġu rikonoxxuti, spjegati lill-BĊN rilevanti u, fejn applikabbli, mimlija mill-aktar fis;
- (d) l-operaturi li jirrapportaw għandhom isegwu d-dimensjonijiet, il-politika tal-approssimazzjoni u d-deċimali stabbilita mill-BĊN rilevanti għat-trasmissjoni teknika tad-dejta.

3. Standards minimi għal konformità mal-kunċetti:

- (a) l-informazzjoni statistika għandha tikkonforma mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Regolament;
- (b) f'każ ta' devjazzjonijiet minn dawn id-definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet, l-aġenti li jirrapportaw għandhom jimmonitorjaw fuq bażi regolari u jikkwantifikaw id-differenza bejn il-miżura użata u l-miżura li tinsab f'dan ir-Regolament;
- (c) l-aġenti li jirrapportaw għandhom ikunu kapaċi jispjegaw interruzzjonijiet fid-dejta mibgħuta meta mqabbla maċ-ċifri tal-perijodi ta' qabel.

4. Standards minimi għal reviżjonijiet:

Il-politika ta' reviżjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-BĊE u l-BĊN rilevanti trid tiġi segwita. Reviżjonijiet li jiddevjaw mir-reviżjonijiet regolari għandhom jiġu akkumpanjati b'noti ta' spjega.

ANNEX V

REGOLAMENT IMĦASSAR BL-EMENDI SUĊĊESSIVI TIEGĦU

Regolament (KE) Nru 25/2009 (BĊE/2008/32)

(ĠU L 15, 20.1.2009, p. 14).

Regolament (UE) Nru 883/2011

(ĠU L 228, 3.9.2011, p. 13).

ANNEX VI

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (KE) Nru 25/2009 (BĊE/2008/32)	Dan ir-Regolament
Artikolu 1a	Artikolu 2
Artikolu 2	Artikolu 3
Artikolu 3	Artikolu 4
Artikolu 4	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 6
Artikolu 6	Artikolu 7
Artikolu 7	Artikolu 8
Artikolu 8	Artikolu 9
Artikolu 9	Artikolu 10
Artikolu 10	Artikolu 11
Artikolu 11	Artikolu 12
Artikolu 12	Artikolu 13
Artikolu 13	Artikolu 14
Artikolu 14	Artikolu 15
Artikolu 15	Artikolu 16
Anness I, Parti 2, Taqsima 5.2a	Anness I, Parti 2, Taqsima 5.3
Anness I, Parti 2, Taqsima 5.2b	Anness I, Parti 2, Taqsima 5.4
Anness I, Parti 2, Taqsima 5.3	Anness I, Parti 2, Taqsima 5.5
Anness I, Parti 2, Taqsima 5.4	Anness I, Parti 2, Taqsima 5.6
Anness I, Parti 2, Taqsima 5.5	Anness I, Parti 2, Taqsima 5.7
—	Anness I, Parti 3, Taqsima 4
Anness I, Parti 3, Taqsima 4	Anness I, Parti 3, Taqsima 5
Anness I, Parti 3, Taqsima 5	Anness I, Parti 3, Taqsima 6
Anness I, Parti 3, Taqsima 6	Anness I, Parti 3, Taqsima 7
Anness I, Parti 4	—
Anness I, Parti 5	Anness I, Parti 4
Anness I, Parti 6	Anness I, Parti 7
Anness I, Parti 8	Anness I, Parti 5
Anness I, Parti 6	Anness I, Parti 7

REGOLAMENT (UE) Nru 1072/2013 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-24 ta' Settembru 2013

dwar statistika fuq rati ta' imġax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (riformulazzjoni)

(BĊE/2013/34)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 63/2002 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-20 ta' Diċembru 2001 dwar statistika fuq rati ta' imġax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji għal depożiti u self għal unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji (BĊE/2001/18) ⁽²⁾ ġie emendat b'mod sostanzjali. Peress illi jridu jsiru aktar emendi, b'mod partikolari fid-dawl tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea ⁽³⁾, huwa għandu jkun riformulat fl-interessi taċ-ċarezza.

(2) Biex tkun tista' twetaq il-kompiti ta' tagħha, is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) teħtieġ il-produzzjoni ta' statistika dwar ir-rati ta' imġax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM), bl-eċċezzjoni ta' banek ċentrali u fondi tas-swieq tal-flus (MMFs), fuq depożiti u self għal unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji, li l-għan ewlieni ta' tagħha huwa li tagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) stampa sħiħa, dettaljata u armonizzata tal-livell tar-rati ta' imġax applikati minn dawn l-istituzzjonijiet u l-bidliet li jkun fihom hemm matul iż-żmien. Dawn ir-rati ta' imġax jipprovdu l-aħħar ħolqa fil-mekkaniżmu għat-trażmissjoni tal-politika monetarja li tirriżulta minn bidliet fir-rati ta' imġax uffiċjali u, għalhekk, huma kondizzjoni meħtieġa minn qabel għal analiżi affidabbli tal-iżviluppi monetarji fl-Istati

Membri li l-munita ta' tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri taż-żona tal-euro"). Fl-istess waqt, jeħtieġ li jkun hemm tagħrif dwar l-iżviluppi fir-rata ta' imġax sabiex is-SEBĊ tkun tista' tagħti sehemha fit-tmexxija mingħajr xkiel tal-politika mħaddma mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-supervizzjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

(3) Il-BĊE huwa mitlub, b'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kundizzjonijiet tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem "Statut tas-SEBĊ"), li jagħmel regolamenti sa fejn hu neċessarju biex jimplementa l-kompiti tas-SEBĊ kif definit fl-Istatut tas-SEBĊ u fxi każijiet kif stipulat fid-dispożizzjonijiet adottati mill-Kunsill bis-saħħa tal-Artikolu 129(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(4) L-Artikolu 5.1 tal-Istatut tas-SEBĊ jitlob li l-BĊE, megħjun mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), jiġbor it-tagħrif statistiku meħtieġ jew mingħand l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew direttament mingħand operaturi ekonomiċi sabiex huwa jkun jista' jidħol għall-kompiti tas-SEBĊ. L-Artikolu 5.2 tal-Istatut tas-SEBĊ jistipula li l-BĊNi għandhom iwettqu, sa fejn huwa possibbli, il-kompiti deskritti fl-Artikolu 5.1.

(5) Jista' jkun meħtieġ, u jista' jitraqqas il-piż tar-rappurtar, li BĊNi jiġbru mingħand il-popolazzjoni attwali li tirrapporta t-tagħrif statistiku meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-BĊE għal rappurtar statistiku bħala parti minn qafas ta' rappurtar statistiku aktar wiesgħa li jistabbilixxu l-BĊNi taħt ir-responsabbiltà ta' tagħhom stess b'konformità mal-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali jew Prattika stabbilita, u li jservi għal għanijiet statistiċi oħrajn, sakemm ma jiġix mhedded it-tweqqif tal-ħtiġijiet statistiċi tal-BĊE. Sabiex titkattar it-trasparenza, huwa xieraq, f'dawn il-każijiet, illi l-operaturi li jirrapportaw jiġu informati illi d-dejta sabiex jitwettqu skopijiet statistiċi oħrajn. F'każijiet speċifiċi, il-BĊE jista' joġġhod fuq tagħrif statistiku miġbur għal dawn l-iskopijiet l-oħrajn sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet tiegħu.

(6) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 63/2002 (BĊE/2001/18), sar titjib fl-iskema ta' rappurtar għal rati ta' imġax fuq self lil unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji u fil-metodi għall-għażla tal-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rappurtar u dan għandu għalhekk jiġi kkunsidrat fl-istruzzjonijiet dwar it-teħid ta' kampjun u l-ħtiġijiet ta' rappurtar statistiku.

⁽¹⁾ ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 10, 12.1.2002, p. 24.

⁽³⁾ ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1.

- (7) Huwa wkoll meħtieġ illi l-BĊE jitħalla jagħti appoġġ analitiku u statistiku lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010 tas-17 ta' Novembru 2010 li jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽¹⁾
- (8) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jitlob li l-BĊE jispeċifika l-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar fi ħdan il-limiti tal-popolazzjoni tar-rapportar ta' referenza u li jimminimizza l-piż tar-rapportar involut. Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tal-IFM f'kull wieħed mill-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-għażla finali tal-metodu ta' selezzjoni fir-rigward tal-popolazzjoni li tirrapporta titħalla lill-BĊNi. L-għan huwa li jitnaqqas il-piż tar-rapportar waqt illi fl-istess ħin tiġi żgurata statistika ta' kwalità għolja. L-Artikolu 5(1) jistipula illi l-BĊE jista' jadotta regolamenti għad-definizzjoni u l-impożizzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tiegħu fuq il-popolazzjoni attwali li tirrapporta fl-Istati Membri taż-żona tal-euro. L-Artikolu 6(4) jistipola illi l-BĊE jista' jadotta regolamenti li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li taħtom jista' jiġi eżerċitat id-dritt għall-verifika jew it-twettiq tal-ġbir obligatorju ta' tagħrif statistiku.
- (9) L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jistipola li l-Istati Membri jorganizzaw lilhom infushom fil-qasam tal-istatistika u jikkoperaw bis-sħiħ mas-SEBĊ sabiex jiġi żgurat li l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ jiġu sodisfatti.
- (10) Filwaqt li huwa rikonoxxut illi regolamenti adottati mill-BĊE skont l-Artikolu 34.1 tal-Istatut tas-SEBĊ ma jagħtu l-ebda dritt jew ma jimponu l-ebda obbligu fuq Stati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro"), l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ japplika kemm għal Stati Membri taż-żona tal-euro kif ukoll għal dawk li mhumiex fiż-żona tal-euro. Il-premessa 17 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 tirreferi għall-fatt illi l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ, flimkien mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jimplika li hemm obbligu biex jiġu pjanati u implimentati flivell nazzjonali l-miżuri kollha illi l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jqisu xierqa sabiex issir il-ġabra tat-tagħrif statistiku meħtieġ biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-BĊE għar-rapportar ta' statistika u t-tħejjija f'waqtha fil-qasam tal-istatistika biex huma jkunu jistgħu isiru Stati Membri taż-żona tal-euro.
- (11) L-istandards għall-protezzjoni u l-użu ta' tagħrif statistiku kunfidenzjali kif stipulati fl-Artikolu 8 ta' Regolament (KE) Nru 2533/98 għandhom japplikaw.
- (12) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jistipola illi l-BĊE għandu s-setgħa li jimponi sanzjonijiet

fuq operaturi li jirrapportaw illi jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar statistiku stabbiliti f'regolamenti jew deċiżjonijiet tal-BĊE,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-għan ta' dan ir-Regolament:

1. it-termini "operaturi li jirrapportaw" u "residenti" għandhom l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;
2. "unitajiet domestiċi" tfisser is-settur tal-unitajiet domestiċi u s-settur ta' istituzzjonijiet li ma għandhomx skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (S.14 u S.15 ikkombinati) kif stipulat fis-Sistema Ewropea ta' Kontijiet reveduta (minn hawn 'il quddiem l-"ESA 2010") stabbilita permezz tar-Regolament (UE) Nru 549/2013;
3. "korporazzjonijiet mhux finanzjarji" tfisser is-settur ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) kif stipulat fl-ESA 2010;
4. "istituzzjoni finanzjarja monetarja" (IFM) għandha l-istess tifsira kif definit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) ⁽²⁾;
5. "statistika dwar ir-rati ta' imgħax ta' IFM" tfisser statistika konnessa ma' dawk ir-rati ta' imgħax li huma applikati minn IFM residenti minbarra banek ċentrali u MMFs fuq depożiti u self denominati feuro fir-rigward ta' unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji residenti fl-Istati Membri taż-żona tal-euro. "Statistika dwar ir-rata ta' imgħax ta' IFM" tinkludi volumi ta' negozju għdid korrispondenti ta' depożiti u self denominati feuro, kif ukoll volumi għodda fin-negozju ta' self innegozjat mill-għdid;
6. "fondi tas-swieg tal-flus" (MMF) għandha l-istess tifsira kif definit fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/33) ⁽³⁾;
7. "popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta" tfisser IFM residenti minbarra banek ċentrali u MMFs li jieħdu depożiti denominati feuro mingħand u/jew jagħtu self denominat feuro lil unitajiet domestiċi u/jew korporazzjonijiet mhux finanzjarji residenti fl-Istati Membri taż-żona tal-euro.

⁽²⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽³⁾ ĠU L 15, 20.1.2009, p. 14.

⁽¹⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 162.

8. "istituzzjoni tad-denb" tfisser IFM żgħira minbarra bank ċentrali jew MMF li tkun ingħatat deroga bis-saħħa tal-Artikolu 4.

Artikolu 2

Popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta tikkonsisti IFM residenti minbarra banek ċentrali u MMFs mill-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta u magħżulin minn BĊNi. Il-BĊNi jagħżlu l-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar permezz ta' ċensiment jew kampjun.

2. Fil-każ ta' kampjun, il-BĊNi għandhom jistratifikaw il-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta fi strata omoġenji u mbagħad jew jagħżlu l-popolazzjoni attwali li tirrapportar fuq bażi aleatorja minn kull ferġha jew jagħżlu l-akbar istituzzjonijiet fi ħdan kull ferġha.

3. F'każ ta' għażla permezz tat-teħid ta' kampjuni aleatorju, id-daqs minimu tal-kampjun nazzjonali għandu jkun tali li l-iżball massimu aleatorju fil-livell nazzjonali m'għandux jeċċedi medja ta' 10 punti bażi b'intervall ta' fiduċja ta' 90 %. Fejn jintgħażlu l-akbar istituzzjonijiet, id-daqs minimu tal-kampjun nazzjonali għandu jkun konformi ma' livell simili ta' kejl tal-kwalità fuq il-baży ta' funzjoni tal-medja tal-valur assolut smat tal-iżbalji.

4. Il-BĊNi japplikaw ukoll il-formoli u l-kriterji għall-għażla tal-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar stipulati fil-Linja Gwida BĊE/2007/9 tal-1 ta' Awwissu 2007 dwar l-istatistika monetarja, tal-istituzzjonijiet finanzjarji u dik tas-swieq ⁽¹⁾.

5. Kull BĊN għandu jgħarraf lill-operaturi residenti li jirrapportaw bl-obbligi ta' rapportar statistiku tagħhom skont il-proċeduri nazzjonali.

6. Il-Kunsill Governattiv huwa intitolat jivverifika l-konformità ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 3

Obbligi ta' rapportar statistiku

1. Għall-finijiet tal-produzzjoni regolari ta' statistika dwar irati ta' imgħax ta' IFM, il-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar għandha tirrapporta tagħrif statistiku ta' kull xahar dwar negozju ġdid u ammonti pendenti lill-BĊNi tal-Istat Membru li fih huwa residenti l-operatur li jirrapportar. It-tagħrif statistiku meħtieġ huwa speċifikat fl-Anness I.

2. Il-BĊNi għandhom jiddefinixxu u jimplementaw l-arranġamenti tar-rapportar li jridu jiġu segwiti mill-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar b'konformità mal-ħtiġijiet nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn l-arranġamenti tar-rapportar jagħtu t-tagħrif statistiku meħtieġ u jippermettu li ssir

verifika preċiża tal-konformità mal-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 3.

3. It-tagħrif statistiku meħtieġ għandu jiġi rappurtat skont l-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet kif stipulat fl-Anness II.

4. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw it-tagħrif statistiku nazzjonali aggregat ta' kull xahar lill-BĊE sat-tmiem tal-ġurnata tax-xogħol fid-19-il jum tax-xogħol wara t-tmiem tax-xahar ta' referenza.

5. Il-BĊE jista' jimponi sanzjonijiet fuq operaturi li jirrapportaw illi jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar statistiku stabbiliti f'dan ir-Regolament skont id-Deċiżjoni BĊE/2010/10 tad-19 ta' Awwissu 2010 dwar nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti għar-rapportar tal-istatistika ⁽²⁾.

Artikolu 4

Derogi

1. Meta l-operaturi li jirrapportaw jintgħażlu permezz ta' ċensiment, il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil IFM żgħar minbarra banek ċentrali u MMFs fir-rigward tal-frekwenza tar-rapportar, sakemm il-kontribut ikkombinat ta' dawn l-operaturi li jirrapportaw lill-karta tal-bilanċ tal-IFM nazzjonali f'termini ta' ammonti pendenti, kif ikkalkolat skont ir-Regolament Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), ma jeċċedix il-5 %. Minflok ir-rapportar ta' kull xahar, l-istituzzjonijiet żgħar jistgħu jirrapportaw statistika dwar ir-rati ta' imgħax ta' IFM fuq baży trimestrali.

2. Il-BĊNi għandhom jivverifikaw it-tweġiq tal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta' kull sena b'mod tempestiv sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk meħtieġ, kull deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena.

3. Istituzzjonijiet tad-denb jistgħu jagħżlu li ma jagħmlux użu minn derogi u li minflok jissodisfaw l-rekwiżiti tar-rapportar kollha.

4. Għall-estrapolazzjoni sa kopertura ta' 100 %, il-BĊNi jistgħu jagħżlu l-proċedura biex iressqu l-quddiem id-dejta rapportata fil-perijodi neqsin billi japplikaw tekniki xierqa ta' stima statistika sabiex jikkunsidraw x-xejriet ft-tendenzi tad-dejta jew staġjonali. Il-BĊNi għandhom jimmonitorjaw in-numru ta' istituzzjonijiet tad-denb fuq baży annwali.

Artikolu 5

Verifika u ġbir obligatorju

Il-BĊNi għandhom jeżerċitaw id-dritt li jivverifikaw jew jiġbru b'mod obligatorju informazzjoni li l-operaturi li jirrapportaw huma mitlubin jipprovdu bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, mingħajr ħsara għad-dritt tal-BĊE li jeżerċita dan id-dritt huwa stess. B'mod partikolari, il-BĊNi għandhom jeżerċitaw dan id-dritt meta operatur li jirrapportar ma jissodisfax l-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness II.

⁽¹⁾ ĠU L 341, 27.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 226, 28.8.2010, p. 48.

*Artikolu 6***L-ewwel rapportar**

L-ewwel rapportar bis-saħħa ta' dan ir-Regolament għandu jibda bid-dejta għal Diċembru 2014.

*Artikolu 7***Tħassir**

1. Ir-Regolament (UE) Nru 63/2002 (BĊE/2001/18) huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.

2. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar jinftiehm u bħala referenzi għal dan ir-Regolament u jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

*Artikolu 8***Dispożizzjoni finali**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l'24 ta' Settembru 2013.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

ANNEX I

SKEMA TA' RAPPORTAR GĦAL STATISTIKA TAR-RATA TA' IMGĦAX TA' ISTITUZZJONI FINANZJARJA MONETARJA

PARTI 1

Tip ta' rata

I. Rata miftiehma annwalizzata

Prinċipju ġenerali

1. It-tip ta' rata li l-operaturi li jirrapportaw jipprovdu għall-kategoriji kollha ta' strumenti ta' depożiti u self li jirreferu għal negozju ġdid u ammonti pendenti hija *r-rata miftiehma annwalizzata* (AAR — annualised agreed rate). Hija ddefinita bħala r-rata ta' imġax li hija miftiehma individwalment bejn l-operatur li jirrapporta u l-unità domestika jew korporazzjoni mhux finanzjarja għal depożitu jew self, mibdula għal bażi annwali u kkwotata f'perċentwali għal kull sena. L-AAR tkopri l-ħlasijiet kollha tal-imġax fuq depożiti u self, imma l-ebda ħlas ieħor li jista' japplika. Disagio, iddefinit bħala d-differenza bejn l-ammont nominali tas-self u l-ammont irċevut mill-konsumatur, jitqies bħala ħlas ta' imġax fil-bidu tal-kuntratt (ħin t_0) u huwa għalhekk rifless fl-AAR.
2. Jekk il-ħlasijiet ta' imġax miftiehma bejn l-operatur li jirrapporta u l-unità domestika jew korporazzjoni mhux finanzjarja huma kkapitalizzati f'intervalli regolari fi spazju ta' sena, pereżempju kull xahar jew kull trimestru aktar milli kull sena, ir-rata miftiehma hija annwalizzata permezz tal-formola li ġejja biex wieħed jasal għar-rata miftiehma annwalizzata:

$$x = \left(1 + \frac{r_{ag}}{n} \right)^n - 1$$

fejn:

x bħala l-AAR,

r_{ag} bħala r-rata tal-imġax għal kull sena li hija miftiehma bejn l-aġenti tar-rapportar u l-unità domestika jew korporazzjoni mhux finanzjarja għal depożitu jew self, fejn id-dati tal-kapitalizzazzjoni tal-imġax tad-depożitu u l-ħlasijiet kollha u l-ħlasijiet kollha mill-ġdid tas-self iseħħu f'intervalli regolari matul is-sena, u

n bħala n-numru ta' perijodi ta' kapitalizzazzjoni tal-imġax għall-perijodi ta' depożitu u ta' ħlas jew ta' ħlas mill-ġdid għas-self għal kull sena, jiġifieri 1 għal ħlasijiet annwali, 2 għal ħlasijiet ta' kull sitt xhur, 4 għal ħlasijiet trimestrali u 12 għal ħlasijiet ta' kull xahar.

3. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jistgħu jitolbu lill-operaturi li jirrapportaw tagħhom biex jiprovdu *r-rata effettiva ddefinita b'mod ristrett* (NDER — narrowly defined effective rate) għall-istrumenti kollha ta' depożiti u self li jirreferu għal negozju ġdid u ammonti dovuti jew uħud minnhom, minflok l-AAR. L-NDER hija definita bħala r-rata tal-imġax, fuq bażi annwali, li ġġib indaqs il-valur preżenti tad-dovuti kollha minbarra l-imposti (depożiti jew self, ħlasijiet jew ħlasijiet mill-ġdid, ħlasijiet ta' imġax), futuri jew eżistenti, miftiehma mill-aġenti tar-rapportar u l-unità domestika jew il-korporazzjoni mhux finanzjarja. L-NDER hija ekwivalenti għall-komponent *fir-rata ta' imposta perċentwali fis-sena* (APRC — annual percentage rate of charge) tal-imġax kif definita fl-Artikolu 3(i) tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE⁽¹⁾. L-NDER tuża approssimazzjoni suċċessiva u għalhekk tista' tiġi applikata għal kull tip ta' depożitu jew self, filwaqt illi l-AAR tuża l-formola alġebrajka definita fil-paragrafu 2, u għalhekk tapplika biss għal depożiti u self b'kapitalizzazzjoni regolari ta' ħlasijiet ta' imġax. Ir-rekwiżiti l-oħra kollha huma identiċi, li tfisser li r-referenzi fil-bqija ta' dan l-Anness tal-AAR japplikaw ukoll għall-NDER.

Trattament tat-taxxi, sussidji u arranġamenti regolatorji

4. Il-ħlasijiet tal-imġax koperti fl-AAR jirriflettu dak li l-operatur li jirrapporta jħallas fuq id-depożiti u dak li jirċievi għas-self. Fejn l-ammont imħallas minn parti waħda u rċevut mill-oħra jvarja, il-fehma tal-operatur li jirrapporta tiddetermina r-rata tal-imġax irrapportata għall-finijiet tal-istatistika tar-rati tal-imġax tal-IFM.
5. Skont dan il-prinċipju, ir-rati tal-imġax jitniżżlu fuq bażi gross qabel it-taxxa, billi r-rati tal-imġax ta' qabel it-taxxa jirriflettu dak li l-aġenti tar-rapportar iħallsu fuq id-depożiti u dak li jirċievu għas-self.
6. Barra minn dan, is-sussidji mogħtija lil unitajiet domestiċi jew korporazzjonijiet mhux finanzjarji minn terzi persuni ma jiġux ikkunsidrati meta jiġi ddeterminat il-ħlas tal-imġax, għaliex is-sussidji ma jitħallsux jew ma jiġux riċevuti mill-operatur li jirrapporta.

⁽¹⁾ ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66

7. Rati favorevoli applikati mill-aġenti tar-rapportar lill-impjegati tagħhom huma koperti bl-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM.
8. Fejn ftehim regolatorji jaffettwaw il-ħlasijiet ta' imgħax, pereżempju l-limiti massimi tar-rati tal-imgħax jew il-proj-bizzjoni tar-remunerazzjoni ta' depożiti ta' matul il-lejl, dawn huma riflessi fl-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM. Kull bidla fir-regoli li jiddeterminaw il-ftehim regolatorji, pereżempju l-livell ta' rati ta' imgħax amministrati jew il-limiti massimi tar-rati tal-imgħax, tintwera fl-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM bħala bidla fir-rata tal-imgħax.

II. Rata tal-perċentwali annwali tal-imposta

9. Minbarra l-AARs, l-operaturi li jirrapportaw jipprovdu l-APRC għal negozju ġdid fir-rigward tal-kreditu lill-konsumatur u s-self lil unitajiet domestiċi għax-xiri ta' djar, jiġifieri:
 - APRC wieħed għal kreditu ġdid lill-konsumatur (ara l-indikatur 30 fl-Appendiċi 2), u
 - APRC wieħed għal self ġdid lil unitajiet domestiċi għax-xiri ta' djar (ara l-indikatur 31 fl-Appendiċi 2) ⁽¹⁾.
10. L-APRC tkopri l-"kost totali tal-kreditu lill-konsumatur", kif definit fl-Artikolu 3(g) tad-Direttiva 2008/48/KE. Dawn il-kostijiet totali jkopru komponent tar-rata tal-imgħax u komponent ta' imposti oħra (relatati), bħall-kost tal-istħarriġ, l-amministrazzjoni, il-preparazzjoni tad-dokumenti, il-garanziji, l-assigurazzjoni ta' kreditu, eċċ.
11. Il-kompożizzjoni tal-komponent ta' imposti oħra tista' tvarja fil-pajjiżi, minħabba li d-definizzjonijiet fid-Direttiva 2008/48/KE huma applikati b'mod differenti, u minħabba li s-sistemi finanzjarji nazzjonali u l-proċedura għas-sikurezza tal-kreditu jvarjaw.

III. Konvenzjoni

12. L-operaturi li jirrapportaw japplikaw sena standard ta' 365 jum għall-kumpilazzjoni tal-AAR, jiġifieri huwa injorat l-effett ta' jum addizzjonali fi snin biżestili.

PARTI 2

Kopertura tan-negozju

13. Operaturi li jirrapportaw jipprovdu statistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM li tirreferi għal ammonti pendenti u għal negozju ġdid.

IV. Rati tal-imgħax fuq ammonti pendenti

14. *Ammonti pendenti* huma definiti bħala l-istokk tad-depożiti kollha mqiegħda minn unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji mal-operatur li jirrapporta u l-istokk tas-self kollu mogħti mill-operatur li jirrapporta lil unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji.
15. Rata ta' imgħax fuq ammonti pendenti tirrifletti r-rata medja tal-imgħax medja ippeżata applikata lill-istokk ta' depożiti jew self fil-kategorija tal-istrumenti rilevanti fil-ħin tal-punt taż-żmien ta' referenza kif definit fil-paragrafu 29. Ir-rata tal-imgħax medja ippeżata hija s-somma tal-AAR immultiplikata bl-ammonti pendenti korrispondenti u diviżi bit-total tal-ammonti pendenti. Hija tkopri l-bilanċi kollha pendenti fuq kuntratti li jkunu ġew miftiehma fil-perijodi kollha qabel id-data ta' referenza.

V. Negozju ġdid fuq depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdija b'notifika, dejn fuq karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts

16. F'każ ta' depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdija b'notifika, kreditu estiż fuq karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts kif definiti fil-paragrafi 46 sa 49 u 55, il-kunċett ta' negozju ġdid huwa estiż għall-istokk kollu. Għalhekk, il-bilanċ tad-debitu jew tal-kreditu, jiġifieri l-ammont pendenti fil-punt taż-żmien ta' referenza kif definit fil-paragrafu 32, jintuża bħala indikatur għal *negozju ġdid fuq depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdija b'notifika, dejn fuq karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts*.
17. Ir-rati tal-imgħax għal depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdija b'notifika, dejn fuq karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts jirriflettu r-rata tal-imgħax medja ippeżata applikata lill-istokk fuq dawn il-kontijiet fil-punt taż-żmien ta' referenza kif definit fil-paragrafu 32. Huma jkopru l-pożizzjonijiet kurrenti fil-karta tal-bilanċ tal-kuntratti kollha pendenti li jkunu ġew miftiehma fil-perijodi kollha qabel id-data ta' referenza.

⁽¹⁾ Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi għall-kreditu lill-konsumatur u s-self lil unitajiet domestiċi għax-xiri ta' djar fil-konfront ta' istituzzjonijiet li ma għandhomx skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi.

18. Sabiex jiġu kkalkolati r-rati tal-imgħax tal-IFM fuq kontijiet li jistgħu jkunu jew depożitu jew self, skont il-bilanċ tagħhom, l-operaturi li jirrapportaw jiddistingwu bejn il-perijodi b'bilanċ ta' kreditu u l-perijodi b'bilanċ ta' debitu. L-operaturi li jirrapportaw jaġhtu rapport dwar ir-rati tal-imgħax medji ippeżati li jirreferu għall-bilanċi ta' kreditu bħala depożiti ta' matul il-lejl u r-rati tal-imgħax medji ippeżati li jirreferu għall-bilanċi ta' debitu bħala overdrafts. Huma ma jirrapportawx rati tal-imgħax medji ippeżati li jgħaqqdu flimkien rati ta' depożitu ta' matul il-lejl (baxxi) u rati ta' overdraft (għolja).

VI. *Negozju ġdid f'kategoriji ta' strumenti minbarra depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdiya b'notifika, dejn fuq karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts*

19. Il-paragrafi 20 sa 27 li ġejjin jirreferu għal depożiti b'maturità miftiehma, ftehim ta' riakkwist (repos) u s-self kollu minbarra self li jiġġedded u overdrafts u dejn fuq karti ta' kreditu kif definit fil-paragrafi 46 sa 49 u 55. Il-paragrafi 22 sa 23 dwar self innegożjat mill-ġdid jirreferu biss għal self li mhuwiex self li jiġġedded, overdrafts u dejn fuq karti ta' kreditu.
20. *Negozju ġdid* huwa definit bħala kull ftehim ġdid bejn l-unità domestika jew il-korporazzjoni mhux finanzjarja u l-operatur li jirrapporta. Ftehim ġodda jinkludu:
- il-kuntratti finanzjarji kollha, li jispesifikaw għall-ewwel darba r-rata tal-imgħax tad-depożitu jew tas-self, u
 - in-negożjati kollha mill-ġdid ta' kuntratti ta' depożitu jew ta' self eżistenti kif definit fil-paragrafu 21.
21. *Innegożjar mill-ġdid* tirreferi għall-involvement attiv tal-unità domestika jew il-korporazzjoni mhux finanzjarja fl-aġġustament tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' kuntratt ta' depożitu jew ta' self eżistenti, inkluż ir-rata tal-imgħax. Għalhekk, estensjonijiet u aġġustamenti oħra tat-termini u l-kundizzjonijiet mwettqa b'mod awtomatiku, jiġifieri mingħajr l-involvement attiv tal-unità domestika jew il-korporazzjoni mhux finanzjarja mhumiex negożjati mill-ġdid.
22. Għar-rapportar separat ta' volumi ġodda ta' negożju ta' self innegożjat mill-ġdid lil unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji fl-istatistika tar-rati tal-imgħax ta' IFM, l-innegożjar mill-ġdid jirreferi għal self ġdid għan-negożju, minbarra dejn fuq karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts, diġà fil-karta tal-bilanċ tal-operatur li jirrapporta fl-aħħar tax-xahar li jippreċedi x-xahar ta' referenza.
23. Self għar-ristrutturar ta' dejn mhuwiex fih innifsu eskluż minn self innegożjat mill-ġdid. Madankollu jekk ir-ristrutturar jinvolvi negożjar mill-ġdid tar-rata tal-imgħax, u bħala riżultat, is-self jingħata b'rata aktar baxxa mill-kundizzjonijiet tas-suq kif deskritt fil-paragrafu 28, huwa m'għandux ikun inkluż fis-self innegożjat mill-ġdid jew fin-negożju l-ġdid.
24. Ir-rata għan-negożju ġdida tirrifletti r-rata tal-imgħax medja ippeżata applikata lid-depożiti u s-self fil-kategorija rilevanti tal-istrumenti, fir-rigward ta' ftehim ġodda konklużi bejn unitajiet domestiċi jew korporazzjonijiet mhux finanzjarji u l-operatur li jirrapporta matul il-perijodu taż-żmien ta' referenza kif definit fil-paragrafu 35.
25. Bidliet fir-rati tal-imgħax varjabbli fis-sens ta' aġġustamenti awtomatiċi tar-rata tal-imgħax imwettqa mill-operatur li jirrapporta mhumiex ftehim ġodda u għalhekk mhumiex meqjusa bħala negożju ġdid. Għal kuntratti eżistenti, dawn il-bidliet fir-rati varjabbli għalhekk ma jinqabdux frati tan-negożju ġdid imma biss fir-rati medja fuq l-ammonti pendenti.
26. Bidla minn rati ta' imgħax fissi għal dawk varjabbli jew viċi versa (fil-ħin t_1) matul iż-żmien tal-kuntratt, li tkun miftiehma fil-bidu tal-kuntratt (ħin t_0), mhijiex ftehim ġdid iżda parti mit-termini u l-kundizzjonijiet tas-self stabbiliti fil-ħin t_0 . Għalhekk mhijiex meqjusa bħala negożju ġdid.
27. Unità domestika jew korporazzjoni mhux finanzjarja hija normalment mistennija tieħu self li mhuwiex self li jiġġedded jew overdraft f'somma sħiħa fil-bidu tal-kuntratt. Madankollu, hija tista' tieħu self f'parti waħda jew aktar fil-ħinijiet t_1 , t_2 , t_3 , eċċ. minflok ma tissellef l-ammont kollu fil-bidu tal-kuntratt (ħin t_0). Il-fatt li self jittieħed f'parti waħda jew aktar huwa irrelevanti għall-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM. Il-ftehim bejn l-unità domestika jew il-korporazzjoni mhux finanzjarja u l-operatur li jirrapporta fil-ħin t_0 , li jinkludi r-rata tal-imgħax u l-ammont sħiħ tas-self, huwa kopert mill-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM dwar negożju ġdid. Jekk l-innegożjar mill-ġdid tat-termini u l-kundizzjonijiet iseħħ wara l-ħin t_0 , l-ammont kollu mogħti u li ma jkunx għandu tmhallas lura saż-żmien li fih iseħħ l-innegożjar mill-ġdid għandu jiġi rrapportat mas-self innegożjat mill-ġdid.

VII. Trattament ta' self li ma jistax jiġi rkuprat u ta' self għar-ristrutturar tad-dejn skont kundizzjonijiet anqas minn dawk tas-suq

28. Self li ma jistax jiġi rkuprat u self għar-ristrutturar tad-dejn mogħti b'rati anqas mill-kundizzjonijiet tas-suq mhumiex inklużi fir-rati tal-imgħax medji ippeżati jew fil-volumi ta' negozju ġdid (Taqsimiet V u VI). Self li ma jistax jiġi rkuprat huwa ddefinit b'konformità mal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), u l-ammont totali ta' self ikklassifikat parzjalment jew totalment bħala self li ma jistax jiġi rkuprat huwa eskluż mill-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM. Self għar-ristrutturar ta' dejn, jiġifieri ristrutturar fir-rigward ta' debitor f'qagħda finanzjarja ħażina, għandu jiġi definit b'konformità mad-definizzjonijiet nazzjonali eżistenti.

PARTI 3

Punt taż-żmien ta' referenza**VIII. Punt taż-żmien ta' referenza għar-rati tal-imgħax tal-IFM fuq ammonti pendenti**

29. Il-BĊNi jiddeċiedu jekk fuq livell nazzjonali, ir-rati tal-imgħax tal-IFM fuq ammonti pendenti, jiġifieri l-indikaturi 1 sa 26 deskritti fl-Appendiċi 1, humiex ikkumpilati bħala ritratt tal-osservazzjonijiet ta' tmiem il-perijodu jew bħala rati impliċiti li jirreferu għal medji tal-perijodu. Il-perijodu kopert huwa ta' xahar.
30. Ir-rati tal-imgħax fuq ammonti pendenti bħala ritratt ta' osservazzjonijiet ta' tmiem ix-xahar huma kkalkulati bħala medji ppeżati tar-rati tal-imgħax applikati għall-istokk ta' depożiti u self f'ċertu punt ta' żmien fl-aħħar jum tax-xahar. F'dak il-punt ta' żmien, l-operatur li jirrapporta jiġbor ir-rati tal-imgħax applikabbli u l-ammonti involuti għad-depożiti u s-self kollha pendenti fir-rigward tal-unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji, u jikkompila rata ta' imgħax medja ippeżata għal kull kategorija ta' strument. B'kuntrast mal-medji ta' kull xahar, ir-rati tal-imgħax tal-IFM fuq ammonti pendenti kkumpilati bħala osservazzjonijiet ta' tmiem ix-xahar ikopru biss dawk il-kuntratti li jkunu għadhom pendenti fil-ħin tal-ġbir tad-dejta.
31. Ir-rati tal-imgħax fuq ammonti pendenti bħala rati impliċiti li jirreferu għall-medja tax-xahar huma kkalkolati bħala kwozjenti, bl-imgħax akkumulat pagabbli fuq depożiti u riċevibbli fuq self matul ix-xahar ta' referenza bħala n-numeratur, u l-istokk medju matul ix-xahar bħala d-denominatur. Fl-aħħar tax-xahar ta' referenza, l-operatur li jirrapporta għandu jirrapporta l-imgħax akkumulat pagabbli jew riċevibbli matul ix-xahar għal kull kategorija ta' strument u l-istokk medju ta' depożiti u self matul l-istess xahar. B'kuntrast mal-osservazzjonijiet ta' tmiem ix-xahar, ir-rati tal-imgħax tal-IFM fuq ammonti pendenti kkumpilati bħala medji ta' kull xahar jinkludu wkoll kuntratti li kienu pendenti f'xi ħin matul ix-xahar, inma li ma jkunux aktar pendenti fi tmiem ix-xahar. Il-medja tal-istokk ta' depożiti u self matul ix-xahar ta' referenza huwa idealment ikkompilat bħala l-medja tal-istokks ta' kuljum matul ix-xahar. Bħala standard minimu, l-istokk medju ta' kull xahar jiġi dedott mill-bilanċi ta' kuljum għal kategoriji ta' strumenti volatili, jiġifieri ta' lanqas depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdija b'notifika, kreditu estiż fuq karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts. Għall-kategoriji l-oħra kollha ta' strumenti, l-istokk medju ta' kull xahar huwa dedott mill-bilanċi ta' kull ġimgħa jew bilanċi aktar frekwenti.

IX. Punt ta' żmien ta' referenza għal negozju ġdid fuq depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdija b'notifika, kreditu estiż fuq karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts

32. Il-BĊNi jiddeċiedu jekk fuq livell nazzjonali, ir-rati tal-imgħax tal-IFM fuq depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdija b'notifika, kreditu estiż fuq karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts, jiġifieri l-indikaturi 1, 5, 6, 7, 12, 23, 32 u 36 deskritti fl-Appendiċi 2, humiex ikkumpilati bħala ritratt tal-osservazzjonijiet ta' tmiem il-perijodu jew bħala rati impliċiti li jirreferu għal medji tal-perijodu. Il-perijodu kopert huwa ta' xahar.
33. Analogi mal-kompilazzjoni tar-rati tal-imgħax fuq ammonti pendenti li jinsabu fl-Appendiċi 1, ir-rati tal-imgħax fuq id-depożiti ta' matul il-lejl, id-depożiti mifdija b'notifika, kreditu estiż fuq karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts jiġu kkompilati b'wieħed mill-metodi li ġejjin:
- (a) tiġi kkalkolata *stampa tal-osservazzjonijiet ta' tmiem ix-xahar*, jiġifieri l-medji ppeżati tar-rati tal-imgħax applikati għall-istokk ta' dawn id-depożiti u self f'ċertu punt ta' żmien fl-aħħar jum tax-xahar. F'dak il-ħin, l-operatur li jirrapporta jiġbor ir-rati tal-imgħax u l-ammonti involuti għad-depożiti kollha ta' matul il-lejl, id-depożiti mifdija b'notifika, il-kreditu estiż fuq karti ta' kreditu u s-self li jiġġedded u overdrafts fir-rigward ta' unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji, u jikkompila rata tal-imgħax medja ippeżata għal kull kategorija ta' strument. B'kuntrast mal-medji ta' kull xahar, ir-rati tal-imgħax tal-IFM fuq ammonti pendenti kkompilati bħala osservazzjonijiet ta' tmiem ix-xahar ikopru biss dawk il-kuntratti li jkunu għadhom pendenti fil-ħin tal-ġbir tad-dejta;
- (b) jiġu kkalkolati r-rati impliċiti li jirreferu għall-medja tax-xahar, jiġifieri kwozjenti, mal-imgħax akkumulat pagabbli fuq depożiti u riċevibbli fuq self bħala n-numeratur u l-istokk medju ta' kuljum bħala d-denominatur. Fl-aħħar tax-xahar, għad-depożiti ta' matul il-lejl, id-depożiti mifdija b'notifika, il-kreditu estiż fuq karti ta' kreditu u s-self li jiġġedded u overdrafts, l-operatur li jirrapporta għandu jirrapporta l-imgħax akkumulat pagabbli jew riċevibbli matul ix-xahar u l-medja tal-istokk ta' depożiti u self matul l-istess xahar. Għad-depożiti ta' matul il-lejl, id-depożiti mifdija b'notifika, il-kreditu estiż fuq karti ta' kreditu u s-self li jiġġedded u l-overdrafts, il-medja

tal-istokk ta' kull xahar huwa dderivat mill-bilanċi ta' kuljum. B'kuntrastr mal-osservazzjonijiet ta' tmiem ix-xahar, ir-rati tal-imgħax tal-IFM fuq ammonti pendenti kkompilati bħala medji ta' kull xahar jinkludu wkoll kuntratti li kienu pendenti f'xi żmien matul ix-xahar, imma li ma għadhomx aktar pendenti fi tmiem ix-xahar.

34. Fir-rigward ta' kontijiet li jistgħu jkunu jew depożitu jew self, skont il-bilanċ tagħhom, huwa biss il-bilanċ f'ċertu ħin fl-aħħar jum tax-xahar li jiddetermina jekk il-kont huwiex depożitu ta' matul il-lejl jew overdraft f'dak ix-xahar, jekk ir-rati tal-imgħax tal-IFM jiġu kkompilati bħala ritratt tal-osservazzjonijiet ta' tmiem ix-xahar. Jekk ir-rati tal-imgħax tal-IFM huma kkalkolati bħala rati impliċiti li jirreferu għall-medja tax-xahar, issir evalwazzjoni ta' kuljum dwar jekk il-kont huwiex depożitu jew self. Medja tal-bilanċi ta' kreditu ta' kuljum u l-bilanċi tad-debitu ta' kuljum hija mbagħad ikkalkolata sabiex jiġi dderivat l-istokk medju ta' kull xahar għad-denominatur tar-rati impliċiti. Barra minn dan, il-fluss fin-numeratur jiddistingwixxi bejn imgħax akkumulat pagabbli fuq depożiti u riċevibbli fuq self. L-operaturi li jirrapportaw ma jirrapportawx rati tal-imgħax medji ippeżati li jgħaqqdu flimkien rati ta' depożitu ta' matul il-lejl (baxxi) u rati ta' overdraft (għoljin).

X. Punt ta' żmien ta' referenza għal negozju ġdid (minbarra depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdija b'notifika, dejn fuq karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts)

35. Ir-rati tal-imgħax tal-IFM fuq negozju ġdid minbarra depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdija b'notifika, dejn fuq karti ta' kreditu, u self li jiġġedded u overdrafts, jiġifieri l-indikaturi kollha deskritti fl-Appendiċi 2 minbarra l-indikaturi 1, 5, 6, 7, 12, 23, 32 u 36, huma kkalkolati bħala medji tal-perijodu. Il-perijodu kopert huwa ta' xahar (sħiħ).
36. Għal kull kategorija ta' strument, l-operaturi li jirrapportaw jikkalkolaw ir-rata ta' negozju ġdid bħala medja ppeżata tar-rati tal-imgħax kollha fuq operazzjonijiet ta' negozju ġdid fil-kategorija tal-istrument matul ix-xahar ta' referenza. Dawn ir-rati tal-imgħax li jirreferu għall-medja tax-xahar jintbagħtu lill-BĊN tal-Istat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "l-Istat Membru taż-żona tal-euro") li fih huwa residenti l-operatur li jirrapporta, flimkien mal-ammont ta' negozju ġdid imwettaq matul ix-xahar tar-rapportar għal kull kategorija ta' strument. L-operaturi li jirrapportaw iqisu l-operazzjonijiet ta' negozju ġdid imwettqa matul ix-xahar sħiħ.
37. Għall-indikaturi li jirreferu għal self innegozjat mill-ġdid lil unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji, jiġifieri l-indikaturi 88 sa 91 deskritti fl-Appendiċi 2, huwa meħtieġ biss it-tagħrif dwar volumi ta' negozju ġdid. Innegozjati kollha mill-ġdid ta' kuntratti ta' depożitu u ta' self eżistenti kif definiti fil-paragrafi 22 sa 27 għandhom jiġu kkunsidrati, anke jekk l-istess kuntratt huwa nnegozjat mill-ġdid aktar minn darba matul ix-xahar ta' referenza.

PARTI 4

Kategoriji ta' strumenti

XI. Disposizzjonijiet ġenerali

38. L-operaturi li jirrapportaw jipprovdu l-istatistika dwar ir-rati tal-imgħax tal-IFM fuq ammonti pendenti għall-kategoriji ta' strumenti speċifikati fl-Appendiċi 1 u dwar negozju ġdid għall-kategoriji ta' strumenti speċifikati fl-Appendiċi 2. Kif definit fil-paragrafu 16, ir-rati tal-imgħax fuq depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdija b'notifika, self li jiġġedded u overdrafts u kreditu estiż fuq karti ta' kreditu huma rati tal-imgħax fuq negozju ġdid, għalkemm il-kunċett ta' negozju ġdid huwa estiż għall-istokk kollu, u huma għalhekk inklużi fl-Appendiċi 2.
39. Kategorija ta' strumenti speċifikata fl-Appendiċi 1 u 2 hija inapplikabbli fuq livell nazzjonali f'xi Stati Membri taż-żona tal-euro u għalhekk hija injorata jekk istituzzjonijiet ta' kreditu u oħrajn residenti ma joffru l-ebda prodott li jappartjeni għal din il-kategorija lil unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Id-dejta tingħata jekk jeżisti xi negozju, hu kemm hu limitat.
40. Għal kull kategorija ta' strumenti definita fl-Appendiċijiet 1 u 2, u applikata fin-negozju bankarju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u oħrajn residenti ma' unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji residenti fl-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM tiġi kkompilata fuq il-bażi tar-rati tal-imgħax kollha applikati lill-prodotti kollha li jaqgħu f'din il-kategorija ta' strumenti. Dan ifisser li l-BĊNi ma jistgħux jiddefinixxu sett ta' prodotti nazzjonali fi ħdan kull kategorija ta' strumenti li fuqhom tingħabar l-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM; minflok, huma koperti r-rati fuq il-prodotti kollha offruti minn kull wieħed mill-operaturi li jirrapportaw. Kif hemm iddikjarat fl-Artikolu 16 tal-Linja Gwida BĊE/2007/9 tal-1 ta' Awwissu 2007 dwar l-istatistika monetarja, tal-istituzzjonijiet finanzjarji u dik tas-swieg⁽¹⁾, mhuwiex meħtieġ li fil-kampjun il-BĊNi jkopru kull prodott li jeżisti fil-livell nazzjonali. Madankollu, huma ma għandhomx jeskludu kategorija sħiħa ta' strumenti għal raġunijiet li l-ammonti involuti huma żgħar ħafna. Għaldaqstant, jekk kategorija ta' strumenti tiġi offruta biss minn istituzzjoni waħda, allura din l-istituzzjoni tiġi rappreżentata fil-kampjun. Jekk kategorija ta' strumenti ma kinitx teżisti fi Stat Membru taż-żona tal-euro fil-ħin tal-formulazzjoni inizjali tal-kampjun, iżda jkun qiegħed jiġi introdott prodott ġdid li jappartjeni għal din il-kategorija minn istituzzjoni minn hemm 'il quddiem, din l-istituzzjoni tiġi inklużi fil-kampjun fil-ħin tal-verifika dwar ir-rappreżentanza li jmiss. Jekk jinħoloq prodott ġdid fi ħdan kategorija ta' strumenti eżistenti fil-livell nazzjonali, l-istituzzjonijiet fil-kampjun ikopru mar-rappurtar li jmiss, billi l-operaturi kollha li jirrapportaw huma mitluba jirrapportaw dwar il-prodotti kollha tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 341, 27.12.2007, p. 1

41. L-eċċezzjoni għall-prinċipju li jiġu koperti r-rati kollha tal-imgħax applikati lill-prodotti kollha huma r-rati tal-imgħax fuq self li ma jistax jiġi rkuprat u s-self għar-ristrutturar ta' dejn. Kif hemm iddikjarat fil-paragrafu 28, is-self kollu li ma jistax jiġi rkuprat, u s-self għar-ristrutturar ta' dejn b'rati anqas mill-kundizzjonijiet tas-suq, jiġifieri applikati għal debitori fqagħda finanzjarja ħażina, huwa eskluż mill-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM.

XII. Kategorizzazzjoni skont il-munita

42. L-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM tkopri r-rati tal-imgħax applikati mill-popolazzjoni li tirrapporta. Id-dejta dwar depożiti u self fmuniti li mhumiex l-euro m'għandhiex tinalab fil-livell tal-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro. Dan huwa rifless fl-Appendiċijiet 1 u 2 fejn l-indikaturi kollha jirreferu għal depożiti u self iddenominati feuro.

XIII. Kategorizzazzjoni skont is-settur

43. Bl-eċċezzjoni tar-riakkwist, il-kategorizzazzjoni skont is-settur għandha tiġi applikata għad-depożiti u s-self kollha meħtieġa għall-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM. L-Appendiċijiet 1 u 2 għalhekk jiddistingwu bejn l-indikaturi fir-rigward tal-unitajiet domestiċi (inkluż l-istituzzjonijiet li ma għandhomx skop ta' profit li jservu lill-unitajiet domestiċi) ⁽¹⁾ u fir-rigward ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji ⁽²⁾. Barra minn dan, dejta separata tiġi rrapportata għal proprjetarji uniċi/soċjetajiet mingħajr status legali bħala parti minn unitajiet domestiċi, iżda biss fir-rigward ta' self għal negozju ġdid għal 'skopijiet oħrajn'. Il-BĊNi jistgħu jirrinunzjaw għall-obbligu tal-identifikazzjoni separata tas-self lil proprjetarji uniċi meta dan is-self jikkostitwixxi anqas minn 5 % tas-self totali tal-unitajiet domestiċi tal-Istat Membru taż-żona tal-euro f'termini ta' ammonti pendenti, kif ikkalkolat b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

44. L-indikatur 5 fl-Appendiċi 1 u l-indikatur 11 fl-Appendiċi 2 jirreferu għar-riakkwisti. Għalkemm ir-remunerazzjoni tar-riakkwisti mhijiex indipendenti mis-settur tal-investimenti fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, l-ebda kategorizzazzjoni skont is-settur ma hija mitluba minn unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji għal riakkwisti fuq il-livell tal-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro. Barra minn dan, l-ebda kategorizzazzjoni skont il-maturità ma hija mitluba fuq il-livell tal-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, billi huwa assunt li r-riakkwisti huma fil-biċċa l-kbira għal żmien qasir ħafna. Ir-rata tal-imgħax tal-IFM fuq ir-riakkwisti ttriferi mingħajr divrenzjar għaż-żewġ setturi.

45. L-indikaturi 5 u 6 fl-Appendiċi 2 jirreferu għal depożiti mifdija b'notifika miżmumin minn unitajiet domestiċi. Madankollu, ir-rata tal-imgħax u l-piż għal depożiti mifdija b'notifika, fuq il-livell tal-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, jirreferu għal depożiti mifdija b'notifika miżmumin kemm minn unitajiet domestiċi kif ukoll minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji, jiġifieri ż-żewġ setturi magħqudin flimkien imma allokati lill-unitajiet domestiċi. Fuq il-livell tal-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, ma hija mitluba l-ebda skont is-settur.

XIV. Kategorizzazzjoni skont it-tip ta' strument

46. Sakemm ma jkunx iddikjarat b'mod ieħor fil-paragrafi li ġejjin 47 sa 55, il-kategorizzazzjoni skont l-istrument għar-rati tal-imgħax tal-IFM u d-definizzjonijiet tat-tipi ta' strumenti jsegwu l-kategoriji tal-attiv u l-passiv stabbiliti f'Parti 2 tal-Anness II mar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).

47. Ir-rati tal-imgħax tal-IFM fuq depożiti ta' matul il-lejl, jiġifieri l-indikaturi 1 u 7 fl-Appendiċi 2, ikopru d-depożiti kollha ta' matul il-lejl, kemm jekk jirrendu l-imgħax kif ukoll jekk le. Għalhekk depożiti ta' matul il-lejl mingħajr imgħax jinqabdu mill-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM.

48. Għall-finijiet tal-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM, is-self li jiġġedded u l-overdrafts, jiġifieri l-indikaturi 12 u 23 fl-Appendiċi 2, għandhom l-istess tifsira kif definiti f'Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), minkejja l-perijodu inizjali tagħhom tal-iffissar tar-rata tal-imgħax. Penalitajiet fuq overdrafts applikati bħala komponent ta' imposti oħra, pereżempju fil-forma ta' tariffi speċjali, ma humiex koperti mill-AAR kif definiti fil-paragrafu 1, peress illi din it-tip ta' rata tkopri biss ir-rata tal-imgħax fuq is-self. Self irrapportat taħt din il-kategorija ma huwa rrapportat taħt l-ebda kategorija oħra ta' negozju ġdid.

49. Għall-finijiet tal-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM, id-dejn fuq karti ta' kreditu għandu l-istess tifsira kif definiti f'Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Id-dejta fuq ir-rati tal-imgħax tiġi rrapportata biss fir-rigward ta' kreditu estiż fuq karti ta' kreditu, fl-indikaturi 32 u 36. Ir-rata tal-imgħax fuq il-kreditu ta' konvenjenza ma tiġix irrapportata separatament, peress li b'definizzjoni hija ta' 0 %. Madankollu, il-kreditu pendenti fuq il-karti ta' kreditu ta' konvenjenza huwa inkluż bħala parti mill-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM fuq ammonti pendenti, flimkien mal-kreditu estiż pendenti fuq il-karta ta' kreditu. La l-kreditu estiż u lanqas dak ta' konvenjenza fuq il-karti ta' kreditu ma hu rrapportat taħt xi indikatur ieħor ta' negozju ġdid.

⁽¹⁾ S.14 u S.15 ikkombinati, kif iddefinit fl-ESA 2010 stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 174, 26.6.2013, p.1).

⁽²⁾ S.11 kif iddefinit fl-ESA 2010.

50. Għall-finijiet tal-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM, self tan-negozju ġdid lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji (minbarra self li jiġġedded u overdrafts u kreditu fuq il-karti ta' kreditu), jiġifieri l-indikaturi 37 sa 54, 80, 82, 84 u 91 fl-Appendiċi 2, ikopru s-self kollu minbarra dejn fuq il-karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts lil intrapriżi, irrispettivament mill-ammont tagħhom, filwaqt li l-indikaturi 62 sa 79, 81, 83 u 85 jirreferu għal self iggarantit kif definit fil-paragrafu 64. Self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji fl-Appendiċi 1 li jirreferi għal ammonti pendenti, għandu l-istess tifsira kif definit f'Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u jkopri self li jiġġedded u overdrafts u kreditu fuq il-karti ta' kreditu.
51. Għall-iskop tal-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM, self tan-negozju ġdid lill-unitajiet domestiċi għall-konsum, jiġifieri l-indikaturi 13 sa 15, 30 u 88 fl-Appendiċi 2, huwa definit bħala self, minbarra dejn fuq il-karti ta' kreditu jew self li jiġġedded u overdrafts, mogħti għall-iskop ta' użu personali fil-konsum ta' oġġetti u servizzi, filwaqt li l-indikaturi 55 sa 57 jirreferu għal self iggarantit kif definit fil-paragrafu 64. Self għall-konsum fl-Appendiċi 1 li jirreferi għal ammonti pendenti għandu l-istess tifsira kif definit f'Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u jkopri self li jiġġedded u overdrafts u kreditu fuq il-karti ta' kreditu.
52. Għall-iskop tal-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM, self tan-negozju ġdid lil unitajiet domestiċi għal xiri ta' djar, jiġifieri l-indikaturi 16 sa 19, 31, u 89 fl-Appendiċi 2, huma definiti bħala kreditu minbarra self li jiġġedded u overdrafts jew kreditu fuq il-karti ta' kreditu, estiż għall-iskop ta' investiment fi djar, inkluż bini, garaxxijiet u titjib fid-dar (rinnovazzjoni), filwaqt li l-indikaturi 58 sa 61 jirreferu għal self iggarantit kif definit fil-paragrafu 64. Is-self lil unitajiet domestiċi għal xiri ta' djar fl-Appendiċi 1 li jirreferi għal ammonti pendenti, għandu l-istess tifsira kif definit f'Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u jkopri self li jiġġedded u overdrafts u kreditu fuq il-karti ta' kreditu.
53. Għall-iskop tal-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM, self tan-negozju ġdid lil unitajiet domestiċi għal skopijiet oħra, jiġifieri l-indikaturi 20 sa 22, 33 sa 35 u 90 fl-Appendiċi 2, huwa definit bħala self minbarra self li jiġġedded u overdrafts jew kreditu fuq il-karti ta' kreditu, mogħti għal skopijiet bħal negozju, il-konsolidazzjoni tad-dejn, l-edukazzjoni, eċċ. Self ieħor lil unitajiet domestiċi fl-Appendiċi 1 li jirreferi għal ammonti pendenti, għandu l-istess tifsira kif definit f'Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) u jinkludi self li jiġġedded u overdrafts u kreditu fuq il-karti ta' kreditu.
54. Għal rati tal-imgħax tal-IFM fuq ammonti pendenti, is-self għall-konsum, is-self lil unitajiet domestiċi għax-xiri ta' djar u self ieħor lil unitajiet domestiċi għal skopijiet oħra, flimkien ikopru s-self mogħti lil unitajiet domestiċi minn istituzzjonijiet ta' kreditu u oħrajn residenti, inkluż is-self li jiġġedded u overdrafts u l-kreditu fuq il-karti ta' kreditu.
55. Għal rati tal-imgħax tal-IFM fuq negozju ġdid, kreditu estiż fuq il-karti ta' kreditu, is-self li jiġġedded u overdrafts, is-self lil unitajiet domestiċi għall-konsum, għax-xiri ta' djar u għal skopijiet oħra jkopri s-self kollu kreditu ta' konvenjenza fuq il-karti ta' kreditu mogħti lil unitajiet domestiċi minn istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn residenti. Il-kreditu ta' konvenjenza fuq il-karti ta' kreditu ma jiġix irrapportat separatament fl-istatistika dwar ir-rati tal-imgħax tal-IFM għal negozju ġdid, iżda jiġi inkluż bħala parti mill-partiti korrispondenti tal-ammont pendenti.

XV. Kategorizzazzjoni skont il-kategoriji tal-ammont

56. Għal self ieħor lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji, jiġifieri l-indikaturi 37 sa 54 u 62 sa 85 fl-Appendiċi 2, issir distinzjoni bejn tliet kategoriji ta' ammonti: (a) "sa u li jinkludi EUR 0,25 miljun"; (b) "aktar minn EUR 0,25 miljun sa u li jinkludi EUR 1 miljun". L-ammont jirreferi għat-tranżazzjoni singola ta' self meqjusa bħala negozju ġdid, aktar milli għan-negozju kollu bejn il-korporazzjoni mhux finanzjarja u l-operatur li jirrapporta.

XVI. Kategorizzazzjoni skont il-maturità oriġinali u reżidwa, in-notifika u l-perjodu li fih isir l-iffissar mill-ġdid tar-rata tal-imgħax jew l-iffissar tar-rata inizjali

57. Skont it-tip ta' strument u jekk ir-rata ta' imgħax tal-IFM tirreferix għal ammonti pendenti jew għal negozju ġdid, l-istatistika tipprovdi skont il-maturità oriġinali u reżidwa, il-perjodi ta' notifika u l-perjodu li fih isir l-iffissar mill-ġdid tar-rata tal-imgħax jew l-iffissar tar-rata inizjali. Dawn l- jirreferu għal termini ta' żmien jew firxiet, pereżempju rata tal-imgħax fuq depożitu b'maturità miftiehma ta' sa sentejn tirreferi għal rata medja fid-depożiti kollha b'maturità oriġinali miftiehma ta' bejn jumejn u massimu ta' sentejn, ippeżati skont id-daqs tad-depożitu.
58. Il-kategorizzazzjoni skont il-maturità oriġinali u reżidwa kif ukoll il-perjodi ta' notifika u tal-iffissar mill-ġdid tar-rata tal-imgħax isegwu d-definizzjonijiet stipulati f'Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Kategorizzazzjoni skont il-maturità oriġinali ssir lill-kategoriji kollha ta' depożiti li mhumiex riakkwisti li jirreferu għal ammonti pendenti u lill-kategoriji kollha ta' self li jirreferu għal ammonti pendenti kif stipulat fl-Appendiċi 1. Kategorizzazzjoni skont il-maturità oriġinali flimkien mal-maturità reżidwa u l-iffissar mill-ġdid li jmiss tar-rata tal-imgħax hija applikata lill-indikaturi 15 sa 26 kif definit fl-Appendiċi 1. Kategorizzazzjoni skont il-maturità oriġinali tiġi applikata wkoll lil negozju ġdid fuq depożiti b'maturità miftiehma, u kategorizzazzjoni skont il-perjodu ta' notifika lil negozju ġdid fuq depożiti li jinfdew b'notifika kif stipulat fl-Appendiċi 2. Dejta separata fuq self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji b'perjodu inizjali li fih tiġi ffixsata r-rata tal-imgħax li jkun sa sena flimkien mal-maturità oriġinali ta' l fuq minn sena tiġi rrapportata għal kull daqs ta' self imsemmi fil-paragrafu 56, kif stipulat fl-Appendiċi 2.

59. Ir-rati tal-imgħax tas-self fuq negozju ġdid, minbarra għall-indikaturi 88 sa 91 fuq self innegożjat mill-ġdid fl-Appendiċi 2, huma analizzati skont il-perijodu inizjali tal-iffissar tar-rata tal-imgħax li jinsab fil-kuntratt. Għall-iskop tal-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM, il-perijodu inizjali tal-iffissar huwa definit bħala perijodu ta' żmien iddeterminat minn qabel fil-bidu ta' kuntratt li matulu l-valur tar-rata tal-imgħax mhuwiex ser jinbidel. Il-perijodu inizjali tal-iffissar jista' jkun iqsar minn jew daqs il-maturità oriġinali tas-self. Il-valur tar-rata tal-imgħax jitqies biss bħala li ma jinbidilx jekk huwa ddefinit bħala livell eżatt, pereżempju bħala 10 %, jew bħala divrenzjali għal rata ta' referenza f'punt ta' żmien fiss, pereżempju bħala EURIBOR ta' 6 xhur miżjuda b'2 punti perċentwali f'ċertu jum u ħin iddeterminat minn qabel. Jekk fil-bidu tal-kuntratt tinftiehem proċedura biex tiġi kkalkulata r-rata tas-self bejn l-unitajiet domestiċi jew il-korporazzjoni mhux finanzjarja u l-operatur li jirrapporta għal ċertu perijodu ta' mien, pereżempju EURIBOR ta' 6 xhur miżjuda b'2 punti perċentwali għal tliet snin, il-perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ma jitqiesx bħala ta' tliet snin, iżda ta' sitt xhur, billi l-valur tar-rata tal-imgħax jista' jinbidel kull sitt xhur matul it-tliet snin. L-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM dwar negozju ġdid ta' self tirrifletti biss ir-rata tal-imgħax li tinftiehem għall-perijodu inizjali tal-iffissar fil-bidu tal-kuntratt jew wara n-negożjar mill-ġdid tas-self. Jekk wara dan il-perijodu inizjali tal-iffissar ir-rata tal-imgħax tinbidel awtomatikament għal rata varjabbli, dan ma jiġix rifless fir-rati tal-imgħax tal-IFM fuq negozju ġdid iżda biss f'dawk l-ammonti pendenti.

60. Il-perijodi tal-iffissar tar-rata inizjali li ġejjin huma differenti għas-self lil unitajiet domestiċi:

Għal self lil unitajiet domestiċi għall-konsum u skopijiet oħra:

- rata varjabbli u iffissar tar-rata inizjali ta' sa (u tinkludi) sena,
- iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn sena u sa (u tinkludi) ħames snin, u
- iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn ħames snin.

Għal self lil unitajiet domestiċi għax-xiri ta' djar:

- rata varjabbli u iffissar tar-rata inizjali ta' sa (u tinkludi) sena,
- iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn sena u sa (u tinkludi) ħames snin,
- iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn ħames snin u sa (u tinkludi) 10 snin, u
- iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 10 snin.

61. Il-perijodi li ġejjin tal-iffissar tar-rata inizjali huma differenti għas-self lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji sa EUR 0,25 miljun, ta' aktar minn EUR 0,25 miljun u sa EUR 1 miljun u ta' aktar EUR 1 miljun:

- rata varjabbli u iffissar tar-rata inizjali ta' sa (u tinkludi) tliet xhur,
- iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn tliet xhur u sa (u tinkludi) sena,
- iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn sena u sa (u tinkludi) tliet snin,
- iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn tliet snin u sa (u tinkludi) ħames snin,
- iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn ħames snin u sa (u tinkludi) għaxar snin, u
- iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 10 snin.

62. Għall-iskopijiet tal-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM, "rata varjabbli" hija definita bħala r-rata tal-imgħax li hija suġġetta għal reviżjonijiet tal-imgħax fuq bażi kontinwa (eż. kuljum) jew fid-diskrezzjoni tal-IFM minbarra banek ċentrali u MMFs.

XVII. Kategorizzazzjoni skont is-self iggarantit b'kollateral u/jew garanziji

63. Self lil unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji iggarantit b'kollateral u/jew garanziji huwa rrapportat addizzjonalment u separatament għall-kategoriji kollha ta' negozju ġdid tal-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM, minbarra l-kreditu fuq il-karti ta' kreditu, is-self li jiġġedded u l-overdrafts, u s-self għal skopijiet oħra. Barra minn dan l-ebda kategorizzazzjoni skont il-kollateral/garanziji ma hija mitluba għall-indikaturi li jirreferu għal volumi ta' negozju ġdid ta' self innegożjat mill-ġdid.

64. Għall-iskop tal-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM, il-kategorizzazzjoni ta' self skont il-kollateral/garanziji tinkludi l-ammont totali ta' self għal negozju ġdid li huwa kollateralizzat permezz tat-teknika tal-"protezzjoni ta' kreditu ffinanzjat" kif definit fl-Artikolu 4(58) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment ⁽¹⁾ u/jew iggarantit bl-użu tat-teknika "protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjat" kif definit fl-Artikolu 4(59) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, b'tali mod illi l-valur tal-kollateral u/jew garanzija jkun ogħla minn jew daqs l-ammont totali tas-self. Jekk IFM minbarra banek ċentrali u MMFs tapplika sistema differenti mill-"Metodu Standardizzat" kif definit fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal skopijiet superviżorji, hija tista' tuża wkoll l-istess trattament fir-rapportar tas-self inkluż f'din il-kategorizzazzjoni.

TAQSIMA 5

Obbligi ta' rapportar

65. Sabiex jiġu dedotti l-aggregati li jirreferu għall-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, jiġu applikati tliet livelli ta' aggregazzjoni għal kull waħda mill-kategoriji ta' strumenti elenkati fl-Appendiċijiet 1 u 2.

XVIII. Tagħrif statistiku fil-livell tal-operaturi li jirrapportaw

66. L-ewwel livell ta' aggregazzjoni isir mill-operaturi li jirrapportaw kif definit fil-paragrafi 67 sa 72. Madankollu, il-BĊNi jistgħu jstaqsu wkoll lill-operaturi li jirrapportaw biex jipprovdu dejta fuq il-livell ta' depożiti u self individwali. Id-dejta hija rrapportata lill-BĊN tal-Istat Membru taż-żona tal-euro li fih huwa residenti l-operatur li jirrapporta.
67. Jekk ir-rati tal-imgħax fuq ammonti pendenti, jiġifieri l-indikaturi 1 sa 26 fl-Appendiċi 1, huma kkompilati bħala stampa ta' osservazzjonijiet ta' tmiem ix-xahar, allura l-operaturi li jirrapportaw jagħtu rata tal-imgħax medja ippeżata li tirreferi għall-aħħar jum tax-xahar għal kull waħda mill-kategoriji ta' strumenti.
68. Jekk ir-rati tal-imgħax fuq ammonti pendenti, jiġifieri l-indikaturi 1 sa 26 fl-Appendiċi 1, huma kkompilati bħala rati impliċiti li jirreferu għall-medja tax-xahar, l-operaturi li jirrapportaw jagħtu l-imgħax akkumulat pagabbli jew riċevibbli matul ix-xahar u l-istokk medju ta' depożiti u self matul l-istess xahar għal kull waħda mill-kategoriji ta' strumenti.
69. Jekk ir-rati tal-imgħax fuq depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdija b'notifika, kreditu estiż fuq il-karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts, jiġifieri l-indikaturi 1, 5, 6, 7, 12, 23, 32 u 36 fl-Appendiċi 2, huma kkompilati bħala stampa tal-osservazzjonijiet ta' tmiem ix-xahar, allura l-operaturi li jirrapportaw jagħtu rata tal-imgħax medja ppeżata li tirreferi għall-aħħar jum tax-xahar għal kull waħda mill-kategoriji ta' strumenti.
70. Jekk ir-rati tal-imgħax fuq depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdija b'notifika, kreditu estiż fuq il-karti ta' kreditu u self li jiġġedded u overdrafts, jiġifieri l-indikaturi 1, 5, 6, 7, 12, 23, 32 u 36 fl-Appendiċi 2, huma kkompilati bħala rati impliċiti li jirreferu għall-medja tax-xahar, allura l-operaturi li jirrapportaw jagħtu l-imgħax akkumulat pagabbli jew riċevibbli matul ix-xahar u l-istokk medju ta' depożiti u self matul l-istess xahar għal kull waħda mill-kategoriji ta' strumenti.
71. Għal kull waħda mill-kategoriji ta' strumenti dwar negozju ġdid, jiġifieri l-indikaturi 2 sa 4, 8 sa 11, 13 sa 22, 30 sa 31, 33 sa 35 u 37 sa 85 fl-Appendiċi 2, l-operaturi li jirrapportaw jagħtu rata tal-imgħax medja ppeżata. Barra minn dan l-operaturi li jirrapportaw jagħtu l-ammont ta' negozju ġdid imwettaq f'kull kategorija ta' strumenti matul ix-xahar għal kull wieħed mill-indikaturi 2 sa 4, 8 sa 11, 13 sa 35 u 37 sa 85 fl-Appendiċi 2. Għall-kategoriji ta' strumenti li jirreferu għal self innegozjat mill-ġdid li unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji (indikaturi 88 sa 91 fl-Appendiċi 2), hija mitluba biss informazzjoni dwar negozju ġdid.
72. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u oħrajn li jitħallew minn BĊN biex jirrapportaw l-istatistika tar-rati tal-imgħax tal-IFM flimkien bħala grupp jitqiesu bħala operatur wieħed li jirrapporta u jagħtu d-dejta msemmija fil-paragrafi 64 sa 66 b'referenza għall-grupp sħiħ. Barra minn dan, dawn l-operaturi li jirrapportaw ta' kull sena jagħtu n-numru ta' istituzzjonijiet li jirrapportaw fi ħdan il-grupp u l-varjanza tar-rati tal-imgħax fdawn l-istituzzjonijiet għal kull kategorija ta' strumenti. In-numru tal-istituzzjonijiet li jirrapportaw fi ħdan il-grupp u l-varjanza jirreferu għax-xahar ta' Ottubru u jiġu trażmessi mad-dejta ta' Ottubru.

XIX. Rati tal-imgħax medji ippeżati u rieżultati aggregati nazzjonali għall-Istati Membri taż-żona tal-euro

73. It-tieni livell ta' aggregazzjoni jitwettaq mill-BĊNi. Huma jaggregaw ir-rati tal-imgħax u l-ammonti relatati tan-negozju għall-operaturi nazzjonali tagħhom kollha li jirrapportaw għal rata tal-imgħax nazzjonali medja ppeżata għal kull kategorija ta' strumenti. Id-dejta tiġi rrapportata lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Il-livell finali tal-aggregazzjoni tal-kategoriji ta' strumenti għal kull Stat Membru taż-żona tal-euro għal-livell tal-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro jitwettaq mill-BĊE.

⁽¹⁾ ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1

Appendiċi 1

Kategoriji ta' strumenti għal rati tal-imgħax fuq ammonti pendenti

AAR jew NDER hija rrapportata fuq bażi ta' kull xahar għal kull waħda mill-kategoriji inklużi fit-Tabella 1.

Tabella 1

	Settur	Tip ta' strument	Maturità oriġinali	Maturità reżidwa	Iffissar mill-ġdid tar-rata tal-imgħax	Indikatur tal-ammont pendenti	Rekwiżit ta' rapportar
Depożiti f'EUR	Minn unitajiet domestiċi	B'maturità miftehma	Sa sentejn			1	AAR
			Aktar minn sentejn			2	AAR
	Minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji	B'maturità miftehma	Sa sentejn			3	AAR
			Aktar minn sentejn			4	AAR
	Repos Riakkwist					5	AAR
Self f'EUR	Lil unitajiet domestiċi	Għax-xiri ta' djar	Sa sena			6	AAR
			Aktar minn sena u sa 5 snin			7	AAR
			Aktar minn 5 snin			8	AAR
		Għal konsum u skopijiet oħra	Sa sena			9	AAR
			Aktar minn sena u sa 5 snin			10	AAR
			Aktar minn 5 snin			11	AAR
	Total	Aktar minn sena				15	AAR
			sa sena			16	AAR
			aktar minn sena	fit-12-il xahar li jmiss		17	AAR
		Aktar minn sentejn				18	AAR
			sa sentejn			19	AAR
			aktar minn sentejn	fl-24 xahar li jmiss		20	AAR
	Lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji		Sa sena			12	AAR
			Aktar minn sena u sa 5 snin			13	AAR
			Aktar minn 5 snin			14	AAR

	Settur	Tip ta' strument	Maturità oriġinali	Maturità reżidwa	Iffissar mill-ġdid tar-rata tal-imgħax	Indikatur tal-ammont pendenti	Rekwiżit ta' rapportar	
			Aktar minn sena			21	AAR	
				sa sena			22	AAR
				aktar minn sena	fit-12-il xahar li jmiss		23	AAR
			Aktar minn sentejn			24	AAR	
				sa sentejn			25	AAR
				aktar minn sentejn	fl-24 xahar li jmiss		26	AAR

Appendiċi 2

Kategoriji ta' strumenti għal rati tal-imgħax fuq negozju ġdid

AAR jew NDER tiġi rrapportata fuq bażi ta' kull xahar għall-kategoriji inklużi fit-Tabelli 2, 3 u 4. Ir-rapportar tal-AAR huwa akkompanjat mill-volum ta' negozju relatat jekk indikat fit-tabelli mill-kelma "ammont". Għall-kategoriji li jirreferu għal self innegozjat mill-ġdid fit-tabella 6, hija mitluba biss l-informazzjoni dwar il-volum ta' negozju ġdid.

Il-kategoriji fi ħdan it-Tabelli 2 (minbarra l-indikaturi 33 sa 35), 3, 5 u 6 jeskludu lil xulxin fi ħdan kull tabella. Għalhekk, self irrapportat taħt xi indikatur fit-Tabella 2 (minbarra l-indikaturi 33 sa 35) u/jew fit-Tabella 3 u/jew fit-Tabella 5 u/jew fit-Tabella 6 ma jerġax jiġi rrapportat taħt xi indikatur ieħor fl-istess tabella, ħlief għal self irrapportat fl-indikaturi 33 sa 35, li għandhom ukoll jiġu rrapportati taħt l-indikaturi 20 sa 22.

Is-self kollu rrapportat taħt xi kategorija fit-Tabella 3 għandu jidher ukoll fil-kategoriji korrispondenti tat-Tabelli 2. Għall-indikaturi fit-Tabella 4, dawn huma subindikaturi tat-Tabella 2, u jekk iggarantit, tat-Tabella 3; għalhekk kull self irrapportat fit-Tabella 4 għandu jidher ukoll fit-Tabelli 2 u 3 skont il-każ. Is-self irrapportat taħt xi kategorija fit-Tabella 6 għandu jidher ukoll fil-kategorija xierqa fit-Tabella 2, u skont il-każ, fil-kategorija xierqa fit-Tabelli 3 u 4.

It-Tabella 5 tirreferi biss għall-APRC. Self imniżżel fit-Tabella 5 għandu jitniżżel ukoll fit-Tabelli 2, 3, 4 u 6 kif jixraq, u titqies il-metodoloġija differenti tal-APRC kif inkluż fil-paragrafu 9.

Il-kunċett ta' negozju ġdid huwa estiż għall-istokk sħiħ, jiġifieri għall-ammonti pendenti fil-każ ta' depożiti ta' matul il-lejl, depożiti mifdija b'notifika, self li jiġġedded u overdrafts u kreditu estiż fuq il-karti ta' kreditu, jiġifieri l-indikaturi 1, 5, 6, 7, 12, 23, 32, 36.

Tabella 2

	Settur	Tip ta' strument	Maturità oriġinali, perijodu ta' notifika, perijodu tal-iffissar tar-rata tal-imgħax inizjali	Indikatur ta' negozju ġdid	u ta' rapportar
Depożiti EUR	Minn unitajiet domestiċi	Matul il-lejl		1	AAR
		B'maturità miftehma	Maturità sa sena	2	AAR, ammont
			Maturità ta' aktar minn sena u sa sentejn	3	AAR, ammont
			Maturità ta' aktar minn sentejn	4	AAR, ammont
		Jinfeda b'avviż (*)	Notifika sa 3 xhur	5	AAR
			Notifika ta' aktar minn 3 xhur	6	AAR
	Minn korporazzjoni- jiet mhux finanzjarji	Matul il-lejl		7	AAR
		B'maturità miftehma	Maturità sa sena	8	AAR, ammont
			Maturità ta' aktar minn sena u sa sentejn	9	AAR, ammont
			Maturità ta' aktar minn sentejn	10	AAR, ammont
	Riakkwisti			11	AAR, ammont
Self EUR	Lil unitajiet domestiċi	Self li jiġġedded u overdrafts		12	AAR
		Kreditu estiż fuq il-karti ta' kreditu		32	AAR
		Għall-konsum	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa sena	13	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn sena u sa 5 snin	14	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 5 snin	15	AAR, ammont

	Settur	Tip ta' strument	Maturità oriġinali, perijodu ta' notifika, perijodu tal-iffissar tar-rata tal-imgħax inizjali	Indikatur ta' negozju ġdid	u ta' rapportar		
		Għax-xiri ta' djar	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa sena	16	AAR, ammont		
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn sena u sa 5 snin	17	AAR, ammont		
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 5 snin u sa 10 snin	18	AAR, ammont		
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 10 snin	19	AAR, ammont		
		Għal skopijiet oħra	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa sena	20	AAR, ammont		
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn sena u sa 5 snin	21	AAR, ammont		
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 5 snin	22	AAR, ammont		
		Għal skopijiet oħra, li minn-hom: Proprjetarji uniċi	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa sena	33	AAR, ammont		
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn sena u sa 5 snin	34	AAR, ammont		
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 5 snin	35	AAR, ammont		
		Self f'EUR	Lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Self li jiġġedded u overdrafts		23	AAR
				Kreditu estiż fuq il-karti ta' kreditu		36	AAR
				Self sa ammont ta' EUR 0,25 mn	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa tliet xhur	37	AAR, ammont
Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 3 xhur u sa sena	38				AAR, ammont		
Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn sena u sa 3 snin	39				AAR, ammont		
Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 3 snin u sa 5 snin	40				AAR, ammont		
Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 5 snin u sa 10 snin	41				AAR, ammont		
Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 10 snin	42				AAR, ammont		
Self ta' aktar minn EUR 0,25 mn u sa EUR 1 mn	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa tliet xhur			43	AAR, ammont		
	Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 3 xhur u sa sena			44	AAR, ammont		

	Settur	Tip ta' strument	Maturità oriġinali, perijodu ta' notifika, perijodu tal-iffissar tar-rata tal-imgħax inizjali	Indikatur ta' negozju ġdid	u ta' rapportar
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn sena u sa 3 snin	45	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 3 snin u sa 5 snin	46	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 5 snin u sa 10 snin	47	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 10 snin	48	AAR, ammont
		Self ta' aktar minn EUR 1 mn	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa tliet xhur	49	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 3 xhur u sa sena	50	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 1 snin u sa 3 snin	51	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 3 snin u sa 5 snin	52	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 5 snin u sa 10 snin	53	AAR, amount
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 10 snin	54	AAR, ammont

(*) Għal din il-kategorija ta' strumenti, l-unitajiet domestiċi u l-korporazzjonijiet mhux finanzjarji huma miġburin flimkien u allokati lis-settur tal-unitajiet domestiċi.

Tabella 3

Self għal negozju ġdid b'kollateral u/jew garanziji

	Settur	Tip ta' strument	Perijodu tal-iffissar tar-rata tal-imgħax inizjali	Indikatur ta' negozju ġdid	Rekwiżit ta' rapportar
Self f'EUR	Lil unitajiet domestiċi	Għall-konsum	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa sena	55	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 1 snin u sa 5 snin	56	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 5 snin	57	AAR, ammont
		Għax-xiri ta' djar	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa sena	58	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 1 snin u sa 5 snin	59	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 5 snin u sa 10 snin	60	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 10 snin	61	AAR, ammont

	Settur	Tip ta' strument	Perijodu tal-iffissar tar-rata tal-imgħax inizjali	Indikatur ta' negozju ġdid	Rekwiżit ta' rapportar
Self f'EUR	Lil korporazzjoni-jiet mhux finanzjarji	Self sa ammont ta' EUR 0,25 mn	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa tliet xhur	62	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 3 xhur u sa sena	63	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 1 snin u sa 3 snin	64	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 3 snin u sa 5 snin	65	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 5 snin u sa 10 snin	66	AAR, ammont
			Perijodu tal-fissazzjoni tar-rata inizjali ta' aktar minn 10 snin	67	AAR, ammont
		Self ta' aktar minn EUR 0,25 mn u sa EUR 1 mn	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa tliet xhur	68	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 3 xhur u sa sena	69	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 1 snin u sa 3 snin	70	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 3 snin u sa 5 snin	71	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 5 snin u sa 10 snin	72	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 10 snin	73	AAR, ammont
		Self ta' aktar minn EUR 1 mn	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa tliet xhur	74	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 3 xhur u sa sena	75	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 1 snin u sa 3 snin	76	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 3 snin u sa 5 snin	77	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 5 snin u sa 10 snin	78	AAR, ammont
			Perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' aktar minn 10 snin	79	AAR, ammont

Tabella 4

Self għal negozju ġdid lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji b'perjodu tal-iffissar tar-rata inizjali ta' anqas minn sena u ta' maturità oriġinali ta' aktar minn sena

	Settur	Tip ta' strument	Is-self kollu / is-self ikkollateralizzat/iggarantit skont il-maturità oriġinali	Indikatur ta' negozju ġdid	Rekwiżit ta' rapportar
Self f'EUR	Lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Self sa ammont ta' EUR 0,25 mn	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa sena, b'maturità oriġinali ta' aktar minn sena	80	AAR, ammont
			Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa sena, b'maturità oriġinali ta' aktar minn sena, self ikkollateralizzat/iggarantit biss	81	AAR, ammont
		Self ta' aktar minn EUR 0,25 mn u sa EUR 1 mn	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa sena, b'maturità oriġinali ta' aktar minn sena	82	AAR, ammont
			Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa sena, b'maturità oriġinali ta' aktar minn sena, self ikkollateralizzat/iggarantit biss	83	AAR, ammont
		Self ta' aktar minn EUR 1 mn	Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa sena, b'maturità oriġinali ta' aktar minn sena	84	AAR, ammont
			Rata varjabbli u perijodu tal-iffissar tar-rata inizjali sa sena, b'maturità oriġinali ta' aktar minn sena, self ikkollateralizzat/iggarantit biss	85	AAR, ammont

Tabella 5

Self għal negozju ġdid lil unitajiet domestiċi

	Settur	Tip ta' strument	Is-self kollu	Indikatur ta' negozju ġdid	Rekwiżit ta' rapportar
Self f'EUR	Lil unitajiet domestiċi	Għall-konsum	APRC	30	APRC
		Għal xiri ta' djar	APRC	31	APRC

Tabella 6

Self innegozjat mill-ġdid għal-negozju ġdid

	Settur	Tip ta' strument	Maturità oriġinali, perijodu ta' notifika, perijodu tal-iffissar tar-rata tal-imgħax inizjali	Indikatur ta' negozju ġdid	Rekwiżit ta' rapportar
Self f'EUR	Lil unitajiet domestiċi	Għall-konsum	total	88	Ammont
		Għax-xiri ta' djar	total	89	Ammont
		Għal skopijiet oħra	total	90	Ammont
	Lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji	total	total	91	Ammont

ANNEX II

STANDARDS MINIMI LI GĦANDHOM IKUNU APPLIKATI MILL-POPOLAZZJONI ATTWALMENT SOĠĠETTA GĦAR-RAPPORTAR

L-operaturi li jirrapportaw għandhom jissodisfaw l-istandards minimi li ġejjin sabiex biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

1. Standards minimi għat-trażmissjoni:

- (a) ir-rapportar għandu jkun f'waqt u fl-iskadenzi stabbiliti mill-BĊN tal-Istat Membru taż-żona tal-euro fejn l-operatur li jirrapporta jkun residenti (minn hawn 'il quddiem il-"BĊN rilevanti");
- (b) ir-rapporti tal-istatistika għandhom jieħdu l-forma u l-format tagħhom mill-obbligi tar-rapportar tekniku stabbiliti mill-BĊN rilevanti;
- (c) l-operatur li jirrapporta għandu jipprovi d-dettalji ta' persuna ta' kuntatt waħda jew aktar lill-BĊN rilevanti; u
- (d) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trażmissjoni ta' dejta lill-BĊN rilevanti għandhom ikunu mħarsa.

2. Standards minimi għall-preċiżjoni:

- (a) it-tagħrif statistiku għandu jkun korrett;
- (b) l-operaturi li jirrapportaw għandhom ikunu jistgħu jagħtu tagħrif dwar l-iżviluppi indikati mid-dejta trażmessa;
- (c) it-tagħrif statistiku għandu jkun komplet u m'għandux ikun fihi; nuqqasijiet kontinwi u strutturali; nuqqasijiet eżistenti għandhom jiġu rikonoxxuti, spjegati lill-BĊN rilevanti u, fejn applikabbli, irrikonċiljati malli dan ikun possibbli;
- (d) l-operaturi li jirrapportaw għandhom isegwu d-dimensjonijiet, il-politika tat-tqarrib u d-deċimali stabbiliti mill-BĊN rilevanti għat-trażmissjoni teknika ta' dejta.

3. Standards minimi għall-konformità mal-kunċetti:

- (a) tagħrif statistiku għandu jkun konformi mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet li qegħdin f'dan ir-Regolament;
- (b) f'każ ta' devjazzjonijiet minn dawn id-definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet, l-operaturi li jirrapportaw għandhom jimmonitorjaw u jikkwantifikaw id-differenza bejn il-kejl użat u l-kejl li jinsab f'dan ir-Regolament fuq bażi regolari;
- (c) l-operaturi li jirrapportaw għandhom ikunu jistgħu jispjegaw nuqqasijiet fid-dejta trażmessa meta mqabbla maċ-ċifri tal-perijodi ta' qabel.

4. Standards minimi għal reviżjonijiet:

Il-politika ta' reviżjoni u l-proċeduri stipulati mill-BĊE u mill-BĊN rilevanti għandhom ikunu mħarsa. Reviżjonijiet li jtiegħdu minn reviżjonijiet regolari għandhom ikollhom magħhom noti spjegattivi.

ANNEX III

REGOLAMENT IMĦASSAR BIL-LISTA TA' EMENDI SUĊĊESSIVI

(imsemmija fl-Artikolu 7)

Regolament (KE) Nru 63/2002 (BĊE/2003/18)

(ĠU L 10, 12.1.2002, p. 24)

Emendat minn:

Regolament (KE) Nru 2181/2004 (BĊE/2004/21)

(ĠU L 371, 18.12.2004, p. 42)

Regolament (KE) Nru 290/2009 (BĊE/2009/7)

(ĠU L 94, 8.4.2009, p. 75)

Regolament (UE) Nru 674/2010 (BĊE/2010/7)

(ĠU L 196, 28.7.2010, p. 23)

ANNEX IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (KE) Nru 63/2002 (BĊE/2003/18)	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2(1)	Artikolu 2(1)
	Artikolu 2(2)
	Artikolu 2(3)
	Artikolu 2(4)
Artikolu 2(2)	Artikolu 2(5)
Artikolu 2(3)	Artikolu 2(6)
Artikolu 3	Artikolu 3
	Artikolu 4
Artikolu 4	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 6
Artikolu 6	Artikolu 7
	Artikolu 8
Artikolu 7	Artikolu 9
Anness I ⁽¹⁾	
Anness II	Anness I
Anness III	Anness II
	Anness III
Anness IV	

⁽¹⁾ Għandha tiġi inkluża f'Linja Gwida tal-BĊE għar-riformulazzjoni tal-Linja Gwida BĊE/2007/9.

REGOLAMENT (UE) Nru 1073/2013 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-18 ta' Ottubru 2013

dwar statistika dwar l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investment (riformulazzjoni)

(BĊE/2013/38)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(4),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Peress illi r-Regolament (KE) Nru 958/2007 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Lulju 2007 dwar statistika fir-rigward tal-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investment (BĊE/2007/8) ⁽²⁾ jenħtieġ li jiġi emendat b'mod sostanzjali, b'mod partikolari fid-dawl tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea ⁽³⁾, huwa għandu jiġi riformulat għall-finijiet ta' ċarezza.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2533/98 jistipula fl-Artikolu 2(1) illi, għall-iskopijiet tat-tweġiq tar-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), megħjun mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), għandu d-dritt jiġbor tagħrif statistiku fil-limiti tal-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta u ta' dak li huwa neċessarju sabiex jitwettqu l-kompiti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ). Jingħad mill-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 li l-fondi ta' investment (FI) jagħmlu parti mill-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta għall-finijiet tat-tweġiq tar-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tal-BĊE, *inter alia*, fil-qasam tal-istatistika monetarja u finanzjarja. Barra minn dan, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jeħtieġ li l-BĊE jispeċifika l-popolazzjoni attwali li tirrapporta fil-limiti tal-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta u jintitolah sabiex jeżenta totalment jew parzjalment klassijiet speċifiċi ta' aġenti li jirrapportaw mir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tiegħu.

(3) Sabiex twettaq il-kompiti tagħha u timmonitorja attivitajiet finanzjarji minbarra dawk imwettqa minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM), is-SEBĊ teħtieġ tagħrif statistiku ta' kwalità għolja dwar in-negozju tal-FI. L-iskop

prinċipali ta' dan it-tagħrif huwa li l-BĊE jingħata stampa statistika komprensiva tas-settur tal-FI fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri taż-żona tal-euro"), li għandhom jitqiesu bħala territorju ekonomiku wieħed.

(4) Sabiex jiġi limitat il-piż tar-rapportar, il-BĊNi jitħallew jiġbru t-tagħrif meħtieġ dwar FI mingħand il-popolazzjoni attwali li tirrapporta bħala parti minn qafas ta' rapportar statistiku aktar wiesa' li jservi skopijiet statistiċi oħra, sakemm it-tweġiq tar-rekwiżiti statistiċi tal-BĊE mhumiex ippreġudikat. Sabiex titkattar it-trasparenza, f'dawn il-każijiet huwa xieraq li l-aġenti li jirrapportaw jiġu mgħarrfa li d-dejta tinġabar sabiex jiġu sodisfatti skopijiet ta' statistika oħrajn.

(5) Id-disponibilità ta' dejta dwar tranżazzjonijiet finanzjarji tiffaċilita analiżi aktar fil-fond għal skopijiet ta' politika monetarja u oħrajn. Dejta dwar tranżazzjonijiet finanzjarji, kif ukoll dejta dwar stokks, tintuża wkoll sabiex tiġi kkompilata statistika oħra, partikolarment il-kontijiet finanzjarji taż-żona tal-euro.

(6) Għalkemm ir-regolamenti adottati taħt l-Artikolu 34.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ") ma jassenjawx xi drittijiet jew jimponu xi obbligi fuq Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro"), l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ japplika kemm għall-Istati Membri taż-żona tal-euro kif ukoll għal dawk li mhumiex fiż-żona tal-euro. Il-premessa 17 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 tirreferi għall-fatt illi l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ, flimkien mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jimplika li hemm obbligu biex jitfasslu u jiġu implimentati flivell nazzjonali l-miżuri kollha illi l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jqisu xierqa sabiex jinġabar it-tagħrif statistiku meħtieġ biex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tal-BĊE u jsiru t-tħejjijiet f'waqthom fil-qasam tal-istatistika sabiex huma jsiru Stati Membri taż-żona tal-euro.

(7) Minkejja li dan ir-Regolament huwa indirizzat primarjament lil FI, tagħrif komplet dwar detenturi ta' ishma tal-portatur maħruġa minn FI jista' ma jkunx disponibbli direttament mill-FI, u għalhekk huwa meħtieġ li jiġu inklużi entitajiet oħra fil-popolazzjoni attwali li tirrapporta.

(8) L-istandards għall-protezzjoni u l-użu ta' tagħrif statistiku kunfidenzjali kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 għandhom japplikaw.

⁽¹⁾ ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8

⁽²⁾ ĠU L 211, 11.8.2007, p. 8.

⁽³⁾ ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1.

- (9) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jistipula li l-BĊE għandu s-setgħa li jimponi sanzjonijiet fuq aġenti li jirrapportaw li jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' rapportar statistiku stipulati fir-regolamenti u d-deċiżjonijiet tal-BĊE,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

1. "fond ta' investiment (FI)" tfisser impriża ta' investiment kollettiv li:
 - (a) tinvesti fattiv finanzjarju u/jew mhux finanzjarju, fit-tifsira tal-Anness II, sakemm l-għan tagħha huwa li tinvesti l-kapital miġbur mill-pubbliku; u
 - (b) hija mwaqqfa permezz tal-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali skont:
 - (i) il-liġi tal-kuntratti, bħala fond komuni mmaniġġjat minn kumpaniji ta' maniġment;
 - (ii) il-liġi dwar it-trusts, bhala unit trust;
 - (iii) il-liġi tal-kumpaniji, bħala kumpanija ta' investiment;
 - (iv) kull mekkaniżmu simili jew forma legali oħra.

Dawn li ġejjin huma inklużi fid-definizzjoni:

- (a) impriżi li l-unitajiet jew l-ishma tagħhom huma, fuq talba tad-detenturi, mixtrija mill-ġdid jew mifdija direttament jew indirettament mill-attiv tal-impriża; u
- (b) impriżi li għandhom numru fiss ta' ishma maħruġa u li l-azzjonisti tagħhom ikollhom jixtru jew ibiegħu ishma eżistenti meta jidhru jew jorhgu mill-fond.

Dawn li ġejjin ma humiex inklużi fid-definizzjoni:

- (a) fondi tal-pensjoni kif iddefiniti fis-Sistema Ewropea tal-Kontijiet riveduta (iktar 'il quddiem l-"ESA 2010") stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 549/2013 (subsettur S.129);
- (b) fondi tas-suq tal-flus (money market funds - MMFs) kif iddefiniti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istitutazzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) ⁽¹⁾,

Għall-finijiet tad-definizzjoni ta' FI, 'pubbliku' għandha tinkludi investituri fil-livell tal-konsumatur, professjonali u istituzzjonali;

2. "operatur li jirrapporta" għandha jkollha l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;
3. "residenti" għandha l-istess tifsira kif definita fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u fin-nuqqas ta' dimensjoni fiżika sinifikanti għal entità legali, ir-residenza tagħha għandha tkun iddeterminata mit-territorju ekonomiku li skont il-liġijiet tiegħu tkun inkorporata l-entità. Jekk l-entità mhijiex inkorporata, għandu jintuża d-domiċilju legali bħala kriterju, jgħifieri l-pajjiż li s-sistema legali tiegħu tirregola l-ħolqien u l-eżistenza kontinwa tal-entità;
4. "istitutazzjoni finanzjarja monetarja (IFM)" l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33);
5. "IFO" tfisser intermedjarji finanzjarji oħrajn ħlief għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni, kif iddefiniti fl-ESA 2010 (subsettur S.125);
6. "Ishma/unitajiet ta' FI irreġistrati" tfisser ishma/unitajiet ta' FI li dwarhom, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, tinżamm dokumentazzjoni li tidentifika d-detenturi tal-ishma/unitajiet tiegħu, inkluż tagħrif dwar ir-residenza u s-settur tad-detentur;
7. "ishma/unitajiet tal-poratur ta' FI" tfisser ishma/unitajiet ta' FI li dwarhom, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, ma tinżammx dokumentazzjoni li tidentifika d-detenturi tal-ishma/unitajiet tiegħu, jew li dwarhom tinżamm dokumentazzjoni li ma tinkludix tagħrif dwar ir-residenza u s-settur tad-detentur.
8. "BĊN rilevanti" tfisser il-BĊN tal-Istat Membru taż-żona tal-euro li fih huwa residenti l-FI.
9. dejta "titolu b' titolu" tfisser dejta kklassifikata ftitoli individwali.

Artikolu 2

Popolazzjoni attwali li tirrapporta

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tikkonsisti fil-FI residenti fit-territorju tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. Jekk il-FI innifsu jew, fil-każ ta' FI li m'għandhomx personalità ġuridika skont il-liġi nazzjonali tagħhom, il-persuni intitolati jirrappreżentawhom legalment, għandhom ikunu responsabbli biex jirrapportaw it-tagħrif statistiku meħtieġ skont dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, għall-finijiet ta' ġbir ta' informazzjoni dwar id-detenturi ta' ishma tal-portatur maħruġa mill-FI b'mod konformi mal-paragrafu 3 fil-Parti 2 tal-Anness I, il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tinkludi l-IFM u dawk l-IFO li mhumiex FI. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lil dawn l-entitajiet bil-kundizzjoni li t-tagħrif statistiku meħtieġ jinġabar minn sorsi oħra disponibbli skont il-paragrafu 3 f'Parti 2 tal-Anness I. Il-BĊNi għandhom jivverifikaw li din il-kundizzjoni hija sodisfatta biżżejjed żmien minn qabel sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk meħtieġ, kull deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena, bi qbil mal-BĊE. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-BĊNi jistgħu jistabbilixxu u jżommu lista ta' IFO li jirrapportaw, skont il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 3 f'Parti 2 tal-Anness I.

Artikolu 3

Lista ta' FI għal finijiet ta' statistika

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jistabbilixxi u jżomm, għall-finijiet ta' statistika, lista ta' FI li jiffurmaw il-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta, inklużi, fejn applikabbli, is-subfondi tagħhom, fit-tifsira tal-Artikolu 4(2). Il-lista tista' tkun ibbażata fuq listi eżistenti ta' FI superviżjonati minn awtoritajiet nazzjonali, meta dawn il-listi jkunu disponibbli, issupplimentati minn FI oħra li jaqgħu fid-definizzjoni ta' FI fl-Artikolu 1.

2. Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jagħmlu din il-lista u l-aġġornamenti tagħha disponibbli f'forma xierqa, inkluż b'mezzi elettroniċi, permezz tal-Internet jew, fuq talba mill-operaturi li jirrapportaw ikkonċernati, f'forma fuq karta.

3. Jekk l-aħħar verżjoni elettronika aċċessibbli tal-lista msemmija fil-paragrafu 2 ma tkunx korretta, il-BĊE ma għandux jimponi sanzjonijiet fuq xi aġent li jirrapporta li ma jwettaqx kif suppost ir-reqwiziti ta' rapportar statistiku tiegħu sal-punt li jkun iddependa fuq il-lista mhux korretta *in bona fede*.

Artikolu 4

Rapportar fond b'fond

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tirrapporta data dwar l-attiv u l-passiv tagħha fuq bażi ta' fond b'fond.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, jekk xi FI jissepara l-attiv tiegħu f'subfondi differenti b'mod li l-ishma/unitajiet dwar kull subfond huma sostnuti indipendentament minn attiv differenti, kull subfond għandu jitqies bħala FI individwali.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, suġġett għal approvazzjoni minn qabel u skont l-istruzzjonijiet tal-BĊN rilevanti, il-FI jistgħu jirrapportaw l-attiv u l-passiv tagħhom bħala grupp, bil-kundizzjoni li dan iwassal għal riżultati li huma simili għal rapportar fond b'fond.

Artikolu 5

Ħtiġijiet ta' rapportar statistiku trimestrali u ta' kull xahar

1. L-aġenti li jirrapportaw għandhom jipprovdu, b'mod konformi mal-Annessi I u II:

(a) fuq bażi trimestrali, dejta dwar l-istokk ta' tmiem it-trimestru dwar l-attiv u l-passiv ta' FI, u aġġustamenti jew tranżazzjonijiet ta' rivalutazzjoni trimestrali, fejn applikabbli; u

(b) fuq bażi ta' kull xahar, dejta dwar l-istokk fit-tmiem tax-xahar fuq ishma/unitajiet FI maħruġa, l-aġġustamenti jew it-tranżazzjonijiet ta' rivalutazzjoni trimestrali korrispondenti, jekk applikabbli u rapportar separat ta' ħruġ u fidi ġodda ta' ishma/unitajiet FI matul ix-xahar tar-rapportar.

2. Il-BĊNi jistgħu jagħżlu li jiġbru d-dejta fil-paragrafu 1(a) ta' kull xahar minflok kull tlett xhur.

Artikolu 6

Aġġustamenti jew tranżazzjonijiet ta' rivalutazzjoni

1. L-aġenti li jirrapportaw għandhom jirrapportaw aġġustamenti jew tranżazzjonijiet ta' rivalutazzjoni, skont l-istruzzjonijiet tal-BĊN rilevanti, għall-informazzjoni rrapportata fuq bażi aggregata kif speċifikat fl-Anness I.

2. Kif speċifikat fl-Anness I, il-BĊNi jistgħu jew jidderivaw approssimazzjonijiet ta' tranżazzjonijiet ta' titoli mill-informazzjoni titolu b'titolu jew inkella jiġbru direttament dejta dwar tranżazzjonijiet fuq bażi ta' titolu b'titolu.

3. Obbligi u linji gwida oħrajn dwar il-kompilazzjoni ta' aġġustamenti jew tranżazzjonijiet ta' rivalutazzjoni huma stabbiliti fl-Anness III.

Artikolu 7

Regoli tal-kontabbiltà

1. Ir-regoli tal-kontabbiltà segwiti mill-FI għall-finijiet tar-rapportar skont dan ir-Regolament għandhom ikunu dawk stipulati fil-liġi nazzjonali rilevanti li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn⁽¹⁾ jew, jekk din l-ewwel dispożizzjoni ma tapplikax, f'kull standard nazzjonali jew internazzjonali ieħor li japplika għall-FI.

2. Mingħajr preġudizzju għall-prattiċi tal-kontabbiltà u l-arranġamenti ta' netting l-aktar użati fl-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-attiv u l-passiv finanzjarju kollu għandu jiġi rrapportat fuq bażi gross għal finijiet statistiċi.

⁽¹⁾ ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1.

Artikolu 8**Derogi**

1. Derogi mir-*rekwiżiti ta' rapportar statistiku stipulati fl-Artikolu 5 jistgħu jingħataw lil FI kif ġej:*

- (a) Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-*iżgħar FI f'termini ta' attiv totali, kemm-il darba l-FI li jikkontribwixxu għall-kont trimestrali aggregat tal-karta tal-bilanċ ikunu jirrappreżentaw ta l-anqas 95 % tat-total tal-attiv tal-FI f'termini ta' stokks, f'kull Stat Membru taż-żona tal-euro.*
- (b) Fi Stati Membri taż-żona tal-euro fejn l-*attiv totali kkombinati ta' FI nazzjonali ma jeċċedux 1 % tal-attiv totali tal-FI fiż-żona tal-euro, il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-iżgħar FI f'termini ta' attiv totali, kemm-il darba l-FI li jikkontribwixxu għall-kont tal-karta tal-bilanċ trimestrali aggregata jirrappreżentaw ta l-inqas 80 % tat-total ta' attiv ta' FI nazzjonali f'termini ta' stokks.*
- (c) Il-FI li għalihom japplikaw id-*derogi kif stipulati fil-punti (a) u (b) għandhom jirrapportaw biss, fuq bażi trimestrali, dejta dwar l-istokk fi tmiem it-trimestru dwar ishma/unitajiet ta' FI maħruġa u l-aġġustamenti jew tranżazzjonijiet ta' rivalutazzjoni trimestrali korrispondenti, jekk applikabbli.*
- (d) Il-BĊNi għandhom jivverifikaw it-*twettiq tal-kundizzjonijiet mniżżla fil-punti (a) u (b) fuq bażi annwali biżżejjed żmien minn qabel sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk meħtieġ, xi deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena kalendarja.*

2. Jistgħu jingħataw derogi lil FI li huma suġġetti għal *regoli ta' kontabbiltà nazzjonali li jippermettu l-valutazzjoni tal-attiv tagħhom inqas ta' spiss minn kull trimestru. Il-kategoriji ta' FI li lilhom il-BĊNi għandhom ikollhom id-diskrezzjoni li jagħtu derogi, għandhom ikunu deċiżi mill-Kunsill Governattiv. Il-FI li għalihom japplikaw dawn id-derogi għandhom ikunu suġġetti għall-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5 fi frekwenza konsistenti mal-obbligi tal-kontabbiltà tagħhom fir-rigward taż-żmien tal-valutazzjoni tal-attiv tagħhom.*

3. Il-FI jistgħu jagħżlu li ma jagħmlux użu mid-*derogi u li minflok jissodisfaw ir-*rekwiżiti ta' rapportar statistiku kollha kif speċifikati fl-Artikolu 5. Jekk FI jagħmel din l-għażla, għandu jikseb il-kunsens tal-BĊN rilevanti qabel kwalunkwe bidla fl-użu li jagħmel minn dawn id-derogi.**

Artikolu 9**Tempestività**

- 1. Il-BĊNi għandhom jiddeċiedu meta jeħtieġu li jirċievu *dejta mill-aġenti li jirrapportaw skont l-Artikolu 5 sabiex jissodisfaw l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafu 2.*
- 2. Il-BĊNi għandhom jibagħtu lill-BĊE:

 - (a) *stokks trimestrali aggregati u aġġustamenti ta' rivalutazzjoni sal-egħluq tan-negozju fit-28 jum ta' xogħol wara t-tmiem*

tat-trimestru li għalih tirreferi d-dejta, ibbażati fuq id-dejta trimestrali miġbura mill-aġenti li jirrapportaw;

- (b) *stokks ta' kull xahar aggregati u aġġustamenti ta' rivalutazzjoni sal-egħluq tan-negozju fit-28 jum ta' xogħol wara t-tmiem tax-xahar li għalih tirreferi d-dejta, ibbażati fuq id-dejta ta' kull xahar dwar ishma/unitajiet ta' FI maħruġa miġbura minn aġenti li jirrapportaw jew ibbażati fuq dejta attwali skont l-Artikolu 5(2);*
- (c) *ħruġ u fidi ġodda aggregati fix-xahar ta' ishma/unitajiet ta' FI sa tmiem in-negozju fit-28 jum tax-xogħol wara t-tmiem tax-xahar li għalih tkun relatata d-dejta, ibbażata fuq id-dejta ta' kull xahar miġbura mingħand l-aġenti li jirrapportaw.*

Artikolu 10**Standards minimi u arranġamenti ta' rapportar nazzjonali**

1. L-aġenti li jirrapportaw għandhom jikkonformaw mar-*rekwiżiti ta' rapportar statistiku li għalihom huma suġġetti b'konformità mal-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness IV.*

2. Il-BĊNi għandhom jiddefinixxu u jimplementaw l-*arranġamenti tar-rapportar li jridu jiġu segwiti mill-popolazzjoni attwali li tirrapporta b'konformità mal-obbligi nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn l-arranġamenti tar-rapportar jipprovdu l-informazzjoni statistika meħtieġa u jippermettu verifikazzjoni preċiża li jiġu sodisfatti l-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni u l-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness IV.*

Artikolu 11**Fużjonijiet, diviżjonijiet u rijorganizzazzjonijiet**

Fil-każ ta' fużjoni, diviżjoni jew rijorganizzazzjoni li tista' taffettwa t-*twettiq tal-obbligi statistiċi tagħhom, l-operaturi li jirrapportaw ikkonċernati għandhom jinformat lill-BĊN rilevanti, ladarba l-intenzjoni biex tiġi implimentata dik l-operazzjoni tkun saret pubblika u fiż-żmien dovut qabel ma sseħħ, bil-proċeduri li huma pjanati biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ta' rapportar statistiku stabbiliti f'dan ir-Regolament.*

Artikolu 12**Verifika u ġbir obligatorju**

Il-BĊNi għandhom jeżerċitaw id-*dritt biex jivverifikaw jew jiġbru b'mod obligatorju t-tagħrif li l-aġenti li jirrapportaw huma mitluba jagħtu skont dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-BĊE li jeżerċita dawn id-drittijiet huwa stess. B'mod partikolari, il-BĊNi għandhom jeżerċitaw dan id-dritt meta istituzzjoni inkluda fil-popolazzjoni attwali li tirrapporta ma tissodisfax l-istandards minimi tat-trażmissjoni, l-eżattezza, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness IV.*

*Artikolu 13***L-ewwel rapportar**

L-ewwel rapportar għandu jibda bid-dejta ta' kull xahar u trimestrali għal Diċembru 2014.

*Artikolu 14***Tħassir**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 958/2007 (BĊE/2007/8) huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Ottubru 2013.

2. Referenzi għal Regolament i mħassar għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

*Artikolu 15***Dispożizzjoni finali**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

ANNEX I

REKWIŻITI TA' RAPPORTAR STATISTIKU

PARTI 1

Rekwiżiti ta' rapportar statistiku ġenerali

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tipprovdi tal-anqas it-tagħrif statistiku li ġejja:

(a) fuq bażi trimestrali: (i) tagħrif titolu b'titolu għal titoli b'kodiċi ta' identifikazzjoni disponibbli pubblikament miżmuma minn FI; (ii) tagħrif aggregat ikklassifikat skont il-kategorija ta' strument/maturità, muniti u kontropartijiet, għal attiv u passiv minbarra titoli u għal titoli mingħajr kodiċi ta' identifikazzjoni disponibbli pubblikament; (iii) tagħrif titolu b'titolu jew tagħrif aggregat dwar detenturi ta' ishma/unitajiet ta' FI maħruġa, kif speċifikat ulterjorment fil-Parti 2. Il-BĊN relevanti jista' jeħtieġ li l-aġenti ta' rapportar jirrapportaw informazzjoni titolu b'titolu għal titoli mingħajr kodiċi ta' identifikazzjoni disponibbli pubblikament jew informazzjoni partita b'partita għal attiv u passiv minbarra titoli; u

(b) fuq bażi ta' kull xahar, tagħrif titolu b'titolu li jidentifika separatament l-ishma/unitajiet kollha maħruġa minn FI.

Minbarra d-dejta fir-rigward tal-oqsma li għandhom jiġu rrapportati fil-kuntest ta' rapportar titolu b'titolu sabiex jiġi dderivat tagħrif aggregat dwar titoli, kif stipulat fit-Tabella 2, il-BĊN relevanti jista' jiddeċiedi wkoll biex jiġbor dejta dwar tranżazzjonijiet fuq bażi ta' titolu b'titolu.

Id-dejta aggregata għandha tiġi pprovduta f'termini ta' stokks u, skont l-istruzzjonijiet tal-BĊN relevanti, f'termini ta' jew: (a) rivalutazzjonijiet minħabba tibdiliet fil-prezz u fir-rata tal-kambju; jew (b) tranżazzjonijiet.

Bil-kundizzjoni li tinkiseb l-approvazzjoni minn qabel tal-BĊN, l-aġenti li jirrapportaw li jipprovdu d-dejta trimestrali meħtieġa fuq bażi ta' titolu b'titolu jistgħu jagħżlu li jirrapportaw id-dejta ta' kull xahar meħtieġa fuq bażi aggregata, minflok li jipprovdu tagħrif titolu b'titolu.

2. It-tagħrif li għandu jingħata lill-BĊN relevanti fuq il-bażi ta' titolu b'titolu huwa speċifikat fit-Tabella 2. Ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku aggregat trimestrali għal stokks huma speċifikati fit-Tabella 1 u daww għar-rivalutazzjonijiet minħabba tibdiliet fil-prezz u fir-rata tal-kambju jew tranżazzjonijiet huma speċifikati fit-Tabella 3. Ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku aggregat ta' kull xahar għal stokks u rivalutazzjonijiet minħabba tibdiliet fil-prezz u fir-rata tal-kambju jew tranżazzjonijiet, u ħruġ ġdid u fidi ta' ishma/unitajiet FI huma speċifikati fit-Tabella 4.

3. Safejn jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-protezzjoni u l-użu ta' tagħrif statistiku kunfidenzjali miġbur mis-SEBĊ taħt Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98, b'mod partikolari l-paragrafu 5 tiegħu, BĊN jista' jikseb l-informazzjoni meħtieġa mid-dejta miġbura permezz tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi⁽¹⁾, safejn id-dejta miġbura mill-awtorità superviżorja nazzjonali komptenti taħt din id-Direttiva tintbagħat lill-BĊN b'mod konformi mat-termini miftiehma bejn iż-żewġ korpi.

PARTI 2

Residenza u settur ekonomiku tad-detenturi ta' ishma/unitajiet ta' FI

1. L-aġenti li jirrapportaw għandhom jirrapportaw, fuq bażi trimestrali, dejta dwar ir-residenza tad-detenturi ta' ishma/unitajiet ta' FI maħruġa minn FI tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem l-"Istati Membri taż-żona tal-euro") skont il-klassifikazzjonidomestiċi/taż-żona tal-euro ħlief għal daww domestiċi/kumplement tad-dinja. Il-kontropartijiet domestiċi u taż-żona tal-euro ħlief għal daww domestiċihuma kklassifikati aktar fid-dettall skont is-settur.

⁽¹⁾ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1.

2. Fir-rigward ta' ishma/unitajiet irreġistrati, l-aġenti li jirrapportaw għandhom jirrapportaw dejta dwar il-klassifikazzjoni tar-residenza u tas-settur tad-detenturi tal-ishma/unitajiet maħruġa minn FI. Jekk ir-residenza u s-settur tad-detentur ma jkunux jistgħu jiġu identifikati direttament, id-dejta rilevanti tiġi rrapportata fuq il-bażi ta' tagħrif disponibbli.

3. Fir-rigward ta' ishma/unitajiet tal-portatur, l-aġenti li jirrapportaw għandhom jirrapportaw dejta dwar il-klassifikazzjoni tar-residenza u tas-settur tad-detenturi tal-ishma/unitajiet ta' FI skont il-metodu deċiż mill-BĊN rilevanti. Dan l-obbligu huwa limitat għal possibbiltà waħda jew aktar mill-għażliet li ġejjin, li għandhom jintgħażlu wara li titqies l-organizzazzjoni tas-swieq rilevanti u tal-arranġamenti legali nazzjonali fl-Istat Membru inkwistjoni. Dan l-obbligu ser jiġi mmonitorjat perjodikament mill-BĊN.

(a) FI emittenti:

FI emittenti, jew il-persuni li jirrappreżentawhom legalment, jew l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament, jirrapportaw dejta dwar il-klassifikazzjoni tar-residenza u tas-settur tad-detenturi tal-ishma/unitajiet maħruġa tagħhom. Dik l-informazzjoni tista' tiġi mingħand l-aġent li jqassam l-ishma/unitajiet jew minn xi entità oħra involuta fil-ħruġ, xiri lura jew trasferiment tal-ishma/unitajiet.

(b) IFM u IFO bħala kustodji ta' ishma/unitajiet ta' FI:

Bħala aġenti li jirrapportaw, l-IFM u l-IFO li jaġixxu bħala kustodji tal-ishma/unitajiet ta' FI jirrapportaw id-dejta dwar il-klassifikazzjoni skont ir-residenza u s-settur tad-detenturi tal-ishma/unitajiet maħruġa mill-FI residenti u miżmuma fil-kustodja f'isem id-detentur jew intermedjarju ieħor li jidher ukoll bħala kustodju. Din l-għażla hija applikabbli jekk: (i) il-kustodju jiddistingwixxi ishma/unitajiet FI miżmuma f'kustodja f'isem detenturi minn dawk miżmuma f'isem kustodji oħra; u (ii) il-biċċa l-kbira mill-ishma/unitajiet FI ikunu fil-kustodja ta' istituzzjonijiet domestiċi residenti li huma kklassifikati bħala intermedjarji finanzjarji (IFM jew IFO).

(c) IFM u IFO bħala korrispondenti ta' tranżazzjonijiet ta' residenti ma' persuni mhux residenti li jinvolvu ishma/unitajiet ta' FI residenti:

Bħala aġenti li jirrapportaw, IFM u IFO li jaġixxu bħala korrispondenti ta' tranżazzjonijiet ta' residenti ma' persuni mhux residenti li jinvolvu ishma/unitajiet ta' FI residenti jirrapportaw dejta dwar il-klassifikazzjoni skont ir-residenza u s-settur tad-detenturi ta' ishma/unitajiet maħruġa minn FI residenti, li huma jinneozjaw f'isem id-detentur jew intermedjarju ieħor involut ukoll fit-tranżazzjoni. Din l-għażla hija applikabbli jekk: (i) il-koperatura tar-rapportar tkun komprensiva, jiġifieri tkopri sostanzjalment it-tranżazzjonijiet kollha mwettqa mill-aġenti li jirrapportaw; (ii) tiġi pprovduta dejta preċiża dwar xiri u bejgħ ma' persuni mhux residenti fl-Istati Membri taż-żona tal-euro; (iii) id-differenzi bejn il-valur tal-ħruġ u dak tal-fidi, esklużi l-ħlasijiet, tal-istess ishma/unitajiet ikunu minimi; u (iv) l-ammont ta' ishma/unitajiet miżmuma minn persuni mhux residenti fl-Istati Membri taż-żona tal-euro maħruġ minn FI residenti jkun baxx.

(d) Jekk il-punti (a) sa (c) ma japplikawx, l-aġenti li jirrapportaw, inklużi IFM u IFO, jirrapportaw id-dejta rilevanti fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli.

4. Il-BĊN jistgħu jidderivaw it-tagħrif meħtieġ ukoll mid-dejta miġbura permezz tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2012 dwar statistika fuq investimenti f'titoli (BĊE/2012/24) ⁽²⁾, sal-punt li d-dejta tkun konformi mal-obbligi ta' tempestività tal-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament u, b'mod aktar ġenerali, mal-istandards minimi stipulati fl-Anness IV.

5. Jekk ishma/unitajiet irreġistrati jew ishma/unitajiet tal-portatur jinħarġu għall-ewwel darba, jew jekk l-iżviluppi tas-suq jeħtieġu bidla tal-għażla jew taħlita ta' għażliet, il-BĊN jistgħu jagħtu derogi għal sena fir-rigward tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

(2) ĠU L 305, 1.11.2012, p. 6.

Tabella 2

Tagħrif meħtieġ titolu b'titolu

Dejta għall-oqsma fil-kaxxa hawn isfel għandha tiġi rrapportata għal kull titolu kklassifikat taħt il-kategoriji “titoli ta’ dejn”, “ekwità” u “ishma/unitajiet ta’ fond ta’ investment” skont ir-regoli li ġejjin.

1. Dejta għall-qasam 1 trid tiġi rrapportata.
2. Jekk il-BĊN relevanti ma jiġborx direttament tagħrif titolu b'titolu dwar tranżazzjonijiet, trid tiġi rrapportata dejta għal tnejn mit-tliet oqsma 2, 3 u 4 (jiġifieri l-oqsma 2 u 3; l-oqsma 2 u 4; jew l-oqsma 3 u 4).
3. Jekk il-BĊN relevanti jiġbor direttament informazzjoni titolu b'titolu dwar tranżazzjonijiet, trid tiġi rrapportata wkoll dejta għall-oqsma li ġejjin:
 - (a) qasam 5; jew oqsma 6 u 7; u
 - (b) qasam 4; jew oqsma 2 u 3.
4. Il-BĊN relevanti jista' jeħtieġ ukoll li l-aġenti li jirrapportaw jirrapportaw dejta għall-qasam 8.
5. Il-BĊN relevanti jista' jagħżel biss li jiġbor dejta għall-qasam 2 fil-każijiet (2) u (3)(b). Jekk dan ikun il-każ, il-BĊN irid jivverifika, u jinforma lill-BĊE, tal-anqas darba fis-sena li l-kwalità tad-dejta aggregata rrapportata mill-BĊN, inkluża l-frekwenza u d-daqs tar-reviżjonijiet, ma tkunx affettwata.

Qasam	Titolu
1	Kodiċi ta' identifikazzjoni tat-titolu
2	Numru ta' unitajiet jew ammont nominali aggregat
3	Prezz
4	Ammont totali
5	Tranżazzjonijiet finanzjarji
6	Titoli mixtrija (attiv) jew maħruġa (passiv)
7	Titoli mibjugħa (attiv) jew mifdija (passiv)
8	Munita tar-reġistrazzjoni tat-titolu

Tabella 4
Dejta li għandha tingħata kull xahar

	A. Domestiċi				B. Tak-żona tal-Euro ħiet għal dawk domestiċi				C. Kumpliment tad-dejta				D. Total	
	FM	Mhux FM - Total	Gvern ġenerali (S.13)	residenti oħra Total	FM	Mhux FM - Total	Gvern ġenerali (S.13)	residenti oħra Total	Fondi investiment mhux AMIF	Intermedjarji finanzjarji oħrajn + kumpanniji ta' servizz + kumpanniji ta' servizz finanjari koperti u sekkuri (S.129-S.132)	Korpozzzjoni tal-latazjoni (S.13)	Korpozzzjoni tal-Mhux FM (S.14)		Korpozzzjoni domestiċi + Korpozzzjoni ta' għajn + Korpozzzjoni ta' għajn li għajmu profit (S.14+S.15)
PASSIV														
8. Inmuntarjet ta' FI														
9. Fondi ta' Inmuntarjet ta' FI														
10. Fondi ta' Inmuntarjet ta' FI														

T. Sikkie, appjamentu jew tranżazzjonijiet ta' munitazzjoni

ANNEX II

DEFINIZZJONIJIET

PARTI 1

Definizzjonijiet ta' kategoriji ta' strumenti

1. Din it-tabella tipprovdi deskrizzjoni dettaljata u standard tal-kategoriji tal-istrumenti li l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jittrasponu f'kategoriji nazzjonali skont dan ir-Regolament. It-tabella ma tikkostitwixxi lista ta' strumenti finanzjarji individwali u d-deskrizzjonijiet ma humiex eżawrjenti. Id-definizzjonijiet jirreferu għas-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem l-"ESA 2010") stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 549/2013.
2. Għal uħud mill-kategoriji ta' strumenti, huma meħtieġa klassifikazzjonijiet skont il-maturità. Dawn jirreferu għall-maturità oriġinali, jiġifieri l-maturità mal-ħruġ, li hija l-perjodu fiss tal-ħajja ta' strument finanzjarju li qablu ma jistax jiġi mifdi, eż. titoli ta' dejn, jew li jista' jiġi mifdi biss qabel jekk titħallas xi tip ta' penali, eż. xi tipi ta' depożiti.
3. Tista' ssir distinzjoni bejn klejms finanzjarji skont jekk ikunux negozjabbli jew le. Klejm tkun negozjabbli jekk is-sjeda tagħha tkun tista' tiġi trasferita faċilment minn unità għal oħra permezz ta' konsenja jew approvazzjoni jew tkun paċuta fil-każ ta' derivattivi finanzjarji. Filwaqt li kwalunkwe strument finanzjarju jista' potenzjalment jiġi nneogzjat, l-istrumenti negozjabbli huma mfassla biex ikunu nneogzjati permezz ta' borża organizzata jew barra l-borża, minkejja li jekk attwalment ikunux innegozjati mhijiex kundizzjoni neċessarja għan-negozjabbiltà.

Tabella A

Definizzjonijiet ta' kategoriji ta' strumenti tal-attiv u l-passiv ta' FI

KATEGORIJI TA' ATTIV

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
1. Depożiti u klejms ta' self	<p>Għall-iskopijiet tal-iskema ta' rapportar, din il-partita tikkonsisti f'fondi mislufa minn FI lil mutwatarji, jew self akkwistat minn FI, li tagħhom ikun hemm prova permezz ta' dokumenti mhux negozjabbli jew inkella ma jkun hemm prova b'dokumenti</p> <p>Din tinkludi dawn il-partiti:</p> <ul style="list-style-type: none"> — depożiti mqiegħda mill-FI, bħal depożiti ta' matul il-lejl, depożiti b'maturità miftiehma u depożiti li jinfedew b'avviż — investimenti f'titoli mhux negozjabbli: <p>Investimenti f'titoli ta' dejn li ma humiex negozjabbli u ma jistgħux jiġu nneogzjati fi swieq sekondarji</p> <ul style="list-style-type: none"> — self innegozjat: — Self li <i>de facto</i> jkun sar negozjabbli għandu jiġi kklassifikat taħt il-partita "depożiti u klejms ta' self" sakemm ma jkun hemm l-ebda evidenza ta' negozjar f'suq sekondarju. Inkella jiġu kklassifikati bħala titoli ta' dejn — dejn subordinat fil-forma ta' depożiti jew self: strumenti ta' dejn subordinat jipprovdu klejm sussidjarja kontra l-istituzzjoni emittenti li tista' tiġi eżerċitata biss wara li jkunu ġew sodisfatti l-klejms kollha bi status ogħla, biex b'hekk jingħataw lhom xi uħud mill-karatteristiċi ta' ekwità. Għal skopijiet ta' statistika, dejn subordinat jiġi kklassifikat bħala "self" jew bħala "titoli ta' dejn" skont in-natura tal-istrument finanzjarju. Meta investimenti ta' FI ta' kull forma ta' dejn subordinat ikunu identifikati attwalment bħala ċifra unika għal skopijiet ta' statistika, din iċ-ċifra trid tiġi klassifikata taħt il-partita tal-attiv "titoli ta' dejn", fuq il-bażi li debitu subordinat huwa kkostitwit b'mod predominanti fil-forma ta' titoli, aktar milli self

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
	<p>— klejms taħt riakkwisti bil-maqlub kontra kollateral fi flus:</p> <p>kontroparti ta' flus kontanti mħallsa għal titoli mixtrija minn FI bi prezz iffissat b'rabta soda biex wieħed ibiegħ mill-ġdid l-istess titoli (jew simili) bi prezz fiss f'data futura speċifikata</p> <p>— klejms taħt self ta' titoli kontra kollateral fi flus:</p> <p>kontroparti ta' flus imħallsa bi skambju għal titoli li jissellfu FI</p> <p>Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, din il-partita tinkludi wkoll investimenti f'karti tal-flus u muniti fiċ-ċirkolazzjoni euro u ta' valuta barranija li normalment jintużaw biex isiru ħlasijiet</p>
2. Titoli ta' dejn	<p>Investimenti f'titoli ta' dejn, li huma strumenti finanzjarji negozjabbli li jservu bħala evidenza ta' dejn, li normalment huma nnegozjati fi swieq sekondarji jew jistgħu jiġu paċuti fis-suq, u li ma jagħtu ebda tip ta' dritt ta' proprjetà lid-detentur fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ</p> <p>Din il-partita tinkludi:</p> <p>— investimenti f'titoli li jagħtu lid-detentur id-dritt mingħajr kundizzjoni għal introjtu fiss jew stabbilit b'kuntratt fil-forma ta' pagamenti ta' ċedoli u/jew ta' somma fissa stabbilita minn qabel f'data jew dati speċifiċi, jew li tibda minn data stabbilita fil-ħin tal-ħruġ</p> <p>— self innegozjati li jkun sar negozjabbli f'suq organizzat, sakemm ikun hemm prova ta' negozjar f'suq sekondarju, inkluża l-eżistenza ta' ġeneraturi tas-suq, u l-kwotazzjoni frekwenti tal-attiv finanzjarju, bħal dik ipprovduta minn bid-offer spreads. Meta dan ma jkunx il-każ, jiġu kklassifikati bħala "depożiti u klejms ta' self"</p> <p>— dejn subordinat fil-forma ta' titoli ta' dejn</p> <p>Titoli mislufa taħt operazzjonijiet ta' self ta' titoli jew mibjugħa taħt ftehim ta' riakkwist jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ tas-sid oriġinali (u ma għandhomx jiġu rreġistrati fuq il-karta tal-bilanċ tal-akkwient temporanju) meta jkun hemm impenn sod biex tinqaleb l-operazzjoni, u mhux sempliċiment opzjoni biex isir dan. Meta l-akkwient temporanju ibiegħ it-titoli riċevuti, dan il-bejgħ għandu jtnizzel bħala tranżazzjoni ċara f'titoli u mdaħħal fil-karta tal-bilanċ tal-akkwient temporanju bħala pożizzjoni negattiva fil-portafoll tat-titoli</p>
3. Ekwità u ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment	<p>Attiv finanzjarju li jirrappreżenta drittijiet ta' proprjetà f'korporazzjonijiet jew kważikorporazzjonijiet. Dan l-attiv finanzjarju ġeneralment jintitola lid-detenturi għal sehem mill-profitti tal-korporazzjonijiet jew kważikorporazzjonijiet u għal sehem mill-attiv nett tagħhom fil-każ ta' likwidazzjoni.</p> <p>Din il-partita tinkludi ishma elenkati u mhux elenkati, ekwità oħra, ishma/unitajiet MMF u ishma/unitajiet MMF FI</p> <p>Titoli ta' ekwità mislufa taħt operazzjonijiet ta' self ta' titoli jew mibjugħa taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid, jiġu ttrattati b'mod konformi mar-regoli fil-kategorija 2 "titoli ta' dejn"</p>
3a. Ekwità u ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment li minnhom ishma elenkati	<p>L-ishma kkwotati huma titoli tal-ekwità elenkati f'borża. Din il-borża tista' tkun borża rikonossuta jew kwalunkwe forma oħra ta' suq sekondarju. L-ishma kkwotati huma wkoll imsejħin ishma elenkati. L-eżistenza ta' prezzijiet ikkwotati ta' ishma elenkati f'borża tfisser li l-prezzijiet attwali tas-suq kurrenti huma normalment faċilment disponibbli</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
3b. Ekwità u ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment li minnhom ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment	<p>Din il-partita tinkludi investimenti f'ishma/unitajiet maħruġa minn MMF u FI li mhumiex MMF (jiġifieri FI minbarra MMF) inklużi fil-listi ta' IFM u FI għal finijiet ta' statistika</p> <p>MMF huma ddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).</p> <p>FI minbarra MMF, huma ddefiniti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament</p>
(2 + 3)a li minnhom titoli (titoli ta' dejn, ekwità u unitajiet jew ishma ta' fondi ta' investiment) mislufa jew mibjugħa taħt ftehim ta' riakkwist	<p>Din il-partita tinkludi dawk it-titoli, irrapportati taħt il-kategoriji 2 (titoli tad-dejn) u 3 (ekwità u ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment), li ġew mislufa taħt operazzjonijiet ta' self ta' titoli jew mibjugħa taħt ftehim ta' riakkwist (jew kull tip ieħor ta' operazzjonijiet simili, bħal tranżazzjonijiet ta' bejgħ u xiri lura)</p>
4. Derivattivi finanzjarji	<p>Derivattivi finanzjarji huma strumenti finanzjarji li huma marbuta ma' strument finanzjarju, indikatur jew komodità speċifikati, li permezz tagħhom riskji finanzjarji speċifiċi jistgħu jkunu nnegozjati fi swieq finanzjarji bħala tali</p> <p>Din il-partita tinkludi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — opzjonijiet — ċertifikati — futuri — riporti — swaps — derivattivi tal-kreditu <p>Id-derivattivi finanzjarji jiġu rreġistrati skont il-valur tas-suq fuq il-karta tal-bilanċ fuq bażi gross. Kuntratti individwali ta' derivattivi b'valuri tas-suq pożittivi għandhom jtinizzżlu fuq in-naħa tal-attiv tal-karta tal-bilanċ, u l-kuntratti b'valuri tas-suq negattivi fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ.</p> <p>Rabtiet futuri gross li joħroġu minn kuntratti ta' derivattivi m'għandhomx jiddaħħlu bħala partiti ta' fuq il-karta tal-bilanċ</p> <p>Id-derivattivi finanzjarji jistgħu jiġu rreġistrati fuq bażi nett skont metodi ta' valutazzjoni differenti. F'każ li jkunu disponibbli biss pożizzjonijiet netti, jew il-pożizzjonijiet ma jiġux irreġistrati skont il-valur tas-suq imma b'valuri oħra, dawn il-pożizzjonijiet għandhom jiġu rrapportati minflok</p> <p>Din il-partita ma tinkludix derivattivi finanzjarji li ma humiex soġġetti għal reġistrazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ skont ir-regoli nazzjonali</p>
5. Attiv mhux finanzjarju (inkluż attiv fiss)	<p>Attiv tanġibbli u intanġibbli, minbarra attiv finanzjarju. Attiv fiss huwa attiv mhux finanzjarju li jintuża ripetutament jew kontinwament mill-FI għal aktar minn sena</p> <p>Din il-partita tinkludi residenzi, binjiet u strutturi oħrajn, makkinarju u tagħmir, oġġetti ta' valur, prodotti tal-proprietà intellettwali bħal programmi tal-kompjuter u databases</p>
6. Attiv li jifdal	<p>Din hija l-partita residwa fuq in-naħa tal-attiv tal-karta tal-bilanċ, iddefinita bħala "attiv mhux inkluż x'imkien ieħor". Il-BĊNi jistgħu jeħtieġu wkoll taħt din il-partita klassifikazzjonijiet individwali ta' dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — imġhax akkumulat riċevibbli fuq depożiti u self — imġhax akkumulat fuq investimenti futuri ta' dejn — imġhax akkumulat riċevibbli — ammonti riċevibbli li mhumiex relatati man-negozju prinċipali tal-FI

KATEGORIJI TA' PASSIV

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
7. Self u depożiti riċevuti	<p>Ammonti dovuti lil kredituri mill-FI, minbarra dawk li jirriżultaw mill-ħruġ ta' titoli negozjabbli. Din il-partita tikkonsisti f':</p> <ul style="list-style-type: none"> — self: self mogħti lill-FI li tiegħu jkun hemm prova permezz ta' dokumenti mhux negozjabbli jew li tiegħu ma jkunx hemm prova permezz ta' dokumenti — riakkwisti u operazzjonijiet tat-tip ta' riakkwisti kontra kollateral fi flus kontanti: kontroparti ta' flus irċevuti bi skambju għal titoli mibjugħin mill-FI bi prezz miftiehem taħt impenn sod biex l-istess titoli (jew simili) jergħu jinxtraw bi prezz fiss f'data speċifikata aktar 'il quddiem. Ammonti rċevuti mill-FI bi skambju għal titoli ttrasferiti lil parti terza ('akkwrent temporanju') għandhom jiġu klassifikati hawnhekk meta jkun hemm impenn sod biex tinqaleb l-operazzjoni u mhux sempliċement opzjoni biex isir dan. Dan jimplika li l-FI iżomm ir-riskji u l-benefiċċji kollha tat-titoli sottostanti matul l-operat — kollateral fi flus kontanti riċevuti bi skambju għal self ta' titoli: ammonti riċevuti bi skambju għal titoli ittrasferiti temporanjament lil parti terza fil-forma ta' operazzjonijiet ta' self ta' titoli kontra kollateral fi flus kontanti — kollateral fi flus kontanti riċevuti f'operazzjonijiet li jinvolvu t-trasferiment temporanju ta' deheb kontra kollateral
8. Ishma/unitajiet ta' IF	<p>Ishma jew unitajiet, inkluż fil-forma ta' kapital ta' ekwità, maħruġin minn FI li huma inklużi fil-lista ta' FI għal skopijiet statistiċi. Din il-partita tirrappreżenta l-passiv totali lejn l-azzjonisti tal-FI. Fondi li jirriżultaw minn benefiċċji mhux distribwiti jew mill-fondi mwarrba mill-FI b'antiċipazzjoni ta' ħlasijiet jew obbligi futuri huma inklużi wkoll</p>
9. Derivattivi finanzjarji	<p>Ara l-kategorija 4</p>
10. Passiv li jifdal	<p>Din hija l-partita residwa fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ, iddefinita bħala "passiv mhux inkluż x'imkien ieħor".</p> <p>Il-BĊNi jistgħu jeħtieġu wkoll taħt din il-partita klassifikazzjonijiet individwali dan li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> — titoli ta' dejn maħruġa <p>Titoli maħruġa mill-FI, minbarra ekwità, li huma strumenti normalment negozjabbli u nneozjati fi swieq sekondarji jew li jistgħu jiġu paċuti fis-suq u li ma jagħtu ebda drittijiet ta' proprjetà lid-detentur fuq l-istituzzjoni emittenti.</p> <ul style="list-style-type: none"> — imgħax akkumulat pagabbli fuq self u depożiti — ammonti pagabbli mhux relatati man-negozju prinċipali tal-FI, jiġifieri ammonti dovuti lil fornituri, taxxi, pagi, kontribuzzjonijiet soċjali, eċċ. — provvedimenti li jirrapreżentaw passiv fil-konfront ta' partijiet terzi, jiġifieri pensjonijiet, dividendi, eċċ. — pożizzjonijiet netti li jirriżultaw mis-self ta' titoli mingħajr kollateral fi flus kontanti — ammonti netti pagabbli fir-rigward ta' saldi futuri ta' tranżazzjonijiet f'titoli

PARTI 2

Definizzjonijiet ta' attributi titolu b'titolu

Tabella B

Definizzjonijiet ta' attributi titolu b'titolu

Qasam	Deskrizzjoni
Kodiċi għall-identifikazzjoni tat-titolu	Kodiċi li jidentifika titolu b'mod uniku. Jista' jkun il-kodiċi ISIN jew kodiċi ieħor għall-identifikazzjoni ta' titolu, suġġett għall-istruzzjonijiet tal-BĊN
Numru ta' unitajiet jew ammont nominali aggregat	Numru ta' unitajiet ta' titolu, jew ammont nominali aggregat fil-każ li t-titolu huwa nnegozjat f'ammonti aktar milli f'unitajiet
Prezz	Prezz għal kull unità ta' titolu, jew persentaġġ tal-ammont nominali aggregat fil-każ li t-titolu huwa nnegozjat f'ammonti aktar milli f'unitajiet. Il-prezz huwa normalment il-prezz tas-suq jew huwa qrib tal-prezz tas-suq. Il-BĊNi jistgħu jitolbu wkoll l-imgħax akkumulat taħt din il-pożizzjoni.
Ammont totali	Ammont totali għal titolu. F'każ ta' titoli li huma nnegozjati f'unitajiet, dan l-ammont huwa l-istess daqs in-numru ta' titoli multiplikati bil-prezz għal kull unità. Meta t-titoli huma nnegozjati f'ammonti aktar milli f'unitajiet, dan l-ammont huwa l-istess daqs l-ammont nominali aggregat multiplikati bil-prezz imfisser bħala persentaġġ L-ammont totali huwa, fil-prinċipju, daqs il-valur tas-suq jew huwa qrib tal-valur tas-suq. Il-BĊNi jistgħu jitolbu wkoll l-imgħax akkumulat taħt din il-pożizzjoni.
Tranżazzjonijiet finanzjarji	Is-somma tax-xiri bil-bejgħ imnaqqas (titoli fuq in-naħa tal-attiv) jew il-ħruġ bil-fidi mnaqqas (titoli fuq in-naħa tal-passiv) ta' titolu rreġistrat bil-valur tat-tranżazzjoni
Titoli mixtrija (attiv) jew maħruġa (passiv)	Is-somma tax-xiri (titoli fuq in-naħa tal-attiv) jew emissjonijiet (titoli fuq in-naħa tal-passiv) ta' titolu rreġistrat bil-valur tat-tranżazzjoni
Titoli mibjugħa (attiv) jew mifdiya (passiv)	Is-somma tal-bejgħ (titoli fuq in-naħa tal-attiv) jew fidi (titoli fuq in-naħa tal-passiv) ta' titolu rreġistrat bil-valur tat-tranżazzjoni
Munita tar-reġistrazzjoni tat-titolu	Kodiċi ISO jew ekwivalenti tal-munita użata biex tfisser il-prezz u/jew l-ammont pendenti tat-titolu

PARTI 3

Definizzjonijiet tas-setturi

L-ESA 2010 tipprovdi l-istandard għall-klassifikazzjoni settorjali. Din it-tabella tipprovdi deskrizzjoni standard dettaljata ta' setturi li l-BĊNi jittrasponu f'kategoriji nazzjonali b'konformità ma' dan ir-Regolament. Il-kontropartijiet li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma identifikati skont is-settur tagħhom b'konformità mal-listi miżmuma mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għal skopijiet statistiċi u l-gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-kontropartijiet ipprovduti fil-"Manwal dwar is-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji u statistika dwar is-swieq: Gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-klijenti" tal-BĊE.

Tabella Ċ

Definizzjonijiet tas-setturi

Settur	Definizzjoni
1. IFM	IFM huma ddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Dan is-settur jikkonsisti minn BĊNi, istituzzjonijiet ta' kreditu kif definiti fil-liġi tal-Unjoni, MMFs, istituzzjonijiet finanzjarji oħra li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu depożiti u/jew sostituti viċini għal depożiti mingħand entitajiet li mhumiex IFM u, f'isimhom stess, tal-anqas f'termini ekonomiċi, jagħtu self u/jew jagħmlu investimenti f'titoli, u istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja fil-forma ta' ħruġ ta' flus elettroniċi

Settur	Definizzjoni
2. Gvern Ġenerali	Is-settur tal-gvern ġenerali (S.13) jikkonsisti minn unitajiet istituzzjonali li huma produttori mhux għas-suq li l-produzzjoni tagħhom hija maħsuba għall-konsum individwali u kollettiv, u li huma ffinanzjati minn ħlasijiet obbligatorji magħmula minn unitajiet li jappartjenu lil setturi oħra, u unitajiet istituzzjonali li huma prinċipalment involuti fir-ridistribuzzjoni tal-introjtu nazzjonali u l-ġid. (ESA 2010, paragrafi 2.111 sa 2.113)
3. FI li mhumiex MMF	FI kif definiti fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament
4. Intermedjarji finanzjarji oħrajn, minbarra korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni + awżiljarji finanzjarji + istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus	<p>L-intermedjarji finanzjarji l-oħra, minbarra s-subsettur tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u tal-fondi ta' pensjonijiet (S.125) jinkludi l-korporazzjonijiet finanzjarji u kważi-korporazzjonijiet kollha li huma involuti prinċipalment fl-intermedjazzjoni finanzjarja billi jġarrbu passiv f'forma oħra minbarra munita, id-depożiti (jew sostituti mill-qrib għal depożiti), l-ishma/unitajiet ta' FI, jew b'rabta ma' assigurazzjoni, pensjoni u skemi ta' garanzija standardizzati minn unitajiet istituzzjonali, FVCs kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1075/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar l-istatistika tal-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (BĊE/2013/40) ⁽¹⁾ huma inklużi f'dan is-subsettur (ESA 2010, paragrafi 2.86 sa 2.94)</p> <p>Is-subsettur tal-awżiljarji finanzjarji (S.126) jinkludi l-korporazzjonijiet u l-entitajiet bi status kważi ta' korporazzjoni finanzjarji kollha li huma involuti prinċipalment f'attivitajiet marbuta mill-qrib mal-intermedjazzjoni finanzjarja iżda li huma nfushom mhumiex intermedjarji finanzjarji. Dan is-subsettur jinkludi wkoll uffiċji prinċipali li s-sussidjarji tiegħu huma kollha jew kważi kollha korporazzjonijiet finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.95 sa 2.97)</p> <p>Is-subsettur tal-istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u tas-selliefa tal-flus (S.127) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet finanzjarji u l-kważi korporazzjonijiet kollha li la huma involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u lanqas ma jipprovdu servizzi finanzjarji awżiljarji, u fejn il-parti l-kbira ta l-attiv jew il-passiv tagħhom mhuwiex innegozjat fis-swieq miftuħa. Dan is-subsettur jinkludi kumpaniji holding li għandhom fil-pussess tagħhom is-sjieda ta' livelli ta' kontroll tal-ekwi-tà ta' grupp ta' korporazzjonijiet sussidjarji u li l-attività prinċipali tagħhom hija s-sjieda tal-grupp mingħajr ma jipprovdu ebda servizz ieħor lin-negozji li fihom tkun qed tinżamm l-ekwi-tà, jiġifieri, ma jkunux jamministraw jew jiġġestixxu unitajiet oħra (ESA 2010, paragrafi 2.98 u 2.99)</p>
5. Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet	<p>Is-subsettur tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) jinkludi l-korporazzjonijiet u l-entitajiet bi status ta' kważi korporazzjoni finanzjarja kollha li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ippuljar tar-riskji prinċipalment fil-forma ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni diretta (ESA 2010, paragrafi 2.100 sa 2.104).</p> <p>Is-subsettur tal-fondi tal-pensjonijiet (S.129) jinkludi l-korporazzjonijiet u l-entitajiet bi status ta' kważi korporazzjoni finanzjarja kollha li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ippuljar tar-riskji soċjali u l-ħtiġijiet tal-persuni assigurati (assigurazzjoni soċjali). Fondi tal-pensjonijiet bħal skemi tal-assigurazzjoni soċjali jipprovdu introjtu waqt l-irtirar, u ta' spiss benefiċċji għall-mewt u d-diżabbiltà (ESA 2010, paragrafi 2.105 sa 2.110).</p>
6. Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Is-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali li huma entitajiet legali indipendenti u li huma produttori għas-suq u li l-attività prinċipali tagħhom hija l-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji. Dan is-settur jinkludi wkoll kważi korporazzjonijiet mhux finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.45 sa 2.50).

Settur	Definizzjoni
7. Unitajiet domestiċi + istituzzjonijiet li ma għandhomx skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi	<p>Is-settur tal-unitajiet domestiċi (S.14) jikkonsisti f'individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi u bħala imprendituri li jipproduċu oġġetti għas-suq u servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji (produtturi għas-suq) sakemm, il-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi ma tkunx minn entitajiet separati ttrattati bħala kważi korporazzjonijiet. Jinkludi wkoll individwi jew gruppi ta' individwi bħala produtturi ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji esklussivament għal użu aħħari proprju. Is-settur tal-unitajiet domestiċi jinkludi proprjetajiet uniċi u soċjetajiet mingħajr status legali indipendenti, minbarra dawk ittrattati bħala kważi korporazzjonijiet, li huma produtturi għas-suq (ESA 2010, paragrafi 2.118 sa 2.128)</p> <p>Is-settur tal-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISHs) (S.15) jikkonsisti f'istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li huma entitajiet legali separati, li jservu lill-unitajiet domestiċiu li huma produtturi privati mhux għas-suq. Ir-riżorsi prinċipali tagħhom huma l-kontribuzzjonijiet volontarji fi flus kontanti jew in natura minn unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom ta' konsumaturi, minn pagamenti magħmula minn gvernijiet ġenerali u minn introjtu minn proprjetà (ESA 2010, paragraphs 2.129 u 2.130)</p>

(¹) Ara paġna 107 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNEX III

AĠĠUSTAMENTI JEW TRANŻAZZJONIJET TA' RIVALUTAZZJONI

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tirrapporta aġġustamenti jew tranżazzjonijiet ta' rivalutazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament. Jekk il-popolazzjoni attwalii li tirrapporta tirrapporta aġġustamenti ta' rivalutazzjoni, dawn ser ikopru jew rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdil fil-prezz u fir-rata tal-kambju, jew tibdiliet fil-prezz biss fil-perijodu ta' referenza, suġġetti għall-approvazzjoni minn qabel tal-BĊN rilevanti. Jekk l-aġġustament ta' rivalutazzjoni jkopri biss rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdiliet fil-prezz, il-BĊN rilevanti jiġbor id-dejta meħtieġa, li għandha tkopri bħala minimu kategorizzazzjoni tal-munita fl-ira sterlina, frank Svizzeru, yen u dollaru Amerikan, sabiex jiġu dedotti r-rivalutazzjonijiet dovuti għal tibdiliet fir-rata tal-kambju.
2. Tranżazzjonijiet finanzjarji" tirreferi għal dawk it-tranżazzjonijiet li jirriżultaw mill-ħolqien, il-likwidazzjoni jew it-tibdil fis-sjeda ta' attiv jew passiv finanzjarju. Dawn it-tranżazzjonijiet jitkejlu f'termini tad-differenza bejn il-pożizzjonijiet tal-istokk f'dati ta' rappurtar ta' tmiem il-perijodu, li minnha jitneħħa l-effett dovut għal tibdiliet minħabba influwenzi mill-"aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" (ikkawżati minn tibdiliet fil-prezz u fir-rata tal-kambju) u mir-"riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra". Il-Bank Ċentrali Ewropew jeħtieġ tagħrif statistiku għall-iskop tal-kompilazzjoni ta' tranżazzjonijiet fil-forma ta' aġġustamenti li jkopru "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra" u "rivalutazzjonijiet tal-prezz u tar-rata tal-kambju". Tranżazzjonijiet finanzjarji għandhom fil-prinċipju jikkonformaw mal-ESA 2010, iżda jistgħu jiddevjaw minħabba prattiċi nazzjonali.
3. "Rivalutazzjonijiet tal-prezz u tar-rata tal-kambju" tirreferi għal ċaqliq fil-valutazzjoni tal-attiv u tal-passiv li jirriżulta jew minn tibdiliet fil-prezzijiet ta' attiv jew ta' passiv u/jew mir-rati tal-kambju li jaffettwaw il-valuri mfissra f'euro ta' attiv u passiv iddenominat f'valuta barranija. L-aġġustament fir-rigward tar-rivalutazzjoni tal-prezz tal-attiv/passiv jirreferi għal ċaqliq fil-valutazzjoni ta' attiv/passiv li jirriżulta minħabba bidla fil-prezz li bih l-attiv/passiv huwa rreġistrat jew innegożjat. Ir-rivalutazzjonijiet tal-prezz jinkludu t-tibdiliet li jseħħu tul iż-żmien fil-valur tal-istokks ta' tmiem il-perijodu minħabba tibdiliet fil-valur ta' referenza li huma rreġistrati, jiġifieri qligħ/telf ta' investment. Movimenti fir-rati tal-kambju kontra l-euro li jseħħu bejn id-dati tar-rappurtar ta' tmiem il-perijodu jwasslu għal aktar bidliet fil-valur tal-attiv/passiv f'valuta barranija meta mfissra f'euro. Billi dawn it-tibdiliet jirrappreżentaw qligħ/telf ta' investment u mhumiex dovuti għal tranżazzjonijiet finanzjarji, dawn l-effetti għandhom jitneħħew mid-dejta tat-tranżazzjonijiet. Fil-prinċipju, "rivalutazzjonijiet tal-prezz u tar-rata tal-kambju" tinkludi wkoll tibdiliet fil-valutazzjoni li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet fl-attiv/passiv, jiġifieri qligħ/telf realizzat; madankollu, hemm prattiċi nazzjonali diverġenti f'dan ir-rigward.

ANNEX IV

STANDARDS MINIMI LI GĦANDHOM IKUNU APPLIKATI MILL-POPOLAZZJONI ATTWALI LI TIRRAPPORTA

L-aġenti li jirrapportaw għandhom jilhqg l-livelli minimi li ġejjin sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

1. Standards minimi għat-trażmissjoni

- (a) ir-rapportar għandu jkun f'waqt u fl-iskandenzi stabbiliti mill-BĊN rilevanti;
- (b) ir-rapporti statistiċi jridu jieħdu l-forma u l-format tagħhom mill-ħtiġijiet ta' rapportar tekniku stabbiliti mill-BĊN rilevanti;
- (c) l-aġent li jirrapporta għandu jagħti d-dettalji ta' persuna ta' kuntatt waħda jew aktar lill-BĊN rilevanti;
- (d) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trażmissjoni ta' dejta lill-BĊN rilevanti jridu jiġu segwiti;
- (e) fil-każ ta' rapportar titolu b' titolu, jekk il-BĊN rilevanti jitlob dan, l-aġenti li jirrapportaw għandhom jagħtu aktar tagħrif (eż. l-isem tal-emittent, id-data tal-ħruġ) meħtieġ għall-identifikazzjoni ta' titoli li l-kodiċi ta' sikurezza għall-identifikazzjoni tagħhom ikun jew żbaljat jew mhux disponibbli pubblikament.

2. Standards minimi għall-preċiżjoni:

- (a) it-tagħrif statistiku jrid ikun korrett: ir-restrizzjonijiet lineari kollha iridu jkunu sodisfatti (eż. l-attiv u l-passiv iridu jibbilanċjaw, is-subtotali jridu jaqblu mat-totali), u d-dejta trid tkun konsistenti fuq il-medda tal-frekwenzi kollha;
- (b) l-aġenti li jirrapportaw iridu jkunu jistgħu jagħtu tagħrif dwar l-iżviluppi implikati mid-dejta mibgħuta;
- (c) it-tagħrif statistiku jrid tkun komplet u m'għandhiex ikollu lakuni kontinwi u strutturali; il-lakuni eżistenti għandhom jiġu rikonossuti, spjegati lill-BĊN rilevanti u, fejn applikabbli, mimlija mill-aktar fis possibbli;
- (d) l-aġenti li jirrapportaw għandhom isegwu d-dimensjonijiet, il-politika tal-approssimazzjoni u d-deċimali stabbiliti mill-BĊN rilevanti għat-trażmissjoni teknika tad-dejta.

3. Standards minimi għal konformità mal-kunċetti:

- (a) it-tagħrif statistiku għandu jikkonforma mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Regolament;
- (b) f'każ ta' devjazzjonijiet minn dawn id-definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet, l-aġenti li jirrapportaw għandhom fuq bażi regolari jissorveljaw u jikkwantifikaw id-differenza bejn il-miżura użata u l-miżura li tinsab f'dan ir-Regolament;
- (c) l-aġenti li jirrapportaw għandhom ikunu jistgħu jispjegaw interruzzjonijiet fid-dejta mibgħuta meta mqabbla maċ-ċifri tal-perijodi preċedenti.

4. Standards minimi għal reviżjonijiet:

Il-politika tar-reviżjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-BĊE u l-BĊN rilevanti għandhom jiġu segwiti. Reviżjonijiet li jiddevjaw mir-reviżjonijiet regolari għandhom jiġu akkumpanjati b'noti spjegattivi.

ANNEX V

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (KE) Nru 958/2007 (BĊE/2007/8)	Dan ir-Regolament
Artikoli 1 u 2	Artikoli 1 u 2
<i>Artikolu 3</i>	<i>Artikolu 8</i>
<i>Artikolu 4</i>	<i>Artikolu 3</i>
<i>Artikolu 5</i>	<i>Artikolu 4</i>
<i>Artikolu 6</i>	<i>Artikolu 5</i>
<i>Artikolu 7</i>	<i>Artikolu 6</i>
<i>Artikolu 8</i>	<i>Artikolu 7</i>
Artikoli 9 sa 13	Artikoli 9 sa 13
—	<i>Artikolu 14</i>
<i>Artikolu 14</i>	<i>Artikolu 15</i>
Anness I, Parti I, (1)	
Anness I, Parti 1, 2(a)	Anness I, Parti 1, (1)
Anness I, Parti 1, 2(b)	—
Anness I, Parti 1, (3)	Anness I, Parti 1, (2)
—	Anness I, Parti 1, (3)
Anness I, Parti 2, (1) sa (3)	Anness I, Parti 2, (1) sa (3)
—	Anness I, Parti 2, (4)
Anness I, Parti 2, (4)	Anness I, Parti 2, (5)
Anness I, Parti 3	Anness I, Parti 3
Anness II, Parti 1	Anness II, Parti 1, (1)
—	Anness II, Parti I, (2) u (3)
Anness II, Partijiet 2 u 3	Anness II, Partijiet 2 u 3
Annessi III u IV	Annessi III u IV
—	Anness V

REGOLAMENT (UE) Nru 1074/2013 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-18 ta' Ottubru 2013

dwar obbligi ta' rapportar statistiku għal istituzzjonijiet ġiro tal-uffiċċji tal-posta li jirċievu depożiti mingħand minn residenti fiż-żona tal-euro li mhumiex istituzzjonijiet finanzjarji monetarji

(riformulazzjoni)

(BĊE/2013/39)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(4)),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1027/2006 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-obbligi ta' rapportar ta' statistika fir-rigward ta' istituzzjonijiet ġiro ta' l-uffiċċju tal-posta, li jirċievu depożiti minn istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji residenti fiż-żona ta' l-euro (BĊE/2006/8) ⁽²⁾ għandu jiġi emendat sostanzjalment, partikolarment fid-dawl tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea ⁽³⁾; għalhekk għandu jiġi fformulat mill-ġdid fl-interessi taċ-ċarezza.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 2533/98 jistipula fl-Artikolu 2(1) illi, għall-iskopijiet tat-tweġiq tal-obbligi ta' rapportar statistiku tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), megħjun mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), għandu d-dritt jiġbor tagħrif statistiku fil-limiti tal-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza u ta' dak li huwa neċessarju sabiex jitwettqu l-kompiti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ). L-Artikolu 2(2)(b) jipprovdi wkoll li l-istituzzjonijiet ġiro tal-uffiċċji tal-posta (POGIs) huma parti mill-popolazzjoni li tirrapporta ta' referenza, safejn ikun neċessarju biex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' rapportar statistiku tal-BĊE fil-qasam tal-istatistika monetarja u finanzjarja.
- (3) L-iskop tad-dejta POGI huwa li tipprovdi lill-BĊE bi statistika adegwata dwar l-attivitajiet finanzjarji

tas-subsettur tal-POGI fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem l-"Istati Membri taż-żona tal-euro"), li jitqiesu bħala territorju ekonomiku wieħed.

- (4) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) ⁽⁴⁾, il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għal dak ir-Regolament tikkonsisti fl-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti fit-territorju tal-Istati Membri taż-żona tal-euro.
- (5) L-aggregati monetarji taż-żona tal-euro u l-kontropartijiet tagħhom huma dderivati l-aktar mid-dejta tal-karta tal-bilanċ tal-IFM miġbura skont ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Madankollu, l-aggregati monetarji taż-żona tal-euro jinkludu mhux biss passiv monetarju ta' IFM fil-konfront ta' residenti taż-żona tal-euro li mhumiex IFM eskluż il-gvern ċentrali iżda wkoll passiv monetarju tal-gvern ċentrali fil-konfront ta' residenti taż-żona tal-euro li mhumiex IFM eskluż il-gvern ċentrali.
- (6) Fxi Stati Membri taż-żona tal-euro, il-POGIs ma jappartjenux għas-settur tal-gvern ċentrali taħt is-Sistema Ewropea tal-Kontabbiltà riveduta (iktar 'il quddiem l-"ESA 2010") stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 549/2013, u dawn ma humiex limitati li jirċievu depożiti biss fisem it-Teżor nazzjonali tagħhom, iżda jistgħu jirċievu depożiti fisimhom stess.
- (7) Il-POGIs li jirċievu depożiti f'dan ir-rigward iwettqu attivitajiet simili għal dawk imwettqa mill-IFM. Iż-żewġ tipi ta' entitajiet b'hekk għandhom ikunu soġġetti għal obbligi ta' rapportar statistiku simili safejn dawk l-obbligi jkunu rilevanti għan-negozju tagħhom.
- (8) Huwa neċessarju li jiġi żgurat trattament armonizzat u li tiġi ssalvagwardata d-disponibbiltà ta' tagħrif statistiku dwar depożiti li jirċievu l-POGIs.
- (9) L-istandards għall-protezzjoni u l-użu ta' tagħrif statistiku kunfidenzjali kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 għandhom japplikaw.

⁽¹⁾ ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.⁽²⁾ ĠU L 184, 6.7.2006, p. 12.⁽³⁾ ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1.⁽⁴⁾ Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

(10) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jipprovdli li l-BĊE għandu s-saħħa li jimponi sanzjonijiet fuq aġenti ta' rapportar li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar statistiku stabbiliti fir-regolamenti u d-deċiżjonijiet tal-BĊE,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

1. "aġenti tar-rapportar" u "residenti" għandhom l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;
2. "istituzzjoni ġiro tal-uffiċċji tal-posta (POGI)" tfisser uffiċċju tal-posta li jappartjeni għas-settur "korporazzjonijiet mhux finanzjarji" (Setur 11, ESA 2010) u, bħala kompliment għal servizzi postali, jirċievi depożiti minn residenti taż-żona tal-euro li ma jkunux IFM bil-għan li jiġu pprovduti servizzi ta' trasferiment ta' flus għad-depożitanti tiegħu;
3. "BĊN rilevanti" tfisser il-BĊN tal-Istat Membru parteċipanti li fih jirrisjedi l-POGI.

Artikolu 2

Popolazzjoni attwali li tirrapporta

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tikkonsisti fil-POGIs residenti fit-territorju tal-Istati Membri taż-żona tal-euro.
2. Il-Bord Eżekuttiv jista' jistabbilixxi u jżomm lista ta' POGIs soġġetti għal dan ir-Regolament. Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jagħmlu din il-lista u l-aġġornamenti tagħha aċċessibbli għall-POGIs kkonċernati b'mod adegwat, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi, l-Internet jew, fuq talba tal-POGIs ikkonċernati, fuq karta. Il-lista għandha tkun biss għal skopijiet ta' informazzjoni. Madankollu, fil-każ li l-aħħar verżjoni aċċessibbli tal-lista ma tkunx korretta, il-BĊE ma għandux jimponi sanzjonijiet fuq xi entità li ma twettaqx kif misthoq l-obbligi tagħha ta' rapportar statistiku sakemm din tkun fdat *in bona fede* fuq il-lista mhux korretta.
3. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-POGIs mill-obbligu li jirrapportaw tagħrif statistiku taħt dan ir-Regolament, kemm-il darba it-tagħrif statistiku meħtieġ ikun diġà miġbur minn sorsi disponibbli oħrajn. Il-BĊNi għandhom jivverifikaw it-tweġġ ta' din il-kondizzjoni fi żmien f'waqtu sabiex jikkonċedu jew jirtiraw, jekk meħtieġ, kull deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena, bi ftehim mal-BĊE.

Artikolu 3

Obbligi ta' rapportar statistiku

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tirrapporta tagħrif statistiku ta' kull xahar dwar il-karta tal-bilanċ tagħha ta' tmiem ix-xahar, f'termini ta' stokks, lill-BĊN rilevanti.

2. It-tagħrif statistiku meħtieġ taħt dan ir-Regolament huwa relatatma' negozju mwettaq minn POGI fisimha stess u hija speċifikata fl-Annessi I u II.

3. It-tagħrif statistiku meħtieġ taħt dan ir-Regolament għandu jkun irrapportat skont l-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet kif stipulat fl-Anness III.

4. Il-BĊNi għandhom jiddefinixxu u jimplimentaw l-arranġamenti tar-rapportar li jridu jiġu segwiti mill-popolazzjoni attwali li tirrapporta b'konformità mal-obbligi nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn l-arranġamenti tar-rapportar jipprovdut t-tagħrif statistiku meħtieġ u jippermettu verifikazzjoni preċiża li jkunu ntlaħqu l-istandards minimi għat-trasmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

Artikolu 4

Fużjonijiet, diviżjonijiet u rijorganizzazzjonijiet

Fil-każ ta' fużjoni, diviżjoni jew kull rijorganizzazzjoni oħra li tista' taffettwa t-tweġġ tal-obbligi statistiċi tagħha, l-aġent li jirrapporta involut għandu jgħarraf lill-BĊN rilevanti, ladarba tkun saret pubblika l-intenzjoni biex tiġi implimentata operazzjoni bħal din u f'ħin raġjonevoli qabel ma sseħħ, dwar il-proċeduri ppjanati biex jitwettqu l-obbligi ta' rapportar statistiku stipulati f'dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Tempestività

Il-BĊNi għandhom jibagħtu t-tagħrif statistiku rrapportat skont l-Artikolu 3(1) u (2) lill-BĊE sat-tmiem tal-ġurnata tax-xogħol fil-15-il jum wara t-tmiem tax-xahar li miegħu jkunu relatati. Il-BĊNi għandhom jiddeċiedu meta jkollhom bżonn jirċievu dejta mingħand l-aġenti li jirrapportaw sabiex jilhqun din l-iskadenza.

Artikolu 6

Regoli ta' kontabbiltà għall-iskopijiet ta' rapportar statistiku

1. Bla ħsara għall-paragrafi 2 u 3, ir-regoli tal-kontabbiltà segwiti mill-IFMi għall-iskopijiet tar-rapportar skont dan ir-Regolament huma daww stabbiliti fit-traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru, 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn⁽¹⁾, kif ukoll fi kwalunkwe standards internazzjonali oħra applikabbli.

⁽¹⁾ ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1.

2. Il-passiv tad-depożiti u s-self għandhom jiġu rrapportati skont l-ammont kapitali mhux imħallas fl-aħħar tax-xahar. Il-passiv tad-depożiti u s-self ma għandhomx ikunu nnettjati kontra attiv jew passiv ieħor.

3. Mingħajr preġudizzju għall-prattiċi tal-kontabbiltà u l-arranġamenti ta' netting l-aktar użati fl-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-attiv u l-passiv finanzjarju kollha għandhom jiġu rrapportati fuq bażi gross għal finijiet statistiċi.

4. Il-BĊNi jistgħu jħallu r-rappurtar ta'self provisioned nett mill-provisions u r-rappurtar ta' self mixtri skont il-prezz miftiehem fil-ħin li jkunu nxtrow, bil-kundizzjoni li dawn il-prattiċi ta' rappurtar huma applikati mill-aġenti residenti kollha ta' rappurtar.

Artikolu 7

Verifika u ġbir obligatorju

Il-BĊNi għandhom jeżerċitaw id-dritt li jivverifikaw jew jiġbru b'mod obligatorju t-tagħrif li l-operaturi li jirrapportaw huma mitluba jagħtu bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, mingħajr ħsara għad-dritt tal-BĊE li jeżerċitaw dawn id-drittijiet huwa stess. B'mod partikolari, il-BĊNi għandhom jeżerċitaw dan id-dritt meta istituzzjoni inkluża fil-popolazzjoni attwali tar-rappurtar

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Ottubru 2013.

ma tissodisfax l-istandards minimi tat-trażmissjoni, l-eżattezza, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifiki fl-Anness IV.

Artikolu 8

L-ewwel rapportar

L-ewwel rapportar jibda bid-dejta ta' kull xahar għal Diċembru 2014.

Artikolu 9

Revoka

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1027/2006 (BĊE/2006/8) huwa revokat b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.

2. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet finali

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Huwa japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

ANNEX II

DEFINIZZJONIJIET RELATATI MAL-OBBLIGI TA' RAPPORTAR STATISTIKU

Konsolidazzjoni għal għanijiet statistiċi fl-istess territorju nazzjonali.

Il-POGIs jikkonsolidaw għal għanijiet statistiċi n-negozju tal-uffiċċji kollha tagħhom (uffiċċju reġistrazzjoni jew prinċipali u/jew ferġat) li jinsab fl-istess territorju nazzjonali. L-ebda konsolidazzjoni ma hija permessa għal skopijiet statistiċi bejn konfini nazzjonali.

- (a) Jekk kumpannija parent u s-sussidjarji tagħha jkunu POGIs li jinsabu fl-istess Stat Membru, il-kumpannija parent hija awtorizzata tikkonsolida fil-prospetti statistiċi tagħha n-negozju ta' dawg is-sussidjarji.
- (b) Jekk POGI jkollha ferġat li jinsabu fit-territorji tal-Istati Membri l-oħrajn taż-żona tal-euro, l-uffiċċju reġistrazzjoni jew prinċipali li jinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro għandu jkollha il-pożizzjonijiet lejn dawn il-ferġat kollha bħala pożizzjoni lejn residenti ta' Stati Membri oħrajn taż-żona tal-euro. Bil-maqlub, ferġa li tinsab fi Stat Membru taż-żona tal-euro partikolari għandha tkollha il-pożizzjonijiet lejn l-uffiċċju reġistrazzjoni jew prinċipali jew lejn il-ferġat l-oħra tal-istess istituzzjoni li tinsab fi dan it-territorju tal-Istati Membri taż-żona tal-euro l-oħra bħala pożizzjonijiet lejn residenti fl-Istati Membri l-oħrajn taż-żona tal-euro.
- (c) Jekk POGI jkollha ferġat li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-uffiċċju reġistrazzjoni jew prinċipali li jinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro għandu jkollha il-pożizzjoni lejn dawn il-ferġat kollha bħala pożizzjonijiet lejn residenti tal-bqija tad-dinja. Bil-maqlub, ferġa li tinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro għandha tkollha il-pożizzjonijiet lejn l-uffiċċju reġistrazzjoni jew prinċipali jew lejn il-ferġat l-oħra tal-istess istituzzjoni li tinsab barra mill-Istati Membri taż-żona tal-euro bħala pożizzjonijiet lejn residenti fil-bqija tad-dinja.

Definizzjonijiet tas-setturi

L-ESA 2010 tipprovdi l-istandard għall-klassifikazzjoni settorjali. Il-kontropartijiet li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri taż-żona tal-euro huma identifikati skont is-settur tagħhom b'mod konformi mal-listi miżmuma mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għal finijiet statistiċi u l-gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-kontropartijiet ipprovduta fil-"Manwal tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji u tas-suq: Gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-klijenti" tal-BĊE.

Tabella

Definizzjonijiet tas-setturi

Settur	Definizzjoni
IFM	IFM kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Dan is-settur jikkonsisti minn banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), istituzzjonijiet ta' kreditu kif definiti fil-liġi tal-Unjoni, MMFs, istituzzjonijiet finanzjarji oħra li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu depożiti u/jew sostituti viċini għal depożiti mingħand entitajiet li mhumiex IFM u, fisimhom stess, tal-anqas f'termini ekonomiċi, jagħtu self u/jew jagħmlu investimenti f'titoli, u istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi li huma prinċipalment involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja fil-forma ta' ħruġ ta' flus elettroniċi.
Gvern ġenerali	Is-settur tal-gvern ġenerali (S.13) jikkonsisti f'unitajiet istituzzjonali, li huma produtture mhux għas-suq li l-output tagħhom huwa maħsub għall-konsum individwali jew kollettiv, u li huma ffinanzjati minn pagamenti obbligatorji magħmula minn unitajiet li jappartjenu lil setturi oħra, u l-unitajiet istituzzjonali li huma prinċipalment involuti fir-ridistribuzzjoni tad-dħul u l-ġid nazzjonali (ESA 2010, paragrafi 2.111 sa 2.113).
Gvern ċentrali	Dan is-sotto-settur (S.1311) jinkludi d-dipartimenti amministrattivi kollha tal-Istat u aġenziji ċentrali oħrajn li l-kompetenza tagħhom normalment testendi fuq it-territorju ekonomiku kollu, għajr l-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali (ESA 2010, paragrafu 2.114).
Gvern statali	Dan is-sotto-settur (S.1312) jikkonsisti f'dawk it-tipi ta' amministrazzjoni pubblika li huma unitajiet istituzzjonali separati li jwettqu wħud mill-funzjonijiet tal-gvern, għajr għall-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali, flivell taħt dak ta' gvern ċentrali u ogħla minn dak tal-unitajiet istituzzjonali governattivi eżistenti flivell lokali (ESA 2010, paragrafu 2.115).

Settur	Definizzjoni
Gvern lokali	Dan is-sottosettur (S.1313) jinkludi dawk it-tipi ta' amministrazzjoni pubblika li l-kompetenza tagħha testendi biss għal parti lokali mit-territorju ekonomiku, minbarra l-aġenziji lokali tal-fondi tas-sigurtà soċjali (ESA 2010, paragrafu 2.116)
Fondi tas-sigurtà soċjali	Is-sottosettur tal-fondi tas-sigurtà (S.1314) jinkludi unitajiet istituzzjonali ċentrali, statali u lokali li l-attività prinċipali tagħhom hija li jipprovdu benefiċċji soċjali u li jissodisfaw iż-żewġ kriterji li ġejjin: (a) bil-liġi jew bir-regolamentazzjoni, ċerti gruppi tal-popolazzjoni huma obbligati li jipparteċipaw fl-iskema jew li jħallsu l-kontribuzzjonijiet; u (b) gvern ġenerali huwa responsabbli għall-immaniġjar tal-istituzzjoni fir-rigward tal-ħlas jew l-l-approvazzjoni tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji indipendentament mir-rwol tiegħu bħala korp ta' sorveljanza jew bħala entità li tipprovdi impjeg (ESA 2010, paragrafu 2.117).
Fondi ta' investment li mhumiex MMF	Fl kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 (BĊE/2013/38) dwar statistika dwar l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investment. Dan is-sottosettur jikkonsisti fl-impriżi kollha ta' investment kollettiv sottostanti, ħlief l-MMF li jinvestu f'attiv finanzjarji u/jew mhux finanzjarji, sal-punt li l-oġettiv ikun l-investment ta' kapital miġbur mill-pubbliku.
Intermedjarji finanzjarji oħrajn, ħlief għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet + awżiljari finanzjarji + istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa ta' flus	<p>L-intermedjarji finanzjarji oħrajn, għajr għall-korporazzjonijiet ta' assicurazzjoni u s-sottosettur tal-fondi ta' pensjonijiet (s.125) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet finanzjarji u kważi-korporazzjonijiet kollha li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja billi jġarrbu passiv f'forma oħra għajr munita, depożiti (jew sostituti mill-qrib għal depożiti), ishma/unitajiet ta' fondi ta' investment, jew b'raba ma' assicurazzjoni, pensjonijiet u skemi ta' garanzija standardizzati minn unitajiet istituzzjonali (ESA 2010, paragrafi 2.86 sa 2.94)</p> <p>Is-sottosettur tal-awżiljari finanzjarji (S.126) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet finanzjarji kollha u l-entitajiet bi status kważi ta' korporazzjoni finanzjarji kollha li huma involuti prinċipalment f'attivitajiet marbuta mill-qrib ma' intermedjazzjoni finanzjarja iżda li mhumiex intermedjarji finanzjarji huma stess. Dan is-sottosettur jinkludi wkoll uffiċċji prinċipali li s-sussidjarji tagħhom huma kollha jew kważi kollha korporazzjonijiet finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.95 sa 2.97)</p> <p>Is-sottosettur tal-istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u tas-selliefa tal-flus (S.127) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet finanzjarji u l-entitajiet bi status kważi ta' korporazzjonijiet finanzjarji kollha li la huma involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u lanqas ma jipprovdu servizzi awżiljarji finanzjarji, u fejn il-parti l-kbira jew tal-assi tagħhom jew il-passiv tagħhom mhumiex innegożjati fis-swieq miftuħa. Dan is-settur jinkludi kumpaniji holding li għandhom livelli ta' ekwità li jagħtu kontroll ta' grupp ta' korporazzjonijiet sussidjarji u li l-attività prinċipali tagħhom hija l-proprjetà tal-grupp mingħajr ma jipprovdu ebda servizz ieħor lin-negożji li fihom tkun qed tinżamm din l-ekwità, jiġifieri, ma jkunux jamministraw jew jiġġestixxu unitajiet oħra (ESA 2010, paragrafi 2.98 sa 2.99).</p>
Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni	Is-sottosettur tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet finanzjarji kollha u l-entitajiet bi status kważi ta' korporazzjonijiet li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ġbir komuni tar-riskji prinċipalment fil-forma ta' assicurazzjoni jew riassicurazzjoni diretta (ESA 2010, paragrafi 2.100 sa 2.104).
Fondi tal-pensjoni	Is-sottosettur tal-fondi tal-pensjonijiet (S.129) jikkonsisti mill-korporazzjonijiet u l-kważi korporazzjonijiet li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-ġbir komuni tar-riskji soċjali u l-ħtiġijiet tal-persuni assicurati (assicurazzjoni soċjali). Fondi tal-pensjoni bħala skemi tal-assigurazzjoni soċjali jipprovdu dħul meta persuna tirtira, u ħafna drabi benefiċċji għal mewt u diżabbiltà (ESA 2010, paragrafi 2.105 sa 2.110).
Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Is-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali li huma entitajiet legali indipendenti u li huma produttori fis-suq, li l-attività prinċipali tagħhom hija l-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji. Dan is-settur jinkludi wkoll entitajiet kważi-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.45 sa 2.54).

Settur	Definizzjoni
Unitajiet domestiċi + istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi	<p>Is-settur tal-unitajiet domestiċi (S.14) jikkonsisti f'individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi u bħala intraprendituri li jipproduċu prodotti għas-suq u servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji (produtturi għas-suq) sakemm il-produtturi ta' prodotti u servizzi ma tkunx minn entitajiet separati trattati bħala kważi-korporazzjonijiet. Dan jinkludi wkoll individwi jew gruppi ta' individwi bħala produtturi ta' prodotti u servizzi mhux finanzjarji li l-użu finali tagħhom ikun esklużivament personali. Is-settur tal-unitajiet domestiċi jinkludi proprjetajiet esklussivi u sħubija mingħajr status legali indipendenti, minbarra dawk meqjusa bħala kważi-korporazzjonijiet, li huma produtturi tas-suq (ESA 2010, paragrafi 2.118 sa 2.128).</p> <p>Is-settur tal-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt (NPISHs) li huma entitajiet legali separati, li jservu unitajiet domestiċi u li huma produtturi privati mhux tas-suq. Ir-riżorsi prinċipali tagħhom huma l-kontribuzzjonijiet volontarji fi flus jew f'oġġetti minn unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom bħala konsumaturi, minn pagamenti magħmula minn gvernijiet ġenerali u minn dħul minn proprjetà (ESA 2010, paragrafi 2.129 sa 2.130).</p>

Definizzjonijiet ta' kategoriji ta' strumenti

- Din it-tabella tipprovdi deskrizzjoni dettaljata u standard tal-kategoriji tal-istrumenti li l-BĊNi jitrassponu f'kategoriji applikabbli fil-livell nazzjonali skont dan ir-Regolament. It-tabella ma tikkostitwixxi lista ta' strumenti finanzjarji individwali u d-deskrizzjonijiet ma humiex eżawrjenti. Id-definizzjonijiet jirreferu għall-ESA 2010.
- Il-maturità oriġinali, jiġifieri l-maturità mal-ħruġ, tirreferi għall-perjodu fiss tal-ħajja ta' strument finanzjarju li qablu ma jstax jiġi mifdi, eż. titoli ta' dejn, jew li jista' jiġi mifdi biss qabel jekk titħallas xi tip ta' penali, eż. xi tipi ta' depożiti. Il-perjodu ta' avviż jikkorrispondi għaż-żmien bejn il-mument li d-detentur jagħti avviż ta' intenzjoni li jifdi l-istrument u d-data ta' meta d-detentur jitħalla jikkonvertih fi flus mingħajr ma jeħel penali. Strumenti finanzjarji huma klassifikati skont il-perjodu ta' avviż fejn ma hemmx maturità miftiehma.
- Tista' ssir distinzjoni bejn pretensjonijiet finanzjarji skont jekk ikunux negozjabbli jew le. Pretensjoni tkun negozjabbli jekk il-proprjetà tagħha tkun faċilment tista' tiġi trasferita minn unità għal oħra b'konsenja jew approvazzjoni jew tkun paċuta fil-każ ta' derivattivi finanzjarji. Filwaqt li kwalunkwe strument finanzjarju jista' potenzjalment jiġi nneozjat, l-istrumenti negozjabbli huma mfassla biex ikunu nneozjati permezz ta' borża organizzata jew barra l-borża, minkejja li jekk attwalment ikunux innegozjati mhix kundizzjoni neċessarja għan-negozjabbiltà.

Deskrizzjoni dettaljata ta' kategoriji ta' strumenti tal-karta tal-bilanċ aggregata ta' kull xahar

KATEGORIJA TA' ATTIV

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
1. Flus	Investimenti ta' euro u flus f'karti u fmuniti fiċ-ċirkolazzjoni li huma użati b'mod komuni sabiex isiru l-pagamenti.
2. Self	<p>L-investimenti f'attiv finanzjarji maħluqa meta l-kredituri jsejlfu fondi lid-debituri, li mhumiex ippruvati minn dokumenti jew li huma ppruvati minn dokumenti mhux negozjabbli. Din il-partita tinkludi wkoll attiv fil-forma ta' depożiti magħmula minn aġenti li jirrapportaw.</p> <p>Din il-partita tinkludi:</p> <p>(a) depożiti kif definiti fil-kategorija tal-passiv 5</p> <p>(b) self li ma jstax jiġi rkuprat li jkun għadu ma tħallasx lura u lanqas ma ġie kkanċellat,</p> <p>L-ammont totali ta' self li fir-rigward tiegħu l-ħlas lura jkun ilu dovut jew inkella identifikat bħala indebolit, parzjalment jew totalment, skont id-definizzjoni ta' inadempjenza fl-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
	<p>(c) Investimenti f'titoli mhux negozjabbli</p> <p>Investimenti f'titoli ta' dejn li ma humiex negozjabbli u ma jistgħux jiġu nnegozjati fi swieq sekondarji;</p> <p>(d) self innegozjati</p> <p>Self li <i>de facto</i> jkunu saru negozjabbli għandhom jiġu kklassifikati taħt il-partita ta' attiv "self" kemm-il darba ma jkun hemm ebda evidenza ta' negozjar f'suq sekondarju. Inkella għandhom jiġu kklassifikati bħala titoli ta' dejn (kategorija 3);</p> <p>(e) dejn subordinat fil-forma ta' depożiti jew self</p> <p>Strumenti ta' debitu subordinat jipprovdu pretensjoni sussidjarja kontra l-istituzzjoni emittenti li tista' tiġi eżerċitata biss wara li jkunu ġew sodisfatti l-pretensjonijiet kollha bi status oġhla, eż. depożiti/self, biex b'hekk jingħatawlihom xi wħud mill-karatteristiċi ta' ekwità. Għal skopijiet statistiċi, dejn subordinat għandu jiġi kklassifikat bħala "self" jew "titoli ta' dejn" skont in-natura tal-istrument finanzjarju. Meta investimenti ta' IFM ta' kull forma ta' dejn subordinat ikunu identifikati attwalment bħala ċifra unika għal skopijiet statistiċi, din iċ-ċifra trid tiġi klassifikata taħt il-partita tal-attiv "titoli ta' dejn", fuq il-bażi li debitu subordinat huwa kkonstitwit b'mod predominanti fil-forma ta' titoli, aktar milli self;</p> <p>(f) pretensjonijiet taħt riakkwisti bil-maqlub jew self ta' titoli kontra kollateral fi flus</p> <p>Kontraparti ta' flus mħallsa bi skambju għal titoli mixtrija minn aġenti ta' rappurtar bi prezz miftiehem b'impenn sod biex l-istess titoli jew simili jergħu jinbiegħu bi prezz fiss f'data futura speċifikata, jew self ta' titoli kontra kollateral fi flus.</p> <p>Il-partita li ġejja <i>ma titqisx</i> bħala self:</p> <p>self mogħti fuq bażi ta' trust</p> <p>Self mogħtija fuq bażi ta' trust, jiġifieri self lil trust jew self fiduċjarji, huma self li jinħarġu f'isem ta' persuna waħda (iktar 'il quddiem il-"fiduċjarju") f'isem terza persuna (iktar 'il quddiem il-"benefiċjarju"). Għal finijiet statistiċi, self lil trust ma jridux jiġu reġistrati fuq il-karta ta' bilanċ tal-fiduċjarju meta r-riskji u l-benefiċċji tal-proprjetà tal-fondi jibqgħu f'idejn il-benefiċjarju. Ir-riskji u l-benefiċċji tal-proprjetà jibqgħu f'idejn il-benefiċjarju meta: il-benefiċjarju jassumi r-riskju tal-kreditu tas-self, jiġifieri l-fiduċjarju jkun responsabbli biss għall-ġestjoni amministrattiva tas-self; jew (b) l-investment tal-benefiċjarju jkun iggarantit kontra telf, jekk il-fiduċjarju jiġi stralċar, jiġifieri jekk is-self lil trust ma jkunx parti mill-attiv tal-fiduċjarju li jista' jitqassam f'każ ta' falliment.</p>
3. Titoli ta' dejn	<p>Investimenti f'titoli ta' dejn, li huma strumenti finanzjarji negozjabbli li jservu bħala evidenza ta' dejn, li normalment huma nnegozjati fi swieq sekondarji jew jistgħu jiġu paċuti fis-suq, u li ma jagħtu ebda tip ta' dritt ta' proprjetà lid-detentur fuq l-istituzzjoni emittenti.</p> <p>Din il-partita tinkludi:</p> <p>(a) Investimenti f'titoli li jagħtu lid-detentur id-dritt mingħajr kundizzjoni għal qligħ fiss jew qligħ stabbilit b'kuntratt fil-forma ta' pagamenti ta' kupuni u/jew ta' somma fissa stabbilita minn qabel f'data jew dati speċifiċi, jew li tibda minn data stabbilita fil-ħin tal-ħruġ;</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
	<p>(b) self li jkunu saru negozjabbli f'suq organizzat, jiġifieri self innegożjati, sakemm ikun hemm prova ta' kummerċ f'suq sekondarju, inkluża l-eżistenza ta' ġeneraturi tas-suq, u l-kwotazzjoni frekwenti tal-attiv finanzjarju, bħal dik ipprovduta mill-<i>bid-offer spreads</i>. Meta dan ma jkunx il-każ, għandhom jiġu kklassifikati taħt il-partita ta' attiv 'self' (ara wkoll 'self innegożjati' fil-kategorija 2d);</p> <p>(c) dejn subordinat fil-forma ta' titoli ta' dejn (ara ukoll "dejn subordinat fil-forma ta' depożiti jew self" fil-kategorija 2e).</p> <p>Titoli mislufa taħt operazzjonijiet ta' self ta' titoli jew mibjugħa taħt ftehim ta' riakkwist jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ tas-sid oriġinali (u ma għandhomx jiġu rreġistrati fuq il-karta tal-bilanċ tal-akkwired temporanju) meta jkun hemm impenn sod biex tinqaleb l-operazzjoni, u mhux sempliċement opzjoni biex isir dan. Meta l-akkwired temporanju jbiegħ it-titoli rċevuti, dan il-bejgħ għandu jtnizzel bħala transazzjoni ċara f'titoli u mdaħħla fil-karta tal-bilanċ tal-akkwired temporanju bħala pożizzjoni negattiva fil-portafoll tat-titoli.</p>
3a/3b Titoli ta' dejn sa u inkluża sena /ta' aktar minn sena u sa u inkluża maturità oriġinali ta' sentejn	<p>Dawn il-partiti jinkludu:</p> <p>(a) investimenti f'titoli ta' dejn negozjabbli b'maturità oriġinali sa u inkluża sena/ta' aktar minn sena u sa u inklużi sentejn;</p> <p>(b) self li jkunu saru negozjabbli f'suq organizzat, jiġifieri self oriġinali li jkunu kklassifikati bħala titoli ta' dejn, b'maturità oriġinali sa u inkluża sena/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn;</p> <p>(c) dejn subordinat fil-forma ta' titoli ta' dejn b'maturità oriġinali sa u inkluża sena/ta' aktar minn sena u sa u inklużi sentejn.</p>
4. Ishma/unitajiet ta' fondi fis-suq tal-flus	Din il-partita tal-attiv tinkludi investimenti ta' ishma/unitajiet MMF (ara d-definizzjoni fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) Anness I, Parti 1, Taqsima 2).

KATEGORIJI TA' PASSIV

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
5. Depożiti	<p>Ammonti (depożiti jew oħrajn), li huma dovuti lill-kredituri mill-aġenti li jirrapportaw u li jikkonformaw mal-karatteristiċi deskritti fit-Taqsima 1 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Għall-finijiet tal-iskema tar-rapportar, din il-kategorija hija maqsuma f'depożiti matul il-lejl, depożiti b'maturità miftiehma, u depożiti li jinfdew mal-avviż</p> <p>(a) depożiti u self</p> <p>"Depożiti" tkopri wkoll "self" bħala passiv tal-POGIs. F'termini kunċettwali, self jirrappreżenta ammonti rċevuti mill-POHIs li mhumiex strutturati fil-forma ta' "depożiti". L-ESA 2010 jiddistingwi bejn "self" u "depożiti" fuq il-bażi tal-parti li tiegħu l-inizjattiva, jiġifieri jekk tkun il-parti li tissellef, allura jikkostitwixxi self, imma jekk tkun il-parti li tislef, imbagħad jikkostitwixxi depożitu. Fl-iskema ta' rappurtar, "self" mhumiex rikonoxxuti bħala kategorija separata fuq in-naħa tal-passiv tal-karta ta' bilanċ. Minflok, bilanċi li huma meqjusa bħala "self" għandhom jiġu kklassifikati bla distinzjoni taħt il-partita "passiv ta' depożitu", ħlief jekk ikunu rappreżentati permezz ta' strumenti negozjabbli. Dan huwa konformi mad-definizzjoni ta' "passiv ta' depożitu" iktar 'il fuq. Self lil IFM li huma klassifikati bħala "passiv ta' depożitu" għandhom jiġu kklassifikati skont ir-reqwiziti tal-iskema li tirrapporta, jiġifieri skont is-settur, strument, munita u maturità. Self sindakat irċevut minn aġenti tar-rapportar jaqgħu taħt din il-kategorija;</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
	<p>(b) strumenti ta' dejn mhux negozjabbli</p> <p>Strumenti ta' dejn mhux negozjabbli maħruġa minn aġenti li jirrapportaw ġeneralment għandhom jiġu klassifikati bħala "passiv ta' depożitu". Strumenti li mhumiex negozjabbli maħruġa minn aġenti li jirrapportaw li sussegwentement isiru negozjabbli u li jistgħu jiġu negozjati fi swieq sekondarji għandhom jiġu klassifikati mill-ġdid bħala "titoli ta' dejn";</p> <p>(c) depożiti marġinali</p> <p>Depożiti marġinali (marġini) li jsiru skont kuntratti derivattivi għandhom jiġu klassifikati bħala "passiv ta' depożitu" meta jkunu jirrappreżentaw kollaterali ta' flus depożitati ma' IFM u meta jibqgħu l-proprjetà tad-depożitatur u jkollhom jergħu jitħallsu lura lid-depożitatur meta jagħlaq il-kuntratt. Fil-prinċipju, marġni riċevuti mill-aġent li jirrapporta għandhom jiġu kklassifikati bħala "passiv ta' depożitu" biss sal-punt li l-POGI tiġi pprovduta b'fondi li jkunu disponibbli liberament għal self ta' fondi mislufa; meta parti tal-marġni riċevuta mill-POGI ikollha tingħadda li parteċipant ieħor fis-suq tad-derivattivi, eż. clearing house, dik il-parti biss li tibqa' għad-dispożizzjoni tal-POGI għandha fil-prinċipju tiġi kklassifikata bħala "passiv ta' depożitu". Il-kumplessitajiet ta' Prattika kurrenti fis-suq jistgħu jagħmluha diffiċli biex jiġu identifikati dawk il-marġni li verament jistgħu jitħallsu lura, minħabba li tipi differenti ta' marġni jitqiegħdu b'mod li ma jistgħux jintgħarfu fl-istess kont, jew dawk il-marġni li jipprovdu lill-IFM b'riżorsi għal self ta' fondi mislufa. F'dawn il-każijiet, huwa aċċettabbli li jiġu kklassifikati dawn il-marġni taħt "passiv li jifdal" jew bħala "passiv ta' depożitu";</p> <p>(d) bilanċi mmarkati</p> <p>Skont il-prattika nazzjonali, "bilanċi mmarkati" relatati ma' pereżempju kuntratti ta' kiri huma kklassifikati bħala passiv ta' depożitu taħt "depożiti b'maturità miftiehma" jew "depożiti li jistgħu jinfedew fuq avviż" skont il-maturità/dispożizzjonijiet tal-kuntratt sottostanti.</p> <p>Il-partita li ġeġja ma titqiesx bħala depożitu:</p> <p>Fondi (depożiti) riċevuti fuq bażi ta' trust m'għandhomx jiġu reġistrati fuq il-karta ta' bilanċ ta' statistika tal-POGI (ara "Self mogħti fuq bażi ta' trust" taħt il-kategorija 2).</p>
5.1. Depożiti ta' matul il-lejl	<p>Depożiti li jistgħu jinqalbu f'munita u/jew li huma trasferibbli fuq talba permezz ta' ċekk, ordni bankarja, dħul ta' dejn jew mezz simili, mingħajr dewmien sinifikanti, restrizzjoni jew penali. Din il-partita tinkludi:</p> <p>(a) bilanċi (li jagħtu l-imgħax jew le) li jistgħu jinqelbu immedjatament f'munita fuq talba jew permezz ta' għeluq tan-negozju fil-jum ta' wara dak li fih ikun sar id-depożitu, mingħajr xi penali jew restrizzjoni sinifikanti, imma li mhumiex trasferibbli;</p> <p>(b) bilanċi (li jagħtu l-imgħax jew le) li jirrappreżentaw ammonti mħallsa bil-quddiem fil-kuntest ta' flejjes elettroniċi bbażati fuq il-hardwer jew fuq is-software, eż. kards imħallsa bil-quddiem;</p> <p>(c) self li jrid jitħallas lura fit-tmiem tal-ħin tax-xogħol fil-jum ta' wara dak li fih ingħata s-self.</p>
5.2. Depożiti miftiehma b'maturità	<p>Depożiti li mhumiex trasferibbli li ma jistgħux jinqalbu f'munita qabel terminu fiss miftiehem jew li jistgħu jinqalbu biss f'munita qabel dak it-terminu miftiehem kemm-il darba d-detentur iħallas xi tip ta' penali. Din il-partita tinkludi wkoll depożiti ta' tfaddil irregolati amministrattivament fejn il-kriterju relatat mal-maturità mhumiex rilevanti; dawn għandhom jiġu kklassifikati fil-faxxa ta' maturità ta' "aktar minn sentejn". Prodotti finanzjarji b'dispożizzjonijiet roll-over għandhom jiġu kklassifikati skont il-maturità l-aktar bikrija. Għalkemm depożiti b'maturità miftiehma jista' jkollhom il-possibbiltà li jinfedew aktar kmieni wara notifika minn qabel, jew jistgħu jinfedew fuq talba bla ħsara għal ċerti penali, dawn il-karatteristiċi mhumiex meqjusa bħala rilevanti għall-finijiet ta' klassifikazzjoni.</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
5.2a/5.2b Depożiti sa u inkluża sena/ta' aktar minn sena u sa u inkluża maturità miftiehma ta' sentejn	<p>Dawn il-partiti jinkludu għal kull klassifikazzjoni ta' maturità:</p> <p>(a) Bilanċi mqegħda b'terminu fiss ta' maturità sa u inkluża sena waħda/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn li mhumiex trasferibbli u li ma jistgħux jinqalbu f'muniti qabel dik il-maturità;</p> <p>(b) Bilanċi mqegħda b'terminu fiss ta' maturità sa u inkluża sena waħda/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn/aktar minn sentejn li mhumiex trasferibbli imma jinfedew qabel dak it-terminu wara notifika minn qabel; meta tkun ingħatat notifika, dawn il-bilanċi għandhom jiġu klassifikati f'5.3a;</p> <p>(c) Bilanċi mqegħda b'terminu fiss ta' maturità sa u tinkludi sena waħda/aktar minn sena u sa u tinkludi sentejn/aktar minn sentejn li mhumiex trasferibbli imma jistgħu jiġu mifdiya mat-talba soġġetti għal ċerti penali;</p> <p>(d) Pagamenti marġinali li jsiru skont kuntratti derivattivi li jridu jingħalqu fi żmien sena/bejn sena u sentejn, li jirrappreżentaw kollateral ta' flus kontanti mqegħda biex jiproteġu kontra riskju ta' kreditu imma li jibqgħu fil-pussess tad-depożitatur u li jistgħu jergħu jitħallsu lid-depożitatur meta jkun ingħalaq il-kuntratt;</p> <p>(e) Self, li tagħhom ikun hemm xiehda permezz ta' dokumenti mhux negozjabbli jew inkella li tagħhom ma jkunx hemm xiehda permezz ta' dokumenti, b'maturità oriġinali sa sena/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn;</p> <p>(f) Titoli ta' dejn mhux negozjabbli maħruġa mill-POGs li jkollhom maturità oriġinali sa u inkluża sena/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn;</p> <p>(g) Dejn subordinat maħruġ mill-POGs fil-forma ta' depożiti jew self ta' maturità oriġinali sa u inkluża sena waħda/aktar minn sena u sa u inklużi sentejn.</p>
5.3. Depożiti li jistgħu jinfedew b'avviż	<p>Depożiti li mhumiex trasferibbli mingħajr maturità miftiehma li ma jistgħux jinqalbu f'munita mingħajr perijodu ta' avviż minn qabel; qabel l-iskadenza l-konvezjoni f'munita mhijiex possibbli jew hija possibbli biss b'penali. Dawn jinkludu depożiti li, għalkemm forsi jistgħu jiġu rtirati legalment fuq talba, ikunu soġġetti għal penali u restrizzjonijiet skont il-prattika nazzjonali (ikklassifikata fil-faxxa ta' maturità "sa u inklużi tliet xhur"), u kontijiet ta' investimenti mingħajr perijodu ta' avviż jew maturità miftiehma, imma li fihom dispożizzjonijiet restrittivi dwar għbid ta' flus (ikklassifikati fil-faxxa ta' maturità ta' "aktar minn tliet xhur").</p>
5.3a Depożiti li jinfedew b'avviż sa u inklużi tliet xhur	<p>Din il-partita tinkludi:</p> <p>(a) Bilanċi mqegħda mingħajr maturità fissa li jistgħu jiġu rtirati biss soġġetti għal avviż minn qabel ta' sa u inklużi tliet xhur; jekk ikun possibbli li jinfedew qabel dak il-perijodu tal-avviż (jew anke fuq talba), ikun jinvolvi l-ħlas ta' penali; u</p> <p>(b) Bilanċi mqegħda b'terminu fiss għall-maturità li ma jkunux trasferibbli iżda li kienu soġġetti għal notifika ta' inqas minn tliet xhur, għal fidi aktar bikri.</p> <p>Barra minn hekk, depożiti li jistgħu jinfedew b'avviż sa u inklużi tliet xhur jinkludu depożiti mhux trasferibbli mad-daqqa r'għajn u tipi oħrajn ta' depożiti bl-immnut li, għalkemm jistgħu jinfedew legalment fuq talba, huma suġġetti għal penali sinifikanti.</p>

ANNEX III

STANDARDS MINIMI LI GĦANDHOM IKUNU APPLIKATI MILL-POPOLAZZJONI LI ATTWALMENT TIRRAPPORTA

L-aġenti li jirrapportaw għandhom jilħqu l-livelli minimi li ġejjin sabiex jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar statistiku tal-BĊE.

1. Standards minimi għat-trażmissjoni:

- (a) ir-rapportar għandu jkun f'waqt u fl-iskandenzi stabbiliti mill-BĊN rilevanti;
- (b) ir-rapporti statistiċi jridu jieħdu l-forma u l-format mill-obbligi ta' rapportar tekniċi stabbiliti mill-BĊN rilevanti;
- (c) l-aġent li jirrapporta għandu jagħti d-dettalji ta' persuna ta' kuntatt waħda jew aktar lill-BĊN rilevanti;
- (d) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trażmissjoni ta' dejta lill-BĊNi rilevanti jridu jiġu segwiti.

2. Standards minimi għall-korrettezza:

- (a) it-tagħrif statistiku jrid ikun korrett; iridu jiġu mwettqa r-restrizzjonijiet kollha lineari (eż. l-attiv u l-passiv iridu jibbilanċjaw, is-sotto-totali jridu jaqblu mat-totali);
- (b) l-aġenti li jirrapportaw iridu jkunu kapaċi jipprovdu informazzjoni dwar l-iżviluppi implikati fid-dejta mibgħuta;
- (c) it-tagħrif statistiku jrid ikun komplut u m'għandux ikollu lakuni kontinwi jew strutturali; il-lakuni eżistenti għandhom jiġu rikonoxxuti, spjegati lill-BĊN rilevanti u, fejn applikabbli, mimlija mill-aktar fis;
- (d) l-aġenti li jirrapportaw għandhom isegwu d-dimensjonijiet, il-politika tal-approssimazzjoni u d-deċimali stabbilita mill-BĊN rilevanti għat-trasmissjoni teknika tad-dejta.

3. Standards minimi għal konformità mal-kunċetti:

- (a) It-tagħrif statistiku jrid jikkonforma mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet li jinsabu f'dan ir-Regolament;
- (b) f'każ ta' devjazzjonijiet minn dawn id-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet, l-aġenti li jirrapportaw għandhom jimmonitorjaw fuq bażi regolari u jikkwantifikaw id-differenza bejn il-miżura użata u l-miżura li tinsab f'dan ir-Regolament;
- (c) l-aġenti li jirrapportaw għandhom ikunu kapaċi jispjegaw interruzzjonijiet fid-dejta mibgħuta meta mqabbla maċ-ċifri tal-perijodi ta' qabel.

4. Standards minimi għal reviżjonijiet

Il-politika ta' reviżjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-BĊE u l-BĊN rilevanti trid tiġi segwita. Reviżjonijiet li jiddevjaw mir-reviżjonijiet regolari għandhom jiġu akkumpanjati b'noti ta' spjega.

ANNEX IV

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 1027/2006 (BĊE/2006/8)	Dan ir-Regolament
Artikolu 1-3	Artikolu 1-3
—	Artikolu 4
Artikolu 4	Artikolu 5
Artikolu 5	Artikolu 6
Artikolu 6	Artikolu 7
—	Artikolu 8
—	Artikolu 9
Artikolu 7	Artikolu 10
Anness I	Anness I

REGOLAMENT (UE) Nru 1075/2013 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-18 ta' Ottubru 2013

dwar statistika fuq l-attiv u l-passiv ta' korporazzjonijiet finanzjarji vettura involuti fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni

(riformulazzjoni)

(BĊE/2013/40)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir tal-informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, partikolarment l-Artikoli 5(1) u 6(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Peress li r-Regolament (KE) Nru 24/2009 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar statistika li tittratta l-assi u l-passiv ta' korporazzjonijiet ta' vetturi finanzjarji involuti fi tranżazzjonijiet ta' securitisation (BĊE/2008/30) ⁽²⁾ għandu b'żonn jiġi emendat sostanzjalment, b'mod partikolari fid-dawl tar-Regolament (UE) Nru 549/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea ⁽³⁾, huwa għandu jiġi rriformulat fl-interessi taċ-ċarezza.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2533/98 jipprovdi fl-Artikolu 2(1) li, biex ir-rekwiżiti ta' rappurtar ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jiġu ssodisfatti, il-BĊE, assistit mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), għandu d-dritt jiġbor tagħrif statistiku fil-limiti tal-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta u ta' dak li jeħtieġ biex iwettaq il-kompiti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ). Isegwi mill-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 li korporazzjonijiet finanzjarji vettura impenjati fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni (iktar 'il quddiem "FVCs") jiffurmaw parti mill-popolazzjoni ta' rappurtar ta' referenza għall-finijiet tat-tweqqif tal-ħtiġijiet ta' rappurtar statistiku tal-BĊE, fost l-oħrajn, fil-qasam tal-istatistika monetarja u finanzjarja. Barra minn dan, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jeħtieġ li l-BĊE jispeċifika l-opolazzjoni attwali li tirrapportafil-limiti tal-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta, u jintitolah li jeżenta għal kollox jew parzjalment, klassijiet speċifiċi ta' aġenti li jirrapportaw mill-obbligi tiegħu ta' rappurtar statistiku.

(3) L-għan tad-dejta tal-FVC huwa sabiex il-BĊE jiġi pprovdut bi statistika adegwata fuq l-attivitajiet finanzjarji tas-subsettur tal-FVC fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (iktar 'il quddiem "Stati Membri taż-żona tal-euro"), li jitqiesu bħala territorju ekonomiku wieħed.

(4) Minħabba r-rabtiet mill-qrib bejn l-attivitajiet ta' titolizzazzjoni tal-FVCs u tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM), jenħtieġ rapportar konsistenti, kumplimentari u integrat tal-FVCs u tal-IFM. Għalhekk, it-tagħrif statistiku mogħti skont dan ir-Regolament għandu jitqies flimkien mal-obbligi tad-dejta għall-IFM dwar self titolizzat, kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) ⁽⁴⁾.

(5) Il-metodu ta' rappurtar integrat tal-FVCs u l-IFM u d-derogi stipulati f'dan ir-Regolament jimmiraw li jnaqqsu l-piż tar-rapportar għal aġenti li jirrapportaw u biex jevitaw ir-rapportar doppju fir-rapportar ta' tagħrif statistiku minn FVCs u IFM.

(6) Il-BĊNi għandhom ikunu intitolati li jeżentaw l-FVCs mir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku li joħlqu spejjeż għolja irraġonevoli meta pparagunati mal-benefiċċju statistiku tagħhom.

(7) Għalkemm regolamenti adottati mill-BĊE skont l-Artikolu 34.1 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem "Statut tas-SEBĊ") ma jagħtu l-ebda dritt jew ma jimponu l-ebda obbligu fuq Stati Membri li l-valuta tagħhom ma hijiex l-euro (iktar 'il quddiem l-"Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro"), l-Artikolu 5 tal-Istatut tal-SEBĊ japplika kemm għall-Istati Membri taż-żona tal-euro kif ukoll għal dawk li mhumiex fiż-żona tal-euro. Il-premessa 17 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 tirreferi għall-fatt li l-Artikolu 5 tal-Istatut tas-SEBĊ, flimkien mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jimplika obbligu biex jiġu ddisinjati u implimentati fuq livell nazzjonali l-miżuri kollha li l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro jqisu xierqa biex jiġbru t-tagħrif statistiku meħtieġ biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tal-BĊE u biex jagħmlu preparazzjonijiet fil-ħin fil-qasam tal-istatistika biex isiru Stati Membri taż-żona tal-euro.

⁽¹⁾ ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 15, 20.1.2009, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 174, 26.6.2013, p. 1.

⁽⁴⁾ Paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

- (8) L-istandards għall-protezzjoni u l-użu ta' tagħrif statistiku kunfidenzjali stabbiliti fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 japplikaw.
- (9) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 jipprova li l-BĊE għandu s-setgħa li jimponi sanzjonijiet fuq aġenti li jirrapportaw li jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' rapportar statistiku stipulati fir-regolamenti u d-deċiżjonijiet tal-BĊE,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

- (1) "FVC" tfisser impriża li hija kkostitwita bis-saħħa tad-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni taħt wieħed minn dawn li ġejjin:
- (i) id-dritt kuntrattwali bħala fond komuni ġestit minn kumpanniji ta' ġestjoni;
- (ii) id-dritt tat-trusts;
- (iii) id-dritt tal-kumpanniji bħala kumpannija pubblika jew privata b'responsabbiltà limitata;
- (iv) kull mekkaniżmu simili ieħor;
- u li l-attività prinċipali tagħha tissodisfa ż-żewġ kriterji li ġejjin:
- (a) fihsiebha twettaq, jew qed twettaq, tranżazzjoni waħda jew aktar ta' titolizzazzjoni u l-istruttura tagħha hija maħsuba li tiżola l-obbligi ta' ħlas tal-impriża minn dawk tal-oriġinatur, jew l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni; u
- (b) toħroġ, jew fihsiebha toħroġ, titoli ta' dejn, strumenti oħra ta' dejn, unitajiet ta' fond ta' titolizzazzjoni, u/jew derivattivi finanzjarji (iktar 'il quddiem "l-istrumenti ta' finanzjament") u/jew hija legalment jew ekonomikament is-sid, jew tista' tkun is-sid, ta' attiv sottostanti l-ħruġ ta' strumenti ta' finanzjament li huma offruti għall-bejgħ lill-pubbliku jew mibjugħa fuq il-bażi ta' offerti (*placements*) privati.

Din id-definizzjoni ma tinkludix:

- (a) istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33);
- (b) fondi ta' investiment (FI) kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1073/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2013 dwar l-istatistika fuq l-assi u l-passiv tal-fondi ta' investiment (BĊE/2013/38) ⁽¹⁾;
- (c) impriżi tal-assigurazzjoni jew impriżi tar-riassigurazzjoni kif iddefiniti fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ⁽²⁾;
- (d) manijers ta' fondi ta' investiment alternattivi li jimmaniġjaw u/jew jikkumerċjalizzaw fondi ta' investiment alternattivi kif definiti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Manijers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi li taqa' taħt l-għanijiet tad-Direttiva 2011/61/UE skont l-Artikolu 2 tagħha ⁽³⁾.
- (2) "titolizzazzjoni" tfisser tranżazzjoni jew skema fejn entità li hija separata mill-oriġinatur jew l-impriża tal-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni u hija maħluqa għal jew isservi l-iskop tat-tranżazzjoni jew skema toħroġ strumenti ta' finanzjament lil investituri, u jseħħu wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin:
- (a) attiv jew ġabra ta' attiv, jew parti minnu, jiġi ttrasferit lil entità li hija separata mill-oriġinatur u hija maħluqa għal jew isservi l-iskop tat-tranżazzjoni jew skema, jew bit-trasferiment tat-titolu legali jew tal-interess benefiċjarju ta' dak l-attiv mill-oriġinatur jew permezz ta' subpartecipazzjoni;
- (b) ir-riskju ta' kreditu ta' attiv jew ġabra ta' attiv, jew parti minnu, jiġi ttrasferit permezz tal-użu ta' derivattivi ta' kreditu, garanziji jew kull mekkaniżmu simili ieħor lill-investituri fl-istrumenti ta' finanzjament maħruġin minn entità li hija separata mill-oriġinatur u hija maħluqa għal jew isservi l-finijiet tat-tranżazzjoni jew tal-iskema;
- (c) ir-riskji tal-assigurazzjoni huma ttrasferiti minn impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni lil entità separata li hija maħluqa għal jew isservi l-iskop tat-tranżazzjoni jew tal-iskema, fejn l-entità tiffinanzja għal kollox l-esponent tagħha għal dawn ir-riskji permezz tal-ħruġ ta' strumenti ta' finanzjament, u d-drittijiet ta' ħlas lura tal-investituri f'dawk l-istrumenti ta' finanzjament jiġu ssubordinati għall-obbligi tar-riassigurazzjoni tal-entità;

⁽¹⁾ Paġna 73 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1.

Meta jinħarġu dawn l-istrumenti ta' finanzjament, dawn ma jirrappreżentawx l-obbligi tal-ħlas tal-orijinatur, jew tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

- (3) "orijinatur" ifisser dak li jittrasferixxi l-attiv jew il-ġabra ta' attiv, u/jew ir-riskju tal-kreditu tal-attiv jew tal-ġabra ta' attiv lill-istruttura ta' titolizzazzjoni;
- (4) "aġent ta' rrapportar" għandha l-istess tifsira definita fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98;
- (5) "residenti" għandha l-istess tifsira kif hemm fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jekk entità legali ma jkollhiex dimensjoni fiżika r-residenza tagħha għandha tiġi ddeterminata mit-territorju ekonomiku li taħt il-liġijiet tiegħu hija inkorporata l-entità. Jekk l-entità ma hijiex inkorporata, għandu jintuża d-domiċilju legali bħala kriterju, jiġifieri l-pajjiż li s-sistema legali tiegħu tirregola l-ħolqien u l-eżistenza kontinwa tal-entità;
- (6) "BĊN rilevanti" tfisser il-BĊN ta' Stat Membru taż-żona tal-euro li fih l-FVC hija residenti;
- (7) "bidu ta' negozju" tfisser kull attività, inkluża kull miżura preparatorja, relatata mat-titolizzazzjoni, minbarra dik li sempliċiment tistabbilixxi entità li ma hijiex mistennija tibda l-attività ta' titolizzazzjoni fis-sitt xhur li ġejjin. Kull attività mill-FVC mibdiya wara li l-attività ta' titolizzazzjoni issir prevedibbli tfisser bidu ta' negozju.

Artikolu 2

Popolazzjoni li tirrapporta

1. FVCs residenti fit-territorju ta' Stat Membru taż-żona tal-euro għandhom jikkostitwixxu l-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta. Il-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta għandha tkun suġġetta għall-obbligu stabbilit fl-Artikolu 3(2).
2. Il-popolazzjoni ta' rrapportar attwali għandha tikkonsisti minn popolazzjoni ta' rrapportar ta' referenza bl-esklużjoni ta' dawk l-FVCs li ġew eżentati għal kollox mir-rekwiżiti ta' rrapportar statistiku skont l-Artikolu 5(1)(c). Il-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta għandha tkun suġġetta għar-rekwiżiti ta' rrapportar statistiku stabbiliti fl-Artikolu 4, bla ħsara għad-derogi stabbiliti fl-Artikolu 5. L-FVCs li huma suġġetti għar-rrapportar tal-prospett finanzjarju annwali tagħhom bis-saħħa tal-Artikolu 5(3) jew li huma suġġetti għal obbligi ta' rrapportar *ad hoc* skont l-Artikolu 5(5) għandhom jiffurmaw parti wkoll mill-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta.
3. Jekk FVC ma jkollhiex personalità legali taħt il-liġi nazzjonali tagħha, il-persuni li huma legalment intitolati biex jirrappreżentaw l-FVC, jew fin-nuqqas ta' rappreżentazzjoni

formalizzata, il-persuni li taħt il-liġijiet nazzjonali applikabbli huma responsabbli għal atti tal-FVC, għandhom jiġu kkunsidrati bħala aġenti li jirrapportaw skont dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Lista ta' FVCs għal finijiet ta' statistika

1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jstabbilixxi u jżomm, għall-finijiet statistiċi, lista ta' FVCs li jiffurmaw l-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta suġġetti għal dan ir-Regolament. FVCs għandhom jissottomettu lill-BĊNi d-dejta li l-BĊNi jeħtieġu skont il-Linja ta' Gwida BĊE/2007/9 tal-1 ta' Awwissu 2007 fuq statistika monetarja, ta' istituzzjonijiet finanzjarji u tas-suq ⁽¹⁾. Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jagħmlu din il-lista u l-aġġornamenti tagħha disponibbli f'forma xierqa, inkluż b'mezzi elettroniċi, permezz tal-Internet jew, fuq talba tal-aġenti li jirrapportaw ikkonċernati, fuq karti.
2. FVC għandha tinforma lil BĊN rilevanti bl-eżistenza tagħha fi żmien ġimgħa mid-data li fiha l-FVC tkun bdiet in-negozju, irrISPettivament minn jekk hija tistenniex li tkun suġġetta għal xi rekwiżiti ta' rrapportar statistiku skont dan ir-Regolament.
3. Jekk l-aħħar verżjoni elettronika aċċessibbli tal-lista msemmija fil-paragrafu 1 ma hijiex korretta, il-BĊE ma għandu jimponi l-ebda sanzjoni fuq aġent li jirrapporta li ma jkunx issodisfa kif suppost ir-rekwiżiti ta' rrapportar statistiku tiegħu, sa fejn ir-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 2 ikun ġie sodisfatt u l-aġent li jirrapporta jkun qagħad fuq il-lista skorretta f'bona fede.

Artikolu 4

Rekwiżiti trimestrali ta' rrapportar statistiku u regoli ta' rrapportar

1. Il-popolazzjoni attwali li tirrapporta għandha tagħti lill-BĊN rilevanti dejta dwar l-ammonti pendenti, tranżazzjonijiet finanzjarji u kanċellazzjonijiet/tnaqis fil-valur tal-attiv u l-passiv ta' FVCs fuq bażi trimestrali, skont l-Annessi I u II.
2. Il-BĊNi jistgħu jiġbru t-tagħrif statistiku dwar titoli maħruġa u miżmuma mill-FVCs meħtieġa biex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti ta' rrapportar statistiku fil-paragrafu 1 fuq il-baży ta' titolu b'titolu, sakemm id-dejta msemmija fil-paragrafu 1 tkun tista' tiġi dderivata skont standards statistiċi minimi kif speċifikat fl-Anness III. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' tempestività stabbiliti fl-Artikolu 6, il-BĊNi jistgħu jeħtieġu l-għoti ta' dejta titolu b'titolu fuq tranżazzjonijiet finanzjarji f'titoli ta' dejn miżmuma minn FVCs skont wieħed mill-metodi elenkati fit-Taqsima 2 ta' Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1011/2012 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2012/24) ⁽²⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 341, 27.12.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 305, 1.11.2012, p. 6.

3. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' rapportar stabbiliti fl-Anness II, l-attiv u l-passiv kollu ta' FVCs għandu jiġi rrapportat taħt dan ir-Regolament skont ir-regoli ta' rapportar stabbiliti fil-liġi nazzjonali rilevanti li tittrasponi d-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn⁽¹⁾. Ir-regoli tal-kontabbiltà fil-liġi nazzjonali rilevanti li tittrasponi r-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpaniji⁽²⁾, għandhom japplikaw għal FVCs li ma jaqgħux f l-ambitu tal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 86/635/KEE. Kull standard jew Prattika rilevanti oħra nazzjonali jew internazzjonali tal-kontabbiltà, għandha tapplika għall-FVCs li ma jaqgħux taħt il-liġi nazzjonali li tittrasponi xi waħda minn dawn id-direttivi.

4. Fejn il-paragrafu 3 jeħtieġ ir-rapportar ta' strumenti fuq bażi ta' suq b'suq, il-BĊNi jistgħu jeżentaw lill-FVCs milli jirrapportaw dawn l-istrumenti fuq bażi ta' suq b'suq meta l-ispejjeż involuti mill-FVC ikunu irraġonevolment għoljin. F'dan il-każ l-FVCs għandhom japplikaw il-valutazzjoni użata għall-iskop tar-rapporti tal-investituri.

5. Meta skont prattiċi nazzjonali tas-suq dejta disponibbli tirreferi għal kwalunkwe data f'trimestru, il-BĊNi jistgħu jħallu lill-aġenti ta' rapportar jirrapportaw minflok din id-dejta trimestrali, jekk id-dejta hija paragunabbli u jekk jitqiesu tranżazzjonijiet sinifikanti li jseħħu bejn din id-data u t-tmiem tat-trimestru.

6. Minflok ma jipprovdu dejta fuq tranżazzjonijiet finanzjarji msemmin fil-paragrafu 1, l-aġenti ta' rapportar jistgħu, bi qbil mal-BĊN rilevanti, jipprovdu aġġustamenti ta' rivalutazzjoni u tibdil ieħor fil-volum li jħalli lill-BĊN jidderiva tranżazzjonijiet finanzjarji.

7. Minflok ma jipprovdi dejta fuq ir-kanċellazzjonijiet/tnaqqis fil-valur imsemmija fil-paragrafu 1, aġent li jirrapporta jista', bi qbil mal-BĊN rilevanti, jipprovdi tagħrif ieħor li jħalli lill-BĊN jidderiva d-dejta meħtieġa dwar kanċellazzjonijiet/tnaqqis fil-valur.

Artikolu 5

Derogi

1. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi mir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku stabbiliti fl-Artikolu 4 kif ġej.

(a) Għal self oriġinat minn IFM taż-żona tal-euro u kklassifikat skont il-maturità, is-settur u r-residenza tad-debituri, u fejn l-IFM jibqgħu jservizzjaw is-self titolizzat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33), il-BĊNi jistgħu

jagħtu lill-FVCs derogi mir-rapportar tad-dejta dwar dan is-self. Ir-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) jipprovdi għar-rapportar ta' din id-dejta;

(b) Il-BĊNi jistgħu jeżentaw lil FVCs mir-rekwiżiti kollha ta' rapportar statistiku stabbiliti fl-Anness I, minbarra l-obbligu li tiġi rrapportata, fuq bażi trimestrali, dejta tal-ammont pendenti ta' tmiem it-trimestru pendenti fuq it-total tal-attiv, sakemm l-FVCs li jikkontribwixxu għall-attiv aggregat ta' kull trimestru, ilaħħqu għal tal-anqas 95 % tat-total tal-attiv tal-FVCs f'termini ta' ammonti pendenti, f'kull Stat Membru taż-żona tal-euro. Il-BĊNi għandhom jivverifikaw li din il-kundizzjoni ġiet sodisfatta fil-ħin sabiex jagħtu jew jirtiraw, jekk ikun meħtieġ, deroga b'effett mill-bidu ta' kull sena kalendarja;

(c) Safejn tista' tiġi derivata d-dejta msemmin fil-Artikolu 4, skont standards statistiċi minimi kif speċifikat fl-Anness III, minn sorsi ta' dejta oħra statistiċi, pubbliċi jew superviżorji, u mingħajr preġudizzju għas-subparagrafi (a) u (b), il-BĊNi jistgħu, wara li jikkonsultaw lill-BĊE, jeżentaw għal kollox jew parzjalment, l-aġenti li jirrapportaw mir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku stabbiliti fl-Anness I.

2. L-FVCs jistgħu jagħżlu, bil-kunsens minn qabel tal-BĊN rilevanti, li ma jużawx id-derogi msemmin fil-paragrafu 1 u biex minflok jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' rapportar statistiku speċifikati fl-Artikolu 4.

3. FVCs li jibbenefikaw minn deroga fit-tifsira tal-paragrafu 1(c) għandhom jipprovdu l-prospetti finanzjarji annwali tagħhom lill-BĊN rilevanti, jekk dawn ma jkunux disponibbli minn sorsi pubbliċi, fi żmien sitt xhur wara t-tmiem tal-perijodu ta' referenza jew fl-eqreb żmien wara dakinhar, skont il-prattiċi legali nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru ta' residenza tal-FVC. Il-BĊN rilevanti għandu jinnotifika lil daww l-FVCs li huma suġġetti għal dan l-obbligu ta' rapportar.

4. Il-BĊN rilevanti għandu jirtira d-deroga stabbilita fil-paragrafu 1(c), jekk id-dejta ta' standards statistiċi paragunabbli ma' daww preskritti f'dan ir-Regolament ma tkunx saret disponibbli fil-ħin lill-BĊN rilevanti għal tliet perjodi ta' rapportar konsekuttivi, indipendentement minn xi nuqqas attribwibbli lill-FVC involuta. FVCs għandhom jibdeu jirrapportaw dejta, kif stabbilit fl-Artikolu 4, mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha l-BĊN rilevanti jkun innotifika lill-aġenti li jirrapportaw li d-deroga tkun ġiet irtirata.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, sabiex jissodisfaw l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-BĊNi jistgħu jindirizzaw rekwiżiti ta' rapportar statistiku *ad hoc* lil FVCs li jkun nghanaw derogi fit-tifsira tal-paragrafu 1(c). FVCs għandhom jirrapportaw fuq bażi *ad hoc* it-tagħrif mitlub fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara li tkun saret talba mill-BĊN rilevanti.

(1) ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1.

(2) ĠU L 222, 14.8.1978, p. 11.

*Artikolu 6***Tempestività**

Il-BĊNi għandhom jibagħtu lill-BĊE dejta fuq l-attiv u l-passiv trimestrali aggregat, li tkopri l-pożizzjonijiet ta' FVCs residenti sal-għeluq tan-negozju fit-28 jum tax-xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li għalih tirreferi d-dejta. Il-BĊNi għandhom jistabbilixxu skadenzi biex jirċievu d-dejta mingħand l-aġenti li jirrapportaw.

*Artikolu 7***Standards minimi u arranġamenti nazzjonali ta' rapportar**

1. Aġenti li jirrapportaw għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' rapportar statistiku li tagħhom huma suġġetti skont l-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni, il-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

2. Il-BĊNi għandhom jiddefinixxu u jimplementaw l-arranġamenti ta' rapportar li għandhom jiġu segwiti mill-popolazzjoni attwali li tirrapporta skont il-karatteristiċi nazzjonali. Il-BĊNi għandhom jiżguraw li dawn l-arranġamenti ta' rapportar jipprovdu t-tagħrif statistiku meħtieġ u jippermettu l-verifika preċiża tal-konformità mal-kunċetti u l-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

*Artikolu 8***Verifika u għbir obligatorju**

Il-BĊNi għandhom jeżerċitaw id-dritt li jivverifikaw jew jiġbru tagħrif li l-aġenti li jirrapportaw huma mitluba jagħtu skont dan ir-Regolament, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-BĊE li jeżerċita dawn id-drittijiet huwa nnifsu. B'mod partikolari, il-BĊNi għandhom jeżerċitaw dan id-dritt meta istituzzjoni inkluża fil-popolazzjoni attwali li tirrapporta ma tissodisfax l-istandards minimi għat-trażmissjoni, il-preċiżjoni u l-konformità mal-kunċetti u r-reviżjonijiet speċifikati fl-Anness III.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

*Artikolu 9***L-ewwel rapportar**

1. L-ewwel rapportar għandu jibda bid-dejta trimestrali għar-raba' trimestru tal-2014.

2. FVCs li jibdeu in-negozju wara l-31 ta' Diċembru 2014 għandhom, meta jirrapportaw id-dejta għall-ewwel darba, jirrapportaw dejta fuq bażi trimestrali u li tmur lura għall-bidu tal-attività ta' titolizzazzjoni.

3. FVCs li jibdeu in-negozju qabel l-adozzjoni tal-euro mill-Istat Membru tagħhom wara l-31 ta' Diċembru 2014 għandhom, meta jirrapportaw id-dejta għall-ewwel darba, jirrapportaw dejta fuq bażi trimestrali mill-perijodu ta' referenza li fih l-Istat Membru jkun adotta l-euro. Għall-perijodu ta' referenza fejn l-Istat Membru jkun adotta l-euro, l-FVC għandha tirrapporta biss ammonti pendenti.

*Artikolu 10***Tħassir**

1. Ir-Regolament (KE) Nru 24/2009 (BĊE/2008/30) huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.

2. Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinfehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 11***Dispożizzjoni finali**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar, 2015.

Tabella 2: Kanċellazzjonijiet/Tnaqqis fil-valur

	D. Total
ATTIV	
2 Self titolizzat	

ANNEX II

DEFINIZZJONIJIET

PARTI 1

Definizzjonijiet ta' kategoriji ta' strumenti

1. Din it-tabella tipprovdi deskrizzjoni standard iddettaljata tal-kategoriji ta' strumenti li l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jitrasonu f'kategoriji nazzjonali b'konformità ma' dan ir-Regolament. It-tabella ma tikkostitwixxi lista ta' strumenti finanzjarji individwali u d-deskrizzjonijiet m'humix eżawrjenti. Id-definizzjonijiet jirreferu għas-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġionali fl-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem l-“ESA 2010”), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 549/2013.
2. Għal uħud mill-kategoriji ta' strumenti, hemm bżonn ta' klassifikazzjonijiet skont il-maturità. Dawn jirreferu għall-maturità oriġinali, jiġifieri l-maturità mal-ħruġ, li huwa l-perjodu fiss ta' ħajja ta' strument finanzjarju li qablu ma jkunx jista' jinfeda, pereżempju titoli ta' dejn, jew li jkun jista' jinfeda qabel biss taħt xi forma ta' penali, eż. ċerti tipi ta' depożiti.
3. Tista' ssir distinzjoni bejn klejms finanzjarji skont jekk ikunux negozjabbli jew le. Klejm tkun negozjabbli jekk is-sjeda tagħha tkun faċilment tista' tiġi ttrasferita minn unità għal oħra b'konsenja jew tiġi iġġirata jew tkun paċuta fil-każ ta' derivattivi finanzjarji. Filwaqt li kwalunkwe strument finanzjarju jista' potenzjalment jiġi nneozjat, l-istrumenti negozjabbli huma ddisinjati biex ikunu nneozjati permezz ta' borża organizzata jew ma jiġux “ikkwotati fil-borża”, minkejja li jekk attwalment ikunux innegozjati mhijiex kundizzjoni neċessarja għan-negozjabbiltà.
4. L-attiv u l-passiv finanzjarju kollha għandu jiġi rrapportat fuq bażi gross, jiġifieri l-attiv finanzjarju ma għandux jiġi rrapportat nett mill-passiv finanzjarju.

Tabella A

Definizzjonijiet ta' kategoriji ta' strumenti tal-attiv u l-passiv ta' FVCs

KATEGORIJI TA' ATTIV

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
1. Depożiti u klejms ta' self	<p>Għall-iskopijiet tal-iskema ta' rappurtar, din il-partita tikkonsisti minn fondi mislufin mill-FVCs lil min ikun issellef li jkunu ġew ippruvati b'dokumenti mhux negozjabbli jew ma jkunx hemm prova bid-dokumenti.</p> <p>Tinkludi l-partiti li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> — depożiti mpoġġija mill-FVC, bħal depożiti ta' matul il-lejl, depożiti b'maturità miftiehma, u depożiti li jinfedew b'avviż, — self mogħti mill-FVC, — klejms taħt riakkwisti bil-maqlub kontra kollateral fi flus: kontroparti ta' flus kontanti mħallsin bi skambju ma' titoli mixtrijin mill-FVC bi prezz stabbilit taħt impenn sod ta' bejgħ mill-ġdid tal-istess titoli (jew simili) bi prezz fiss f'data futura speċifikata, — klejms taħt self ta' titoli kontra kollateral fi flus: il-kontroparti ta' flus kontanti mħallsa bi skambju ma' titoli mislufin mill-FVC. <p>Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, din il-partita tinkludi wkoll investimenti f'euro u karti tal-flus u muniti barranin fiċ-ċirkolazzjoni li jintużaw komunement biex isiru ħlasijiet.</p>
2. Self ittitolizzat	<p>Għall-finijiet tal-iskema ta' rappurtar, din il-partita tikkonsisti f'self miksub mill-FVC mingħand l-oriġinatur. Self huwa attiv finanzjarju maħluq meta l-kredituri jisilfu fondi lid-debituri li jew huma ppruvati b'dokumenti mhux negozjabbli jew ma jkunx hemm prova bid-dokumenti.</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
	<p>Dan jinkludi wkoll:</p> <ul style="list-style-type: none"> — kirjiet finanzjarji mogħtija lil terzi persuni: kirjiet finanzjarji huma kuntratti fejn is-sid legali ta' oġġett durevoli (iktar 'il quddiem il-"lokatur") jgħaddi r-riskji u l-benefiċċji tas-sjieda tal-attiv lil terza persuna (iktar 'il quddiem "lokatarju"). Għall-finijiet ta' statistika, kirjiet finanzjarji huma ttrattati bħala self mill-lokatur lil-lokatarju, li jippermettu lil-lokatarju li jixtri l-oġġett durevoli. Kirjiet finanzjarji mogħtija minn oriġinatur, li jaġixxi bħala l-lokatur, għandhom jitniżżlu taħt il-partita tal-attiv "self ititolizzat". L-attiv mikri jidher fuq il-karta tal-bilanċ ta' lokatarju u mhux tal-lokatur, — self li ma jistax jiġi rkuprat li jkun għadu ma ġiex imħallas lura jew li jkun għadu ma ġiex ikkanċellat, self li ma jistax jiġi rkuprat huwa kkunsidrat bħala self li dwaru l-ħlas lura jkun diġà dovut jew identifikat xort'oħra bħala indebolit, — investimenti ta' titoli mhux negozjabbli, investimenti ta' titoli ta' dejn li ma humiex negozjabbli u ma jistgħux jiġu nnegozjati fis-swieq sekondarji, — self innegozjat: self li <i>de facto</i> sar negozjabbli huwa kklassifikat taħt il-partita 'self itolizzat' sakemm ma jkunx hemm prova ta' nnegozjar fis-suq sekondarju. Altrimenti jiġu kklassifikati bħala "titoli ta' dejn", — dejn subordinat fil-forma ta' depożiti jew self: strumenti ta' dejn subordinat jipprovdu klejm sussidjarja fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ, liema klejm tista' tiġi eżerċita biss wara li l-klejms kollha bi status ogħla jkunu ġew sodisfatti biex b'hekk ikollhom xi wħud mill-karatteristiċi ta' ekwità. Għall-finijiet statistiċi, dejn subordinat huwa kklassifikat jew bħala "self itolizzat" jew bħala "titoli ta' dejn" skont in-natura tal-istrument. Fejn l-investimenti tal-FVC fil-forom kollha ta' dejn subordinat ikunu attwalment identifikati bħala figura waħda għal skopijiet statistiċi, din il-figura tiġi kklassifikata taħt il-partita "titoli ta' dejn", għar-raġuni li dejn subordinat huwa kkostitwit l-iktar f'forma ta' titoli ta' dejn, iktar milli bħala self, — Self itolizzat għandu jiġi rrapportat f'valur nominali, anki jekk mixtri mill-oriġinatur bi prezz differenti. Il-kontroparti għad-differenza bejn il-valur nominali u l-prezz tax-xiri għandha tiġi inkluża taħt "bqija tal-passiv". <p>Din il-partita tinkludi self itolizzat, irrispettivament minn jekk il-prattika ta' kontabbiltà prevalenti tirrikjedix ir-rikonoxximent tas-self fuq il-karta tal-bilanċ tal-FVC.</p>
3. Titoli ta' dejn	<p>Investimenti f' titoli ta' dejn, li huma strumenti finanzjarji negozjabbli li jservu bħala prova ta' dejn, ġeneralment jiġu nnegozjati fis-swieq sekondarji jew jistgħu jiġu kkumpensati fis-suq, u ma jaġhtu lid-detentur l-ebda drittijiet ta' sjieda fuq l-istituzzjoni emittenti.</p> <p>Din il-partita tinkludi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — investimenti f'titoli li jaġhtu lid-detentur id-dritt mingħajr kundizzjoni għal dħul fiss jew stabbilit taħt kuntratt fil-forma ta' pagamenti ta' kupun u/jew ta' somma fissa ddikjarata f'data jew dati speċifiċi, jew li jibda minn data stabbilita fiż-żmien tal-ħruġ, — self li jkun sar negozjabbli f'suq organizzat, jiġifieri self innegozjat, sakemm ikun hemm prova ta' negozju f'suq sekondarju, inkluża l-eżistenza ta' ġeneraturi tas-suq, u l-kwotazzjoni frekwenti tal-attiv finanzjarju, bħal dik ipprovduta mill-<i>bid-offer spreads</i>. Meta dan ma jkunx il-każ, jiġu kklassifikati bħala "self itolizzat",

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
	<p>— dejn subordinat fil-forma ta' titoli ta' dejn.</p> <p>Titoli mislufin taħt operazzjonijiet ta' self ta' titoli jew mibjugħin taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ tas-sid oriġinali (u ma jiġux irreġistrati fuq il-karta tal-bilanċ tal-akkwired temporanju) meta jkun hemm impenn qawwi li tiġi mreġġa' lura l-operazzjoni u mhux sempliċiment opzjoni li jsir hekk. Meta l-akkwired temporanju jbiegħ it-titoli rċevuti, dan il-bejgħ għandu jiġi rreġistrat bħala tranżazzjoni assoluta f'titoli u mdaħħal fil-karta tal-bilanċ tal-akkwired temporanju bħala pożizzjoni negattiva fil-portafoll tat-titoli.</p> <p>Din il-partita tinkludi investimenti ta' titoli ta' dejn li ġie titolizzat, irrispettivament minn jekk il-prattika ta' kontabbiltà prevalenti teħtieġx ir-rikonossiment tat-titoli fuq il-karta tal-bilanċ tal-FVC.</p>
4. Attiv ieħor titolizzati	<p>Din il-partita tinkludi attiv titolizzat minbarra dak inkluż taħt il-kategoriji 2 u 3, bħal ammonti riċevibbli ta' taxa u krediti kummerċjali, irrispettivament minn jekk il-prattika tal-kontabbiltà prevalenti teħtieġx ir-rikonossiment ta' dan l-attiv fuq il-karta tal-bilanċ tal-FVC.</p>
5. Ekwità u ishma/unitajiet ta' fondi ta' investment	<p>L-attiv finanzjarj li jirrappreżenta d-drittijiet ta' sjieda f'korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet. Dan l-attiv finanzjarju ġeneralment jintitola lid-detenturi għal sehem mill-profitti tal-korporazzjonijiet jew kważi-korporazzjonijiet u għal sehem mill-attiv nett tagħhom f'każ ta' likwidazzjoni.</p> <p>Din il-partita tinkludi ishma kkwotati u mhux ikkwotati, ekwità oħra, ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq tal-flus (MMF) u ishma/unitajiet ta' FI mhux MMF.</p> <p>Titoli ta' ekwità mislufin taħt operazzjonijiet ta' self ta' titoli jew mibjugħin taħt ftehim ta' xiri mill-ġdid huma ttrattati b'konformità mar-regoli f'kategorija 3 "titoli ta' dejn".</p>
6. Derivattivi finanzjarji	<p>Derivattivi finanzjarji huma strumenti finanzjarji marbutin ma' strument finanzjarju, indikatur jew komodità speċifikati, li permezz tagħhom riskji finanzjarji speċifiċi jistgħu jkunu nnegozjati fi swieq finanzjarji bħala tali.</p> <p>Din il-partita tinkludi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — opzjonijiet, — liċenzi (warrants), — futures, — forwards, — swaps, — derivattivi tal-kreditu. <p>Derivattivi finanzjarji jiġu rreġistrati bil-valur tas-suq fuq il-karta tal-bilanċ fuq bażi gross. Kuntratti derivattivi individwali b'valuri tas-suq pożittivi huma rreġistrati fuq in-naħa tal-attiv tal-karta tal-bilanċ, u kuntratti b'valuri tas-suq negattivi fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ.</p> <p>Impenji futuri gross li jirriżultaw minn kuntratti derivattivi ma għandhomx jitniżżlu bħala partiti fuq il-karta tal-bilanċ.</p> <p>Din il-partita ma tinkludix derivattivi finanzjarji li ma humiex suġġetti għar-reġistrazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ skont ir-regoli nazzjonali.</p>

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
7. Attiv mhux finanzjarju (inkluż attiv fiss)	<p>Attiv tanġibbli u intanġibbli, li ma jkunux attiv finanzjarju. Attiv fiss huwa attiv mhux finanzjarju li jintuża ripetutament jew kontinwament mill-FVC għal iktar minn sena.</p> <p>Din il-partita tinkludi djar, bini u strutturi oħrajn, makkinarju u tagħmir, oġġetti ta' valur, u prodotti ta' proprjetà intellettwali bħal software tal-kompjuter u data-bases.</p>
8. Attiv li jifdal	<p>Din hi l-partita residwa fuq in-naħa tal-attiv tal-karta tal-bilanċ, iddefinita bħala "attiv mhux inkluż xi mkien ieħor". Din il-partita tista' tinkludi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — imgħax akkumulat riċevibbli fuq depożiti u self, — imgħax akkumulat fuq investiment ta' titoli ta' dejn, — ammonti riċevibbli li ma jirrigwardawx in-negozju ewlieni tal-FVC.

KATEGORIJI TA' PASSIV

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
9. Self u depożiti rċevuti	<p>Ammonti dovuti lil kredituri mill-FVC, li ma jkunux dawk li jirriżultaw mill-ħruġ ta' titoli negozjabbli. Din il-partita tikkonsisti minn:</p> <ul style="list-style-type: none"> — self: self mogħti lill-FVC li jew huwa ppruvat minn dokumenti mhux negozjabbli jew mhux ippruvat bid-dokumenti, — strumenti ta' dejn mhux negozjabbli maħruġin mill-FVC strumenti ta' dejn mhux negozjabbli maħruġin għandhom ġeneralment jiġu kklassifikati bħala 'passiv ta' depożitu'. Strumenti mhux negozjabbli maħruġa mill-FVC li sussegwentement isiru negozjabbli u li jistgħu jiġu nnegozjati fi swieq sekondarji għandhom jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala "titoli ta' dejn", — riakkwisti u operazzjonijiet tat-tip ta' riakkwisti kontra kollateral fi flus: kontroparti ta' flus kontanti rċevuta bi skambju ma' titoli mibjugħa mill-FVC bi prezz stabbilit taħt impenn sod ta' xiri mill-ġdid tal-istess titoli (jew simili) bi prezz fiss f'data futura speċifikata. Ammonti rċevuti mill-FVC bi skambju ma' titoli ttrasferiti lil terza persuna ('akkwired temporanju') għandhom jiġu kklassifikati hawn fejn hemm impenn sod biex wieħed ireġġa' lura l-operazzjoni u mhux sempliċement ikun hemm opzjoni li wieħed jagħmel dan. Dan ifisser li l-FVC żżomm ir-riskji u l-benefiċċji tat-titoli sottostanti matul l-operazzjoni, — kollateral fi flus kontanti rċevut bi skambju għal self ta' titoli: ammonti rċevuti bi skambju ma' titoli ttrasferiti temporanjament lil terza persuna foperazzjonijiet ta' self ta' titoli kontra kollateral fi flus, — flus kontanti rċevuti foperazzjonijiet li jinvolvu t-trasferiment temporanju ta' deheb kontra kollateral fi flus.
10. Titoli ta' dejn maħruġin	<p>Titoli maħruġin mill-FVC, li ma jkunux ekwità, li huma strumenti normalment negozjabbli u nnegozjati fi swieq sekondarji jew li jistgħu jiġu kkompensati fis-suq u li ma jagħtu lis-sid ebda dritt ta' proprjetà fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ. Tinkludi, fost l-oħrajn, titoli maħruġin fil-forma ta':</p> <ul style="list-style-type: none"> — titoli sostnuti mill-assi, — noti marbuta mal-kreditu, — titoli marbuta mal-assigurazzjoni.

Kategorija	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali
11. Kapital u riżervi	<p>Għall-finijiet tal-iskema ta' rappurtar, din il-kategorija tinkludi l-ammonti li jirriżultaw mill-ħruġ tal-kapital ta' ekwità mill-FVC lil azzjonisti jew proprjetarji oħrajn, li jirrappreżentaw għad-detentur drittijiet ta' proprjetà fl-FVC, u ġeneralment dritt għal sehem fil-profitti tagħha u fil-fondi proprji tagħha fil-każ ta' likwidazzjoni. Huma inklużi wkoll fondi li jirriżultaw mill-benefiċċji mhux distribwiti jew mill-fondi mwarrba mill-FVC f'antiċipazzjoni għal ħlasijiet jew obbligi probabbli fil-ġejjieni. Tinkludi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — kapital ta' ekwità, — benefiċċji jew fondi mhux imqassma, — dispożizzjonijiet speċifiċi u ġenerali kontra self, titoli u tipi oħra ta' assi, — unitajiet ta' fond ta' titolizzazzjoni.
12. Derivattivi finanzjarji	Ara l-kategorija 6
13. Passiv li jifdal	<p>Din hi l-partita residwa fuq in-naħa tal-passiv tal-karta tal-bilanċ, iddefinita bħala "passiv mhux inkluż xi mkien ieħor".</p> <p>Din il-partita tista' tinkludi:</p> <ul style="list-style-type: none"> — imgħax akkumulat li jitħallas fuq is-self u depożiti, — imgħax akkumulat li jitħallas fuq titoli ta' dejn maħruġa, — ammonti li jitħallsu mhux relatati man-negozju prinċipali tal-FVCs, jiġifieri ammonti dovuti lil fornituri, taxxa, pagi, kontribuzzjonijiet soċjali, eċċ., — dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw passiv kontra terzi, jiġifieri pensjonijiet, dividendi, eċċ., — pożizzjonijiet netti li jirriżultaw mis-self ta' titoli mingħajr kollateral fi flus, — ammonti netti pagabbli fir-rigward tar-regolamenti futuri ta' transazzjonijiet f'titoli, — kontropartijiet għall-aġġustament ta' valutazzjoni, jiġifieri nominali bil-prezz tas-self imnaqqas. <p>Imgħax akkumulat pagabbli fuq titoli ta' dejn maħruġin huwa meħtieġ bħala partita separata "li minnhom", sakemm il-BĊN rilevanti ma jagħtix deroga fejn id-dejta tista' tirriżulta jew tiġi smata minn sorsi alternattivi.</p>

PARTI 2

Definizzjonijiet tas-setturi

L-ESA 2010 tipprovdi l-istandard għall-klassifikazzjoni settorjali. Din it-tabella tipprovdi deskrizzjoni standard iddettaljata ta' setturi li l-BĊNi jittrasponu f'kategoriji nazzjonali skont dan ir-Regolament. Il-kontropartijiet li jinsabu fit-territorju tal-Istati Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro huma identifikati skont is-settur tagħhom b'konformità mal-listi li jżomm il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għal skopijiet statistiċi, u l-gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-kontropartijiet ipprovduta fil-"*Monetary financial institutions and markets statistics sector manual: Guidance for the statistical classification of customers* (Il-manwal tas-settur tal-istatistika tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji u tas-swieg: Gwida għall-klassifikazzjoni statistika tal-klijenti)". Istituzzjonijiet ta' kreditu li jinsabu barra mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jissejħu "banek" iktar milli IFM. Bl-istess mod, it-terminu "mhux IFM" jirrifere biss għaż-żona tal-euro. Għall-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro jiġi użat it-terminu "mhux banek".

Tabella B

Definizzjonijiet tas-setturi

Settur	Definizzjoni
1. IFM	IFM kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Dan is-settur jikkonsisti minn BĊNi, istituzzjonijiet ta' kreditu kif iddefiniti fid-dritt tal-Unjoni, MMFs, istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu depożiti u/jew sostituti mill-qrib għal depożiti minn entitajiet li ma humiex IFM u, għalihom innifishom, tal-inqas f'termini ekonomiċi, biex jagħtu self u/jew jagħmlu investimenti f'titoli, u istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi li huma primarjament impenjati f'intermedjazzjoni finanzjarja fil-forma tal-ħruġ ta' flus elettroniċi.
2. Gvern ġenerali	Is-settur tal-gvern ġenerali (S.13) jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali li huma produttori mhux għas-suq li l-prodott tagħhom huwa maħsub għall-konsum individwali u kollettiv, u li huma ffinanzjati minn ħlasijiet obligatorji magħmula minn unitajiet li jappartjenu lil setturi oħra, u l-unitajiet istituzzjonali li huma prinċipalment involuti fir-ridistribuzzjoni tal-introjt u l-ġid nazjonali (ESA 2010, paragrafi 2.111 sa 2.113).
3. Mhux MMF FI	FI kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33). Dan is-subsettur jikkonsisti fl-impriżi kollha ta' investiment kollettiv, ħlief l-MMFs, li jinvestu f'attiv finanzjarju u/jew mhux finanzjarju, sa fejn l-għan huwa li jiġi investit kapital miġbur mill-pubbliku.
4. Intermedjarji finanzjarji oħrajn, ħlief għal korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet + awżiljarji finanzjarji + istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus	<p>Intermedjarji finanzjarji oħrajn, għajr għall-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni u s-settur tal-fondi ta' pensjonijiet (S.125) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet finanzjarji kollha u l-entitajiet bi status ta' kważi-korporazzjoni li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja billi jġarrbu passiv f'forma oħra minbarra valuta, depożiti (jew sostituti mill-qrib għal depożiti), ishma/unitajiet FI, jew b'rabta ma' assicurazzjoni, pensjonijiet u skemi ta' garanzija standardizzati minn unitajiet istituzzjonali FVCs kif iddefiniti f'dan ir-Regolament huma inklużi f'dan is-subsettur (ESA 2010, paragrafi 2.86 sa 2.94).</p> <p>Is-subsettur tal-awżiljarji finanzjarji (S.126) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet finanzjarji kollha li huma involuti prinċipalment f'attivitajiet marbuta mill-qrib ma' intermedjazzjoni finanzjarja iżda li huma nnifishom ma humiex intermedjarji finanzjarji. Dan is-subsettur jinkludi wkoll uffiċċji prinċipali li s-sussidjarji tagħhom huma kollha jew kważikorporazzjonijiet finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.95 sa 2.97).</p> <p>Is-subsettur tal-istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u s-selliefa ta' flus (S.127) jikkonsisti mill-korporazzjonijiet u l-kważi-korporazzjonijiet finanzjarji kollha li la huma involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja u lanqas ma jipprovdu servizzi awżiljarji finanzjarji, u fejn il-parti l-kbira ta' jew l-attiv tagħhom jew il-passiv tagħhom m'humiex innegozjati fis-swieq miftuħa. Dan is-subsettur jinkludi kumpanniji ta' investiment li għandhom livelli ta' kontroll tal-ekwità ta' grupp ta' korporazzjonijiet sussidjarji u li l-attività prinċipali tagħhom hija s-sjeda tal-grupp mingħajr ma jipprovdu ebda servizz ieħor lin-negozji li fihom tkun qed tinżamm l-ekwità, jiġifieri, ma jamministrawx jew jiġġestixxu unitajiet oħra (ESA 2010, paragrafi 2.98 sa 2.99).</p>
5. Korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni + fondi tal-pensjonijiet	<p>Is-subsettur tal-korporazzjonijiet tal-assigurazzjoni (S.128) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u l-kważi-korporazzjonijiet finanzjarji kollha li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-għbir komuni tar-riskji prinċipalment fil-forma ta' assicurazzjoni jew riassigurazzjoni diretta (ESA 2010, paragrafi 2.100 sa 2.104).</p> <p>Is-subsettur tal-fondi tal-pensjonijiet (S.129) jikkonsisti fil-korporazzjonijiet u l-kważi-korporazzjonijiet kollha li huma involuti prinċipalment f'intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza tal-għbir komuni tar-riskji soċjali u l-ħtiġijiet tal-persuni assicurati (assicurazzjoni soċjali). Fondi tal-pensjonijiet bħala skemi tal-assigurazzjoni soċjali jipprovdu introjt matul l-irtirar, u ħafna drabi benefiċċji għall-mewt u d-diżabbiltà (ESA 2010, paragrafi 2.105 sa 2.110).</p>

Settur	Definizzjoni
6. Korporazzjonijiet mhux finanzjarji	Is-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) jikkonsisti fl-unitajiet istituzzjonali li huma entitajiet legali u produtturi tas-suq indipendenti u li l-attività prinċipali tagħhom hija l-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji. Dan is-settur jinkludi wkoll kważi-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (ESA 2010, paragrafi 2.45 sa 2.50).
7. Unitajiet domestiċi u istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi	<p>Is-settur tal-unitajiet domestiċi (S.14) jikkonsisti f'individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi u bħala imprendituri li jipproduċu oġġetti għas-suq u servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji (produtturi għas-suq) sakemm il-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi ma tkunx minn entitajiet separati ttrattati bħala kważi-korporazzjonijiet. Tinkludi wkoll individwi jew gruppi ta' individwi bħala produtturi ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji għal użu finali proprju b'mod esklużiv. Is-settur tal-unitajiet domestiċi jinkludi proprjetajiet waħdiena u soċjetajiet mingħajr status legali indipendenti, li ma humiex daww ittrattati bħala kważi-korporazzjonijiet, li huma produtturi għas-suq (ESA 2010, paragrafi 2.118 sa 2.128).</p> <p>Is-settur tal-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li jservu lill-unitajiet domestiċi (S.15) jikkonsisti f'istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt li huma entitajiet legali separati, li jservu lill-unitajiet domestiċi u li huma produtturi privati mhux għas-suq. Ir-riżorsi prinċipali tagħhom huma l-kontribuzzjonijiet volontarji fi flus kontanti jew <i>in natura</i> minn unitajiet domestiċi fil-kapaċità tagħhom ta' konsumaturi, minn ħlasijiet magħmula minn gvern ġenerali u minn introjtu minn proprjetà (ESA 2010, paragrafi 2.129 sa 2.130).</p>

PARTI 3

Definizzjoni ta' tranżazzjonijiet finanzjarji

Tranżazzjonijiet finanzjarji, skont l-ESA 2010, huma ddefiniti bħala l-akkwist nett ta' attiv finanzjarju jew li wieħed jeħel passiv nett għal kull tip ta' strument finanzjarju, jiġifieri s-somma tat-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha li jsejtnu matul il-perijodu rilevanti ta' rapportar. Tranżazzjoni finanzjarja bejn unitajiet istituzzjonali hija likwidazzjoni jew ħolqien simultanju ta' attiv finanzjarju u l-passiv kontroparti, jew bidla fis-sjeda ta' attiv finanzjarju, jew assunzjoni ta' passiv. It-tranżazzjonijiet finanzjarji jiġu rreġistrati bil-valuri tat-tranżazzjoni, jiġifieri l-valuri fil-munita nazzjonali li biha l-attiv u/jew il-passiv finanzjarju involutijkunu nħolqu, ġew likwidati, skambjati jew assunti bejn l-unitajiet istituzzjonali, fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet kummerċjali. Kanċellazzjonijiet/tnaqqs fil-valur u tibdiliet ta' valutazzjoni ma jirrappreżentawx tranżazzjonijiet finanzjarji.

PARTI 4

Definizzjoni ta' kanċellazzjonijiet/tnaqqs fil-valur

Kanċellazzjonijiet/tnaqqs fil-valur huma ddefiniti bħala l-impatt ta' tibdiliet fil-valur tas-self imniżżel fil-karta tal-bilanċ li huma kkawżati bl-applikazzjoni tal-kanċellazzjonijiet/tnaqqs fil-valur tas-self. Kanċellazzjonijiet/tnaqqs fil-valur rikonoxxuti fil-ħin li self jinbiegħ jew jiġi ttrasferit lil terza persuna huma inklużi wkoll, meta jkunu identifikabbli. Kanċellazzjonijiet jirreferu għall-każijiet meta s-self jitqies bħala attiv li ma jiswa xejn u jitneħħa mill-karta tal-bilanċ. Tnaqqis fil-valur jirreferi għall-każijiet fejn jitqies li s-self ma jkunx ser jiġi rkuprat għal kollox, u l-valur tas-self jitnaqqas fil-karta tal-bilanċ.

ANNEX III

STANDARDS MINIMI BIEX JIĠU APPLIKATI MILL-POPOLAZZJONI TAR-RAPPURTAR ATTWALI

L-aġenti li jirrapportaw għandhom jissodisfaw l-istandards minimi li ġejjin biex jissodisfaw ir-reqwiziti ta' rapportar ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).

1. Standards minimi għat-trażmissjoni:

- (a) ir-rapportar irid ikun tempestiv u fit-termini ffixxati mill-BĊN rilevanti;
- (b) rapporti ta' statistika għandhom jieħdu l-forma u format tagħhom mir-reqwiziti ta' rapportar tekniku stabbiliti mill-BĊN rilevanti;
- (c) il-persuna jew persuni ta' kuntatt fi ħdan l-aġent li jirrapporta għandhom ikunu identifikati;
- (d) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trażmissjoni tad-dejta lil BĊN rilevanti għandhom jiġu segwiti.

2. Standards minimi għall-preċiżjoni:

- (a) it-tagħrif statistiku għandua jkun korrett: ir-restrizzjonijiet kollha lineari għandhom ikunu sodisfatti (eż. l-attiv u l-passiv għandhom ikunu f'bilanċ, is-subtotali għandhom, fil-għadd tagħhom, jiġu mat-totali);
- (b) l-aġenti li jirrapportaw għandhom ikunu jistgħu jipprovdu tagħrif dwar l-iżviluppi involuti fid-dejta trażmessa;
- (c) it-tagħrif statistiku għandu jkun komplut u ma għandux ikollu lakuni kontinwi u strutturali; lakuni eżistenti għandhom jiġu rrikonossuti, spjegati lill-BĊE rilevanti u, fejn japplika, mimlija malajr kemm jista' jkun;
- (d) l-aġenti li jirrapportaw għandhom isegwu d-dimensjonijiet, il-politika tal-arrotondament u d-deċimali stabbiliti mill-BĊN rilevanti għat-trażmissjoni teknika tad-dejta.

3. Standards minimi għal konformità mal-kunċetti:

- (a) it-tagħrif statistiku għandu jikkonforma mad-definizzjonijiet u l-klassifikazzjonijiet li hemm f'dan ir-Regolament;
- (b) fil-każ ta' devjazzjonijiet minn dawn id-definizzjonijiet u klassifikazzjonijiet, l-aġenti li jirrapportaw għandhom jissorveljaw u jikkwantifikaw b'mod regolari d-differenza bejn il-miżura użata u l-miżura li tikkonforma ma' dan ir-Regolament;
- (c) l-aġenti li jirrapportaw għandhom ikunu kapaċi jispjegaw interruzzjonijiet fid-dejta mogħtija mqabbla ma' ċifri tal-perijodi ta' qabel.

4. Standards minimi għar-reviżjonijiet:

Il-politika tar-reviżjonijiet u l-proċeduri stabbiliti mill-BĊE u l-BĊNi għandhom jiġu segwiti. Ir-reviżjonijiet li jiddevjaw mir-reviżjonijiet regolari għandhom ikunu akkumpanjati min-noti spjegattivi.

EUR-Lex (<http://new.eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT